# L-attitudnijiet tal-għalliema għal inferenzi eżistenzjalisti fit-tagħlim tal-Letteratura Maltija fil-livell postsekondarju

Tyron Cardona

Teżi mressqa
lill-Fakultà tal-Edukazzjoni
fl-Università ta' Malta
għall-grad ta'
Master in Teaching and Learning

Ġunju 2020

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

L-Università ta' Malta

Faculty/~~Institute/Centre/School~~ of Education

## DECLARATIONS BY POSTGRADUATE STUDENTS

Student's I.D. /Code:

Student's Name & Surname: Tyron Cardona

Course: Master in Teaching and Learning

Title of Long Essay/Dissertation: L-attitudnijiet tal-għalliema għal inferenzi eżistenzjalisti fit-tagħlim tal-Letteratura Maltija fil-livell postsekondarju

## a) Authenticity of Long Essay/Dissertation

I hereby declare that I am the legitimate author of this Dissertation and that it is my original work.

No portion of this work has been submitted in support of an application for another degree or qualification of this or any other university or institution of higher education.

I hold the University of Malta harmless against any third-party claims with regard to copyright violation, breach of confidentiality, defamation and any other third-party right infringement.

## b) Research Code of Practice and Ethics Review Procedures

I declare that I have abided by the University's Research Ethics Review Procedures. Research Ethics & Data Protection form code **1915_27052019_Tyron Cardona**

As a Masters' student, as per Regulation 58 of the General Regulations for University Postgraduate Awards, I accept that should my dissertation be awarded a Grade A, it will be made publicly available on the University of Malta Inst itutional Repository.

Tyron Cardona
Signature of Student

TYRON CARDONA
Name of Student (in Caps)

10.06.2020
Date

# Sinteżi

Dan l-istudju jistħarreġ il-fehmiet ta' tmien għalliema tal-Malti f'sitt skejjel postsekondarji mifruxa madwar Malta u Għawdex dwar il-Letteratura Maltija b'inferenzi eżistenzjali kif misjuba fis-Sillabi tal-Malti fil-livell Avvanzat (2018) u dak Intermedju (2018). B'rabta ma' dan, permezz tat-tmien intervisti semistrutturati li saru lill-għalliema tal-Malti, ġew analizzati wkoll l-għażliet pedagoġiċi tagħhom fl-istadji differenti taċ-ċiklu tat-tagħlim. Mill-informazzjoni miġbura jidher ċar li l-lezzjonijiet tal-Letteratura Maltija jduru l-aktar madwar l-għalliema; huma jħossuhom kompetenti u jqattgħu ħafna ħin jispjegaw, u l-istudenti jieħdu n-noti. B'hekk, il-lezzjonijiet tal-letteratura huma neqsin minn diskussjonijiet, dibattiti, u analiżi tal-fehmiet tal-istudenti, kwalitajiet essenzjali f'kull klassi tal-letteratura. Żewġ elementi li jinfluwenzaw l-andament ta' dawn il-lezzjonijiet huma n-nuqqas ta' qari ġenerali fost l-istudenti u d-distanza bejn it-testi letterarji magħżula u l-esperjenzi tal-istudenti – meta tkun qabża kbira din toffrilhom sfida biex jempatizzaw, jifhmu, janlizzaw u jinterpretaw ix-xogħol letterarju. Fost ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin ta' dan l-istudju nsibu: il-ħtieġa ta' tiġdid tas-Sillabi tal-Malti fil-livell postsekondarju speċjalment f'dik li hi għażla ta' testi letterarji; il-bżonn tal-tranżizzjoni lejn pedagoġija li tqiegħed lill-istudent fiċ-ċentru tat-tagħlim u responsabbli ta' dan il-proċess; u l-għoti ta' aktar importanza lil-litteriżmu u l-qari ġenerali fost l-istudenti adolexxenti.

**Kliem Muftieħ:**

| | | |
|---|---|---|
| Pedagoġija | It-tagħlim tal-Malti | It-tagħlim tal-Letteratura Maltija |
| Eżistenzjaliżmu | Postsekondarja | Deċiżjonijiet pedagoġiċi |

Lil David

# Radd ta' Ħajr

Din it-teżi ta' riċerka setgħet titwettaq bil-ħidma u bl-għajnuna ta' diversi persuni li kontinwament kienu lesti biex jagħtuni l-kuraġġ meħtieġ u joffru s-sostenn tagħhom f'mumenti diffiċli.

Nibda billi qabelxejn nirringrazzja lil Dr Terence Portelli li, meta ddiskutejt dan it-titlu miegħu, aċċetta li jkun is-superviżur tiegħi. Bis-saħħa tal-għajnuna siewja u l-kummenti inkoraġġanti tiegħu, jien stajt intejjeb il-ħiliet tiegħi waqt li niddedika aktar ħin għar-riċerka u t-tirqim fil-kitba tat-teżi. Nirringrazzjah ukoll tal-ħin li investa fil-ħila akkademika tiegħi u ta' kemm-il darba ltqajna u tkellimna sabiex niddiskutu u nikkoreġu dan ix-xogħol flimkien.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lit-tmien għalliema li pparteċipaw fl-intervisti, għaliex mingħajr l-għajnuna u d-disponibilità tagħhom, dan il-proġett ma setax iseħħ.

Ma nistax ma nirringrazzjax fuq kollox lil ommi u lil missieri, li dejjem ħeġġewni biex nistinka u naħdem aktar, u kienu dejjem hemm għalija fl-aktar mumenti iebsa. Bl-għajnuna kontinwa tagħhom u ta' oħti, stajt negħleb kull diffikultà marbuta ma' dan l-impenn akkademiku.

Nixtieq nuri wkoll l-apprezzament tiegħi lejn sħabi Alistair, Fransianne, Luke u Abigail li dejjem u f'kull ċirkostanza kienu hemm għalija joffru l-inkuraġġiment u s-

sostenn tagħhom waqt ir-riċerka u l-kitba ta' din it-teżi. Ta' dan kollu nirringrazzjahom ħafna u nroddilhom ħajr.

# Werrej


Sinteżi ........ iii

Radd ta' Ħajr ........ v

Werrej ........ vii

Il-lista tat-tabelli ........ xii

Nota ........ xiii

L-ewwel kapitlu **Il-ħarsa kritika** ........ 1

1.1 Kummenti introduttivi ........ 1

1.2 L-Eżistenzjaliżmu bħala skola ta' ħsieb ........ 1

1.3 Il-pedagoġija eżistenzjali ........ 3

1.4 Ir-relazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti ........ 6

1.5 Il-filosofija u l-letteratura ........ 8

1.6 It-tagħlim tal-letteratura ........ 10

1.7 L-eżistenzjaliżmu u l-Letteratura Maltija ........ 12

1.8 Xi limiti u kritika lill-Eżistenzjaliżmu ........ 14

1.9 Xi kummenti konklużivi ........ 15

It-tieni kapitlu **Il-metodoloġija** ........ 18

2.1 Kummenti introduttivi ........ 18

2.2 L-għanijiet tar-riċerka ........ 18

2.3 Il-metodu kwalitattiv fir-riċerka ........ 20

2.4 Il-kontribut uman fir-riċerka ........ 22

2.4.1 Il-proċessi tal-FREC u l-UREC ........ 22
2.4.2 L-għażla tal-livell postsekondarju ........ 23
2.4.2.1 In-numru ta' skejjel magħżula ........ 24
2.4.2.2 Is-sillabu u s-suġġett magħżul ........ 24
2.4.3 L-għażla tal-iskejjel ........ 25
2.4.4 L-għażla tal-għalliema ........ 26
2.5 Il-ġbir tal-informazzjoni ........ 28
2.5.1 L-għażla tal-intervisti ........ 28
2.5.2 L-għażla tal-mistoqsijiet ........ 30
2.5.3 L-istudju pilota ........ 33
2.5.4 Il-ħażna tal-informazzjoni ........ 34
2.5.5 Il-kodifikazzjoni tad-data ........ 35
2.6 L-analiżi ........ 36
2.6.1 Stħarriġ eżistenzjali ........ 37
2.7 Xi kwistjonijiet etiċi ........ 38
2.8 Xi diffikultajiet ........ 40
2.9 Xi kummenti konklużivi ........ 42

It-tielet kapitlu **X'hemm wara t-tagħlim tal-letteratura fil-livell postsekondarju?** ........ 43
3.1 Kummenti introduttivi ........ 43
3.2 L-importanza tal-Letteratura Maltija ........ 44
3.2.1 Importanza mogħtija mis-sillabi preżenti lil-letteratura ........ 45
3.2.2 L-importanza mogħtija mill-istudenti lil-letteratura ........ 49
3.2.3 L-importanza mogħtija mill-għalliema lil-letteratura ........ 51

3.3 L-effetti tal-letteratura ........ 52
3.3.1 L-effetti li l-letteratura tħalli fuq l-istudent ........ 53
3.3.1.1 Fuq l-istudent bħala bniedem ........ 54
3.3.2 L-effetti li l-letteratura tħalli fuq l-għalliem ........ 56
3.4 Xi sfidi marbuta mat-tagħlim tal-letteratura ........ 59
3.4.1 L-apatija studenteska preżenti f'Malta ........ 59
3.4.2 L-għażla tat-testi letterarji mgħallma ........ 60
3.4.3 Sfidi tematiċi u testwali ........ 62
3.4.4 In-nuqqas ta' qari fost l-istudenti ........ 63
3.5 Xi kummenti konklużivi ........ 65

Ir-raba' kapitlu **Il-lezzjoni tal-Letteratura Maltija: L-esperjenzi tal-għalliema** ........ 66
4.1 Xi kummenti introduttivi ........ 66
4.2 Il-varjetà bejn il-livell Avvanzat u Intermedju ........ 66
4.2.1 Il-lezzjonijiet tal-kritika letterarja ........ 69
4.3 Ir-relazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent ........ 70
4.4 L-istudenti waqt il-lezzjoni ........ 72
4.4.1 L-interpretazzjonijiet tal-istudent tax-xogħol letterarju ........ 73
4.4.2 L-opinjonijiet tal-istudenti dwar ix-xogħol letterarju ........ 75
4.4.3 Il-mistoqsijiet tal-istudenti dwar ix-xogħol letterarju ........ 77
4.5 L-esperjenzi u t-tiġrib personali tal-istudenti ........ 80
4.5.1 L-adattament skont iċ-ċirkostanza ........ 83
4.6 Xi kummenti konklużivi ........ 84

Il-ħames kapitlu **It-tematika Eżistenzjalista fil-Letteratura Maltija studjata fil-postsekondarja** ... 88
5.1 Xi kummenti introduttivi ... 88
5.2 It-tema tal-libertà ... 88
5.3 It-tema tal-fidi, ir-reliġjon u t-twemmin ... 92
5.4 It-tema tal-ħajja u l-mewt ... 97
5.4.1 It-tema tal-ambjent ... 100
5.5 L-esklużjoni ta' xi temi ... 101
5.6 Xi kummenti konklużivi ... 104

Is-sitt kapitlu **Il-konklużjoni** ... 107
6.1 Is-sejbiet ewlenin ta' din ir-riċerka ... 107
6.2 Xi suġġerimenti b'rabta ma' dan l-istudju ... 110
6.3 Xi limitazzjonijiet ta' din ir-riċerka ... 113
6.4 Xi suġġerimenti għal studji oħra ... 114
6.5 L-għeluq ... 115

Ir-Referenzi ... 117

Appendiċi 1 – L-ittra ta' informazzjoni ... 134
Appendiċi 2 – Il-formola ta' kunsens ... 135
Appendiċi 3 – Il-mistoqsijiet tal-intervisti ... 136
Appendiċi 4 – L-intervista pilota mas-Sur Vassalli ... 139
Appendiċi 5 – L-intervista mas-Sur Wizzino ... 149
Appendiċi 6 – L-intervista mas-Sur Caxaro ... 158

Appendiċi 7 – L-intervista mas-Sur Buonamico ............ 165

Appendiċi 8 – L-intervista mas-Sur Ropa ............ 173

Appendiċi 9 – L-intervista mas-Sur Inglott ............ 182

Appendiċi 10 – L-intervista mas-Sur Saydon ............ 188

Appendiċi 11 – L-intervista mas-Sur Wettinger ............ 196

Appendiċi 12 - Is-sillabu tal-livell Ordinarju ............ 203

Appendiċi 13 – Is-sillabu tal-livell Avvanzat ............ 209

Appendiċi 14 – Is-sillabu tal-livell Intermedju ............ 213

# Il-lista tat-tabelli

Tabella 1: Eżempju tal-kodifikazzjoni tad-data ........................................................... 36

Tabella 2 : Id-differenzi bejn l-eżami fil-livell Avvanzat (2018) u l-livell Intermedju (2018) ........................................................................................................................ 67

# Nota

Matul it-teżi, kemm-il darba ssir referenza għall-Appendiċi. Dawn ir-referenzi varji għandhom jiġu segwiti b'dan il-mod li ġej:

1. (App. 13) – Appendiċi 13.

2. (App. 6:2) – Appendiċi 6, mistoqsija 2.

Fit-traskrizzjonijiet, kemm-il darba tħalliet informazzjoni barra minħabba l-identità tal-għalliema jew tal-postijiet fejn jgħallmu. Dawn l-istanzi ġew immarkati b'dan il-mod li ġej:

1. Fuq il-poeżija, [...].

2. Naħseb [...] hu wieħed minnhom.

# L-ewwel kapitlu

# Il-ħarsa kritika

## 1.1 Kummenti introduttivi

F'dan il-kapitlu ser jiġu trattati xogħlijiet ta' riċerka, kitbiet akkademiċi u teoriji li jagħtu dawl fuq l-eżistenzjaliżmu u l-impatt li dan ikollu fil-postsekondarja. Huwa pass kruċjali li wieħed jagħti ħarsa dettaljata tar-riċerka li tkun saret fil-qasam li qed jiġi rriċerkat, bil-għan li wieħed jiddetermina jekk sarux studji fuq l-istess linja. Skont Akhter (2014), dan l-istadju jgħin sabiex jiġu evitati repetizzjonijiet neċessarji, iżda wkoll biex ir-riċerkatur ikollu bażi teoretika soda li sservi ta' sies għall-mistoqsijiet tar-riċerka li se jiġu mwieġba.

Fost it-taqsimiet li ser jiġu ppreżentati f'dan il-kapitlu nsibu: ir-relazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti; il-pedagoġija eżistenzjali; l-Eżistenzjaliżmu bħala skola ta' ħsieb; l-Eżistenzjaliżmu u l-Letteratura Maltija; it-tagħlim tal-letteratura; u kritika lejn l-Eżistenzjaliżmu.

## 1.2 L-Eżistenzjaliżmu bħala skola ta' ħsieb

Bħalma jixhed it-titlu stess ta' din l-iskola filosofika, l-enfasi prinċipali tal-Eżistenzjaliżmu taqa' fuq l-eżistenza – bil-frażi ta' Sartre li l-eżistenza tippreċedi l-essenza (*existence précède l'essence*) – u l-essenza tal-bniedem. Il-karatteristiċi

prinċipali li jixprunaw din l-iskola ta' ħsieb jinkludu fost l-oħrajn: l-eżistenza, il-ħajja, il-libertà, il-fidi, il-verità, u l-kundizzjoni umana (Flynn, 2006). Flynn jikkategorizza l-Eżistenzjaliżmu f'ħames temi partikolari: l-essenza li tippreċedi l-essenza; il-ħin li huwa essenzjali; l-umaniżmu; il-libertà u r-responsabilità; u l-kundizzjonijiet etiċi tal-ħajja. Akhter (2014) telabora aktar fuq dawn it-taqsimiet, u tinkludi wkoll elementi bħal: kontinġenza umana; is-suġġettività; l-awtentiċità; il-valuri; u s-sens/l-iskop. Illum, din il-fergħa filosofika hi mifruxa mal-erba' irjiħiet tad-dinja, u għandha l-għeruq tagħha f'numru ta' ħassieba li taw spinta kbira 'l quddiem lil dan it-tip ta' ħsieb fuq il-kundizzjoni umana. Dawn jinkludu fost l-oħrajn lil Camus, Heidegger, Kierkegaard, Nietzsche, Merleau-Ponty u Sartre, fost l-oħrajn.

Huwa relattivament diffiċli li wieħed jippreżenta l-forom u l-friegħi kollha tal-iskola eżistenzjalista, minħabba d-diversi ilħna u dimensjonijiet li tippreżenta. Dan anke minħabba l-fatt, li kultant, ir-reazzjonijiet ewlenin fuq il-ħajja tal-bniedem ta' din l-iskola ta' ħsieb, huma kuntrastanti u diverġenti minn xulxin (Cardona, 2018). Babiarz u Mólka (2014) jagħmlu definizzjoni sempliċi, iżda kruċjali, bejn żewġ tipi differenti ta' eżistenzjaliżmu, fejn fuq naħa hemm dak immexxi mir-reliġjon, u mill-banda l-oħra, wieħed isib il-ħsieb ħieles minn kull element ta' qabża ta' fidi. Dawn jippreżentaw lil Marcel bħala rappreżentant idoneju tal-eżistenzjaliżmu Kristjan, waqt li Sartre huwa l-pijunier fuq il-lat oppost tiegħu. Marcel jara l-bidu tal-ħsieb eżistenzjali tiegħu mix-xogħlijiet reliġjużi ta' Kierkegaard, u jibbaża l-ħsibijiet tiegħu fuq il-fatt li l-bniedem huwa mnissel minn Alla fuq ix-xbieha ta' Kristu. Dan il-ħsieb xprunat mir-reliġjon

isostni li l-bniedem huwa liberu li jagħmel id-deċiżjonijiet tiegħu waqt li jassumi r-responsabilità ta' għemilu. Mill-banda l-oħra, Sartre (1992) jafferma li l-bniedem mhuwa liberu xejn, u hija l-kundizzjoni umana li tnisslu f'qagħda fejn kollox huwa determinat mill-għażliet li jsiru għalina jew li jolqtu l-ħajja tagħna.

Minn lat edukattiv, Babiarz u Mólka (2014) jasserixxu li l-eżistenzjaliżmu reliġjuż għandu iktar post fl-għażliet pedagoġiċi li jseħħu fil-klassi. Dan jidher ukoll hekk kif l-għalliem huwa mistenni li jagħti libertà u sens ta' awtonomija lill-istudenti tiegħu, kwalitajiet li għall-ħassieba atei, huma nieqsa mill-ħajja tal-bniedem. James u Walsh (2011) jenfasizzaw fuq dan il-fatt li l-għalliem għandu, fost l-oħrajn, jinkoraġġixxi lill-istudenti tiegħu biex jiddeterminaw u jagħmlu l-għażliet tagħhom, u eventwalment, jibnu lilhom infushom. Malik u Akhter (2013) isostnu li l-istudent, bis-saħħa tal-għażliet pedagoġiċi fil-klassi, jagħraf jistabbilixxi l-identità, is-sens tal-eżistenza u jgħix b'mod liberu lil hinn mill-ambjent edukattiv.

## 1.3 Il-pedagoġija eżistenzjali

Malik u Akhter (2013) isostnu li l-pedagoġija eżistenzjali tista' tiġi applikata għal kull età fl-edukazzjoni, għalkemm din hija l-aktar relevanti f'ambjenti fejn qed jiġu mgħallma l-adulti. Dan għaliex l-istudenti jistgħu jkunu qegħdin jipprovaw jissuperaw problemi u dilemmi ta' xeħta personali, bħal ngħidu aħna mumenti ta' konfużjoni jew kwistjonijiet marbuta mal-identità (Malik & Akhter, 2013). Għaldaqstant, il-pedagoġija eżistenzjali għandha tkun waħda li tippromwovi l-individwalità tal-istudenti,

b'kuntrarju għal dak li nsibu f'kurrikulu dejjaq u preskritt għall-istudenti kollha (Malik & Akhter, 2013). Siller u Waibel (2018) jiddikjaraw ukoll li l-pedagoġija eżistenzjali mhijiex *one-size-fits-all* imma taħdem fuq u skont l-esperjenzi individwali tal-istudent. Sabiex l-istudent iħossu parti intrinsika mil-lezzjoni, l-għalliema jeħtieġ li jippreżentaw lezzjonijiet li jinkludu metodi pedagoġiċi differenti, li jkattru l-emozzjonijiet u l-ħsus tal-istudenti (Siller & Waibel, 2018).

Hunter (1993) jenfasizza fuq żewġ dimensjonijiet li jistgħu jtellfu lill-istudent milli jagħraf il-libertà li tagħtih il-ħajja. Jekk l-istudent ma jingħatax il-libertà tal-għażla fil-lezzjonijiet sa minn meta jkun għadu żgħir, huwa diffiċli li dan, ġaladarba jikber u jimmatura, jagħraf li għandu l-possibilità li jiddetermina hu xi jsir minn ħajtu. Dan in-nuqqas mill-għalliema jseħħ meta dawn ikunu riġidi żżejjed, ma jagħtux lok lill-istudenti biex ikunu responsabbli ta' għemilhom, jew jimponu sett ta' regoli b'konvenjenza (Hunter, 1993).

It-tieni dimensjoni li jippreżenta Hunter (1993) hija l-element tal-biża' fost l-istudenti, karatteristika li timxi id f'id mal-kunċett tal-libertà msemmi qabel. Dan għaliex jekk l-istudent, bis-saħħa tal-għalliem tiegħu, ma jingħatax l-ispinta sabiex jegħleb dan il-biża' u jieħu d-deċiżonijiet f'ħajtu – u mad-deċiżjonijiet tidħol ir-responsabilità – jispiċċa joqgħod lura milli jiddetermina l-futur tiegħu. Biex jingħelbu dawn l-ostakli, Hunter (1993) isostni li l-għalliema għandhom jagħrfu, jirrispettaw u jkattru r-realtajiet individwali tal-istudenti tagħhom. Jekk dan ma jseħħx, l-istudenti

jiġu misqija tagħlim ibbażat fuq il-ġudizzji personali (jew saħanistra fuq bażi ta' soċjetà) li jħaddan l-għalliem.

Hunter (1993) jippreżenta każ fejn għalliema partikolari tagħraf tħaddem dawn il-metodi pedagoġiċi fil-lezzjonijiet tagħha, fejn prinċipalment, huwa l-istudent li jiddetermina l-mument kruċjali tat-tagħlim, u mhux l-għalliema. Hawnhekk wieħed jara kuntrast mat-teorija tal-Kostruttiviżmu, fosthom ta' Piaget, li ssostni li t-tfal jeħtieġ li jiġu misqija l-informazzjoni minn xi ħadd adult li ġarrab u daq il-ħajja u kulma ġġib magħha. Dan il-prinċipju li jenfasizza Hunter (1993) joffri s-sens ta' responsabilità u apprezzament fost l-istudenti, għaliex dawn iħossuhom parti intrinsika mit-tagħlim u fiċ-ċentru ta' dak li jseħħ fil-lezzjonijiet. Huma wkoll it-tipi differenti ta' mistoqsijiet li jistaqsu l-għalliema li jiddeterminaw kemm l-istudenti jkunu fiċ-ċentru tal-lezzjoni. Meta l-istudent jiġi affrontat b'mistoqsijiet li jitolbu l-fehma, l-opinjoni, jew l-ipoteżi tiegħu, ikollu l-possibilità li jiddiskuti u jaqsam mal-għalliem tiegħu l-opinjonijiet u l-ġudizzji tiegħu (Hunter, 1993). Apparti minn dan, l-istudent ikollu ċ-ċans li jisma', jiddiskuti, jirribatti u jikkritika l-istess opinjonijiet u ħsibijiet li jħaddnu studenti oħra, ilkoll elementi kruċjali tal-pedagoġija eżistenzjali.

Biex wieħed iħaddan dawn il-prinċipji fil-lezzjonijiet tiegħu, jeħtieġ li l-għalliem ikun esperimenta minn qabel dawn il-metodi differenti ta' tagħlim. Siller u Waibel (2018) fost l-oħrajn jirrimarkaw li l-għalliema li għamlu l-istudju magħhom, ma kinux semgħu b'dawn il-prinċipji pedagoġiċi li wieħed jista' jħaddem waqt il-lezzjoni. Xi

wħud sostnew, li għalkemm qatt ma rriċerkaw fuq it-terminu ‘pedagoġija eżistenzjali’, xorta waħda jemmnu li wħud minn dawn il-prinċipji, inkonxjament, iħaddmuhom waqt il-lezzjonijiet tagħhom. Dan sabiex, kif tirrimarka Akhter (2014), l-edukazzjoni sservi ta’ spunt biex l-istudent jirrealizza u jibni kuxjenza individwali u suġġettiva mibnija fuq il-“Jien”.

## 1.4 Ir-relazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti

Il-kunċett ta’ x’jikkostitwixxi l-edukazzjoni ilu jiġi diskuss għal diversi snin mingħajr ħjiel ta’ soluzzjoni. Jekk xejn, mhuwiex proċess sempliċi li wieħed jagħti definizzjoni waħda u definittiva tat-terminu “edukazzjoni” minħabba l-kumplessitajiet li jġib miegħu. Magħġun ma’ dan it-terminu vast, Koerrenz (2018) iżid li l-edukazzjoni tinkludi fiha “a concrete education relationship [...] accompanied by the emotions of the individuals involved” (p. 64). Għaldaqstant, Koerrenz (2018) isostni li huwa essenzjali li bejn l-għalliem u l-istudent tinbena relazzjoni bbażata fuq il-fiduċja li l-għalliem iservi ta’ tarġa li permezz tagħha, l-istudent jingħata dimensjoni aktar ċara tal-ħajja nnifisha. Għalkemm din ir-rabta ssib is-saħħa tagħha fuq il-qoxra protettiva li tinbena bejn iż-żewġ naħat, huwa inevitabbli li din ir-relazzjoni taffaċċja qtugħ u imprevedibbilità, bħalma wara kollox taffaċċja l-ħajja tal-bniedem. Dan iwassal sabiex il-bniedem, f’dan il-każ l-istudent bis-saħħa tal-għalliem, jagħraf li l-eżistenza tagħna tista’ tkun katina mġannta ta’ esperjenzi, ħajja bbażata fuq tlugħ u nżul.

Emery (1971) jistqarr li waħda mid-diversi funzjonijiet tal-għalliem hija li jgħin lill-istudenti tiegħu sabiex iwettqu awtoriflessjoni awtentika tagħhom infushom. Dan isir meta l-għalliem jippreżenta l-ħajja bħala vjaġġ fejn il-bniedem għandu l-possibilità li jiddetermina l-eżistenza tiegħu. L-istudenti hawnhekk jilħqu l-milja tagħhom meta jagħrfu li huma responsabbli, imma wkoll determinanti, għall-għażliet li jwettqu tul ħajjithom.

Sabiex l-istudent isir aktar konxju tal-qagħda individwali tiegħu, l-għalliem jeħtieġ li jippreżenta s-suġġett minn numru ta' *punti di vista* differenti, u ma jwassalx il-ġudizzjoni personali tiegħu biss (Malik & Akhter, 2013). Ġaladarba l-għalliem jagħmel dan, l-istudent ikun jista' jiddiskuti u jevalwa dak li jippreżenta l-għalliem b'rabta mal-esperjenzi, it-tiġrib u l-għerf personali tiegħu (Malik & Akhter, 2013). Huma jsostnu wkoll li meta student jaffronta l-isfidi li tippreżenta d-dinja ta' barra, jagħraf li t-tweġibiet għal dawn il-kunflitti li jinsabu fil-ġewwieni tiegħu, fi kliem ieħor, magħġuna mal-esperjenzi, il-ġudizzji, il-ħsus u l-emozzjonijiet li jakkumula matul ħajtu (Malik & Akhter, 2013).

Element kruċjali waqt lezzjoni, f'dan il-każ tal-letteratura, huwa li l-għalliem jorbot kontinwament it-test letterarju mal-esperjenza personali tal-istudent, bil-għan li t-test letterarju jitqarreb lejn il-qarrej. Dan għaliex, kif jistqarr Friggieri (1986), il-letteratura hija mġarrba u mgħejxha. Ladarba tinbena qrubija bejn il-qarrej u t-test – bl-implikazzjonijiet kollha tiegħu – skont Magrini (2012), wieħed ikun jista' jiżviluppa l-

opinjonijiet u l-ideat tiegħu bbażati fuq l-esperjenzi u l-emozzjonijiet tal-individwu. Dan huwa pass kruċjali fil-lezzjoni li jwassal lill-istudenti sabiex jaħfnu test letterarju u jqarrbuh aktar viċin it-tiġrib personali tagħhom.

## 1.5 Il-filosofija u l-letteratura

Tradizzjonalment, huma ħafna dawk il-ħassieba, li apparti minn xogħlijiet kritiċi u filosofiċi, ipproduċew xogħol letterarju. Dan ix-xogħol, iżda, normalment ikun jinkludi traċċi nfilsati tal-ħsibijiet u t-twemmin li l-awtur-filosfu jħaddan. Tendenza fost il-kittieba eżistenzjalisti hi li dawn jibqgħu l-aktar imsemmija għax-xogħlijiet filosofiċi u teoretiċi tagħhom, u qajla jiġu mfakkra għax-xogħlijiet letterarji li jkunu produċew matul ħajjithom.

Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-ħassieba eżistenzjalisti l-kbar, isib li dawn ipproduċew xogħlijiet varji. Sartre, apparti mill-volum ta' kotba dwar il-qagħda umana u l-libertà, ħareġ numru ta' xogħlijiet teatrali, stejjer qosra u rumanzi. Dawn jinkludu *La nausée* fl-1938, terminu li jibqa' assoċjat mal-ħsibijiet filosofiċi ta' Sartre, id-dramm *Huis Clos* fl-1944 li jittratta l-ħajja tal-bniedem wara l-mewt , u *Le diable et le bon dieu* fl-1951, fost l-oħrajn. Dawn ix-xogħlijiet letterarji, kif uħud minnhom jindika anke l-isem, iħaddnu elementi filosofiċi li Sartre stħarreġ u elabora dwarhom fil-kitbiet tiegħu.

Simili għal Sartre, fis-Seklu Għoxrin Camus ipproduċa numru ta' xogħlijiet letterarji, l-aktar kotba, li fihom jinstabu traċċi tal-fehmiet u t-twemmin tiegħu. Fil-ktieb *L'Étranger*, niltaqgħu mal-karattru ta' Meursault u kunċetti assurdi li Camus jelabora dwarhom fl-esejs filosofiċi tiegħu. Fir-rumanz *La Peste* fl-1947, Camus jippreżenta mill-ġdid il-kundizzjoni umana f'ambjent fejn il-pesta qed teqred il-ħajja tal-bniedem f'soċjetà ambjentata fl-Alġerija.

Hekk kif il-letteratura timita u tirrappreżenta l-kundizzjoni umana, huma ħafna dawk ix-xogħlijiet letterarji li jippreżentaw din il-qagħda tal-bniedem. Ix-xogħol assurd *Waiting for Godot* ta' Beckett, jibqa' msemmi għall-mod kif l-awtur jippreżenta l-qagħda tal-bniedem li ma jistax jifhem u jsib l-iskop tal-ħajja tiegħu. Dan il-ġeneru letterarju li jinkludi fih elementi traġiċi u oħrajn komiċi, jipperpetwa kummenti filosofiċi li Camus ippreżenta fix-xogħlijiet tiegħu. Marbut ma' dan it-teatru tal-assurd, f'Malta, ix-xogħlijiet teatrali ta' Ebejer huma ispirati mix-xogħlijiet teatrali ta' Beckett. Ngħidu aħna, id-drammi *Menz* (1970)*, Boulevard* (1970) u *Karnival* (1977), jippreżentaw il-kundizzjoni umana li kontinwament qiegħda tfittex lilha nnifisha, iżda t-tiftixa ma twassal għall-ebda riżultat. Ix-xogħlijiet teatrali ta' Ebejer, kif ukoll dawk ta' Oreste Calleja (pereżempju *Ċens Perpetwu* (1970) u Alfred Sant (bix-xogħol *Min hu Evelyn Costa?* (1966) fost l-oħrajn) jippreżentaw sitwazzjonijiet assurdi, u kultant surreali, li jħallu lil min qiegħed isegwi perpless u għatxan għal soluzzjoni għal dawn id-dilemmi. L-Eżistenzjaliżmu, bħala moviment, mhuwiex biss preżenti f'dan l-aspett

letterarju biss, iżda jinsab infilsat f'numru ta' ġeneri oħra li jittrattaw il-ħajja u l-kumplessitajiet tagħha.

## 1.6 It-tagħlim tal-letteratura

Kif jasserixxi Friggieri (1986), waħda mill-forom tal-arti li tqarreb, tistħarreġ u tippreżenta l-ħajja tal-bniedem, hija l-letteratura. L-użu u t-tagħlim tal-letteratura fil-lezzjoni huwa metodu kif l-għalliem jista' jippreżenta viżjonijiet u ħsibijiet dwar l-eżistenza umana, speċjalment meta l-letteratura nnifisha qed tittratta l-kundizzjoni tal-istess bniedem. Blocksidge (2000) iħoss li meta jgħallem il-letteratura (l-aktar il-poeżija) ma' studenti fil-livell Avvanzat, u għaldaqstant student li għandhom 'il fuq minn sittax-il sena, din taqdi aktar il-funzjoni u l-ħtiġijiet tiegħu bil-ħsieb li jilħaq l-għanijiet tal-lezzjoni. F'dan l-istudju, ir-rabta bejn il-letteratura u l-bniedem Blocksidge (2000) jaffermaha meta jsostni li Tennyson kien "a people's poet", għaliex it-tematika tiegħu hija bbażata fuq il-bniedem bid-dubji u l-biżgħat tiegħu (p. 105)

Portelli (2009) jirrimarka li d-definizzjoni tal-letteratura hija 'l bogħod minn dak li ġġegħilna nħossu u nesperjenzaw din il-forma ta' arti. Dan għaliex il-letteratura mhijiex biss dak li hemm stampat fuq il-karta, imma bejn il-linji u b'allużjonijiet li mhumiex apparentement evidenti, l-artist ikun qiegħed jippreżenta ħsus u ħsibijiet oħra (Portelli, 2009). Għaldaqstant, l-għalliem għandu jippreżenta l-letteratura lill-istudenti bħala forma ta' arti magħmula minn kliem minsuġ ma' ritmu, ma' simboli, ma' metafori, u kultant, ma' fantasiji (Portelli, 2009). Grima (2009) iżid li l-poeżija hija

dinja "mimlija ħsejjes u silenzji, kuluri u sfumaturi, spazji u esperjenzi differenti" (p. 58). Għal Grima (2009), il-poeżija tiegħu l-ħajja bis-saħħa tal-laqgħa ta' bejn min qed jaqra u l-kliem stampat; il-qari tal-letteratura jsir proċess.

Micallef (1996) juri li wieħed ma jistax jaqra xogħol letterarju bħallikieku qiegħed jaqra forma oħra ta' kitba, għaliex din tirrikjedi, l-ewwel u qabel kollox, it-tiftixa għal dak li qiegħed jitkellem dwaru l-kittieb. Minħabba l-fatt li l-letteratura ma tinqediex bir-regoli konvenzjonali li ssegwi l-kitba funzjonali, tagħmilha aktar diffiċli biex wieħed jagħraf u jaħkem dak li jkun qiegħed iwassal il-kittieb, speċjalment fil-poeżija. Dan għaliex, skont Friggieri (1986), il-lingwaġġ letterarju joħodna f'oqsma li mhumiex evidenti, u jeħtieġu sforz biex wieħed jagħraf dawn is-saffi li huma 'l bogħod mil-livell tal-wiċċ.

B'hekk, il-letteratura ġġegħilna nġarrbu "il-livelli moħbijin tal-qiegħ" (Friggieri, 1986, p. 13). Għaldaqstant, bħala għalliema, m'għandniex sempliċiment nieqfu f'dak li hu apparentement ovvju, imma għandna nippreżentaw lill-istudenti tagħna dawk l-elementi li mhumiex daqshekk evidenti. Grima (2009) jistqarr li, sfortunatament, l-għalliema jitbiegħdu ftit milli jippreżentaw lill-istudenti l-kuntest soċjali jew bijografiku tal-poeżija. Din in-nuqqas ta' għotja ta' informazzjoni xxekkel lill-istudenti milli jagħrfu li l-letteratura hija mibnija fi żmien, f'kuntest u f'qagħda li jagħmluha ħajja f'soċjetà (Grima, 2009). Bħala għalliema, għalhekk, għandhom iwasslu lill-istudenti wkoll l-aspetti estraneji tal-poeżija, li iżda jimpattaw din il-forma ta' arti. Il-kumment ta'

Grima (2009) b'hekk jittieħed bħala wieħed li jagħti importanza lejn dak li l-kittieb, jew il-poeta, konxjament iħalli barra mit-test, f'oppożizzjoni ma' skejjel kritiċi li jeliminaw dawn il-kundizzjonijiet fl-analiżi tagħhom tal-letteratura, ngħidu aħna l-Kritika l-Ġdida li tiffoka biss fuq x'hemm miktub fit-test innifsu, irrelevanti minn kundizzjonijiet (saħansitra l-awtur innifsu) li mhumiex parti mit-test.

## 1.7 L-eżistenzjaliżmu u l-Letteratura Maltija

Il-letteratura minnha nnifisha hija maħluqa u maħsuba mill-bniedem, bl-iskop aħħari tagħha li tinqara u tingħoġob mill-bniedem. Din id-dimensjoni artistika, fost id-diversi temi u suġġetti li tittratta, hija l-ħajja tal-bniedem. Dan jaffermah Friggieri (1986) meta jsostni li l-letteratura inġenerali hi l-ħajja mdawra fi kliem. Ġaladarba l-letteratura hija rappreżentazzjoni tal-eżistenza umana, din fost l-oħrajn tippreżenta l-qagħda ontoloġika tal-bniedem bid-dubji u d-dilemmi li jitwieldu miegħu. Il-letteratura tant hi qrib u fil-bniedem, li fiha naraw l-istess ritmu li jgħajjixna (Friggieri, 1986). B'hekk, il-letteratura u l-kontinġenza umana huma intrinsikament marbuta u mwaħħda flimkien.

Din l-idea li jippreżenta Friggieri (1986) tal-letteratura, bla dubju, tista' tiġi applikata għal-Letteratura Maltija. Sa mill-bidu tagħha, fost l-oħrajn fil-'Kantilena' ta' Pietru Caxaro, il-letteratura kienet forma ta' arti li tagħti ħarsa lejn il-qagħda tal-bniedem (Micallef, 2014). Huwa l-bniedem innifsu, f'dan il-każ Caxaro, li allegorikament u metaforikament qiegħed jippreżenta l-qagħda mwiegħra li jinsab fiha f'ħajtu. Jekk nersqu aktar viċin tas-Seklu Għoxrin u Wieħed u Għoxrin naraw kemm il-

bniedem kontinwament jikteb fuq dak li jkun għadda minnu f'ħajtu: Dun Karm u l-poeżija 'Lill-Kanarin Tiegħi'; Buttiġieġ u l-poeżija 'Il-Mewt tas-Sieħba' wara l-mewt ħabta u sabta tal-mara tiegħu; Friggieri bis-saħħa tal-eleġija 'Pellegrin Distratt: Eleġija għal tifel li miet qabel twieled' għal ibnu; Żahra u l-ktieb awtobijografiku tiegħu *Stella, Jien u Hu*; u l-poeżija 'M'aħniex se nbaxxu rasna' ta' Grima (2017) miktuba minħabba l-iżvilupp massiċċ propost f'art f'Pembroke.

Xogħlijiet ta' riċerka fuq livell Universitarju li jiffokaw fuq il-Letteratura Maltija minn lenti eżistenzjali huma diversi. Waħda mill-ewwel forom ta' riċerka minn dan l-aspett kienet it-teżi ta' Scerri fis-sena 1987 intitolata *It-Tiftix għat-Tifsira ta' l-Eżistenza fil-Poeżija Maltija*. It-teżi ta' Micallef li stħarrġet *L-Eżistenzjaliżmu f'Poeta Modern Malti: Philip Sciberras* u x-xogħol ta' Mifsud dwar l-eżistenza fir-rumanz Malti Modern segwew. Attard (2017) fit-teżi tagħha stħarrġet *Il-kriżi eżistenzjali f'Dun Karm*, speċjalment minn poeżiji u kitbiet tiegħu li jitkellmu dwar il-kunċetti tas-solitudni, id-dwejjaq, it-twemmin (inkwantu li Dun Karm kien qassis), il-feliċità u s-sema. Cardona (2018) ta ħarsa lejn sitt poeżiji ta' Daniel Massa minn lenti eżistenzjali. Galea (2018) stħarreġ żewġ rumanzi moderni – *Il-Gaġġa* u *Samuraj* ta' Frans Sammut – bil-għan li jberraħ il-kunflitti tal-bniedem irrappreżentati fi Fredu Gambin u f'Samwel. Dan juri sforzi differenti li l-Letteratura Maltija tiġi mistħarrġa minn lenti eżistenzjali, kemm minn ġeneru sħiħ, imma wkoll minn lat individwali ta' kittieba li ġejjin minn perjodi differenti tal-letteratura.

## 1.8 Xi limiti u kritika lill-Eżistenzjaliżmu

Wartenberg (2017) jirrimarka li l-eżistenzjaliżmu ġie kkritikat ħafna drabi minħabba l-fatt li jwarrab għalkollox il-perspettiva storika: "criticized for its ahistorical perspective" (p. 167). Dan għaliex ħafna ħassieba eżistenzjalisti jħarsu lejn il-ħajja tal-bniedem b'mod kollettiv u sħiħ, irrispettivament minn kundizzjonijiet ġeografiċi jew storiċi li jkun għaddej minnhom. Wartenberg (2017) iżid li t-teorija eżistenzjali hija bbażata żżejjed fuq il-Kultura tal-Punent. Dan għaliex, fost l-oħrajn Sartre, Camus u Merleau-Ponty jittrattaw il-mewt bħala l-aħħar stadju tal-eżistenza umana, waqt li jiskreditaw għalkollox twemmin ieħor, ngħidu aħna t-twemmin Buddista – li l-ħajja hija ċiklu – jew dak Induwista li jħares lejn ir-rinkarnazzjoni tal-bniedem wara l-mewt (Wartenberg, 2017).

Numru ta' ħassieba jasserixxu l-fatt li l-kunċetti li tistħarreġ l-iskola eżistenzjalista, ngħidu aħna t-twelid, il-mewt, il-libertà, u l-imħabba fost l-oħrajn, kienu ilhom jiġu mistħarrġa u ddubitati ħafna qabel l-hekk dawk imsejħa eżistenzjalisti (Wartenberg, 2017). Din il-kritika lejn l-eżistenzjaliżmu tiżdied fid-doża għaliex, effettivament, il-bniedem jibqa' xorta waħda mingħajr tweġiba għal dawn id-dubji u d-dilemmi li jikkondizzjonawlu ħajtu (Wartenberg, 2017). Fi kliem ieħor, l-eżistenzjaliżmu jberraħ u jinvestiga dawn il-kundizzjonijiet tal-qagħda umana, mingħajr ma jipprovdi rimedji jew soluzzjonijiet għal dawn il-perplessitajiet.

Kritika oħra li tiffoka dwarha Akhter (2014) hija li l-eżistenzjaliżmu jiffoka fuq l-individwi, b'esklużjoni għall-fatt li t-tagħlim iseħħ f'kuntest ta' klassi u ta' studenti li jistgħu jkunu ġejjin minn ambjenti differenti. Hija tirrimarka li l-ħassieba eżistenzjalisti huma ffokati aktar fuq l-individwu, aktar milli mis-suġġett innifsu jew dak li jkun qiegħed jiġi mgħallem (Akhter, 2014).

Babiarz u Mólka (2014) jasserixxu wkoll li l-eżistenzjaliżmu ateu, b'differenza għal dawk il-ħsibijiet xprunati mit-twemmin reliġjuż, huma diffiċli li wieħed jgħaddihom u jiddiskutihom fil-klassi. Din il-kritika jista' jkun li ġejja minħabba l-fatt li l-ħsibijiet mhux-kristjani – l-aktar dawk ta' Camus u ta' Sartre – huma kumplessi u tqal. Kritika ġenerali għax-xogħlijiet ta' Sartre, u għall-eżistenzjaliżmu inġenerali, hija li din l-iskola ta' ħsieb hija relattivament pessimista, fejn tħares lejn il-ħajja u l-qagħda umana minn lenti suġġettiva, li normalment tieħu dimensjoni negattiva u kultant kuntrastanti. Din il-kumplessità u l-profondità fil-ħsieb tagħmilha diffiċli sabiex għalliem jippreżenta dawn il-kunċetti filosofiċi lill-istudenti tiegħu.

## 1.9 Xi kummenti konklużivi

F'din il-ħarsa kritika ngħataw diversi spunti, u ġew mistħarrġa numru ta' kummenti, dwar l-eżistenzjaliżmu bħala skola ta' ħsieb. F'din it-taqsima ntwera kemm huwa essenzjali li r-relazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent tkun mibnija fuq valuri reċiproki ta' rispett u responsabilità, bil-għan li l-għanijiet tal-pedagoġija eżistenzjali jilħqu l-milja

tagħhom. Ġaladarba l-għalliem juri l-fiduċja tiegħu lill-istudent, dan ikun kapaċi jieħu r-riedni f'idejh u jiddetermina l-ħajja tiegħu (Koerrenz, 2018).

Din il-filosofija, li toffri sfida sabiex wieħed jikkonfinaha f'qasam partikolari jew ideali ta' ħsieb, toffri lill-għalliem numru ta' possibilitajiet ta' kif wieħed għandu jħares lejn il-qagħda umana. Fil-lezzjonijiet tiegħu, għaldaqstant, l-għalliem għandu joffri numru ta' esperjenzi u possibilitajiet bil-għan li l-istudenti jiltaqgħu, sa minn kmieni, ma' dak li toffrilhom il-ħajja. Għodda essenzjali għal dan il-pass, kif ġie mistħarreġ, hija l-letteratura minħabba r-rabta intrinsika u inevitabbli tagħha mal-ħajja tal-bniedem. Din l-esperjenza li toffrilna l-letteratura, skont diversi ħassieba, għandha tiġi mgħoddija lill-istudenti fil-lezzjonijiet. Huwa kruċjali l-pass li l-għalliem, irrelevanti mit-tematika u s-suġġett ta' test letterarju, iqarreb ix-xogħol għall-ħajja tal-istudent sabiex jiffaċilita t-tagħlim u l-fehim. Meta jsir dan, l-istudent ikun jista' jirreleta aktar ma' xogħol letterarju partikolari u jgħaddi l-fehmiet u l-ġudizzji tiegħu dwaru.

Mil-lat ta' riċerka b'rabta bejn l-eżistenzjaliżmu u l-Letteratura Maltija diġà sar xogħol siewi li witta t-triq għal dawk li jixtiequ jistħarrġu fuq din il-linja. Ir-riċerka kienet iffokata fuq qasam jew tnejn mil-Letteratura Maltija. Bħal kull fergħa filosofika, l-eżistenzjaliżmu għandu l-kritika tiegħu wkoll. Wieħed jifhem il-preokkupazzjonijiet ta' xi wħud li dawn il-ħsibijiet, fosthom kummenti marbuta man-nuqqas ta' libertà li għandu l-bniedem, jistgħu jħallu effett fuq studenti li għadhom ma missewx ma' kwistjonijiet ta' natura filosofika. Nemmen li jistgħu jkunu degradanti, u jħallu impatt

negattiv fuq iż-żgħażagħ, ħsibijiet li jberrħu l-qagħda kontinġenti u aċċidentali tal-bniedem, iżda nemmen ukoll li wieħed għandu jikkwalifika u jippreżenta dawn il-mistoqsijiet u d-dubji li ilhom magħna sa minn meta l-bniedem beda jeżisti.

Il-letteratura mistħarrġa f'dan il-kapitlu serviet biex, fost l-oħrajn, il-mistoqsijiet u l-għanijiet tar-riċerka ġew irfinati u mogħtija linja ta' ħsieb marbuta mal-qagħda edukattiva lokali fil-livell postsekondarju f'Malta.

# It-tieni kapitlu

# Il-metodoloġija

## 2.1 Kummenti introduttivi

F'dan il-kapitlu ser jiġu trattati aspetti differenti metodoloġiċi utilizzati bil-għan li jitwieġbu l-mistoqsijiet tar-riċerka.

## 2.2 L-għanijiet tar-riċerka

Kull riċerka hija xprunata minn xewqa jew xewqat li tiġi indirizzata xi tip ta' mistoqsija li teħtieġ tweġiba. Anderson-Meger (2016) timplika li r-riċerka sseħħ bil-għan li l-individwu jirrikonoxxi u jegħleb il-preġudizzji personali dwar suġġett jew dwar tema partikolari, bil-għan li jwessa' l-perspettivi tiegħu lil hinn minn xi ġudizzji bikrija.

Wieħed mill-għanijiet prinċipali wara l-għażla tas-suġġett kien, qabelxejn, wieħed personali. Dan għaliex xtaqt li nkompli fuq is-suġġett li għamilt it-teżi fil-grad ta' Baċellerat fl-Arti (bl-Unuri), fejn iffokajt fuq aspetti eżistenzjali f'uħud mill-poeżiji tal-poeta modern Malti, Daniel Massa (Cardona, 2018). F'din it-teżi qiegħed nittama li, din id-darba nżewweġ flimkien it-tema tal-eżistenzjaliżmu fil-Letteratura Maltija ma' aspetti u lehmiet pedagoġiċi. Għaldaqstant, ir-riċerka ser tirreferi kontinwament għal mistoqsija fundamentali li xprunat is-suġġett: kemm mistoqsijiet u dilemmi eżistenzjali jinformaw deċiżjonijiet pedagoġiċi fit-tagħlim tal-Letteratura Maltija fil-livell

postsekondarju f'Malta? Dan bil-għan li matul il-kitba tat-teżi tiġi mwieġba kemm jista' jkun din il-mistoqsija prinċipali.

Din il-mistoqsija prinċipali, għalkemm waħidha tieħu parti sostanzjali mill-iskop tar-riċerka, ġiet estiża għal numru ta' mistoqsijiet oħra li lkoll flimkien iservu ta' tentattiv sabiex ir-riċerka tilħaq l-għanijiet aħħarija tagħha. Dawn jinkludu:

i) L-għalliema liema poeti u testi jikkwalifikaw bħala kitba b'tema eżistenzjali?

ii) L-identità tal-istudenti tinforma deċiżjonijiet pedagoġiċi meħuda mill-għalliema?

iii) Kemm huma prediposti l-istudenti għal tagħlim ta' testi b'xeħta eżistenzjali?

Dawn il-mistoqsijiet li konwintament ser issir referenza għalihom, kemm waqt l-intervisti, u iktar u iktar waqt l-analiżi u d-diskussjoni tal-informazzjoni miġbura, għandhom l-għan li jżommu r-riċerka kkonfinata fi sfond fejn it-tiftix ma jitbigħedx wisq mill-proposta oriġinali. Dan fid-dawl ta' dak li jsostnu Daymon u Holloway (2004), meta jiddikjaraw li xogħol ta' riċerka b'metodu kwalitattiv, normalment, jiġi magħżul sabiex tinstab tweġiba għal xi problema. Fi kliem ieħor, dawn il-mistoqsijiet ser ikunu l-kejl li bihom wieħed ikun jista' janalizza kemm l-għan tat-teżi se jkun intlaħaq, u kemm huwa possibbli li wieħed jagħti tweġiba kkalkulata lil dawn il-mistoqsijiet b'rabta mat-tagħlim fil-livell postsekondarju.

## 2.3 Il-metodu kwalitattiv fir-riċerka

Hija deċiżjoni kruċjali li l-metodoloġija użata fi studju trid taqbel, tikkorrispondi u tirrifletti l-mistoqsija prinċipali tar-riċerka. Riċerkatur għandu jorbot flimkien ir-riċerka tiegħu mal-mod kif ser jiġbor, janalizza u jippreżenta l-informazzjoni misjuba bil-għan li tkun faċli aktar għalih sabiex janalizzaha, u wkoll sabiex il-qarrej li qed jinteressa ruħu fir-riċerka, isibha eħfef sabiex jifhem it-tagħrif ġdid li qed jiġi ppreżentat. Dan il-punt Daymon u Holloway (2004) jaffermawh meta jsostnu li "the research question, therefore, drives your methodology. Your worldview determines your research question" (p. 14). Dan il-kunċett jaffermah Moustakas (1994) meta jistqarr li għandu jkun hemm unità bejn min qiegħed jirriċerka u bejn l-affarijiet u l-oġġetti li niskopru.

Ir-realtà fis-sistema edukattiva lokali hija li n-numru ta' għalliema tal-Malti fil-livell postsekondarju huwa żgħir ħafna; fit-tliet istituzzjonijiet edukattivi mistħarrġa – tliet kulleġġi tal-Istat, żewġ kulleġġi tal-Knisja u kulleġġ Indipendenti – l-għadd tagħhom huwa ta' madwar ħmistax-il għalliem/a. Fattur li kellu jittieħed inkonsiderazzjoni huwa li jista' jkun hemm xi għalliema li jirrifjutaw li jipparteċipaw f'dan l-istudju, u b'hekk in-numru ta' għalliema jaf ikun iżgħar minn dak attwali, sfida li ser tiġi mistħarrġa aktar 'il quddiem (ara 2.5.4). Meta wieħed iqabbel ma' strateġiji ta' riċerka li jiġu attwati fi studji simili lil hinn minn Malta, u anke josserva x'jingħad minn teoristi li jiffokaw fuq l-għażla ta' kif wieħed għandu jwettaq ir-riċerka tiegħu, l-għażla ta' metodi kwalitattivi hija l-aktar waħda adattata għal dan it-tip ta' studju. Dan għaliex bis-saħħa tal-intervisti individwali u semistrutturati, wieħed ikun jista' jidħol fid-dettall

dwar l-għażliet pedagoġiċi tal-għalliema. Apparti minn dan, minħabba li n-numru ta' għalliema huwa dak li hu, mhuwiex possibbli li jsir studju kwantitattiv, għaliex il-kampjun huwa wieħed ristrett minnu nnifsu.

Jekk wieħed jiġi sabiex jiddefinixxi fi ftit kliem ta' fiex jikkonsisti l-metodu kwalitattiv, qabelxejn, ikollu jiddikjara li dan il-metodu huwa marbut ħafna mal-osservazzjoni u mal-interpretazzjoni. Deacon et al. (1999) isostnu li dan il-metodu jittanta jifhem kif il-bniedem jagħmel sens mill-ambjenti u l-esperjenzi ta' madwaru, u l-mod kif jesprimi dawn il-fehmiet tiegħu permezz tal-lingwa u l-imġiba, fost l-oħrajn. Għaldaqstant, il-metodu kwalitattiv l-ewwel jistħarreġ il-kuntesti u l-individwi bis-saħħa tar-raġunamenti tagħhom, u wara jkun jista' joħroġ b'ipoteżi għal dawn is-sitwazzjonijiet. F'din it-teżi dan il-pass kruċjali ser isir bis-saħħa ta' intervisti individwali li ser isiru mal-għalliema tal-Malti, għodda li flimkien mat-traskrizzjoni (ara Appendiċi 4-11) u l-interpretazzjoni, ser tgħin biex l-attitudnijiet u l-għażliet pedagoġiċi tagħhom jiġu mistħarrġa.

Minħabba li n-natura ta' dan l-istudju tibbaża ruħha fuq l-informazzjoni mgħoddija mill-għalliema waqt l-intervisti, f'din ir-riċerka ser issir analiżi tad-deċiżjonijiet pedagoġiċi li jagħmlu l-għalliema fl-ippjanar u waqt il-lezzjonijiet infushom (Golland, 1998). Għal dan il-għan ir-riċerka ser tieħu xeħta interpretattiva. Ryan (2018) issostni li l-interpretiviżmu jargumenta li s-sewwa u l-informazzjoni huma suġġettivi, minħabba li huma t-tnejn imsejsin fuq l-esperjenzi personali tal-bniedem u kull

bniedem għandu "is-sewwa" u "l-informazzjoni" tiegħu (p. 17). Għaldaqstant, b'din l-għażla ta' tqarrib interpretattiv, ir-riċerka ser tħares minn lat ta' kostruttivżmu soċjali, metodu li jirrinunzja l-ħarsa oġġettiva li tbiegħed l-għerf mill-kuxjenza umana. F'dan l-istudju, għaldaqstant huwa mistenni li l-letturi jgħaddu l-informazzjoni bbażata fuq it-tiġrib personali tagħhom, dak li għaddew minnu fil-lezzjonijiet u l-esperjenzi li kellhom mal-istudenti tagħhom.

## 2.4 Il-kontribut uman fir-riċerka

Il-bażi prinċipali ta' din it-teżi, minbarra ħarsa komprensiva tar-realtà lokali mil-lat ta' sillabu (ara Appendiċi 13 u 14) u leġiżlazzjoni, hija l-informazzjoni miġbura mill-għalliema tal-Letteratura Maltija. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni umana għal dan it-tip ta' studju hija fundamentali u kruċjali. Sabiex dan il-pass jittieħed bl-aktar mod professjonali possibbli bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet imsemmija, il-proċess tal-għażla tal-informanti u tal-ġbir tal-informazzjoni, kienu kruċjali ħafna. Dan sabiex, qabelxejn, ma tinkixifx l-identità tal-iskejjel/kulleġġi u/jew tal-informanti, u kif ukoll, sabiex l-istudju ma jiddevjax u jitlef is-saħħa tiegħu fi kwistjonijiet etiċi bla bżonn.

### *2.4.1 Il-proċessi tal-FREC u l-UREC*

Ġaladarba ngħażel is-suġġett u l-proposta tat-teżi ġiet aċċettata mill-Bord tat-Teżijiet tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, il-pass li jmiss kien li wieħed jikseb il-permessi meħtieġa mill-Bord tal-Etika tal-Fakultà tal-Edukazzjoni (Faculty Research Ethics Committee,

FREC) u mill-Bord tal-Etika fi ħdan tal-Università ta' Malta (University Research Ethics Committee, UREC).

Fl-applikazzjoni tal-formola tal-etika, minħabba l-fatt li l-persuni intervistati huma adulti, u dawn ser jiġu avviċinati fuq bażi personali, ma nstabu l-ebda kwistjonijiet etiċi li jeħtieġu kjarifiki addizzjonali. F'dan il-proċess ġew stabbiliti wkoll l-għodod meħtieġa għall-intervisti: l-ittra ta' informazzjoni (ara Appendiċi 1); il-formola ta' kunsens (ara Appendiċi 2) u l-mistoqsijiet tal-intervisti (ara Appendiċi 3). Għaldaqstant, il-formola ġiet sottomessa u wara li ġiet mogħtija l-approvazzjoni, stajt nibda niġbor l-informazzjoni bis-saħħa tal-intervisti.

### *2.4.2 L-għażla tal-livell postsekondarju*

Huwa s-suġġett li qed jiġi rriċerkat li jixpruna l-għażla tal-metodu ta' riċerka, f'dan il-każ, dak kwalitattiv. Daqstant ieħor, minħabba li s-suġġett jittratta l-attitudnijiet tal-għalliema għal inferenzi u temi eżistenzjali waqt it-tagħlim tal-Letteratura Maltija, it-toroq li wieħed seta' jagħżel huma tlieta: ħarsa lejn is-settur edukattiv fil-livell sekondarju, ħarsa lejn il-livell postsekondarju u ħarsa lejn il-livell terzjarju. Id-deċiżjoni li din it-teżi tiffoka fuq is-settur postsekondarju biss ittieħdet fuq dawn iż-żewġ raġunijiet li ġejjin.

### *2.4.2.1 In-numru ta' skejjel magħżula*

L-ewwel nett, f'Malta hawn għaxar kulleġġi tal-Istat, li jinkludu numru ta' skejjel sekondarji, flimkien ma' għadd ta' skejjel immexxija mill-Kurja jew minn operaturi privati. Għal dan il-fatt, l-għażla li wieħed jiffoka fuq dan is-settur ġiet imwarrba u rrinforzata bit-tieni raġuni kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem.

### *2.4.2.2 Is-sillabu u s-suġġett magħżul*

It-tieni raġuni wara din l-għażla kienet is-suġġett li qiegħed jiġi rriċerkat. Minħabba l-fatt li r-riċerka ser tiffoka fuq inferenzi u temi eżistenzjali, it-tagħlim ta' xogħlijiet letterarji lil żgħażagħ li għandhom madwar sittax u tmintax-il sena huwa l-aktar wieħed xieraq, għaliex il-maġġoranza tal-istudenti f'dan il-livell ikunu maturi biżżejjed li jistgħu jittrattaw suġġetti ta' ċertu profondità. Ir-realtà hi li minħabba x-xogħol li fih s-sillabu tal-livell sekondarju, kif ukoll minħabba l-età tenera tal-istudenti, mhuwiex daqstant faċli li l-għalliema fi skola sekondarja jidħlu f'dettalji u f'inferenzi b'rabta mal-ħajja umana. Mill-banda l-oħra, waħda mit-temi preżenti fis-sillabu tal-livell Avvanzat (ara Appendiċi 13) u Intermedju (ara Appendiċi 14) tiffoka fuq ir-relazzjonijiet umani, u b'hekk tidħol kexxun fil-qafas ta' riċerka li dan l-istudju ser jiffoka fuqu.

Għaldaqstant, l-għażla kellha taqa' fuq il-livell postsekondarju f'Malta u f'Għawdex, minħabba li l-kampjun ta' skejjel u ta' għalliema huwa aktar adattat u jista' jiġi mmaniġġat f'dan il-livell ta' riċerka. Minħabba n-natura tas-suġġett li titlob ċertu

ħsieb, l-esperjenza mġarrba tal-għalliema f'dan il-livell edukattiv, kif ukoll il-profondità tematika fit-tagħlim ta' testi ta' natura eżistenzjali, kien xieraq li wieħed jistħarreġ dan il-livell.

### *2.4.3 L-għażla tal-iskejjel*

Fis-sena 2018, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Għolja (National Commission for Further and Higher Education, NCFHE) ħarġet bi statistika dwar il-parteċipazzjoni tal-istudenti fis-setturi edukattivi f'Malta fil-livell għoli, jiġifieri wara l-livell sekondarju li huwa obbligatorju. F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tiddikjara li fil-gżejjer Maltin hawn għaxar istituzzjonijiet fil-livell postsekondarju f'Malta (NCFHE, 2018). Dawn jinkludu tliet istituzzjonijiet pubbliċi ta' livell postsekondarju, li huma: Giovanni Curmi Higher Secondary School (GCHHS), Junior College (JC) u Sir Michelangelo Refalo Sixth Form. Apparti minn dawn it-tliet istituzzjonijiet Statali, ir-rapport jiddikjara wkoll li f'Malta hawn seba' istituzzjonijiet privati akkreditati bħala faċilitajiet edukattivi fil-livell postsekondarju, li huma: De La Salle College, Quality Schools International, Russian Boarding School "Malta Crown", St Aloysius' College Sixth Form, St Edward's College, St Martin's College Sixth Form, u Verdala International School.

Għal dan ix-xogħol ta' riċerka, l-għan prinċipali huwa li jintlaħqu kemm jista' jkun il-faċilitajiet edukattivi kollha li hawn preżenti fil-mument tal-kitba ta' din it-teżi, sabiex tingħata stampa mifruxa u komprensiva tas-sitwazzjoni lokali. Mill-banda l-

oħra, minħabba li l-istudju qiegħed isir fuq bażi volontarja, u b'hekk jiddependi mill-parteċipazzjoni u x-xewqat personali tal-għalliema li jieħdu sehem, huwa relattivament diffiċli li wieħed jagħti stampa sħiħa tal-faċilitajiet edukattivi f'Malta.

Sabiex kemm jista' jkun jintlaħaq numru kbir ta' skejjel u l-istampa mogħtija tkun mifruxa, ġew ikkuntattjati sitt faċilitajiet edukattivi, it-tlieta tal-Istat flimkien ma' De La Salle College, St Aloysius' College u St Martin's College. Dan jgħin ukoll sabiex ir-riċerka tagħti ħarsa fuq it-tliet setturi partikolari; dawk l-iskejjel immexxija mill-Istat, dawk minn operatur privat u dawk li jaqgħu taħt il-Kurja. Għalkemm fix-xogħol mhux ser isir tqabbil bejn settur u ieħor, wieħed ikun jista' jieħu idea aktar mifruxa u ċara tas-setturi edukattivi fil-livell postsekondarju f'Malta.

### *2.4.4 L-għażla tal-għalliema*

Daymon u Holloway (2004) iqisu li waħda mid-distinzjonijiet bejn il-metodu kwantitattiv u l-metodu kwalitattiv hija l-mod kif jingħażlu l-parteċipanti, fejn f'tal-ewwel l-għażla hija aktar mifruxa u mingħajr raġuni partikolari, filwaqt li għall-metodu kwalitattiv, din trid tkun magħmula b'reqqa u b'raġuni partikolari għar-riċerka nnifisha. Minħabba li l-parteċipanti huma liberi li ma jipparteċipawx, wieħed irid jieħu inkonsiderazzjoni li n-numru ta' għalliema disponibbli huwa wieħed limitat. Fost is-seba' istituzzjonijiet magħżula għal din ir-riċerka, bejn wieħed u ieħor hemm anqas minn għoxrin għalliem tal-Letteratura Maltija, bil-għan li jsiru madwar tmien intervisti individwali.

F’każ fejn studju jiffoka fuq grupp partikolari ta’ individwi li ġejjin mill-istess kamp jew għandhom l-istess karatteristiċi, wieħed ikun qed janalizza kampjun omoġenju ta’ parteċipanti (Daymon & Holloway, 2004). Għal dan l-istudju, ir-rekwiżiti sabiex individwu jkun jagħmel parti minn dan il-grupp omoġenju huma dawn li ġejjin: a) għalliem, b) tal-Letteratura Maltija, ċ) f’istituzzjoni postsekondarja, d) li ilu jgħallem f’dan il-livell għal minn tal-inqas sena. Għalkemm għall-fini ta’ dan l-istudju, is-sess u l-età ma humiex meqjusa importanti, dawn xorta ttieħdu inkonsiderazzjoni biex ir-realtà preżenti fil-livell postsekondarju tiġi rispettata fl-għażla tal-informanti.

Minħabba l-fatt li wħud mill-għalliema li jagħmlu parti minn dan il-grupp possibbli ta’ informanti kienu jgħallmuni fil-livell postsekondarju, jew hemm minnhom li kien diġà sar kuntatt preċedenti, dawn ġew ikkuntattjati direttament b’ittra elettronika bl-informazzjoni ġenerali tar-riċerka f’Awwissu tal-2019. Fl-ewwel komunikazzjoni ġew ikkuntattjati għaxar għalliema magħrufa li jgħallmu l-letteratura, u kienu erbgħa li wieġbu u aċċettaw li jipparteċipaw f’dan l-istudju. Fil-bidu ta’ Settembru tal-istess sena, intbagħtet it-tieni komunikazzjoni lill-għalliema u żewġ għalliema oħra kkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom. L-aħħar parteċipant ikkonferma li ser jieħu sehem f’din ir-riċerka ftit jiem wara, eżatt kif bdiet is-sena akkademika f’Ottubru tal-2019.

## 2.5 Il-ġbir tal-informazzjoni

L-iktar pass kruċjali fl-analiżi tal-attitudnijiet tal-għalliema għal spunti eżistenzjali, huwa appuntu l-informazzjoni mogħtija mill-għalliema. Mingħajr dan l-istadju, ir-riċerka ma tkunx tista' tidħol fil-fond u tagħti stampa ċara tar-realtà li nsibu fl-iskejjel postsekondarji f'Malta u f'Għawdex. Għall-fini ta' din ir-riċerka, il-proċess tal-ġbir tal-informazzjoni jinqasam fi tliet stadji partikolari: l-għażla tal-metodu tal-ġbir tal-informazzjoni, jiġifieri l-intervisti; l-għażla tal-għodda tal-ġbir tal-informazzjoni, fi kliem ieħor il-mistoqsijiet; u finalment iż-żamma tal-informazzjoni. Dan il-pass jikkonsisti fl-irrekordjar tal-intervisti u, eventwalment, it-traskrizzjonijiet rispettivi tagħhom, u l-pass kruċjali tal-analiżi. Kif stipulat fil-formoli tal-etika u maqbul mal-għalliema rispettivi, l-informazzjoni tinqered ġaladarba t-teżi tiġi ppubblikata b'mod sħiħ.

### *2.5.1 L-għażla tal-intervisti*

Waħda mill-akbar faċilitajiet għar-riċerka kwalitattiva, skont Guest et al. (2013), hija l-kunċett tal-intervisti fil-fond li jidħlu fid-dettall dwar suġġett jew tema partikolari (in-depth interviews), għaliex tgħin sabiex mhux biss tingħata stampa tas-sitwazzjoni, imma wkoll sabiex tingħata l-ispjegazzjoni u r-raġunament li hemm warajha. Huwa neċessarju li l-preparazzjoni għall-intervista sseħħ bir-reqqa, sabiex fil-ħin allokat jiġu koperti l-oqsma u s-suġġetti kollha meħtieġa, filwaqt li l-intervista ma tinħassx tqila jew tedjanti żżejjed li l-parteċipant jitlef l-interess. Għaldaqstant, il-mistoqsijiet

għandhom qabelxejn jingħażlu bi skop, jiġu kklassifikati f'temi differenti, u jkun hemm sens ta' kontinwità bejn mistoqsija u oħra, bil-għan li r-ritmu jkun wieħed mexxej.

Riċerkatur iżda għandu joqgħod attent għal dawk il-mumenti li Guest et al. (2013) isejħulhom bħala *probes*, fejn min qiegħed jintervista jżid mistoqsija, li ma tkunx ippjanata minn qabel, abbażi ta' dak li jkun wieġeb il-parteċipant. Dawn it-tip ta' mistoqsijiet għandhom il-vantaġġ li jitolbu kjarifika, jew inkella aktar tfannid dwar tweġiba partikolari, bil-għan li l-parteċipant jiċċara xi dubji jew jispjega aħjar dak li jkun għadu kemm intqal. Dan kollu jkompli jiġġustifika l-użu tal-intervisti għal din it-teżi, għaliex huwa propizju li wieħed ikollu mistoqsijiet maħsuba minn qabel li jkopru numru ta' suġġetti, u fl-istess waqt, wieħed ikun ippreparat li jżid jew jemenda l-mistoqsijiet skont is-sitwazzjoni u t-tweġibiet tal-parteċipanti waqt l-istess intervisti, bil-għan li l-istampa li effettivament tingħata tkun aktar estiża u dettaljata.

Ġaladarba l-informanti kollha kienu mgħarrfa bil-proċess u l-andament tal-intervista, u wara li nġabru l-formoli ta' kunsens (ara Appendiċi 2), setgħu jsiru l-intervisti b'mod individwali f'post kemm jista' jkun informali u 'l bogħod mill-faċilitajiet edukattivi li l-għalliema jaħdmu fihom. Is-sessjonijiet kellhom tul previst ta' bejn għoxrin u tletin minuta kull waħda, għalkemm kien hemm uħud mill-intervisti li ħadu ftit iktar. L-informanti kollha ma sabu l-ebda oġġezzjoni li jekk ikun meħtieġ, issir it-tieni sessjoni ta' intervisti sabiex jintalbu xi kjarifiki jew xi żidiet neċessarji, iżda dan ma kienx meħtieġ. Wara l-proċess tat-traskrizzjoni tal-intervista, fejn tneħħew xi referenzi

li jistgħu jikxfu l-identità tal-informanti, għaddejt kopja lil dawk li ġew intervistati sabiex din tiġi approvata. Ġaladarba rċevejt lura t-traskrizzjoni kkoreġuta u maqbula, stajt nibda l-proċess tal-analiżi.

### *2.5.2 L-għażla tal-mistoqsijiet*

Kif jisqarr Silverman (2005), l-intervisti jagħmlu parti integrali mill-ħajja li ngħixu fiha, fejn saħanistra jistqarr li ngħixu f'*interview society*. Għaldaqstant huwa meħtieġ li wieħed jipprepara sew minn qabel il-mistoqsijiet li wieħed ikun ser jistaqsi. Fix-xogħol tagħhom, Daymon u Holloway (2004), fost l-oħrajn, jagħtu tipi differenti ta' mistoqsijiet li wieħed jista' jkollu f'intervista kwalitattiva. Isemmu mistoqsijiet li jiffokaw fuq l-esperjenzi tal-individwu, dawk li jistaqsu dwar l-emozzjonijiet u l-ħsus, u finalment dawk marbuta purament ma' għarfien. Skont dawn, riċerkatur għandu jkollu tipi differenti ta' mistoqsijiet, bil-għan li jiġbor l-akbar ammont ta' informazzjoni possibbli waqt l-intervisti. Swaminathan u Mulvhill (2017) iżidu li intervista kwalitattiva normalment ikollha mistoqsijiet miftuħa bil-għan li l-parteċipanti jiddeskrivu, jagħtu l-esperjenzi u jelaboraw it-tweġibiet tagħhom.

Wieħed isib numru ta' xogħlijiet ta' riċerka marbuta mal-livell tal-postsekondarja: Magro (2018) irriċerkat it-tendenzi u l-għażliet tal-istudenti tax-Xjenza; Bonavia u Spiteri (2009) stħarrġu t-tranżizzjoni mill-iskola sekondarja għall-postsekondarja; u Gatt u Borg Marks (2004) stħarrġu l-esperjenzi tal-istudenti bniet li qed jistudjaw il-Fiżika fil-postsekondarja. Iżda f'dak li għandu x'jaqsam ma' riċerka

dwar l-eżistenzjaliżmu u t-tagħlim tal-Letteratura Maltija, inħass nuqqas. Dan kellu impatt ukoll fuq l-għażla tal-mistoqsijiet, fejn bħala riċerkatur kelli naddatta u nżid mistoqsijiet pertinenti u validi għal din ir-riċerka. Sfida oħra kienet li dawn il-mistoqsijiet jiġu adattati għall-kuntest lokali, filwaqt li magħhom jiżdiedu mistoqsijiet li jistħarrġu sfond ġenerali u l-għarfien partikolari tal-għalliema nfushom dwar is-suġġett. Apparti minn dawn, bi ħsieb, tħalla spazju sabiex waqt l-intervisti jiġu miżjuda numru ta' mistoqsijiet li jitqajmu waqt l-intervista nnifisha.

Fl-analiżi tal-riċerka tagħhom, Malik u Akhter (2013) jippreżentaw il-kunċett ta' Sartre li l-eżistenza tiġi qabel l-essenza, u b'hekk, il-bniedem joħloq il-valuri u jagħti sens lil ħajja tiegħu bis-saħħa tad-deċiżjonijiet li jieħu. Għaldaqstant, għalliema li jħaddnu prinċipji eżistenzjali fil-lezzjonijiet tagħhom jagħmlu mezz sabiex jagħtu valur, spazju u jindividwalizza lill-istudenti. Dan ukoll, għaliex kif isostnu Malik u Akhter (2013), jista' jkun hemm xi studenti li jkunu għaddejjin minn żmien diffiċli, jew ikunu qegħdin jissuperaw problemi fil-ħajja personali tagħhom. Dan il-fatt jista' jiġi analizzat minħabba l-fatt li numru ta' testi letterarji li jiġu mgħallma fil-livell postsekondarju f'Malta jittrattaw dawn it-temi. B'hekk wieħed ikun jista' janalizza l-kuxjenzi, l-attitudnijiet u l-modi kif l-għalliema jittrattaw, bil-għan li jegħlbu dawn id-diffikultajiet.

Fix-xogħol tiegħu, Braun (1955) jippreżenta numru ta' episodji li għalliem jista' jiltaqa' magħhom fil-klassi. Braun (1955), fost l-oħrajn, isemmi li waħda mid-diffikultajiet li għalliem jaffronta fil-klassi hija l-fatt li l-istudenti m'għandhomx għarfien

wiesa' ta' x'inhu l-eżistenzjaliżmu. Isemmi li l-istudenti rari jkunu semgħu bix-xogħlijiet ta' Sartre, u ma' dan wieħed jista' jżid ħassieba oħra bħal Camus, Schopenhauer u Merleau-Ponty. B'hekk, meta jiġu għall-analiżi ta' testi, isibuha ħafna aktar diffiċli minn studenti li għandhom aktar għarfien fuq dawn il-filosfi. Dan jista' jwassal biex xi għalliema jevitaw li jgħallmu xi testi letterarji minħabba li xi studenti jsibuha bi tqila biex jifhmuhom, jew juru nuqqas ta' interess f'temi partikolari matul is-sena, fenomenu li ser jiġi mistħarreġ f'din it-teżi.

Finalment, sabiex jingħata aktar kuntest lokali u ssir riċerka fuq il-Letteratura Maltija, kellhom jiġu fformati numru ta' mistoqsijiet. L-għan aħħari wara dawn il-mistoqsijiet huwa, sabiex fost l-oħrajn, jiġi mistħarreġ l-għarfien tal-għalliema għal testi letterarji bil-Malti li fihom inferenzi eżistenzjali, liema perjodu mill-istorja tal-Letteratura Maltija jqisu li l-aktar jinkludi dawn it-temi, u jekk iqisux xi poeti partikolari li jiktbu xogħlijiet b'dawn it-temi. Il-mistoqsijiet kienu mqassmin skont tmien temi differenti, li huma: mistoqsijiet ġenerali; sfond ġenerali; xi sfidi u diffikultajiet; il-Letteratura Maltija; l-għażla tat-testi; it-tħejjija għat-tagħlim; l-identità tal-istudenti; u kwistjonijiet ta' ċensura (ara Appendiċi 3).

Il-proċess tal-għażla tal-mistoqsijiet kien wieħed sistematiku ħafna. Għalkemm wieħed jista' jsib numru ta' intervisti u mistoqsijiet dwar is-suġġett, l-isfida prinċipali kienet li wieħed jadatta l-mistoqsijiet għall-kuntest lokali. Dan għaliex numru ta' mistoqsijiet marbuta mal-kuntest ekonomiku, soċjali u etniku tal-għalliema u l-

istudenti tħallew barra, u minflok żdiedu mistoqsijiet li jistħarrġu l-attitudnijiet personali tal-għalliema. Wara aktar stħarriġ, kif ukoll wara l-intervista pilota (ara 2.5.3), stajt nikkalibra l-mistoqsijiet tiegħi bil-għan li l-intervista semistrutturata tilħaq l-għanijiet tagħha u jkunu jistgħu jiġu mwieġba l-mistoqsijiet tar-riċerka.

### *2.5.3 L-istudju pilota*

Kim (2011) tispjega kif l-għan prinċipali wara l-istudju pilota f'riċerka kwalitattiva huwa li r-riċerkatur ikun jista' jagħmel prova tal-intervista, bil-għan li l-mistoqsijiet ikunu jistgħu jiġu aġġustati. L-istudju pilota jgħin ukoll biex ir-riċerkatur jassigura li l-kwistjonijiet etiċi u sensittivi marbuta mal-istudju jiġu mħarsa.

L-istudju pilota involva intervista ma' għalliem tal-Malti fis-26 ta' Awwissu, 2019. Din l-intervista serviet ta' test, kemm biex jiġi kkalkulat it-tul approssimattiv tal-intervista, u kif ukoll, il-kwalità tal-informazzjoni miġbura. Waqt l-intervista ġie nnotat li l-għalliem, beda jqajjem numru ta' punti li, meta taħseb dwarhom fil-fond, teżi ta' maġisteru ma sservix biex tittrattahom kollha. Sampson (2004) tispjega li n-nuqqas ta' studju pilota kapaċi jwassal lir-riċerkatur biex jiġbor ammont kbir ta' informazzjoni. Biex din id-diffikultà tiġi megħluba, il-mistoqsijiet ġew aġġustati b'tali mod li jkunu aktar diretti u konċiżi, bil-għan li l-għalliema ma jiddevjawx, u aktar importanti minn hekk, l-informazzjoni mgħoddija tkun pertinenti għall-mistoqsijiet tar-riċerka. Eżempju, biex tiġi analizzata aktar il-kwistjoni tan-nuqqas ta' qari, tema kritika li feġġet

fl-intervista pilota, ġiet miżjuda mistoqsija dwar is-suġġett: "Taħseb li jħalli impatt fuq it-tagħlim dan in-nuqqas ta' qari fost l-istudenti?"

### *2.5.4 Il-ħażna tal-informazzjoni*

Hemm diversi metodi kif wieħed jista' jieħu nota tal-informazzjoni miġbura bis-saħħa tal-intervisti. Insibu l-irrekordjar tal-intervisti b'tagħmir elettroniku, it-traskrizzjoni tal-intervisti jew it-teħid tan-noti (Guest et al., 2013). Għal dan il-proġett ta' riċerka, sabiex tinġabar l-informazzjoni kollha possibbli u kif ukoll issir analiżi bir-reqqa, l-aħjar żewġ metodi ta' ġbir u ta' ħażna tal-informazzjoni huma r-rekordings u wara t-traskrizzjonijiet tagħhom. F'din it-teżi, għalkemm kien previst li l-intervisti kollha jiġu rrekordjati, kien hemm żewġ għalliema partikolari li ppreferew jibagħtu r-risposti tagħhom b'mod elettroniku, u f'każ ta' kjarifiki, dawn setgħu jintbagħtu wara.

Wieħed mill-vantaġġi prinċipali tal-irrekordjar tal-intervisti huwa li l-informazzjoni tkun ippreservata b'mod preċiż (Daymon & Holloway, 2004; Guest et al., 2013). Vantaġġ ieħor ta' dan il-metodu huwa li waqt l-intervisti jkun jista' jinżamm kuntatt dirett mal-parteċipanti, mingħajr ebda stress li wieħed irid ilaħħaq ma' kulma qed jingħad sabiex jittieħdu noti, jew bżonn li wieħed jirrepeti dak li jkun għadu kemm intqal. Għaldaqstant, l-intervisti ġew irrekordjati bis-saħħa ta' tagħmir elettroniku. Wara l-intervisti, sabiex l-identità tal-parteċipanti tinżamm mistura bi qbil mar-regolamenti etiċi tal-Università ta' Malta, il-fajls bir-rekordings ingħataw kodiċi u l-intervisti ġew alterati bil-għan li l-vuċi tinbidel sabiex l-identità tinżamm anonima.

It-tieni pass wara l-irrekordjar tal-intervisti huwa l-proċess tat-traskrizzjonijiet b'mod sħiħ. Dan il-proċess huwa meqjus bħala wieħed importanti ħafna minn Daymon u Holloway (2004), għaliex bis-saħħa tiegħu, ir-riċerkatur jidħol aktar fil-fond tal-informazzjoni, isir aktar familjari mad-data li tkun inġabret, u jrabbi kuxjenza għal istanzi sensittivi jew li huma relattivament delikati. Wara li t-traskrizzjoni tiġi approvata mill-għalliema u dawn jagħmlu l-aġġustamenti meħtieġa, wieħed ikun jista' jgħaddi għall-pass tal-kodifikazzjoni tad-data.

### *2.5.5 Il-kodifikazzjoni tad-data*

Għaldaqstant, ir-raba' stadju jinkludi l-pass fejn wieħed jikklassifika u jqassam l-intervisti abbażi ta' temi u kategoriji differenti, u tkun iktar faċli li ssir referenza, paragun jew differenza bejn intervista u oħra. Blair (2015) juri kif hemm metodi differenti ta' kif wieħed jikkodifika l-informazzjoni miġbura mill-intervisti, iżda dan il-pass għandu jsir għaliex il-benefiċċji huma kbar ħafna.

F'dan l-istudju, wara li saru t-traskrizzjonijiet tal-intervisti, l-informazzjoni miġbura ġiet imqassma f'numru ta' temi. Fil-maġġoranza tagħhom, minħabba li l-mistoqsijiet kienu diġà mqassma f'numru ta' temi (ara 2.5.2), l-intervisti kellhom qafas predeterminat. Iżda minħabba li n-natura tal-intervisti kienet waħda semistrutturata u dinamika, tqajmu numru ta' punti ġodda, li riedu "garżella" ġdida għalihom. Wara li l-informazzjoni ġiet kodifikata, tpoġġiet f'tabelli simili għal din:

| Taqsima | Is-Sur Caxaro | Is-Sur Buonamico | Is-Sur Ropa |
|---|---|---|---|
| **It-tema tar-reliġjon** | *Leli ta' Ħaż-Żgħir* u l-fehmiet tal-protagonista (ĠEM) | Diffikultà ta' testi li jisfidaw it-twemmin reliġjuż (DKP/MA) | L-istorja tal-gwerra marbuta mat-twemmin (DK) u l-fidi fil-poeżija moderna (MA u VF) |
| **It-tema tal-ħajja** | Il-letteratura li titkellem dwar il-ħajja; il-qerda tal-ambjent | Il-letteratura bħala mera tal-esperjenzi tal-bniedem | Il-ħajja riflessi fit-tema kollha, l-aktar fir-relazzjonijiet umani |
| **Il-kontribut tal-istudenti** | Studenti introverti; sistema edukattiva li xxekkel il-parteċipazzjoni | Rarità ta' diskussjonijiet; studenti li jippreferu jieħdu n-noti | Studenti li jiddettaw il-pass tal-lezzjoni; teħid ta' noti b'mod eċċessiv |
| **Is-sillabu** | Testi li huma distakkati wisq mill-istudenti | Testi pożittivi li ma jurux ir-realtà tal-ħajja; skreditar ta' testi "negattivi" | Nuqqas ta' element pożittiv, sarkastiku u umoristiku fis-sillabu |

**Tabella 1: Eżempju tal-kodifikazzjoni tad-data**

Dan sar bil-għan li jkun hemm relazzjoni bejn intervista u oħra, u jkun aktar faċli li ssir referenza għat-tweġibiet tal-għalliema nfushom.

## 2.6 L-analiżi

Huwa kważi inutli li l-informazzjoni tinġabar u sempliċiment titqiegħed fuq xkaffa jew tiġi mwassla lill-qarrej mingħajr ebda tip ta' analiżi, diskussjoni jew interpretazzjoni. Kif tistqarr Morse (1994), il-proċess ta' analiżi huwa wieħed li jirrikjedi lir-riċerkatur li kontinwament jistaqsi l-mistoqsijiet, ifittex it-tweġibiet, josserva b'mod attiv, jagħmel l-inviżibbli ovvju, jgħaqqad l-informazzjoni u jagħraf dak li hu sinifikanti minn dak li hu apparentement insinifikanti. Pass li jimxi id f'id mal-analiżi huwa l-kodifikazzjoni tal-

informazzjoni, fejn dak kollu li jinġabar bis-saħħa tal-intervisti, jinqasam f'biċċiet differenti skont tema jew suġġett komuni. Għaldaqstant, huwa essenzjali li l-għażla tal-mistoqsijiet issir bir-reqqa, sabiex meta wieħed jiġi għall-analiżi, l-informazzjoni titqassam b'mod aktar faċli u kollox ikun ċar u assoċjat ma' tema (Seers, 2012).

Meta wieħed jaddotta metodu kwalitattiv fir-riċerka tiegħu, għandu diversi possibilitajiet meta jiġi biex janalizza l-informazzjoni (Seers, 2012). Minħabba li l-informazzjoni miġbura mill-intervisti ġejja mill-esperjenzi individwali tal-għalliema, u anke minħabba l-istruttura mogħtija lill-intervista, l-analiżi prinċipali adottata għal din ir-riċerka ser tkun waħda interpretivista b'mod fenomenoloġiku, li iżda tħares lejn l-informazzjoni minn lenti eżistenzjali. Dan fil-lenti ta' dak li jistqarr Moustakas (1994) meta jsostni li studji minn lenti fenomenoloġika jeliminaw suppożizzjonijiet u assunzjonijiet mir-riċerkatur. Huwa jkompli li l-mistoqsijiet tar-riċerka jixprunaw l-istudju bil-għan li r-riċerka toħroġ b'riżultati u tipprovdi l-bażi għal riċerka u riflessjoni li jistgħu jsiru aktar 'il quddiem (Moustakas, 1994).

### *2.6.1 Stħarriġ eżistenzjali*

Minħabba l-fatt li r-riċerka ser tiffoka fuq l-attitudnijiet tal-għalliema għal inferenzi eżistenzjalisti, kien xieraq li wieħed jagħti ħarsa lejn il-possibilità li dan l-istudju jieħu r-rotta ta' analiżi eżistenzjali. Dan il-pass ser jittieħed abbażi tal-prinċipji fenomenoloġiċi ta' Husserl, fejn dan jenfasizza fuq l-importanza li l-informazzjoni tinġabar permezz l-esperjenzi tal-bniedem, sabiex ir-riċerkatur jifhem l-esperjenza mgħixa tal-individwu

f'kuntest (Wassler & Kirillova, 2019). B'hekk wieħed ser jagħti ħarsa lejn l-esperjenzi tal-għalliema u l-għażliet pedagoġiċi tagħhom minn perspettiva umana. Fi kliem ieħor, ser nagħmel l-analiżi minn lenti eżistenzjali, speċjalment mil-lat ta' libertà u perċezzjonijiet tal-għażliet individwali tal-għalliema abbażi tal-perspettiva soċjokulturali tagħhom (Wassler & Kirillova, 2019). Moustakas (1994) isostni li l-metodu tar-riflessjoni fi studju fenomenoloġiku jwassal biex l-analiżi tkun waħda loġika, sistematika u koerenti bil-għan li l-esperjenzi jiġu deskritti u mistħarrġa. Fost l-oħrajn ser nipprova nistabilixxi l-għażliet letterarji, kif ukoll il-mistoqsijiet li jużaw fil-lezzjonijiet, u l-limitazzjonijiet ta' libertà (jew nuqqas tagħha) li joffrilhom is-sillabu, l-eżami, l-għarfien tal-istudenti, u t-tiġrib personali tagħhom.

## 2.7 Xi kwistjonijiet etiċi

Bħal kull xogħol ieħor ta' riċerka li jinvolvi kuntatt ma' bnedmin, u f'dan il-każ ma' professjonisti, bla dubju ta' xejn ser imiss ma' xi kwistjonijiet etiċi li wieħed għandu jagħmel l-aħjar mezz possibbli li jirrispettahom u jissalvagwardja l-interessi tal-informanti u ta' terzi msemmija. Għalkemm in-natura tat-teżi, meta mogħtija ħarsa mill-bogħod, tidher li tidħol f'temi li huma relattivament personali u filosofiċi, fil-verità nemmen li meta wieħed ifannad fix-xogħol u jarah bħala stampa aktar wiesgħa, ir-realtà hi li t-temi trattati huma komuni u wieħed jesperjenzahom fil-lezzjonijiet tiegħu ta' kuljum.

Waħda minn dawn il-kwistjonijiet hija l-anonimità tal-għalliema li għażlu li jipparteċipaw. Minħabba l-fatt li numru ta' għalliema huwa żgħir ħafna, kienet ser tkun sfida sabiex nissalvagwardja l-anonimità ta' dawn il-parteċipanti fid-diskussjonijiet u l-analiżi tiegħi. Dan għaliex wieħed ma jistax jidħol f'dettallji dwar l-etajiet tal-għalliema, l-istituzzjonijiet edukativi li jgħallmu fihom, kemm ilhom jgħallmu, u informazzjoni simili. Dan deher ukoll f'uħud mill-intervisti, fejn xi għalliema semmew xi esperjenzi personali jew xi episodji li għaddew minnhom fil-ħajja tagħhom, li jekk murija, setgħu jimminaw l-anonimità jew jikxfu żżejjed il-kuntest tat-tagħlim tagħhom. Biex l-anonimità ta' dawn il-parteċipanti inżammet b'mod assolut u l-informazzjoni tagħhom tibqa' kunfidenzjali, fit-traskrizzjonijiet u fl-analiżi tħallew barra numru ta' elementi għall-iskopijiet tar-riċerka.

Ma' dan il-fattur jorbot ukoll il-kwistjoni tal-anonimità u l-kunfidenzjalità tal-iskejjel, fejn wieħed irid joqgħod attent li ma jgħaddix ċertu rimarki, jew jagħmel xi assunzjonijiet dwar kulleġġ partikolari jew ieħor. Għaldaqstant, fid-diskussjonijiet u fl-analiżi mhu ser isir l-ebda paragun bejn settur u ieħor, jew bejn skola u oħra, jew bejn għalliem u għalliema oħra b'referenza għall-post tax-xogħol tagħhom, sabiex b'hekk il-kunfidenzjalità kemm personali kif ukoll kummerċjali ta' ċertu faċilitajiet edukattivi tinżamm b'mod sħiħ.

Kwistjoni etika oħra li dan l-istudju jaffaċċja hija l-kuxjenza tal-għalliema lejn l-esperjenzi u t-tiġrib personali tal-istudenti. Minħabba l-fatt li numru ta' mistoqsijiet

jitkellmu dwar il-kuxjenza tal-għalliema vis-a-vis l-istudenti tagħhom, hija possibilità li xi għalliema jsemmu xi episodji li ġarrbu huma waqt il-lezzjonijiet, u dawn jistgħu jkunu sensittivi jew personali żżejjed, waqt li jberrħu esperjenzi personali ta' xi studenti. Sabiex dan ikun evitat, qabel kull intervista l-għalliema ntalbu sabiex ma jidħlux f'dettalji li huma estranji għal dan l-iskop ta' stħarriġ, jew li kapaċi jkunu identifikabbli fi kwalunkwe stadju tar-riċerka, inkluż wara l-pubblikazzjoni. F'każ li waqt l-intervisti feġġet xi informazzjoni ta' din in-natura, bi qbil mal-għalliema bil-għan li jiġu salvagwardjati l-interessi taż-żewġ partijiet, din tħalliet barra u ġiet indikata meta ntbagħtet it-traskrizzjoni għall-approvazzjoni tal-għalliema.

## 2.8 Xi diffikultajiet

Apparti minn dawn l-isfidi etiċi li xogħol akkademiku ta' riċerka jrid jaffronta u jegħleb, hemm diffikultajiet oħra, jew limitazzjonijiet, li riċerkatur irid idur magħhom u jagħmel mill-aħjar li jista' biex skoll jagħmel minnu tarġa li biha jkun jista' jilħaq aktar fil-għoli. Waħda mil-limitazzjonijiet ta' dan l-istudju hija n-numru żgħir ta' għalliema li setgħu jipparteċipaw. Minħabba li l-kamp ta' għalliema hu dak li hu, sabiex tingħata stampa tat-tliet oqsma edukattivi kien meħtieġ li għalliem jew għalliema minn kull skola jipparteċipaw. Għalkemm l-għajnuna min-naħa tal-għalliema ma naqsitx u kienu minn tal-ewwel li offrewli s-sostenn, l-għajnuna u r-riżorsi sabiex napprofondixxi r-riċerka u l-analiżi tiegħi, nemmen li kieku l-kamp tal-għalliema kien akbar, setgħu jiġu applikati għodod differenti u l-istudju jittieħed fuq skala aktar kbira. Waħda mill-possibilitajiet

hija l-użu tal-*focus groups*, għodda kwalitattiva oħra li tgħin sabiex l-informazzjoni tiġi diskussa bejn grupp u b'hekk jitħabbtu aktar l-ideat.

Fis-sena akkademika li fiha saru l-intervisti, il-Bord tal-Matrikola (MATSEC) implimenta bidla fis-Sillabi tal-Malti fil-livell Avvanzat u dak Intermedju. Din it-tranżizzjoni ġabet magħha numru ta' bidliet, kemm minn lat ta' materjal, kif ukoll minn lat ta' deċiżjonijiet li setgħu jieħdu l-għalliema fil-lezzjonijiet tagħhom vis-a-vis l-għażla tat-testi letterarji. Dan għaliex, fejn fil-passat l-għalliema kellhom għażla ta' testi/poeżiji, fis-sillabu l-ġdid (MASTEC, 2020), din l-għażla tneħħiet u b'hekk hemm numru stabbilit ta' poeżiji u novelli li jridu jiġu mgħallma. Dan il-fattur ikkonfonda wħud mill-għalliema waqt l-intervisti, tant li waqt xi mistoqsijiet bdew jirreferu għas-sillabu li ġie introdott, meta l-mistoqsijiet kienu jikkonċernaw is-snin preċedenti li fihom kien jiġi mgħallem is-sillabu l-antik.

Jekk dawk id-diffikultajiet li ssemmew diġà jistgħu jitqiesu bħala diffikultajiet maġġuri, kull studju li għandu metodi kwalitattivi jaffronta diffikultajiet minuri oħra li, skont Daymon u Holloway (2004) huma wħud mill-kritika li normalment jirċievi kull studju kwalitattiv. Dawn id-diffikultajiet fost l-oħrajn jinkludu l-fatt li xogħol kwalitattiv, minħabba l-mod kemxejn laxk ta' kif jagħżel l-informanti, kif jiġbor u janalizza l-informazjoni, jista' jkollu nuqqas ta' trasparenza minħabba ġudizzji personali li jkollu jagħmel ir-riċerkatur. Kritika oħra għal riċerka kwalitattiva hija li x-xogħol huwa wieħed suġġettiv, ibbażat fuq l-impressjonijiet u l-assunzjonijiet li jagħmel ir-riċerkatur fuq l-

informazzjoni miġbura. Fi kliem ieħor, riċerkatur ta' metodu kwalitattiv ikollu jassumi u jinterpreta l-informazzjoni kif ġiet mgħoddija lilu, filwaqt li fi studju kwantitattiv, normalment l-informazzjoni tiġi kkwantifikata u bbażata fuq figuri. Dan jista' jwassal li d-diskussjoni u l-analiżi tad-data miġbura mill-intervisti tkun mibnija fuq ġudizzji personali tal-informanti, li jista' jagħti l-każ li dawn ikunu influwenzati jew affetwati minn tiġrib personali jew esperjenzi mhux neċessarjament pożittivi li jalteraw l-opinjoni tagħhom fuq suġġett jew tema partikolari.

## 2.9 Xi kummenti konklużivi

F'dan il-kapitlu ngħatat ħarsa tal-metodoloġija użata sabiex, fost l-oħrajn, ingħażel is-suġġett, inħarġu t-temi prinċipali u dawk sekondarji, u ġew stabbiliti l-parametri u l-għodod tar-riċerka. Ġaladarba t-titlu, flimkien mas-suġġett mistħarreġ ingħażlu, wieħed seta' jħares aktar minn lat metodoloġiku fuq il-metodi tar-riċerka, l-għodod neċessarji biex wieħed jiġbor l-informazzjoni mill-parteċipanti, u l-mod kif l-informazzjoni ser tiġi maħżuna u eventwalment analizzata. Ittieħdu wkoll sabiex ix-xogħol jagħti stampa kemm jista' jkun mifruxa tar-realtà fil-klassi tal-Malti fil-livell postsekondarju, livell edukattiv li nemmen li hemm ħafna fejn wieħed jimraħ u jagħmel riċerka fil-fond. Finalment, wieħed jista' jikkonkludi li kull deċiżjoni u azzjoni ttieħdu bil-għan li r-riċerka tinżamm fir-rotta li telqet minnha u żżomm kemm jista' jkun viċin tax-xewqat u l-miri inizzjali.

# It-tielet kapitlu

# X'hemm wara t-tagħlim tal-letteratura fil-livell postsekondarju?

## 3.1 Kummenti introduttivi

F'Malta, għalkemm għal numru ta' studenti l-esperjenza edukattiva tieqaf mas-snin tas-sekondarja, huma ħafna dawk li jkomplu bil-vjaġġ edukattiv tagħhom f'faċilità edukattiva f'livell postsekondarju. Skont statistiċi maħruġa mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, fis-sena 2015 kienu 48.22% tal-istudenti li għamlu l-eżamijiet tal-livell Ordinarju, li wara setgħu jkomplu jistudjaw f'waħda mill-iskejjel postsekondarji f'Malta u jsegwu ċ-Ċertifikat tal-Matrikola għaliex ġabu l-marki meħtieġa (MEDE, 2017, p. 31). Din l-istatistika turi, li aktar minn nofs l-istudenti, għaliex ma ġabux eżamijiet biżżejjed biex isegwu kors f'livell postsekondarju, kellhom jew isegwu kors fil-Giovanni Curmi Higher Secondary School, fil-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (MCAST), fl-Istitut tal-Istudji Turistiċi (ITS), jew jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

F'dan il-kapitlu, ser jiġu mistħarrġa għadd ta' aspetti marbuta mat-tagħlim tal-letteratura. Dawn jinkludu: l-importanza tal-letteratura kif mogħtija mis-sillabi, mill-istudenti u mill-għalliema; l-effett li tħalli l-letteratura fuq l-għalliema u fuq l-istudenti; ir-raġunijiet wara t-tagħlim tal-letteratura fil-livell postsekondarju; l-isfidi prinċipali marbuta mat-tagħlim tal-letteratura; u fl-aħħar, it-tendenzi differenti ta' qari fost l-

istudenti Maltin u l-effetti li dawn iħallu fuq il-lezzjonijiet tal-letteratura. Din l-analiżi ser issir fid-dawl tat-tmien intervisti li saru ma' għalliema tal-Malti fil-livell postsekondarju f'Malta u f'Għawdex.

## 3.2 L-importanza tal-Letteratura Maltija

Huwa proċess relattivament suġġettiv u dibattibbli li wieħed (jew grupp ta' nies) jagħżel x'oqsma, x'temi u x-xogħlijiet jinkludi u ma jinkludix fis-sillabu ta' tagħlim ta' suġġett. Dan għaliex, skont Nunan (2002) il-ġudizzju personali tal-individwu, jew ġeneralment, ta' grupp ta' nies dwar il-lingwa, jista' jimpatta l-mixja akkademika ta' gruppi ta' studenti li qed isegwu t-tali sillabu magħżul. Is-suġġett tal-Malti, kemm fis-sillabu tal-livell Avvanzat (App. 13) u kif ukoll dak Intermedju (App. 14), jinqasam f'erba' partijiet prinċipali: il-letteratura (il-poeżija, il-proża, id-drama u l-kritika letterarja); il-lingwistika (il-morfoloġija, is-semantika, il-Malti lsien imħallat u l-bilingwiżmu); it-tħaddim tal-lingwa (il-kitba); u l-oral.

F'sillabu partikolari, bħalma hu fil-livell postsekondarju, fejn l-istudenti huma mistennija li jkollhom ċertu għarfien bażiku tas-suġġett, iżda xorta jkun għad jonqoshom jirfinaw ħiliet u għodda sabiex ikomplu japprofondixxu l-għarfien tagħhom, din l-għażla hija kruċjali. Dan għaliex wieħed jara li, ġaladarba tema partikolari, ngħidu aħna r-relazzjonijiet umani, tiġi inkluża fis-sillabu u tingħażel fuq oħra, din ikollha livell ogħla ta' importanza minn dik li tħalliet barra, jew tkun mixtieqa aktar mill-membri tal-bord jew mill-għalliema li jgħaddu l-perspettivi tagħhom (Cutajar, 2011). Il-fatturi li

jiddeterminaw l-importanza li jingħata ktieb jew xogħol partikolari sabiex jiġi mgħallem jistgħu jkunu ħafna: l-effetti li jħalli l-ktieb fuq il-qarrej; il-kwalità tax-xogħol; ir-relevanza tax-xogħol għall-ħajja; it-tematika tax-xogħol letterarju; u l-awtur tax-xogħol (Collie & Slater, 1987).

### *3.2.1 Importanza mogħtija mis-sillabi preżenti lil-letteratura*

Skont studju maħruġ mill-MEDE (2017), matul is-snin tal-postsekondarja, l-istudenti jeħtieġ li jitbiegħdu mill-"protezzjoni" li toffri s-sekondarja u jgħaddu għal-livell ġdid ta' tagħlim (p. 32). Fis-suġġett tal-Malti, din id-differenza fl-importanza tinħass evidenti fil-livell Avvanzat, hekk kif minn eżami li jiffoka fuq "[l]-għarfien u l-apprezzament ta' testi letterarji" fil-livell Ordinarju (App. 12), ngħaddu għal eżami li jistħarreġ: il-fehim tal-istudenti dwar kitbiet li seħħew fi sfond storiko-kulturali; l-apprezzament u l-analiżi tal-kitbiet bħala tiġrib sentimentali; u l-kritika tal-istudenti ta' xogħlijiet letterarji (App. 13). Għaldaqstant, bejn l-istadju ta' memorizzar għall-istadju ta' inizjattiva personali u qari, jinħass approfondiment u livell aktar għoli ta' għarfien, apprezzament, perċezzjoni u kitba mill-istudenti.

Fil-livell Intermedju, għalkemm l-għanijiet huma simili għal dawk tal-livell Avanzat, il-livell mistenni mill-istudenti huwa inqas xorta waħda; fejn fl-Avvanzat hemm ix-xewqa għall-apprezzament tat-test u r-rabta mal-esperjenza personali, fl-Intermedju jissemma' biss li l-istudenti "jistħarrġu l-valuri ta' xogħlijiet letterarji". Dan juri li għalkemm l-istudenti jistħarrġu kważi kważi l-istess xogħlijiet, u f'numru ta'

każijiet, il-lezzjonijiet isiru mill-istess għalliema, xorta waħda tinħass id-differenza bejn it-tnejn, fejn l-Intermedju, donnu jxaqleb aktar lejn l-aspettattivi tal-livell Ordinarju milli dawk tal-Avvanzat. F'sillabi tal-istess etajiet fir-Renju Unit, għalkemm l-istruttura tal-eżamijiet hija waħda simili, fejn it-tnejn jinkludu dożi differenti ta' assessjar ta' xogħol studjat u ta' xogħol mhux studjat, jinħass distakk qawwi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ammont u ma' analiżi ta' testi letterarji. Fil-livell ta' GCSE, wieħed jinnota li l-istudenti huma mistennija li jiktbu (imqassma fuq żewġ karti) esejs dwar xogħol ta' Shakespeare, dwar rumanz tas-Seklu Dsatax, dwar rumanz jew dramm modern, dwar poeżiji li jkunu studjaw u dwar poeżiji li qatt ma jkunu rawhom qabel (AQA, 2020). Fil-livell Avvanzat, mill-ġdid tinħass l-importanza li l-istudenti jiktbu dwar testi poetiċi li ma jkunux studjaw qabel, fattur li jirrikjedi li l-istudenti jiffokaw aktar fuq l-għarfien tat-tħaddim tal-ħila tal-qari kritiku, milli fuq it-temi nfushom. Dan jikkuntrasta mas-sitwazzjoni f'Malta, fejn il-maġġoranza tal-karta tal-eżami tiffoka fuq xogħol li ġie studjat, waqt li t-taqsima tal-kritika biss tiffoka fuq xogħol "ġdid" għall-istudent.

Maż-żminijiet, is-sillabu tal-Malti fil-livell postsekondarju għadda minn bidliet varji, bl-aħħar tibdil iseħħ fis-sena akkademika 2019–2020. Is-sillabu li qiegħed jiġi mistħarreġ kien ilu mhux mibdul mis-sena 2012, fejn mit-taqsima tal-letteratura tnaqqset it-tema tat-tiġrib tal-ħajja. Għal aktar minn tmien snin, it-taqsima tal-letteratura baqgħet marbuta mal-idea u t-tqassim f'temi. Għaldaqstant, il-mistoqsijiet iqumu waħidhom: x'varjetà ta' mistoqsijiet fil-karti tal-eżami jista' wieħed jagħti sena

wara sena? Jeżisti lok fejn l-eżami qed isir prevedibbli? Dan iwassal biex l-eżami jitlef l-awtorevolezza tiegħu u jsir inqas serju?

Waqt l-intervisti, is-Sur Vassalli stqarr li bħalissa għaddejjin minn fażi "ta' sillabi bbażati fuq x'm'għandekx bżonn" li, konxjament, naqqset l-importanza mogħtija lil-Letteratura Maltija (App. 4:6). Dawn il-proċessi ta' *narrowing down of the curriculum,* skont Berliner (2011, p. 293) ħallew effetti ħżiena fuq l-istudent u fuq l-ammont ta' tagħlim li dan jirċievi, kemm fl-Istati Uniti u kif ukoll fir-Renju Unit. Sfortunatament, l-istudenti fil-livell postsekondarju jkunu mistennija li f'moħħhom għandhom għarfien tal-karriera li jixtiequ jkomplu mexjin fiha (MEDE, 2017). B'dawn ir-restrizzjonijiet, inkluż ta' għażliet li jagħmluhom fit-tieni sena tas-sekondarja, l-istudenti qegħdin jiġu mogħtija rotta kkalkulata minn qabel li tirrestrinġi l-għażliet tagħhom u tillimita l-possibilità li jagħmlu xi tibdil.

B'hekk, wieħed jista' jargumenta li, b'dan il-mod, l-istudenti qed jingħataw direzzjoni f'rotta ristretta, li ddewwaqhom għarfien magħżul iżda tħallihom neqsin minn għarfien ieħor. Dan l-argument iressqu Cosgrove (1995) meta jistqarr li l-istudenti għandhom jagħmlu r-rotta tagħhom huma, u mhux isibu r-rotta lesta, u metaforikament, iduru mal-ixkafef ta' xi ħanut u jieħdu l-prodotti minn fuq l-ixkafef. Għalkemm dan l-argument akkademiku, kif tirrimarka Akhter (2014), jitlob li l-istudent jiddeċiedi r-rotot tiegħu abbażi ta' x'jiswa l-aktar għalih u xi jħoss li hu sinifikanti għall-futur tiegħu, wieħed ma jistax jinsa d-diffikultajiet, marbuta mal-loġistika, mal-ippjanar

u mal-assessjar, li dan il-metodu jista' jġib miegħu. Biex inżid mal-argument ta' Akhter (2014), wieħed ma jistax jinsa l-fatt ukoll li xi studenti, speċjalment fil-livell Intermedju, ikunu għażlu dan is-suġġett fuq lingwi oħrajn li f'għajnejhom huma aktar diffiċli u jitolbu aktar impenn minnhom. Fi kliem ieħor, student jista' jkun li għażel il-Malti għaliex mhuwiex suġġett li jirrikjedi ammont qawwi ta' tagħlim bl-amment, u għandu struttura ta' eżami bbażata fuq komponimenti. B'hekk, kontra l-argument ta' Cosgrove (1995), student ikun għażel suġġett minħabba li jitlob inqas xogħol, u mhux għax huwa neċessarju għall-futur tiegħu.

F'kummenti simili, is-Sur Buonamico u s-Sur Saydon (App. 7:6; App. 10:5) esprimew is-sentiment tagħhom li fil-passat, saħanistra fil-livell Ordinajru, apparti għadd akbar ta' poeżiji u testi ta' proża, kienu jiġu mgħallma l-*Erba' Drammi* ta' Calleja (1978). Mill-banda l-oħra, ġie nnotat li llum ma jiġi mgħallem ebda dramm sal-aħħar sena tas-sekondarja, li eventwalment, jiġi eżaminat fl-eżami taċ-ĊES. Dan kapaċi jwassal biex sezzjoni ta' studenti li ma jkomplux jistudjaw jew li ma jagħżlux il-Malti fil-livell Avvanzat jew Intermedju, jistgħu ma jkunux ġew evalwati jew tal-anqas qraw, dramm bil-Malti. Mil-lat oppost, is-Sur Caxaro kien l-unika għalliem li rrimarka li l-firxa aktar wiesgħa ta' temi u ta' riżorsi, u l-fatt li l-eżami huwa ta' disa' sigħat mifrux fuq tliet karti, juru li l-importanza lejn il-Malti żdiedet maż-żminijiet (App. 6:8).

### *3.2.2 L-importanza mogħtija mill-istudenti lil-letteratura*

Sedgwick (2003) jistqarr li l-poeżija (u f'dimensjoni aktar wiesgħa, il-letteratura) tinsab fiċ-ċentru tal-lingwa u t-taħdit, u għaldaqstant, fiċ-ċentru ta' dak li jagħmel bniedem. Ġaladarba fil-lezzjonijiet jiġu trattati u analizzati testi letterarji varji, inkonxjament wieħed ikun qiegħed iħares lejn esperjenzi u tiġrib mill-ħajja tal-bnedmin. Dan il-fatt huwa rifless fit-temi li jipproponu s-sillabi tal-livell postsekondarju, jiġifieri l-Ġens Malti, il-Pajsaġġ, u r-Relazzjonijiet Umani (App. 13; App. 14). F'dan il-kuntest, Collie u Slater (1987) jikkummentaw li l-għalliema għandhom jippjanaw attivitajiet individwali, imma wkoll oħrajn fi grupp, li jistimolaw lill-istudenti biex ikunu parteċipi, jesprimu l-opinjonijiet tagħhom u jimirħu f'perspettivi differenti.

Kif jistqarru numru ta' għalliema, l-aktar is-Sur Wizzino (App. 5:4), is-Sur Inglott (App. 9:10) u s-Sur Wettinger (App. 11:4), l-istudenti jaraw l-istudju tal-letteratura bħala kastig jew bħala xi ħaġa ta' bilfors jew saħansitra żejda. Fattur li jista' jgħin biex l-istudenti jirrispondu aħjar għas-suġġett u juru livell għoli ta' respons waqt il-lezzjonijiet, skont Hoyt-Oukada (2003), huwa li dawn ikunu parteċipi fit-tfassil tas-sillabu . B'hekk, il-perspettivi tal-istudenti jkollhom parti ċentrali u integrali mit-tagħlim stess li jkunu qed jirċievu, u dan iwassal biex ikunu qed jesperjenzaw kurrikulu li huwa bbażat fuq il-ħsibijiet u l-bżonnijiet tagħhom stess. Fix-xena lokali, iżda, dan il-proċess jinħass utopiku wisq, għaliex ir-realtà turina li lanqas l-għalliema kollha ma jkunu involuti f'dan il-proċess ta' tfassil, aħseb u ara l-istudenti.

Minħabba l-fatt li numru ta' studenti ma juru ebda entużjażmu partikolari lejn il-letteratura, imma minflok jispiċċaw jaċċettawha għaliex hija parti mill-eżami, l-element ta' pjaċir li tippreżenta jisfa mitluf. Għaldaqstant, il-gost li toffri qiegħed jittappan mill-fatt li din hija parti mit-tagħlim impost fuq l-istudent f'forma ta' tagħlim u assessjata abbażi ta' eżami summattiv. Ma' dan l-argument, Mullins (1995) jistqarr li huwa diżastruż meta l-istudenti jaraw il-letteratura bħala parti mill-eżami u mhux bħala parti minnhom u minn ħajjithom. Dan għaliex il-letteratura tibqa' estranea u mhux internalizzata mill-istudent, xi ħaġa li tista' twassal għal nuqqas ta' apprezzament, ta' fehim u ta' kuxjenza lejn ix-xogħol innifsu.

Ir-respons tal-għalliema meta mistoqsija dwar l-importanza li jagħti l-istudent kienu relattivament komuni. Dan għaliex, fil-maġġoranza tagħhom, l-għalliema stqarrew li l-istudenti ftit li xejn jagħmlu sforz, għajr dawk il-waħdiet jew l-eċċezzjonijiet li juru interess. Cartens (1989) innotat li aktar minn nofs l-istudenti li kienet tgħallem kienu juru frustrazzjoni u nuqqas ta' parteċipazzjoni fil-lezzjonijiet tal-letteratura, bil-konsegwenza li dawn jkunu diżinteressati u mhux ippjanati biżżejjed għall-eżami. Kien komuni wkoll il-kumment li, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qed tonqos il-ħeġġa fost l-istudenti minħabba li dawn huma aktar mehdija b'affarijiet oħra. "Ħafna drabi l-letteratura ssir uff xi dwejjaq ..." u "... jaqraw biss dak kollu li għandu x'jaqsam mal-eżami, meta jaqrawh. Daż-żmien, biċċiet mill-istudenti, għandhom *part-time job"* kienu kummenti tas-Sur Inglott (App. 9:9), waqt li s-Sur Buonamico (App. 7:5) stqarr li n-nuqqas ta' importanza ġejja mill-fatt li l-istudenti ma jaqrawx, u ma'

dan qabel ukoll is-Sur Ropa (App. 8:6). F'dan ir-rigward, anke fi studji oħra, ikun propizju li wieħed jistħarreġ jekk dan in-nuqqas ta' interess u ta' ħeġġa fost l-istudenti huwiex sinonimu mal-età tal-adolexxenza, jew inkella marbut mat-tagħlim tal-letteratura.

### *3.2.3 L-importanza mogħtija mill-għalliema lil-letteratura*

Kif inhu maħsub u miktub is-sillabu, ftit li xejn jagħti lok li l-għalliema jagħmlu l-għażliet tagħhom ta' testi jew xogħlijiet letterarji, kemm fl-għażla mill-ġabra *Il-Poeżija Maltija* (Friggieri, 2004) u aktar u aktar, fl-għażla tal-monografiji. Il-poeżiji jridu jiġu magħżula minn antoloġija li minnha nnifisha, għandha l-limitazzjonijiet ta' poeti u ta' poeżiji, jew minn kotba b'numru ta' poeżiji tal-istess poeta. Dan stqarrewh, fost l-oħrajn is-Sur Caxaro meta tenna li "dan hu wieħed mil-limiti li timponi monografija fuq l-għalliem. M'għandekx għażla!" (App. 6:41). Is-Sur Wettinger, f'kummenti simili, iżda dwar it-tagħlim permezz tal-antoloġija, irrimarka li "aħna ngħallmu kotba li fihom tkun diġà saret għażla ta' poeżiji, jiġifieri l-għażla tagħna hi limitata" (App. 11:19). B'hekk, dan is-sens ta' nuqqas ta' libertà u ta' għażla li jinħass fost l-istudent, huwa wkoll ħaj fost l-għalliema meta jiġu biex jagħżlu t-testi letterarji li ser jgħallmu matul is-sena (App. 5:17). Din ir-restrizzjoni, minn dak li stqarr is-Sur Wizzino, tista' tkun ta' detriment għal xi għalliema, li sena wara sena jkollhom jgħallmu l-istess xogħlijiet letterarji.

Żewġ għalliema ta' esperjenza twila, is-Sur Caxaro u s-Sur Wettinger, stqarrew li l-importanza mogħtija mill-għalliema lil-Letteratura Maltija kienet waħda kostanti

matul is-snin, għajr xi bidliet kif jiġu mgħallma ċerti aspetti letterarji. Mill-intervisti ħareġ li l-għalliema dejjem taw l-importanza meħtieġa lit-tagħlim tal-letteratura – mill-intervisti ħareġ biċ-ċar li kollha jemmnu li l-letteratura għandha tiġi mgħallma lill-istudenti – u dan jista' jkun ġej mill-fatt li l-għalliema intervistati ilhom għal numru ta' snin jgħallmu l-Malti f'dan il-livell. B'hekk, l-esperjenza flimkien ma' doża akbar ta' kunfidenza, jagħmlu l-proċess tat-tagħlim tal-letteratura aktar naturali. Dan is-sens ta' serħan fost l-għalliema, skont Makovec (2018), huwa bbażat fuq il-fatt li għalliema li jkun ilhom ammont ta' snin jgħallmu suġġett partikolari jiksbu aktar kunfidenza, imma fl-istess waqt, ikunu aktar xettiċi u konservattivi għal tibdil fit-tagħlim.

## 3.3 L-effetti tal-letteratura

Biex it-teżi tilħaq wieħed mill-għanijiet tagħha, jiġifieri tistħarreġ l-attitudnijiet tal-għalliema lejn testi letterarji li jinkludu lehmiet u temi eżistenzjali, jeħtieġ li jiġu mistħarrġa l-effetti li dawn ix-xogħlijiet letterarji jħallu fuq min qed jgħallimhom, u kif ukoll, fuq min qed jaqrahom. Għaldaqstant, l-emozzjonijiet u l-burdati, skont Koerrenz (2018), huma parti importanti mill-proċess tat-tagħlim;huwa jisħaq li "thought and feeling, emotion and cognition, are all inseparable" (p. 53).

Skont Sedgwick (2003), meta bniedem jiltaqa' ma' test letterarju għall-ewwel darba, il-kliem li hemm stampat fuq il-karta ma jibqax sempliċement test miktub, imma jieħu l-ħajja ġaladarba l-qarrej (kemm l-għalliem, kif ukoll l-istudent) jiddjaloga miegħu jew jagħmlu tiegħu. F'dan il-kapitlu ser jiġu mistħarrġa żewġ kunċetti

differenti: is-sitwazzjonijiet meta l-istudenti jaħkmu t-test u jinternalizzawh; u kif ukoll, il-metodi differenti li jużaw l-għalliema fil-livell postsekondarju sabiex il-lezzjonijiet tal-letteratura jingħataw il-ħajja u jkunu rilevanti għall-istudenti.

### *3.3.1 L-effetti li l-letteratura tħalli fuq l-istudent*

Wieħed mill-proverbji bil-lingwa Ingliża jgħid li "you can lead a horse to water, but you can't make it drink". Għaldaqstant, għalkemm l-għalliem jagħmel l-isforz kollu biex l-istudent jagħmel it-test parti minnu u jirrelata personalment miegħu, huwa l-istudent li għandu l-awtorità sabiex dan il-proċess ikun attwat. L-internalizzazzjoni tat-test letterarju tista' ssir jekk, skont Roast et al. (2002), l-għalliem jinkorpora fil-lezzjoni l-esperjenzi, l-għarfien u l-*feedback* tal-istudenti tiegħu. Meta jiġri hekk, skont Sedgwick (2003), it-test jieħu l-ħajja, bħalma orkestra tagħti l-ħajja lil biċċa mużika meta tindaqq mill-mużiċisti, mhux meta tkun fuq il-karta biss. Anke Iser (1993) jirrimarka li f'xogħlijiet letterarji, meta l-qarrej "jikkomponi" x-xogħol, ikun qiegħed jagħtih il-ħajja u jagħmlu parti minnu (p.31). Is-Sur Buonamico jiddikjara li dawk l-istudenti li jaqraw u juru interess, "nimmaġina li jiġu affettwati [mil-letteratura]" (App. 7:6). Dan il-kumment juri kemm l-importanza tal-qari (ara 3.4) hija kruċjali fil-pass fejn l-istudent jinternalizza t-test u jirrelata miegħu.

Tema komuni li, tista' tgħid, ħarġet mill-intervisti kollha hija r-rabta bejn il-letteratura u l-ħajja. Abrams (1995) tistqarr li l-letteratura tittollera li tagħmel referenza għall-ħajja kollha. Għaldaqstant, silta letterarja, kemm jekk poeżija, storja,

rumanz jew dramm, din "qed titkellem fuq l-umanità, fuq il-bniedem" (App. 5:12). Fuq din il-linja, is-Sur Vassalli stqarr li l-letteratura, ġaladarba tinħass valida, "tħalli impatt fih [l-istudent] ... [li] jibqa' ħafna iktar minn dik is-siegħa, sagħtejn" (App. 4:7). Għaliex il-letteratura titkellem dwar il-ħajja u dwar l-esperjenzi li jġarrab u jgħaddi minnhom il-bniedem, skont is-Sur Ropa, direttament jew indirettament din tkun qed tippreżenta "esperjenzi li intom jew għaddejtu minnhom diġà, jew qed tgħaddu minnhom bħalissa, jew li għad tgħaddu minnhom" (App. 8:8). B'hekk, it-tagħlim tal-letteratura ma jinħassx bħala parti mill-eżami biss, imma bħal donnu, kif jistqarr is-Sur Ropa fl-istess tweġiba, li l-letteratura "tgħinhom biex isiru bnedmin u ċittadini aħjar" (App. 8:8).

#### *3.3.1.1 Fuq l-istudent bħala bniedem*

Fit-tweġiba tiegħu għall-mistoqsija dwar l-effett li l-letteratura tħalli fuq l-istudent, is-Sur Wettinger stqarr li huwa kruċjali l-pass li l-għalliem jorbot it-test mal-esperjenzi tal-istudent, mal-ħajja ta' kuljum (App. 11:6). Dan il-fatt tenfasizzah Akhter (2014) meta tistqarr li filosfi Eżistenzjalisti jemmnu li l-poeżija, tikxef ir-realtà, il-ħsus u l-emozzjonijiet li jinsabu fil-fond tal-qalb tal-bniedem, u tagħtihom forma u struttura letterarja. B'hekk, skont is-Sur Saydon, il-letteratura "tkun ippenetratilhom ruħhom" u "tkun għenet fil-formazzjoni tal-karattru tagħhom" (App. 10:6). Is-Sur Wizzino jistqarr li ngħallmu l-letteratura għax din tgħaddi valuri professjonali li jintużaw 'il quddiem fil-ħajja tal-istudenti (App. 5:2). Fi kliem ieħor, il-letteratura, meta moqrija b'qari attiv u internalizzata mill-istudent, din kapaċi tħeġġeġ lill-istudenti biex jaħsbu, janalizzaw bir-

reqqa, jevalwaw, iqanqlu l-emozzjonijiet, ikunu konċiżi u jinterpretaw fost l-oħrajn. Dawn huma kollha kwalitajiet, li xi darba jew oħra, jeħtieġ li jħaddmu fil-ħajja tagħhom ġaladarba jidħlu fid-dinja tax-xogħol jew imorru jgħixu għal rashom jew jibnu familja.

Tweġiba partikolari għar-raġunijiet wara t-tagħlim tal-letteratura kienet li din tħaddan u tidentifika valuri Mediterranji li huma qrib tal-istudenti, u b'hekk it-tagħlim isir parti "mill-proċess ta' maturità" (App. 6:2). Dan il-kunċett ta' Mediterranjetà u valuri fil-letteratura jikteb dwaru Grima (2009), meta jistqarr li l-letteratura għandna nħarsu lejha bħala organiżmu ħaj: "realtajiet lingwistiċi, soċjali, kulturali, u politiċi li jitfaċċaw meta l-kliem tal-poeżija jiltaqa' mal-kuxjenza ħajja" (p. 60). B'hekk, fuq prinċipji Eżistenzjali, l-għalliem għandu jippreżenta l-letteratura bħala organiżmu li huwa miktub f'post u fi żmien, u ma jħallix l-isfond bijografiku tal-poeżija barra. Grima (2009) jistqarr, li sfortunatament, numru ta' għalliema jħaddnu t-twemmin li l-fallaċja bijografika u l-kuntest storiku għandhom jitħallew barra mill-analiżi letterarja. Mill-banda l-oħra, iżda, Rosenblatt (1969) fuq il-prinċipji tal-Kritika l-Ġdida li jwarrbu għalkollox il-bijografija u l-qagħda storika tal-awtur, issostni li l-intenzjonijiet u l-evidenzi storiċi li mhumiex miktuba fit-test m'għandhomx ikunu parti mill-interpretazzjoni letterarja u jitħallew barra.

Għalkemm l-għalliema, fil-maġġoranza assoluta tagħhom, stqarrew li l-letteratura, ġaladarba internalizzata, tħalli effett fuq l-istudenti u fuq ħajjithom, xorta waħda jrid jiġi mill-istudent li jħalli x-xogħol letterarju jaffettwah b'dan il-mod. Ħafna

mill-istudenti jaraw it-tagħlim tal-letteratura bħala "kastig" jew bħala "parti mill-eżami biss", u b'hekk dan il-proċess ta' internalizzazzjoni ma jseħħx. Din l-isfida, flimkien ma' diffikultajiet oħrajn (ara 3.4), turi kemm in-numru ta' studenti li huma neqsin minn dan l-interess huwa sostanzjali. Dan jixhduh l-għalliema nfushom fl-intervisti, meta fost l-oħrajn, jistqarru li hemm "ftit entużjasti" (App. 10:7) jew "ma rajtx interess kbir fil-letteratura kemm ili ngħallem jien" (App. 7:5). Dan in-nuqqas ta' interess fil-letteratura mhux faċli li wieħed isib is-sors tiegħu, għalkemm nispekula li l-għażla ta' testi li nkitbu numru ta' snin ilu flimkien ma' temi li l-istudenti ilhom mis-snin tas-sekondarja jaqraw dwarhom (l-ambjent, il-patrijottiżmu, il-mard u l-mewt) inaqqsu l-livell ta' interess fost l-istudenti Maltin u Għawdxin.

### *3.3.2 L-effetti li l-letteratura tħalli fuq l-għalliem*

Sedgwick (2003) jafferma li sabiex l-għalliema jgħinu lill-istudenti jagħtu respons b'mod aktar b'saħħtu għall-poeżiji, jeħtieġ li huma stess jipprattikaw u jaħsbu fit-tweġibiet li jkunu qed jistennew. Dan għaliex, jista' jkollok għalliema li qed jispjegaw u janalizzaw testi letterarji li huma stess ma tgħallmuhomx meta kienu iżgħar. B'hekk, jeħtieġ li l-għalliema nfushom jidħlu fiż-żarbun tal-istudenti u jippreparaw irwieħhom għal-lezzjoni mill-perspettiva tal-istudenti tagħhom. Din il-preparazzjoni ma tistax tkun limitata għat-temi evidenti jew l-għodod letterarji użati mill-kittieb biss, iżda l-għalliem għandu jkun ippreparat u jaċċetta interpretazzjonijiet differenti. Ma' dan l-argument jaqbel is-Sur Wizzino, meta jistqarr li "ħafna għalliema [li] qegħdin jgħallmu l-letteratura li r-riċerka tagħhom ma jagħmluhiex" (App. 5:7). Dan iwassal biex l-

għalliema ma jippreżentawx lill-istudenti l-perspettivi jew it-temi l-aktar importanti marbuta mat-test (App. 5:10).

Effett ieħor li l-letteratura tħalli fuq l-għalliem huwa l-mod kif jipprepara u jagħmel il-lezzjoni tiegħu aktar interessanti u attraenti għall-grupp partikolari ta' studenti li jkollu quddiemu. Becker u Denicolo (2013) jistqarru li l-għalliem għandu, qabelxejn, jagħti ċans lill-istudenti biex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, anke jekk dawn ma jkunux korretti. Dan fid-dawl ta' prinċipji Eżistenzjali fejn l-istudenti jingħataw ċans, għax huma liberi u għax jappartjenu f'komunità li tistrieħ fuq prinċipji demokratiċi u ta' diskussjoni, li jistqarru l-opinjonijiet, it-tiġrib u t-twemmin personali tagħhom. Ma' dan l-argument jaqbel McLaren (1994) meta jistqarr li l-pedagoġija addottata fil-lezzjonijiet għandha tpoġġi fuq quddiem l-esperjenzi u l-vuċijiet tal-istudenti. Jekk l-istudenti jingħataw vuċi f'kuntest edukattiv, din twassal għal-livell għola ta' motivazzjoni u ta' determinazzjoni (Toshalis & Nakkula, 2012).

Anke jekk l-għalliema intervistati jaqblu li l-istudenti huma intitolati għall-opinjoni tagħhom (App. 4:23; App. 7:20), il-maġġoranza assoluta tal-intervistati stqarrew miegħi li fil-lezzjonijiet tal-letteratura, huma ftit l-istanzi fejn l-istudenti jipparteċipaw b'mod attiv. Dan in-nuqqas ta' parteċipazzjoni u ta' interess fost l-istudenti jwassal biex l-għalliema, minflok jagħmlu lezzjonijiet li jivolvu d-diskussjonijiet u l-parteċipazzjoni (Becker & Denicolo, 2013), jispiċċaw biex jagħmlulhom  priedki jew lekċers li min-natura tagħhom jitolbu li l-istudent jisma' biss.

Is-Sur Buonamico rrimarka li l-istudenti "jistennew lilek tgħid flok jieħdu l-inizjattiva huma" (App. 7:19), waqt li s-Sur Vassalli ddikjara li l-maġġoranza tal-istudenti Maltin "jippreferu jisimgħu" (App. 4:23). Dan il-fattur preżenti, tista' tgħid, fl-istituzzjonijiet kollha postsekondarji f'Malta, jaffettwa ħafna l-mod kif l-għalliema jippreparaw lilhom infushom u jippjanaw il-lezzjonijiet tagħhom. Nissuspetta iżda, li għalkemm l-għalliema ftit li xejn għamlu referenza għalihom, kemm id-daqs tal-klassi u kif ukoll l-ammont tal-istudenti jħallu effett fuq il-livell ta' parteċipazzjoni tal-istudenti. Fi klassi kbira, bħalma wħud mill-istituzzjonijiet edukattivi għandhom preżentement, wieħed isibha aktar diffiċli li jirrelata u jitkellem mal-istudenti, filwaqt li fi klassijiet ta' daqs medju, tkun iktar naturali u faċli għall-għalliem li jiddjaloga mal-istudenti tal-klassi (Brühwiler & Blatchford, 2011).

Perċezzjoni komuni fost l-għalliema intervistati kienet li huma jħossu li l-medda tas-sillabu, kif ukoll il-mod kif inhu ppreżentat iħalli effett fuq il-mod ta' kif jgħallmu (App. 4:23; App. 7:15; App. 8:39) Dwar dan, Cutajar (2011) tirrimarka li l-għalliema għandu jkollhom livell għoli ta' awtonomija fit-twettiq u l-interpretazzjoni tas-sillabu sabiex tiżdied il-motivazzjoni u t-twassil isir aktar b'mod effiċjenti. Din l-isfida, kif jistarr is-Sur Vassalli titlob li l-għalliem jipprepara "b'mod sħiħ [lill-klassi] għall-eżami" (App. 4:23) u biex wieħed jagħmel dan tajjeb irid jassigura li x-xogħol ikun sar fil-ħin u fid-dettall kif mistenni. Iżda jekk is-sillabu jkun vast ħafna – l-impressjoni mill-intervisti hija li dan huwa impenjattiv u jitlob ċertu sfida biex ilaħħaq kollox – dan kapaċi jwassal biex l-għalliema jaqtgħu għad-dritt u jgħawġu l-limiti tiegħu bil-għan li jippreparaw lill-

istudenti bl-aħjar mod possibbli għall-eżami. Skont Phelps (2011) it-tagħlim għall-eżami jwassal biex l-għalliema jużaw ammont konsiderevoli ta' ħin fuq l-istruttura tal-eżami u fuq kif l-istudenti għandhom iwieġbu l-mistoqsijiet, minflok jiddedikaw ħin għat-tagħlim tas-suġġett innifsu.

## 3.4 Xi sfidi marbuta mat-tagħlim tal-letteratura

Kif jistqarru l-għalliema nfushom, huwa minn ewl id-dinja li t-tagħlim tal-letteratura fil-livell postsekondarju jġib miegħu ammont ta' sfidi, li fil-maġġoranza tagħhom, iħallu effett fuq l-andament tal-lezzjoni u l-esperjenza tal-istudenti fil-qasam edukattiv li jinsabu fih.

### *3.4.1 L-apatija studenteska preżenti f'Malta*

Waħda mid-diffikultajiet hija n-nuqqas ta' interess u ta' parteċipazzjoni fost l-istudenti. Mullins (1995) jistqarr li għalih hija frustranti ħafna li l-istudenti li jgħallem m'għandhom ebda interess fil-poeżija. Aġġettivi li nqeda bihom is-Sur Wettinger biex jiddeskrivi dan in-nuqqas ta' aptit fost l-istudenti jinkludu "bruda", "apatija kbira", u "nuqqas ta' ħeġġa" (App. 11:8). Dan iwassal biex l-għalliema jitilfu l-motivazzjoni tagħhom: "[in-nuqqas ta' ħeġġa] kiefra wisq u lill-għalliem ma timmotivahx" (App. 11:8). Waqt li fl-istudju ta' Shen et al. (2015) jidher li bejn livelli għolja ta' għeja fost l-għalliema u l-motivazzjoni tal-istudenti hemm xi tip ta' relazzjoni, Friedman (1995) jiddikjara li l-imġiba tal-istudenti fil-klassi hija l-fattur ewlieni li ġġiegħel l-għalliema

jħossuhom eżawsti u stressjati. Is-Sur Ropa, irrimarka li waħda mill-isfidi li jaffronta fit-tagħlim tal-Letteratura Maltija hija l-għażż fost l-istudenti, filwaqt li s-Sur Buonamico stqarr li kemm ilu jgħallem, qatt ma ra interess kbir fil-letteratura (App. 8:9; App. 7:5). Ma' dan in-nuqqas ta' interess fost l-istudenti, is-Sur Saydon jattribwixxi l-użu frekwenti tat-teknoloġija, fejn l-istudenti waqt il-lezzjonijiet jagħmlu użu eċċessiv tal-mowbajls u tal-laptops: "[dawn] itellfu drastikament u jbaxxu l-livell ta' attenzjoni u l-involviment tal-istudenti waqt il-lezzjonijiet" (App. 10:7). Għaliex l-istudenti ma jipparteċipawx u ma jurux l-interess mistenni waqt il-lezzjonijiet tal-letteratura, ħafna mil-lezzjonijiet jispiċċaw jieħdu l-forma ta' lekċers (ara 3.3.2). Ma' dan il-kumment ta' min iżid ir-rimarka tas-Sur Wizzino, meta stqarr li l-ikbar sfida għalih hija li tfiehem lill-istudenti l-importanza u l-bżonn ta' dawn it-testi: "X'nambiha? Għalfejn għandi bżonn nistudja lil Mario Azzopardi ... lil Friggieri?" (App. 5:13).

### *3.4.2 L-għażla tat-testi letterarji mgħallma*

Keshtiaray et al. (2012) jisħqu li bil-bidliet li jseħħu kontinwament, il-kurrikulu f'livell ta' postsekondarja għandu jirrifletti l-interessi, il-motivazzjonijiet u l-attitudnijiet tal-istudenti. Dan in-nuqqas ta' tibdil huwa rifless fuq l-għalliema f'Malta, hekk kif sfida oħra li skont ħafna għalliema tħalli effett fuq il-lezzjonijiet u fuq it-tagħlim hija l-għażla tat-testi. Minħabba l-fatt li kif inhu mfassal is-sillabu jagħti (kważi) ftit awtonomija u lok għall-għażla, dan iwassal biex l-għalliema jkollhom jirrikorru għal numru limitat ta' testi li jidħlu fit-tliet temi mgħallma f'dan il-livell, jiġifieri r-Relazzjonijiet Umani, il-Ġens Malti u l-Pajsaġġ (App. 13; App. 14). Għas-Sur Wizzino, dawk it-testi li mal-ewwel

daqqa t'għajn l-istudent isibha diffiċli biex jifhem, waqt li s-Sur Vassalli u s-Sur Caxaro stqarrew li dawk it-testi li jinħassu 'l bogħod mill-istudent joffru sfida kbira biex żagħżugħ ta' bejn sittax u tmintax-il sena jirrelata magħhom (App. 5:14; App. 4:10; App. 6:11). Jekk, iżda, is-sillabu jirrikonoxxi r-realitajiet u l-esperjenzi personali tal-istudenti, skont Keshtiaray et al. (2012), it-tagħlim awtomatikament iħalli effett aktar qawwi fuq il-ħajja ta' min qiegħed jitgħallem.

L-għażla tat-testi, skont is-Sur Caxaro, qed twassal biex l-istudenti jistudjaw testi qodma minflok jaqraw kittieba u "awturi kontemporanji validi ħafna [u] li qed jiġu injorati minħabba li t-testi tagħhom jinkludu lingwaġġ vulgari" (App. 6:11). Dan jidher hekk kif fil-ġabra ta' Friggieri (2004), l-aktar poeti riċenti huma Adrian Grima, Immanuel Mifsud u Joseph Buttigieg li twieldu madwar ħamsin sena ilu u li ġew magħżula fuq poeti oħrajn li kienu jiktbu fl-istess żmien, waqt li aktar minn ħamsin fil-mija tal-poeti f'din l-antoloġija huma mejtin jew mietu wara s-sena tal-pubblikazzjoni. Ta' min isemmi wkoll li kemm l-awtur tar-rumanz (Ġużè Ellul Mercer), l-awtur tan-novelli (Lino Spiteri), u kif ukoll, wieħed miż-żewġ drammaturgi (Francis Ebejer) ħallew din id-dinja. Xi kritiċi iżda jsostnu li xogħlijiet letterarji ta' ċertu livell, speċjalment dawk meqjusa bħala kanoni letterarji, għandhom ikunu parti mill-kurrikulu u jiġu studjati mill-istudenti (Dallacqua & Shehan, 2018).

### *3.4.3 Sfidi tematiċi u testwali*

Jekk numru ta' testi jinħassu diffiċli jew qodma żżejjed sabiex jiġu mgħallma, wieħed jista' jsemmi li xi temi huma wkoll ta' sfida għall-għalliema u għall-istudenti f'dan il-livell partikolari. Ir-respons tal-għalliema intervistati kien wieħed varjat, fejn kien hemm xi għalliema – fosthom is-Sur Vassalli, is-Sur Buonamico u s-Sur Saydon – li stqarrew li ma jsibux diffikultà jgħallmu xi temi, waqt li għalliema bħas-Sur Wizzino, is-Sur Ropa u s-Sur Wettinger iħossu li hemm xi temi li m'għandhomx jiġu mgħallma f'dan il-livell akkademiku. Mill-intervista tas-Sur Buonamico ħareġ li, meta f'ċerti lezzjonijiet għallem testi li jitkellmu b'mod dispreġjattiv kontra l-Mislem, għalkemm ħassu skomdu għaliex kien evidenti li kien hemm studenti Musulmani fil-klassi, xorta waħda għallem dawn it-testi wara li jkun ikkwalifika d-diskors u għadda preambolu dwar it-tema trattata (App. 7:9). Dan għandu jwassal biex l-istudenti, skont Cervetti et al. (2001), jifhmu li t-test letterarju għandu jittieħed f'kuntest soċjali, storiku u politiku, u mhux bħala l-intenzjoni personali tal-awtur.

Mill-banda l-oħra, is-Sur Ropa jemmen li test li jinkludi temi ta' natura sesswali jew li jinkludi kliem vulgari mhuwiex adattat għal studenti tas-snin tal-postsekondarja, u tenna li hemm temi u testi aktar adattati (bħal pereżempju *L-Istejjer tar-Ronnie)* għal studenti ta' din l-età (App. 8:36). Tal-istess opinjoni kien is-Sur Wettinger, li għalkemm għaraf il-fatt li ma jsibx diffikultà sabiex jgħallem it-temi, ma jasalx jippreżenta "xi kritika letterarja fuq letteratura erotika" (App. 11:33). Dan in-nuqqas ta' qbil fost l-għalliema juri kemm l-awtonomija fost l-għalliema hija sikkina li taqta' miż-żewġ

naħat; minn banda għandek il-fatt li l-għalliema huma liberi jagħmlu ġudizzju u jagħżlu huma t-testi li jgħallmu, u mill-banda l-oħra, minħabba ġudizzji personali ħżiena jew minħabba morali, xi studenti jitħallew nieqsa minn temi preżenti fil-Letteratura Maltija. Dan jista' jseħħ meta xi għalliema, biex jevitaw polemiki, ma jgħallmux testi li jittrattaw temi bħar-razziżmu, jew l-antisemitiżmu, inferenzi li huma komuni l-aktar f'testi Romantiċi tal-ewwel nofs tas-Seklu Għoxrin, imma wkoll temi attwali li l-istudenti jiltaqgħu magħhom ta' kuljum fl-aħbarijiet u f'kummenti fuq siti soċjali.

### *3.4.4 In-nuqqas ta' qari fost l-istudenti*

Fenomenu komuni li deher fil-maġġoranza tal-intervisti huwa n-nuqqas ta' qari fost l-istudenti fil-livell postsekondarju f'Malta u f'Għawdex. Ta' min isemmi li għalkemm din ma kinitx mistoqsija ppjanata fl-intervisti, ġaladarba wieħed mill-għalliema stqarr din id-diffikultà, ħassejt li wieħed għandu jara l-effett li dan iħalli fuq l-għalliema u fuq il-mod kif jippjanaw il-lezzjonijiet tagħhom. Jekk kien hemm kumment dirett dwar din id-diffikultà kien dak tas-Sur Buonamico, meta stqarr li "Malta qiegħda fil-qiegħ ta' kemm hemm nies mill-popolazzjoni li jaqraw" (App. 7:5). Minn statistika tal-Eurostat (2018) jidher biċ-ċar dan, hekk kif f'sena l-ispiża għal kotba, gazzetti u prodotti relatati tammonta għal 0.7% tal-ispiża totali ta' kull familja, waqt li l-medja Ewropea hi ta' 1.1%, b'pajjiżi bħas-Slovakkja (2.1%) u l-Ġermanja (1.6%) b'numri ferm ogħla minn ta' Malta. Dwar dan in-nuqqas ta' qari, is-Sur Caxaro rrimarka li n-nuqqas ta' qari jwassal biex l-istudenti jhedew ifittxu l-esejs mudell minflok jaqraw it-testi nfushom, waqt li s-Sur Buonamico saħansitra ddikjara li ltaqa' ma' studenti li jwieġbu mistoqsijiet dwar

testi li ma jkunux qraw (App. 6:11; App. 7:4). Għalkemm fl-intervisti ma ssemma qatt, il-fattur li xi studenti jattendu l-lezzjonijiet tal-privat, kapaċi jħalli effett fuq l-imġiba u l-attitudni tal-istudenti fil-klassi. Dan għaliex l-istruttura tal-eżami tippermetti li jekk student jitgħallem numru ta' komponimenti bl-amment u jistħarreġ lilhom, kważi kważi jkun garantit marka tajba fl-eżami finali. B'hekk, għaliex konxji mill-fatt li fil-lezzjonijiet tal-privat (jew bis-saħħa ta' noti stampati li huma disponibbli fis-suq) ser iduru dawn l-esejs mudell, l-istudenti saħansitra ma jaqrawx id-dramm jew ir-rumanz kollu.

Kif imsemmi f'3.4.1, kemm is-Sur Saydon, is-Sur Ropa u s-Sur Inglott qalu li t-teknoloġija użata ħażin jew b'mod eċċessiv, kif ukoll il-mod ta' għajxien tal-istudenti llum, ħallew impatt ħażin fuq il-livell ta' qari taż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin. L-implikazzjonijiet ta' dan in-nuqqas ta' qari jistgħu jkunu varji, kemm għaliex l-istruttura tal-eżami titlob li l-istudent jaqra b'mod dettaljat ftit testi (b'oppożizzjoni għall-qari wiesa' u mifrux). Dan huwa rifless ukoll, kif skont Wigfield et al. (2016), jekk l-istudenti ma jkollhomx għażla wiesgħa ta' kotba, dan kapaċi jwassal biex il-motivazzjoni tonqos. L-istruttura tas-sillabu, li fil-livell Intermedju ma' toffri l-ebda għażla, u fil-livell Avvanzat toffri l-possibilità bejn rumanz u ġabra ta' stejjer qosra, kapaċi jaffettwaw il-livelli ta' qari fost l-istudenti.

## 3.5 Xi kummenti konklużivi

Minn dan il-kapitlu analitiku ħarġu numru ta' punti ta' diskussjoni marbuta mat-tagħlim tal-letteratura. Wieħed isemmi l-fatt li t-tagħlim tal-letteratura għandu għeruq sodi fis-sillabu tal-postsekondarja, fejn il-maġġorparti tas-sigħat fl-eżami tal-Matrikola huma ddedikati għal din it-taqsima. Mis-sillabu analizzat u mir-respons tal-għalliema, jinħass li l-Letteratura Maltija għandha ċertu importanza. Din hija riflessa fl-ammont ta' materjal rikjest mis-sillabu u fil-ħin fl-eżami ddedikat għal-letteratura, li jiżboq dak maħsub għal-lingwa u l-lingwistika. Punt ieħor ta' diskussjoni li ħareġ mill-intervisti huwa l-importanza li fil-lezzjonijiet, l-għalliema kontinwament jagħmlu t-testi letterarji relevanti għall-ħajja tal-istudenti, sabiex jiffaċilitaw il-fehim, u kif ukoll, iqarrbu dawk it-testi li qegħdin tematikament 'l bogħod mill-istudent u l-esperjenzi li jġarrab. Finalment, ħareġ biċ-ċar kemm in-nuqqas ta' interess fost l-istudenti, flimkien man-nuqqas ta' qari u ħerqa għall-apprezzament tal-letteratura, huma sfidi li l-għalliema f'dan il-livell (għalkemm nassumi li anke fil-livelli l-oħra, kemm dawk bikrin, kif ukoll f'livelli ogħla) jiltaqgħu magħhom ta' kuljum. Kif stqarrew l-għalliema nfushom, dan il-fattur iħalli impatt fuq il-kwalità tat-tagħlim, fuq il-parteċipazzjoni tal-istudent waqt il-lezzjoni, kif ukoll fuq il-motivazzjoni tal-għalliema.

# Ir-raba' kapitlu

# Il-lezzjoni tal-Letteratura Maltija: L-esperjenzi tal-għalliema

## 4.1 Xi kummenti introduttivi

Minbarra l-qafas teoretiku marbut mal-kurrikulu u s-sillabu li ġie diskuss fir-raba' kapitlu, il-qofol tat-tagħlim tal-Letteratura Maltija jiġi esperjenzat mill-istudenti waqt il-lezzjonijiet infushom. Dawn ġew magħżula abbażi tal-informazzjoni miġbura fl-intervisti lill-għalliema, fid-dawl tal-fatt, li huwa diffiċli li wieħed jiddiskuti u janalizza l-aspetti 'kollha' tal-lezzjoni tal-letteratura. Dawk magħżula jinkludu: xi varjetajiet bejn lezzjonijiet tal-livell Avvanzat u tal-livell Intermedju; ir-relazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti; l-imġiba u r-respons tal-istudenti waqt il-lezzjoni, b'ħarsa fil-fond lejn l-interpretazzjonijiet, l-opinjonijiet u l-mistoqsijiet tagħhom; u fl-aħħar, l-użu tal-esperjenzi personali tal-għalliema u tal-istudenti fil-lezzjonijiet.

## 4.2 Il-varjetà bejn il-livell Avvanzat u Intermedju

Għalkemm il-materjal mgħallem fil-livell Avvanzat u l-livell Intermedju huwa kważi l-istess, kif mistenni, il-firxa tax-xogħol mitlub fiż-żewġ livelli ta' studju hija kemxejn differenti. F'tabella 2 hawn spjegat il-varjazzjonijiet bejn iż-żewġ livelli:

| Taqsima | Livell Avvanzat | Livell Intermedju |
|---|---|---|
| Il-poeżija | Qari ta' għoxrin poeżija għal kull tema + studju ta' monografija | Għarfien ta' għaxar poeżiji għal kull tema |
| In-narrattiva | Għarfien ta' ġabra ta' novelli jew ta' rumanz | Għarfien ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir* |
| Id-drama | Għarfien ta' dramm (għażla bejn *Menz* jew *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta*) | Għarfien ta' *Menz* |
| L-eżami (tal-letteratura) | Żewġ karti ta' tliet sigħat(karta li tinkludi l-antoloġija, il-monografija u l-kritika tal-poeżija, u karta li tinkludi d-dramm, ir-rumanz/novella u l-kritika tal-proża | Karta ta' tliet sigħat (li tinkludi l-lingwa u l-lingwistika) |
| L-għadd ta' komponimenti | Sitt komponimenti | Żewġ komponimenti |

Tabella 2: Id-differenzi bejn l-eżami fil-livell Avvanzat (2018) u l-livell Intermedju (2018)

Fil-livell Avvanzat, l-istudenti huma mitluba jiktbu esejs fuq: il-poeżiji, il-monografija, id-dramm, u n-narrattiva. Fil-livell Intermedju, l-istudenti jintalbu jwieġbu żewġ komponimenti biss: wieħed dwar il-poeżija, u ieħor fejn jagħżlu bejn ir-rumanz u d-dramm. Dan il-fattur jista' jwassal, biex xi studenti tal-livell Intermedju, jagħżlu li jiffokaw fuq test wieħed biss, konxji tal-fatt li ser ikollhom għażla ta' żewġ titli dwar ix-xogħol li jkunu studjaw. Dan il-qtugħ għad-dritt fl-eżami tal-Malti jkompli jirrinforza l-argument imsemmi f'4.2.1, jiġifieri, li xi studenti jistgħu jagħżlu s-suġġett għar-raġuni li t-tagħlim bl-amment ta' esejs mudell jista' jkun iċ-ċavetta ta' marka finali tajba. Kawża ta' dan it-tidjiq fis-sillabu u fil-materjal studjat, skont Berliner (2011), l-istudenti jispiċċaw jitgħallmu formoli u riċetti dojoq u l-għarfien veru tas-suġġett jiġi mxekkel minn tagħlim bl-amment.

L-għalliema li ġew intervistati, fil-maġġoranza tagħhom, jgħallmu kemm studenti li qed isegwu l-Malti fil-livell Avvanzat, u anke fl-Intermedju. Meta ġew mistoqsija dwar il-varjetajiet u l-għażliet pedagoġiċi li jagħmlu bejn iż-żewġ livelli, iż-żewġ tweġibiet komuni kienu l-ammont tax-xogħol u l-ħin: "nagħmel għażliet ta' poeżiji u mhux oħrajn" (App. 6:25) u "tgħaddilhom [l-Avvanzat] aktar kitbiet letterarji, aktar poeżiji u proża" (App. 11:22). Is-Sur Buonamico rrimarka, li mhux l-ewwel darba li kellu lezzjonijiet komuni bejn iż-żewġ livelli, għaliex l-argumenti mressqa fiż-żewġ livelli jkunu l-istess (App. 7:16). Dan il-fattur, iżda, jikkuntrasta mat-tqassim tal-eżami, għaliex l-ammont ta' ħin allokat għal-Letteratura Maltija fil-livell Intermedju huwa inqas mil-livell Avvanzat. Fi kliem ieħor, anke jekk l-istudenti jkunu mgħallma l-istess testi u mressqa l-istess argumenti, huwa relattivament diffiċli li fil-livell Intermedju, issib studenti li jidħlu fl-istess dettall. Għaliex fejn fl-Avvanzat, l-istudent huwa ffokat fuq il-Letteratura b'mod esklussiv u mistenni jikteb tliet komponimenti fi tliet sigħat, fl-Intermedju l-istudent għandu esej aktar x'jikteb fl-istess ammont ta' ħin.

B'rabta mal-eżami tal-livell Avvanzat u tal-livell Intermedju, huwa tajjeb li tingħata ħarsa lejn it-tul mistenni u t-titli tal-mistoqsijiet, għaliex wieħed jistenna li bejn it-tnejn ikun hemm differenza, ġaladarba l-volum tax-xogħol huwa differenti. Dan għaliex, jekk fis-sillabu tal-livell Avvanzat hemm indikat l-ammonti ta' kliem mistennija fil-komponimenti tal-letteratura, fil-livell Intermedju dan huwa nieqes għalkollox. L-istudenti, u sa ċertu punt l-għalliema, huma neqsin minn direzzjoni ċara min-naħa tas-sillabu għal dak li hu mistenni mill-istudenti f'dan il-livell. Mill-banda l-oħra, it-titli tal-

mistoqsijiet fl-eżami tal-livell Intermedju, anke skont is-Sur Wizzino, huma aktar ġenerali u diretti (App. 5:22). B'hekk, il-varjetà aktar wiesgħa ta' għażliet fl-eżami, in-nuqqas ta' indikazzjoni tal-kliem mistennija mill-eżaminaturi, il-ġeneralità tat-titli u l-prevedibilità tal-eżami, fl-opinjoni tiegħi, huma lkoll fatturi li jistgħu jiddeterminaw l-għażla ta' dan is-suġġett mill-istudenti fil-postsekondarja. Dwar dan il-fatt, Collie u Slater (1987) jikkummentaw li, jekk l-istudenti waqt il-lezzjonijiet, jingħataw direzzjoniji ċara mill-għalliema ta' x'inhu mistenni minnhom fil-kitba tal-komponiment, dawn ikunu jistgħu "jikkomunikaw" b'mod aħjar ma' min qed jikkoreġi l-esej. F'dan ir-rigward, għalhekk, inħoss li l-istudenti tal-Intermedju qegħdin fi żvantaġġ, meta mqabbla mal-istudenti tal-livell Avvanzat, għaliex neqsin minn indikazzjoni li hija meħtieġa, u jista' jkun li tħalli effett fuq il-marka finali.

### *4.2.1 Il-lezzjonijiet tal-kritika letterarja*

Apparti t-tagħlim ta' testi letterarji fl-Avvanzat, l-istudenti huma mistennija li jikkritikaw xogħol letterarju li ma jkunux iltaqgħu miegħu (kunċett ta' xogħol *unseen*). Atherton (2005) tiddikjara li l-proċess tal-kritika letterarja jitlob li l-istudent, bis-saħħa ta' tekniki mgħoddija lilu mill-għalliem, jara fit-test il-kwalitajiet u l-interpretazzjonijiet li fil-wiċċ jidhru moħbija. Skont Buhagiar (2000), "student tal-kritika jeħtieġlu janalizza diversi testi letterarji taħt ħarset għalliem qabel jifhem sew kif jiffunzjona test letterarju" (p. 15). Fl-għażliet pedagoġiċi tal-għalliema intervistati, id-differenza prinċipali bejn il-lezzjonijiet tal-kritika u tal-letteratura inġenerali hija l-kunċett tat-tema. Dan għaliex, skont l-għalliema, it-testi tal-antoloġija jiġu mgħallma fid-dawl li

jinsabu fi ħdan tema ġenerali (ngħidu aħna l-Ġens Malti jew il-Pajsaġġ), filwaqt li t-test tal-kritika jiġi analizzat waħdu, però, iktar fil-fond (App. 11:22).

Għaliex il-kritika letterarja titlob impenn akbar mill-għalliem u mill-istudenti, xi għalliema rrimarkaw li jħossuhom aktar komdi meta t-tagħlim isir fi gruppi żgħar minflok ma' sala studenti. Dan minħabba l-fatt li klassijiet kbar, kif wieħed normalment isib f'kulleġġi mmexxija mill-Istat, l-istudenti jistgħu jsibuha aktar diffiċli li jitkellmu u jesprimu l-ħsibijiet tagħhom quddiem sħabhom. Meta tkellem ma' numru ta' għalliema li jgħallmu fi klassijiet kbar ta' madwar 300 student, Frederick (1987) skopra li, għalkemm dawn xtaqu li jibdlu l-metodu ta' tagħlim tagħhom u jħaddnu prinċipji ta' parteċipazzjoni u ta' djalogu, il-fatt li jgħallmu klassi kbira jagħmilha diffiċli li jkun hemm xi forma ta' interazzjoni fost l-istudenti. F'dan ir-rigward, is-sur Caxaro stqarr li jippreferi jagħmel il-lezzjonijiet tal-kritika f'forma ta' *tutorials*, bil-għan li l-istudenti jegħlbu l-mistħija u l-iskumdità li jitkellmu quddiem ammont kbir ta' studenti. Dan il-punt jafferma l-ħsieb ta' Frederick meta jiddikjara li klassi b'ammont kbir ta' nies tħalli effett negattiv fuq il-parteċipazzjoni tal-istudenti.

## 4.3 Ir-relazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent

Biex l-esperjenza edukattiva tħali l-frott mixtieq, għal Koerrenz (2018) huwa importanti li l-għalliem u l-istudent jibnu relazzjoni soda, ibbażata fuq il-prinċipji ta' rispett u ta' fiduċja, bil-għan li tal-ewwel jgħin lil tat-tieni, biex jilħaq l-għanijiet edukattivi tiegħu. Għall-Eżistenzjaliżmu, wieħed mill-għanijiet tal-edukazzjoni huwa li l-

istudent jevolvi u jiżviluppa damma ta' valuri, u dan jista' jseħħ jekk l-għalliem jgħaddihom lill-istudent biex 'il quddiem jiżviluppa l-identità personali u individwali tiegħu. Marengo et al. (2018) jistqarru li r-relazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent huma definiti bħala "meaningful emotional and relational connections which develop between students and their teachers as a consequence of prolonged interactions" (p. 1203). Dawn ir-relazzjonijiet maħluqa bejn l-għalliema u l-istudenti tagħhom jistgħu jkunu msejsa fuq element ta' qrubija, ta' dipendenza jew ta' kunflitt, u lkoll iħallu impatt fuq l-andament tal-lezzjoni, u tal-vjaġġ edukattiv inġenerali taż-żewġ partijiet. Skont Archambault et al. (2017), relazzjonijiet li jinbnew fuq kunflitt huma direttament assoċjati ma' nuqqas ta' motivazzjoni min-naħa tal-istudenti, sal-punt li din kapaċi taffettwa l-attendenza tagħhom. Mill-banda l-oħra, dawk ir-relazzjonijiet imsejsa fuq prinċipji pożittivi huma kkaratterizzati minn komunikazzjoni libera u aktar miftuħa, affezzjoni, flimkien ma' żieda fl-interess u fil-parteċipazzjoni tal-istudenti.

L-għalliema intervistati f'dan l-istudju, fil-maġġoranza tagħhom stqarrew li r-relazzjoni mibnija mal-istudenti tagħhom hija waħda tajba, imma professjonali. Kemm is-Sur Saydon, kif ukoll is-Sur Wettinger kienu ċari fuq dan il-fatt ta' professjonalità: wieħed sabiex jelimina suspett ta' kunfidenza jew abbuż miż-żewġ naħat (App. 10:25; App. 11:28). F'dan ir-rigward, it-tieni prinċipji fil-kodiċi ta' etika u prattika tal-għalliema maħruġ fl-2012, jistipula li l-għalliema għandhom "[i]żommu Relazzjonijiet Professjonali mal-Istudenti" (MEDE, 2012a, p. 19). Dan isir biex jiġu evitati kuntatti fiżiċi, komunikazzjoni mhux adattata, u kull relazzjoni mhux dovuta mal-istudenti.

Biex ir-relazzjoni tkun waħda pożittiva u li tħalli l-frott, għas-Sur Caxaro huwa essenzjali li l-istudenti jiltaqgħu mal-għalliem fuq bażi regolari: dan fid-dawl li mal-istudenti tal-livell Intermedju, ir-relazzjoni mibnija bejn l-għalliem u l-istudent mhijiex fuq l-istess skala ta' dik mibnija mal-istudenti tal-livell Avvanzat (App. 6:31). Huwa jisħaq ukoll li l-effett li l-letteratura tħalli fuq l-istudenti "jiddependi mir-relazzjoni li tinbena bejn l-għalliema u l-istudenti" (App. 6:9). Dan għaliex, skont dak li jgħidu Marengo et al. (2018) u Archambault et al. (2017), jekk l-istudenti ma jħossuhomx komdi biżżejjed li jiftħu qalbhom waqt il-lezzjoni, it-tagħlim ma jkunx jista' jiġi internalizzat mill-istudenti. L-effetti ta' relazzjonijiet ħżiena bejn l-għalliem u l-istudent, għal Koomen et al. (2012), iħallu impatt fuq l-attitudni tal-istudenti lejn is-suġġett, il-marki finali tal-istudenti fl-eżamijiet, sal-punt li xi studenti jistgħu jiġu esklużi mill-istudenti sħabhom jew juru sinjali varji ta' aggressjoni u mġiba ħażina. Mill-banda l-oħra, wieħed jinnota li meta r-relazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent tkun waħda pożittiva, din tiftaħ it-triq għal djalogu akbar u sens aktar qawwi ta' fiduċja bejn iż-żewġ partijiet.

## 4.4 L-istudenti waqt il-lezzjoni

Il-filosofija Eżistenzjalista, għal Akhter (2014) jaqbel b'mod unanimu li tinħtieġ relazzjoni personali u interattiva bejn l-istudent u l-għalliem. Hija tkompli ssostni li wieħed mill-għanijiet tal-għalliema fil-lezzjoni għandu jkun it-tqanqil tal-kuxjenza tal-istudenti, xi ħaġa li Sokrate nnifsu kien jemmen li hija l-muftieħ tat-tagħlim u tal-verità (Akhter, 2014). Dan it-tqanqil tal-istudent jitkejjel fuq tliet binarji: l-interpretazzjonijiet

li joħroġ bihom l-istudent, l-opinjonijiet personali tal-istudent, u l-mistoqsijiet li jagħmel l-istudent waqt il-lezzjonijiet tal-letteratura. Il-qbil ġenerali tal-għalliema intervistati, kif anke msemmi f'4.4.1, huwa li l-maġġoranza tal-istudenti marament jipparteċipaw fil-lezzjoni, għaliex dawn jippreferu jieħdu n-noti minflok jipparteċipaw fil-lezzjoni. Jekk minn banda, is-Sur Ropa stqarr li huma l-istudenti li jiddettaw il-lezzjoni, għaliex jitolbu lill-għalliem jirrepeti jew jimxi bil-mod biex jieħdu n-noti (App. 8:42), mill-banda l-oħra, is-Sur Caxaro tefa' l-ħtija fuq is-sistema edukattiva li ġġiegħel lill-istudenti jieħdu n-noti minflok jipparteċipaw fil-lezzjoni, jew fuq kultura passiva li titrawwem mid-dar (App. 6:29). Din il-prattika tal-istudenti li jiddettaw il-pass tal-lezzjoni jista' jkun li ġejja mill-fatt li fil-lezzjonijiet tal-letteratura fis-sekondarja, l-għalliema jista' jkun li għandhom it-tendenza li jimxu b'mod aktar kajman u jistennew li l-istudenti jwaqqfuhom biex jispjegaw aħjar.

### *4.4.1 L-interpretazzjonijiet tal-istudent tax-xogħol letterarju*

L-attitudni tal-istudent fil-lezzjoni timmanifesta ruħha kemm fi stati interni – jiġifieri ta' affezzjoni u ta' konjizzjoni – imma wkoll fi stati esterni, l-aktar bħala mġiba (Zhoc et al., 2019). B'hekk, l-atteġġjament u l-interess tal-istudenti waqt il-lezzjoni huwa wieħed multidimensjonali. Din it-tip ta' mġiba sseħħ meta l-għalliem jinkoraġġixxi lill-istudent biex, f'dan il-proċess ta' tagħlim, isir attur u mhux spettatur (Kusum, 2005).

Mill-intervisti, tista' tgħid li l-għalliema kollha stqarrew l-importanza li l-istudenti jingħataw ċans biex jgħidu l-ħsibijiet u l-interpretazzjonijiet tagħhom tax-

xogħol letterarju li jkun qed jinqara: "Aħna rridu nisimgħu l-ilħna taż-żgħażagħ fuq il-letteratura tagħna, x'jaħsbu u ma jaħsbux" (App. 11:29). Għalkemm fl-intier tagħhom, l-għalliema rrimarkaw il-fatt li jagħtu lok fil-lezzjoni biex l-istudenti jesprimu l-fehmiet tagħhom, mill-ġdid, jinħass nuqqas qawwi ta' parteċipazzjoni min-naħa tal-istudenti Maltin: "... nixtieq li jkun hemm aktar minn dawn l-istudenti, għaliex, sfortunatament, ma jikbrux fuq is-siġar; anzi huma tassew rarità" (App. 10:26). Għas-Sur Ropa, dan il-pass huwa kruċjali biex l-istudenti jħossu sens akbar ta' sodisfazzjon, għar-raġuni li kienu parti attiva fl-interpretazzjoni tat-test letterarju (App. 8:28). Estes (2004) tispjega kif l-istudent iħossu parteċipi fil-lezzjoni ġaladarba jistaqsi, jesperimenta, isolvi l-problemi, jassumi responsabilità u jagħti sens lil materjal ġdid li jkun qiegħed jitgħallem.

Fuq il-kunċett ta' interpretazzjonijiet, kien hemm fehmiet u twemmin komuni fost l-għalliema intervistati. Is-Sur Vassalli, is-Sur Wizzino, is-Sur Buonamico, u s-Sur Ropa jemmnu li mhux kull interpretazzjoni tista' tkun korretta; fi kliem ieħor, hemm limiti li l-interpretazzjoni trid toqgħod ġo fihom. Eco (1990) jikkummenta li, għalkemm sensiela ta' kliem imqiegħda wara xulxin jistgħu jingħataw tifsiriet differenti, dan ma jfissirx li l-interpretazzjoni hija proċess mingħajr konfini. Fil-kuntest tal-klassi, dan il-konfini, normalment, ikun l-għalliem innifsu, li jistabilixxih. Iżda Friggieri (2010) jirrimarka li test letterarju jingħata interpretazzjoni għar-raġuni li fih aktar minn interpretazzjoni waħda, u dan jista' jiġi interpretat minn lenti letterarja, etika, politika, soċjoloġika, eċċ. B'hekk, fuq naħa għandna l-għalliema li jillimitaw l-interpretazzjoni

għal dak li jafu u jaħsbu huma, u fuq l-oħra jeżistu prinċipji kritiċi u letterarji li jsostnu li l-interpretazzjonijiet ta' test letterarju huma interminabbli, għaliex it-test jittraxxendi l-limitazzjonijiet tal-post u taż-żmien.

### *4.4.2 L-opinjonijiet tal-istudenti dwar ix-xogħol letterarju*

Biex l-għalliema jistimolaw lill-istudenti u jrawmu fihom elementi kritiċi, jeħtieġ li dawn, minn qabel, jippjanaw lezzjonijiet li jitolbu xi tip ta' attività jew ta' respons mill-istudent (Ault et al., 2018). McLaren (1994) jistqarr li l-għalliema jeħtieġ jesploraw il-modi differenti kif l-istudenti jesperjenzaw u jġarrbu d-dinja ta' madwarhom. Anke Freire (1985) jiddikjara, li biex noħolqu studenti li jaraw ir-realtà tad-dinja kif inhi, jeħtieġ li fl-iskola jirriflettu b'mod kritiku fuq l-esperjenzi personali tagħhom. Ġaladarba jiġri dan, l-istudenti jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv waqt il-lezzjoni, bil-għan li jarrikkixxu d-diskussjoni u jwessgħu l-interpretazzjonijiet tat-test letterarju. Heaslip et al. (2014) jirrimarkaw li dan il-fenomenu qiegħed, kulma jmur, jiżdied fi skejjel postsekondarji u fl-universitajiet. Huma jħossu li d-daqs tal-klassi huwa fattur importanti f'dan in-nuqqas ta' interess fost l-istudenti (ara 4.3.2).

Mill-intervisti, mill-ġdid, ħareġ ċar kemm hu importanti għall-għalliema li jagħtu ċans lill-istudenti biex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar it-test letterarju. Bl-eċċezzjoni tas-Sur Buonamico, li stqarr li rarament ikollu diskussjonijiet fil-klassijiet tiegħu (App. 7:18), l-għalliema ħassew li l-lezzjonijiet tagħhom huma ppreparati u ppjanati b'mod li jagħtu lok għal diskussjoni. F'dan il-kuntest, il-vuċi tal-istudenti

għandha sehem importanti ħafna, għaliex huwa possibbli li l-istudenti jsemmgħu leħinhom u jipparteċipaw b'mod attiv. Dan huwa wieħed mill-fatturi li jittrasformaw il-klassi, abbażi ta' ideoloġiji ta' Dewey (f'Williams, 2017), fejn minn ambjent ta' tagħlim bl-għalliem fiċ-ċentru, ngħaddu għal esperjenza pedagoġika mdawra mal-istudent li qiegħed jaħdem u jiskopri b'mod attiv. Fil-verità, iżda, huma ftit l-istanzi fejn l-istudenti jipparteċipaw b'mod attiv, u għaldaqstant, wieħed irid jikkonsidra kemm il-lezzjonijiet huma fil-verità ppjanati b'mod li l-istudenti jingħataw ċans jitkellmu. Dan għaliex, ħafna mill-għalliema, minħabba l-esperjenza fil-qasam u l-ammont ta' snin li ilhom jgħallmu s-sillabu, rarament jippjanaw lezzjonijiet. Fuq dan l-aspett, wieħed iżda jispekula li l-esperjenza twassal biex l-għalliem jawtomatizza bosta mill-għażliet tiegħu u ċerti prattiċi u għażliet pedagoġiċi jsiru parti minn rutina.

F'dan ir-rigward, Elbow (1986) jistqarr li l-għalliema għandhom tendenza jemmnu – jew iġiegħlu lill-istudenti jemmnu – li t-tweġiba tagħhom hija t-tajba, waqt li dik tal-istudenti mhix adegwata biżżejjed. Dan, skont Elbow (1986) iseħħ biex l-għalliem juri sens ta' awtorità fuq l-istudenti tiegħu. Mill-perċezzjoni tal-għalliema intervistati, jidher ċar li xi studenti jibżgħu jew isibuha diffiċli li jgħaddu l-opinjoni tagħhom waqt il-lezzjoni. Għalkemm l-għalliema semmew il-passività, in-nuqqas ta' qari, jew pressjoni marbuta mal-mistħija bħala raġunijiet wara dan in-nuqqas ta' parteċipazzjoni, wieħed ma jistax jeskludi l-fatt li xi studenti kapaċi jonqsu milli jgħaddu l-fehmiet tagħhom waqt il-lezzjoni, għar-raġuni li xi għalliema jsibuha diffiċli

biex jaċċettaw opinjonijiet li huma 'l bogħod, jew differenti, mill-fehmiet personali tagħhom.

Dan in-nuqqas ta' parteċipazzjoni mhuwiex biss fenomenu lokali. Thormählen (1992) tafferma li hija xi ħaġa rari ħafna li l-istudenti jieħdu l-kontroll tad-diskussjoni u jipparteċipaw b'mod attiv. Hija ssostni li hemm diversi modi li jistgħu jixprunaw lill-istudenti biex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom waqt il-lezzjoni: tqabbil bejn test u ieħor, mistoqsijiet marbuta mal-esperjenza tal-istudenti, u stedini għal spekulazzjonijiet, fost l-oħrajn (Thormählen, 1992). Wieħed jinnota li dawn il-proposti, iżda, jitolbu mqar li l-istudent ikun qara t-test fid-dettall, xi ħaġa li l-għalliema intervistati stqarrew li ma sseħħx dejjem. B'hekk, konsegwenza tan-nuqqas ta' qari, li jġib miegħu nuqqas ta' parteċipazzjoni, il-lezzjonijiet tal-Letteratura Maltija jieħdu s-sura ta' lekċer.

### *4.4.3 Il-mistoqsijiet tal-istudenti dwar ix-xogħol letterarju*

Kif jistqarru Singh et al. (2019), mhijiex l-ewwel darba li nisimgħu bi klassijiet fejn l-istudenti ma jipparteċipawx u ma jsaqsux mistoqsijiet lill-għalliema. Minn studji preċedenti joħroġ biċ-ċar kemm l-istudenti huma passivi u rarament jikkunsidraw b'mod kritiku l-argumenti li jressaq l-għalliem, jew li jressqu studenti bħalhom. Singh et al. jiktbu li mhijiex komuni li studenti jikkummentaw fuq xi punt li jressaq student ieħor. Dan il-fenomenu jwassal biex l-unika mistoqsijiet fil-klassi, huma dawk li jistaqsi l-għalliem lill-istudenti tiegħu. Meta l-għalliema jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom

għandhom jassiguraw li jagħtu l-opportunità lill-istudenti biex jispjegaw kif waslu għat-tweġibiet tagħhom (Manouchehri & Lapp, 2003). B'hekk, huwa importanti li l-għalliema ma jistaqsux biss mistoqsijiet magħluqa – mistoqsijiet li jitolbu tweġiba ta' "iva" jew "le" – imma jagħmlu ċert li jużaw mistoqsijiet li jitolbu spjega, kjarifika jew raġuni valida. Is-Sur Saydon itenni li huwa jirrikonoxxi l-argumenti u l-opinjonijiet tal-istudenti, basta "min iġib xi argument irid isostnih, u jsostnih b'mod konvinċenti" (App. 10:24).

Skont is-Sur Vassalli, rarament ikollu studenti, li b'ton kunfidenti, jikkummentaw dwar l-perspettiva tal-għalliem waqt il-lezzjoni (App. 4:23). Fuq l-istess linja kien il-kumment tas-Sur Caxaro, li rrimarka li fil-lezzjonijiet jeżistu żewġ tipi ta' mistoqsijiet: dawk ta' natura stilistika li jitolbu għarfien, u dawk li jitolbu "ġudizzju jew analiżi temtatika", fejn l-istudent ikollu l-opportunità jesprimi l-ħsibijiet tiegħu (App. 6:28). Perez (1986) jagħti parti mit-tort lill-għalliema, għaliex jistqarr li huma ħafna li jistaqsu mistoqsijiet sempliċi żżejjed: "teachers ask mostly literal questions that ask for simple facts" (p. 86).

In-nuqqas ta' mistoqsijiet li jitolbu elaborazzjoni jew spjegazzjoni min-naħa tal-istudenti jħallu l-effett tagħhom, primarjament, fit-tweġibiet tal-istudenti fl-eżami. Dan għaliex, minħabba nuqqas ta' prattika fil-lezzjonijiet, l-istudenti jispiċċaw iwieġbu mistoqsijiet, jew jgħaddu ġudizzji dwar xogħol letterarju, mingħajr ebda ġustifikazzjoni għall-argumenti u l-istqarrijiet tagħhom. Collie u Slater (1987) jikkummentaw kif il-

kitba tal-komponiment hija forma ta' komunikazzjoni bejn il-kittieb (l-istudent) u l-qarrej (l-għalliem, jew min qed jikkoreġi), u jekk tal-ewwel ma jiktibx b'mod ċar, l-impatt ser ikun evidenti fuq il-marka mogħtija. Huma jisħqu li, biex l-istudenti jtejbu l-kwalità tal-komponimenti tagħhom, jeħtieġ li dawn jingħataw iċ-ċans li jikkummentaw fuq ix-xogħol tagħhom u ta' ħaddieħor fil-lezzjoni, xi ħaġa li personalment inħoss, li hija nieqsa fil-klassijiet tal-postsekondarja.

Ġaladarba l-istudenti mhumiex jingħataw din l-opportunità, il-libertà u r-responsabilità tal-istudenti qiegħda kontinwament tiġi mċaħħda. Biex jindirizza dan in-nuqqas fis-sistema edukattiva Maltija, f'wieħed mill-għanijiet tiegħu, il-Kurrikulu Nazzjonali jitlob li l-kultura edukattiva għandha tħaddan proċess li jagħti lill-istudenti vuċi f'dimensjoni wiesgħa, bil-għan li jkollhom influwenza fuq ħajjithom u fuq il-komunitajiet li jgħammru fihom (MEDE, 2012b). Skont McLaren (1994), jekk l-għalliem ma jagħrafx jisma' u jifhem il-vuċi individwali tal-istudent, mhux ser ikun kapaċi japprezza l-valuri u l-ideoloġiji li d-diskors (u appuntu, l-istudent innifsu) jħaddan fih. Singh et al. (2019) jinnotaw, li meta l-istudenti jressqu l-perspettivi tagħhom – li f'xi każi kienu differenti minn ta' xulxin – ikun hemm żieda ta' parteċipazzjoni, u ta' mistoqsijiet, speċjalment min-naħa tal-istudenti li juru nuqqas ta' qbil. Dan iwassal biex l-istudenti, qabelxejn irabbu l-kunfidenza biex jitkellmu quddiem sħabhom, u t-tieni nett, joħloq ambjent fejn ikunu jistgħu jiftħu qalbhom u jsemmgħu leħinhom. Meta Williams (2017) jikkummenta dwar il-klima tal-klassi, huwa jesprimi sentimenti simili għat-twemmin ta' Taylor u ta' Dewey, jiġifieri li l-klassijiet li jħaddnu relazzjonijiet

pożittivi u klima demokratika jgħinu biex l-istudenti jipparteċipaw b'mod aktar attiv, bil-għan li "by fostering positive leaning communities in classrooms academic achievement should increase" (p. 94).

## 4.5 L-esperjenzi u t-tiġrib personali tal-istudenti

Skont Mclaren (1994) meta nħarsu lejn il-pedagoġija li timmanifesta ruħha fuq l-esperjenzi personali tal-istudenti, din tgħinhom biex jeżaminaw l-esperjenzi personali tagħhom u dak li għaddew minnu. Huwa jipproponi li l-kurrikulu msejjes fuq elementi progressivi u emanċipatorji għandu jħaddan l-esperjenzi personali tal-istudenti bil-għan li l-identità tal-istudenti tifforma ruħha aħjar u tieħu s-sura. Is-Sillabu tal-Malti fil-livell Avvanzat u Intermedju, għalkemm jippreżenta temi u xogħlijiet b'għeruq fis-soċjetà Maltija, xorta waħda dawn jinħassu 'l bogħod mill-esperjenzi personali tal-istudenti. Biex l-istudenti jaslu għal dak li hu mistenni minnhom, kif tikkummenta Woolfolk (2016), jeħtieġu għalliema li jservu ta' pont bejn dak li diġà jafu u bejn informazzjoni ġdida. Li kieku, fl-opinjoni tiegħi, it-testi li jistudjaw l-istudenti huma aktar qrib tat-tiġrib tagħhom, u miktuba minn pinna li tipproponi possibilitajiet u dinjiet simili għal dawk l-esperjenzi li jgħaddu minnhom l-istudenti nemmen li jkun aktar faċli għalihom li jirreletaw mat-test letterarju, u b'hekk, il-pont mibni bis-saħħa tal-għalliem ikun wieħed aktar b'saħħtu.

Mhux għax it-testi mgħallma f'dan is-sillabu jippreżentaw temi passati jew li mhumiex meqjusa relevanti għas-Seklu Wieħed u Għoxrin, għaliex it-temi tar-reliġjon,

tal-individwalità u tal-identità huma universali (anke jekk kultant suġġettivi), iżda nħoss li l-fatt li qed jiġu studjati testi li l-istudent ftit li xejn jista' jgħid "din il-ħaġa qed ngħaddi minnha" jew "din esperjenzajtha ftit ilu", kapaċi xxekkel l-għanijiet wara t-tagħlim tat-test innifsu. Dwar dan il-kunċett, Evans (1976) jikkummenta li għal ħassieba Eżistenzjalisti bħal Kierkegaard, kull suġġett, anke jekk meqjus oġġettiv, għandu jingħata d-dimensjoni tiegħu skont il-ħajja tal-individwu. Fi kliem ieħor, jekk il-bniedem jemmen f'xi ħaġa li mhijiex neċessarjament tajba, l-eżistenza personali tiegħu xorta ma titqiesx ħażina. Għaldaqstant, test letterarju jingħata dimensjoni personali skont it-twemmin u l-kuxjenza ta' kull bniedem li qiegħed jaqrah.

Jekk l-għalliema jagħmlu użu minn testi letterarji li huma aktar sensibbli għall-esperjenzi tal-ħajja tal-istudenti, dawn isibuha aktar faċli biex jiftħu qalbhom u jaqsmu l-esperjenzi personali tagħhom mal-klassi. Dan fid-dawl tal-fatt, li l-istudenti f'dawn iż-żminijiet, jinħassu li huma neqsin minn ċertu tagħrif bażiku ta' natura ġenerali jew kulturali li mistennija jkollhom għarfien tiegħu. Is-Sur Saydon stess jilmenta li l-istudenti neqsin minn "għarfien ġenerali" mgħallem f'suġġetti oħra (App. 10:23). Għas-Sur Vassalli, aktar ma' tema tkun ġenerali, aktar tkun faċli għall-istudent biex jitkellem u jesprimi l-fehmiet personali tiegħu ma' sħabu (App. 4:10). Mit-tliet temi preżenti fis-sillabu, probabbilment, hija dik li tiffoka fuq ir-Relazzjonijiet Umani li l-aktar tista' tqarreb lejn l-esperjenzi tal-istudenti: f'din it-tema jidħlu sottotemi bħall-ġenituri, l-aħwa, l-ulied, il-ħajja miżżewġa, u l-mewt, fost l-oħrajn. Mill-banda l-oħra, ir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (Ellul Mercer, 2010) u *Ħala taż-Żgħożija u Stejjer Oħra*

(Spiteri, 2010) jippreżentaw temi soċjorealisti, waqt li *Menz* (Ebejer, 2010) u *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta u Drammi Oħra* (Sant, 2015) ixaqilbu lejn l-assurd.

Splitter (2009) tal-fehma li "classrooms could, and should, be reconstructed as *communites of inquiry* in which seeing oneself as "one among others" is a key priority" (p. 150). Dan l-ambjent, għal Ramezanzadeh et al. (2016), jinħoloq meta l-għalliema jpoġġu l-interessi tal-istudenti bħala ċ-ċentru tat-tagħlim u jgħallmu temi li huma utli u validi għal min qiegħed jitgħallem. B'hekk biss it-tagħlim fil-livell postsekondarju jkun jista' jitqies bħala "żvilupp" (App. 9:6). Jekk l-għalliem, kif jistqarr is-Sur Wizzino, jagħmel ix-xogħol relevanti għall-istudenti, dawn inkunu jistgħu jaraw ħajjithom mill-*punto di vista* tax-xogħol innifsu (App. 5:20).

Biex jelabora dwar dan l-argument, is-Sur Ropa stqarr, li b'għażla intenzjonata, għallem il-poeżija 'Għamja' ta' Ġużè Delia lil klassi, li fiha kien hemm student li ftit qabel tilef id-dawl t'għajnejh (App. 8:12). Għaliex l-istudent qiegħed jgħaddi minn din l-esperjenza u qed iġarrab l-istess sentimenti, għall-għalliem, dan jagħmilha aktar faċli għall-istudent biex jifhem dak li qiegħed jipprova jwassal il-poeta. Anke s-Sur Caxaro stqarr li l-letteratura, fil-maġġorparti, tista' sservi ta' terapija u konsolazzjoni jekk l-istudenti jkunu ġarrbu l-istess esperjenzi (App. 6:9), anke meta mistoqsi dwar il-possibilità li l-letteratura tista' taqdi funzjoni opposta, u fi kliem ieħor, isservi ta' esperjenza negattiva (App. 6:24). Dan għaliex wieħed ma jistax jinjora l-fatt, li jekk student li jkun qed jgħaddi minn sitwazzjonijiet partikolari, jaqra xogħol jew jiltaqa'

ma’ karattru li għaddej minn esperjenzi simili għal tiegħu, jaf itih daqqa aktar ’l isfel u jgħarraq l-esperjenza edukattiva tiegħu. B’hekk, aktar minn terapija, il-letteratura tkun qed tkattar l-uġigħ tal-individwu. F’dan ir-rigward, is-Sur Buonamico stqarr li fost l-istudenti, jaf tinħass skumdità ġaladarba t-tema tkun qrib tagħhom (App. 7:25).

### *4.5.1 L-adattament skont iċ-ċirkostanza*

Mhux kull esperjenza personali li jgħaddu minnha l-istudenti tista’ tiġi nfilsata fil-lezzjoni tal-letteratura. Dan għaliex kif jistqarr McLaren (1994), jeżistu ġudizzji u fehmiet li jmorru kontra l-valuri li tħaddan l-edukazzjoni, ngħidu aħna sterjotipi ta’ natura razzista jew sessita. Għaldaqstant, l-għalliem għandu jassigura li d-diskussjonijiet tal-klassi jweġġgħu mill-inqas is-sentimenti personali tal-istudenti (App. 6:12). Jekk il-lezzjoni tkun imsejsa fuq djalogu u użu mifrux ta’ mistoqsijiet biex l-istudenti jifhmu aħjar u jagħrfu il-perspettiva tal-kittieb, dan jagħmilha aktar faċli għall-għalliem biex jispjega lill-istudenti u jikkwalifika r-raġunijiet wara dawn l-istqarrijiet.

Wieħed ma jistax jinsa wkoll ir-realtà li l-għalliem għandu jaġġusta ruħu u jadatta għaċ-ċirkostanzi tal-klassi. L-għalliema, bħala professjonisti, għandhom jassiguraw r-realtà tal-klassi u tal-istudenti tkun il-punt ta’ referenza meta jkunu qegħdin jippjanaw il-lezzjonijiet. Id-djalogu, l-għarfien u l-valuri huma l-għodod meħtieġa biex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn l-istudenti jħossuhom offiżi minħabba temi sensittivi (Lowe & Jones, 2010). Għaldaqstant, huwa neċessarju li waqt tagħlim

ta' temi sensittivi, l-għalliem jispjega ruħu minn kmieni li n-natura tat-tema titlob li xi diskors "antipatku kemm ikun antipatku ... jeħtieġ li jsir" (App. 10:28). Dan il-punt kruċjali jafferma l-importanza li bejn l-għalliem u l-istudent ikun hemm relazzjoni u komunikazzjoni effiċjenti, ibbażati fuq prinċipji ta' rispett u valuri ta' tolleranza u fehim, u kif ukoll, ikun hemm il-kuxjenza tal-għalliem li tagħraf tikkwalifika diskors sensittiv.

## 4.6 Xi kummenti konklużivi

F'dan il-kapitlu ġew diskussi numru ta' aspetti marbuta mal-pedagoġija tal-lezzjoni tal-Letteratura Maltija fil-livell postsekondarju f'Malta u f'Għawdex. Ħareġ biċ-ċar li hemm aktar fatturi li jimpattaw l-andament tal-lezzjoni. Wieħed minn dawn il-fatturi huwa l-livell mistenni mill-istudenti: l-aspettattivi tas-sillabu u tal-għalliema jvarjaw bejn dawk li jsegwu l-Malti fil-livell Avvanzat u dawk fil-livell Intermedju. Għalkemm id-differenza hija naturali bejn iż-żewġ livelli, l-għalliema intervistati stqarrew li min-naħa tagħhom, id-differenzi bejn it-tnejn mhumiex kbar. Iżda fil-verità, l-istruttura tas-sillabu, tal-karta tal-eżami, tal-ħin tal-lezzjonijiet, u r-relazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent, huma lkoll fatturi, li minn din ir-riċerka, instabu diskrepanzi fihom bejn l-Avvanzat u l-Intermedju. Għaliex l-ammont ta' lezzjonijiet huwa iżgħar, wieħed jassumi li r-relazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent fl-Intermedju ma tkunx żviluppata biżżejjed, jew tkun iffukata wisq fuq it-tagħlim akkademiku. Dan kapaċi jwassal biex il-ħin allokat għad-diskussjonijiet, il-qsim tal-esperjenzi u t-tagħlim tal-valuri, ikun inqas.

Dwar ir-relazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent, huwa importanti l-fatt li r-rapport bejn iż-żewġ partijiet ikun imsejjes fuq prinċipji integri u professjonali. Fid-dawl tal-Kodiċi tal-Etika tal-Għalliema (MEDE, 2012a) u tat-tweġibiet tal-għalliema, huwa mistenni li l-istudenti jkollhom relazzjoni mibnija fuq ir-rispett u l-fiduċja. Jekk iżda, ir-relazzjoni tkun waħda kunfliġġenti u nieqsa minn qrubija, l-effettività tat-tagħlim tieħu daqqa 'l isfel. Bis-saħħa ta' relazzjoni sana u pożittiva, l-istudenti jkunu qed jitrawmu f'ambjent li jgħinhom iħossuhom aktar komdi, bil-għan li jferrgħu l-ħsibijiet personali u jitkellmu dwar t-tiġrib eżistenzjali tagħhom. Jekk, iżda, l-istudent ma jħossux komdu li jiftaħ qalbu u jferra l-ħsibijiet eżistenzjali tiegħu, il-kunċett ta' *angst* li huwa fiċ-ċentru tal-Filosofija Eżistenzjali, ser jibqa' jitturmenta lill-individwu u jxekkel id-deċiżjoni (jew, filosofikament, il-qabża) li jrid jieħu l-bniedem.

Meta l-għalliem japprofitta minn din ir-relazzjoni, it-tagħlim tal-Letteratura Maltija jieħu żvolta, għaliex l-istudenti jkollhom il-possibilità li jaħfnu t-test u jagħmluh parti minnhom. Dan il-pass jista' jsir biss jekk l-għalliem jixpruna lill-istudent biex jipparteċipa, jgħid l-opinjoni tiegħu, jiddiskuti l-esperjenzi personali, u jorbot lilu nnifsu mat-test u mal-awtur. B'hekk biss tista' l-lezzjoni tingħata l-ħajja u l-istudent jagħmel ix-xogħol parti intrinsika minnu. Jekk l-istudenti ma jkollhomx l-opportunità li jsemmgħu leħinhom u jressqu l-opinjonijiet tagħhom waqt il-lezzjoni, l-għalliema jkunu qegħdin jitilfu ċ-ċans li jrawmu fl-istudenti valuri ta' responsabilità u ta' parteċipazzjoni attiva. Studenti li m'għandhomx il-possibilità li jsemmgħu leħinhom

f'ambjent ta' klassi, nissuspetta li ma jkollhomx kuraġġ jgħidu l-fehmiet tagħhom b'kunfidenza f'fora u ambjenti akbar.

Minħabba l-fatt li l-istudenti Maltin, kif deskritti mill-għalliema, huma passivi u neqsin mill-entużjażmu li jieħdu sehem f'diskussjonijiet f'dan il-livell, il-lezzjonijiet tal-Letteratura f'dan il-livell baqgħu ta' natura tradizzjonali żżejjed, fejn l-għalliem jitkellem u l-istudent jisma'; dan f'kuntrast mal-għanijiet tal-Kurrikulu Nazzjonali (MEDE, 2012b) li jaspiraw li f'Malta nimxu għal edukazzjoni bl-istudent fiċ-ċentru. Fattur ieħor għal dan in-nuqqas ta' parteċipazzjoni, anke jekk ftit mogħti importanza, huwa l-użu tat-teknoloġija fil-klassi. L-istudenti, minn esperjenza edukattiva fis-sekondarja li tagħmel użu estensiv mit-teknoloġija, qed jgħaddu għal-livell ta' tagħlim li huwa nieqes għalkollox minn din l-għodda. Dan iwassal biex l-isforz kollettiv li jkun sar fis-snin tas-sekondarja biex it-tagħlim jiġi aġġustat għall-bżonnijiet individwali tal-istudenti, qiegħed jintilef kollu fil-postsekondarja, fejn il-lezzjonijiet huma sajma minn kull forma ta' teknoloġija u ta' parteċipazzjoni attiva.

Kif jiddikjara McLaren (1994) u jikkonfermaw l-għalliema nfushom, huwa importanti ħafna li fit-tagħlim, l-għalliem jagħmel referenza kontinwa għall-esperjenza personali tal-istudenti. Aktar ma' jsir dan il-pass, il-letteratura tersaq viċin tal-istudenti, u jkun iktar faċli għalihom li jirreletaw magħha. Jekk l-għalliem iġib eżempji u jippreżenta sitwazzjonijiet li l-istudenti stess ikunu ġarrbuhom, l-istudenti jaraw il-Letteratura Maltija bħala xi ħaġa bħalhom, parti minnhom, u mhux bħala

sempliċiment "parti mill-eżami". Dan it-tqarrib jiffaċilita l-proċess biex l-istudenti jaqsmu l-esperjenzi u l-opinjonijiet tagħhom ma' sħabhom, u tinħass aktar evidenti r-rabta bejn it-test letterarju u t-tiġrib personali tal-istudenti.

# Il-ħames kapitlu
# It-tematika Eżistenzjalista fil-Letteratura Maltija studjata fil-postsekondarja

## 5.1 Xi kummenti introduttivi

F'dan il-kapitlu nħasset il-ħtieġa li ssir analiżi tat-tematika diskussa fil-lezzjoni tal-letteratura, bil-għan li titwieġeb l-ewwel mistoqsija tar-riċerka. Għaldaqstant, ser tingħata ħarsa mill-qrib tat-tematika Eżistenzjalista preżenti fil-lezzjonijiet tal-Letteratura Maltija fil-livell postsekondarju f'Malta, b'enfasi fuq tliet temi partikolari: it-tema tal-libertà; it-tema tar-reliġjon u t-twemmin; u t-tema tal-ħajja u l-mewt. Bis-saħħa tar-risposti tal-għalliema intervistati, kif ukoll tat-temi preżenti f'xi testi letterarji li jiġu mgħallma f'dan il-livell, ser jiġu mistħarrġa l-attitudnijiet tal-għalliema u l-ispunti letterarji u eżistenzjali diskussi fil-lezzjoni.

## 5.2 It-tema tal-libertà

Koerrenz (2018) jiddikjara li mhuwiex mistenni mill-għalliema li jikkontrollaw istanzi fejn l-istudenti jitqanqlu eżistenzjalment minn xi sitwazzjoni partikolari, iżda minflok, għandhom jaċċettaw il-fatt li dawn l-episodji jseħħu b'mod naturali. Ma jfissirx li l-għalliem m'għandux jiddikjara minn qabel it-twemmin tiegħu, imma dan m'għandux jimponi, fuq l-istudenti, dak li jemmen fih hu, biex ma jxekkilx il-libertà jew jikkundizzjona l-opinjoni tagħhom. Huwa jħoss li l-aħjar deċiżjoni li għandu jieħu għalliem hija li wieħed jakkumpanja lill-istudenti f'dan il-vjaġġ u jisma' dak li

għandhom xi jgħidu. Dan biex l-istudent, mingħajr intervent jew tfixkil estern, ikun liberu li jesprimi l-perspettivi u t-twemmin personali tiegħu dwar kriżijiet jew mistoqsijiet eżistenzjali diversi. Anke Malik u Akhter (2012) jaffermaw li meta l-istudenti jitqiesu individwi awtonomi u attivi, dawn ikollhom l-għodod meħtieġa biex jaqsmu l-esperjenzi personali tagħhom. Dan it-tqanqil eżistenzjali, fost l-oħrajn, jista' jitkebbes bis-saħħa ta' testi letterarji li jippreżentaw sitwazzjonijiet fejn l-istudent jistaqsi jew jiddubita mis-sens ta' eżistenza personali tiegħu (Akhter, 2014). Shusterman (2010) juri kif il-filosofija timmanifesta ruħha f'ġeneri u f'forom diversi fosthom fil-poeżija, fid-diskorsi, fil-kummentarji u fil-ġurnali. B'hekk, din tinfilsa ruħha f'ġeneri u forom ta' kitba li l-bniedem ta' kuljum jaqra u jixtarr dwarhom.

Whipple u Tucker (2012) jinnotaw li huwa ta' benefiċċju kbir għall-istudenti li l-għalliema jużaw kotba letterarji li jinkludu kunċetti teoretiċi diffiċli u kumplessi, għaliex bis-saħħa tal-karattri fix-xogħol letterarju, l-istudenti jkunu jistgħu jifhmu aħjar id-dilemmi u l-problemi eżistenzjali tal-bniedem. Meta mistoqsija dwar testi letterarji li jinkludu inferenzi marbuta mat-tema tal-libertà, is-Sur Wizzino u s-Sur Caxaro stqarrew li d-dramm *Menz* ta' Ebejer (2010) huwa test letterarju li jqanqal mistoqsijiet b'rabta mal-identità u mal-libertà tal-bniedem, kunċetti li huma fil-fond tal-Filosofija Eżistenzjali. Minn banda, is-Sur Caxaro rrimarka li t-tiftixa tal-identità li jittanta jwettaq Menz, hija realtà li l-istudenti nfushom jistgħu jkunu qegħdin iġarrbuha (App. 6:18). Dan għaliex, wieħed kapaċi jkollu studenti li, fil-ħajja privata tagħhom, għaddejjin minn tiftix dwar it-twemmin jew l-identità tagħhom, jew qed jgħaddu minn esperjenzi

ġodda f'ħajjithom. Bħalma jtenni Koerrenz (2018), is-Sur Caxaro jħoss li l-istudenti jkunu qed jistennew xi forma ta' għajnuna mingħand l-għalliem biex "jassimilaw it-tali kunċetti u jagħmluhom tagħhom" (App. 6:18). B'hekk, mingħajr indħil jew restrizzjonijiet, it-tiġrib letterarju li qed jiltaqgħu miegħu l-istudenti, ikunu jistgħu jinternalizzawh u jħossuh eqreb tal-esperjenzi li qed iġarrbu huma stess. Dan jagħmel ix-xogħol letterarju, kif jistqarr is-Sur Caxaro, "aktar ta' terapija, għaliex jaraw minn xiex ikun għadda ħaddieħor" (App. 6:24).

Dan l-argument li jressaq Ebejer (2010) bis-saħħa tal-karattru ta' Menz, huwa nfilsat fit-tematika eżistenzjali tal-awtentiċità mressqa minn numru ta' filosofi eżistenzjali tas-Seklu Dsatax u Għoxrin. Għall-eżistenzjalisti bħal Sartre, kif espress fix-xogħol *L'Existentialisme est un Humanisme* (1946), il-bniedem ikun awtentiku ġaladarba jirrealizza l-individwalità personali u jkun responsabbli għall-għażliet li jieħu (Flynn, 2006). Bonnett u Cuypers (2002) jinnotaw li l-edukazzjoni, sa minn żmien Platun, kellha l-għan li mhux biss tipproduċi ċittadini li jkunu liberi, imma li hi nnifisha tkun ħielsa u toffri l-libertà lill-istudenti. Dawn jaraw l-aħjar eżempju ta' ċittadini u edukazzjoni ħielsa fil-karattru ta'Émile fix-xogħol *Émile, ou de l'Éducation* (1762) ta' Rousseau, fejn il-ħsibijiet ta' min qed jitgħallem huma vvalorizzati, u l-istudent għandu d-dritt li jkun jaf l-iskop tal-materjal li qiegħed jiġi mgħallem. Għaldaqstant, it-tiġrib tal-karattru ta' Menz u t-tiftixa kontinwa għall-identità tiegħu, hija riflessjoni taż-żgħażagħ ta' bejn sittax u tmintax-il sena, li għadejjin minn tiftixa għall-awtentiċità individwali tagħhom.

Jekk xi għalliema jaraw id-dramm ta' Ebejer bħala spunt tematiku għal ħsibijiet eżistenzjali marbuta mal-identità individwali tal-istudenti, kemm is-Sur Vassalli u kif ukoll is-Sur Saydon, irrimarkaw kif il-poeżiji ta' Grech Ganado, u t-tematika femminista li jittrażmettu, iqanqlu spunti eżistenzjali fost l-istudenti. Dan għaliex, il-poeżija ta' Grech Ganado tfittex "il-libertà mill-isterjotipi, l-istituzzjonijiet riġidi, il-kultura li tpoġġik f'kaxxa lesta bħala mara ... il-libertà mill-kelma nnifisha" (App. 4:15). F'dan ir-rigward, wieħed josserva kif il-kitba poetika qiegħda sservi ta' spunt biex l-istudent jemanċipa ruħu u jitbiegħed mir-riġidità tal-istituzzjonjijiet u tal-isterjotipi kulturali li jgħix u jitrabba fihom. Kif jinnota s-Sur Saydon, Grech Ganado tippreżenta l-figura tal-"mara sottomessa għar-raġel f'soċjetà patrijarkali" (App. 10:13). Dan il-kunċett, għalkemm nosservaw avvanzi kbar fil-qagħda tal-mara f'kuntest globali, Ewropew, Mediterranju u saħansitra dak Malti, wieħed jinnota kemm is-soċjetà li ngħixu fiha għadha tħaddan preġudizzji u limitazzjonijiet li jimpedixxu milli l-figura femminili tavvanza daqskemm jista' jasal ir-raġel (Pace, 2019).

Tema oħra li, preżenti f'xogħlijiet tal-awturi u tal-poeti tal-bidu tas-Seklu Għoxrin, ġiet trattata f'numru ta' kitbiet letterarji, hija l-indipendenza nazzjonali u politika. Fi żmien fejn Malta kienet maħkuma mill-Imperu Ingliż, diversi kittieba u awturi Maltin "kitbu dwar dan il-poplu li għal tant sekli [li] ma kienx liberu, ma kienx ħieles, ma kienx indipendenti" (App. 8:15). Xogħlijiet li jinsġu din it-tematika jippreżentaw l-ansjetà tal-bniedem li suppost huwa liberu, imma fl-istess ħin, għandu l-libertà tiegħu kkonfinata u ristretta. Dan l-argument imressaq minn Schopenhauer

(2005) iħares lejn in-nazzjon maħkum u mmexxi minn regoli li, paradossalment, joħloqhom huwa nnifsu. B'hekk, il-bniedem, paradossalment qiegħed ifittex il-ħelsien f'ambjent li hu kkonfinat minħabba d-deċiżjonijiet tiegħu stess. Malik u Akhter (2012) jasserixxu li jekk il-bniedem jagħraf il-libertà tiegħu bis-saħħa tal-edukazzjoni, effettivament ikun jista' jgħix ħajja tajba fi żmien ta' inċertezzi u dubji. F'kuntest edukattiv, wieħed iqabbel kif in-nazzjon maħkum mill-barrani jista' jiġi kkumparat mal-istudent, li bl-għażliet tiegħu magħġuna mad-deċiżjonijiet imposti fuqu, huwa nieqes mil-libertà li Bonnett u Cuypers (2002) jissuġġerixxu li għandu jkollu.

## 5.3 It-tema tal-fidi, ir-reliġjon u t-twemmin

Cardona (2018) jikkummenta kif ix-xbieha ta' Alla li "tiddomina l-ħajja kwotidjana tal-wemmiena" hija karatteristika qawwija fil-Letteratura Maltija (p. 72). Dan jista' jkun li seħħ għal raġunijiet diversi: għax partijiet sostanzjali mill-identità u mill-Kultura Maltija huma influwenzati, jew f'kuntatt dirett mar-reliġjon u l-Knisja; għax insibu numru ta' membri tal-kleru li interessaw irwieħhom fil-letteratura (Dun Karm, Ġużè Delia, Anastasju Cuschieri, Marjanu Vella, u Peter Serracino Ingott, fost l-oħrajn); għax f'Malta jeżistu faċilitajiet edukattivi mmexxija mill-Knisja (skejjel primarji, sekondarji u postsekondarji); jew għax il-Kostituzzjoni (Kostituzzjoni ta' Malta, Art. II) tiddikjara li r-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana hija r-reliġjon ta' Malta, fost raġunijiet oħra.

Ix-xogħlijiet letterarji b'temi reliġjużi mhumiex xi fenomenu riċenti, jew bdew jiżdiedu fis-Seklu Għoxrin, iżda anke l-ewwel kitba poetika bil-Malti ('Il-Kantilena') fiha

reżonanzi u allużjonijiet bibbliċi (u ħsibijiet eżistenzjali) evidenti ħafna (Friggieri, 2004). It-testi letterarji li jinkludu tematika reliġjuża mhumiex limitati biss għat-tixrid tal-fidi, imma kultant, jgħaddu kummenti dwar reliġjonijiet li huma 'l bogħod mit-twemmin tal-kotra. Grima (2011) jinnota kif "ftit li xejn għandu jkollna dubji" minn elementi anti-Semitiċi li jeżistu fil-Kultura Maltija, inkluż fil-letteratura mgħallma fl-iskejjel postsekondarji. Dwar it-tagħlim ta' testi 'skomdi', Darvin (2011) tispjega kif in-nuqqas ta' programmi edukattivi għall-għalliema li jittrattaw it-tagħlim ta' temi sensittivi qiegħed iwassal biex l-għalliema jevitaw li jgħallmu xogħlijiet letterarji li jinkludu temi marbuta mas-sesswalità, mat-twemmin, u mad-drittijiet tal-bniedem, fost l-oħrajn.

Fil-livell postsekondarju jeżistu istanzi letterarji li, b'mod evidenti jew inkella b'mod aktar sottili, jinkludu inferenzi marbuta mal-fidi u mar-reliġjon. Kif issemma f'taqsima 3.4.3, fil-poeżija 'Il-Għanja tar-Rebħa' ta' Dun Karm jikkundanna lill-Musulman bħala "ħajjen" u ħażin, sempliċiment għax huwa Tork u ma jħaddanx il-fidi Nisranija. Wieħed jista' jressaq l-argument li t-tixrid ta' dawn it-testi b'kummenti u inferenzi dispreġġjattivi – bis-saħħa tal-edukazzjoni – qiegħed ikompli jrewwaħ dawn l-isterjotipi razzisti fis-soċjetà (u l-Kultura) Maltija. Wieħed iżda, ma jistax jeskludi l-possibilità, li l-qari kontra l-vina u kontra dak li hu mistenni, qiegħed iwassal għal bidla fl-opinjoni u tkabbir personali fost l-istudenti (Friggieri, 1986). Fi kliem ieħor, student li jaqra kummenti ta' din ix-xorta, jasal jagħraf aktar l-importanza tat-tkissir ta' dawn il-miti Romantiċi, b'risq ġustizzja soċjali aktar wiesgħa u inklussiva.

Is-Sur Buonamico stqarr, li f'xi snin meta għallem diskors li jisfida t-twemmin reliġjuż tal-istudenti, dawn "ingħaqdu bejniethom u wrew reżistenza kbira" (App. 7:8). Fi kliem ieħor, bl-istqarrijiet tiegħu l-għalliem sfida l-qabża fil-fidi u indirettament xekkel il-libertà tal-istudenti tiegħu. Hawnhekk joħroġ ċar element qawwi ta' skumdità, għaliex l-istudenti ħassewhom urtati li qed jistudjaw testi li jmorru kontra t-twemmin reliġjuż tagħhom. Dan juri kif, ġaladarba l-għalliem ittanta jippreżenta qari skomdu lill-istudenti, dawn urew reżistenza kbira. Minħabba li xjentifikament ma tistax tiġi pprovata l-eżistenza ta' Alla, il-filosofija eżistenzjalista ta' Kierkegaard titlob li min jemmen jagħmel qabża ta' fidi u jemmen f'xi ħaġa li mhux neċessarjament ikollok prova tagħha (Wartenberg, 2017). Nittanta nikkonkludi li din ir-reżistenza nqalgħet minħabba l-fatt li l-għalliem, waqt l-analiżi ta' xogħol letterarju, poġġa t-twemmin tal-istudenti f'dubju u għadda rimarki li jmorru kontra l-fidi Nisranija, xi ħaġa li kapaċi ma tinżilx tajjeb ma' studenti li jħaddnu twemmin reliġjuż.

Bla dubju ta' xejn, ix-xogħol *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ellul Mercer (2010) huwa l-aktar xogħol li jqajjem mistoqsijiet marbuta mat-twemmin u l-fidi. Fl-analiżi kritika tiegħu, Fenech (1995) jispjega kif minn xejra realista, ir-rumanz "[i]sib l-unità tiegħu fl-iżvilupp tal-problematika tal-fidi ... il-kuxjenza mħawda" ta' Leli li qed jaqra l-Filosofija Moderna: Kant, Nietzsche u Schopenhauer, fost l-oħrajn. L-awtur jippreżenta l-protagonist, li għax jiftaħ moħħu għall-fehmiet moderni, jispiċċa jitlef il-fidi Nisranija tiegħu, u aktar minn hekk, jitlef l-għaqal u l-moralità. Is-Sur Caxaro stqarr li, għalkemm il-karattru li joħloq Ellul Mercer iħaddan twemmin "ta' min jistmerrihom", dawn xorta

waħda jifhmu l-kriżijiet u l-ħsibijiet tiegħu (App. 6:20). Dan għaliex il-ħajja tal-bniedem tintrabat mad-dinja ta' ġewwa "bl-ispiritwalità, it-twemmin reliġjuż jew saħansitra n-nuqqas tiegħu" (App. 6:21), u l-istudenti fl-età tal-adolexxenza jkunu qed jgħaddu minn kriżijiet spiritwali, soċjali u emozzjonali simili għal tal-protagonist. Erikson (f'Batra, 2013) jiddeskrivi l-perjodu tal-adolexxenza bħala żmien ta' kriżi, fejn iż-żgħażagħ iħabbtu wiċċhom ma' taqbida bejn l-identità personali tagħhom u l-kuntesti soċjali u kulturali li jgħixu fihom.

Il-kummenti u l-inferenzi eżistenzjali fil-Letteratura Maltija ma kinux preżenti biss fix-xogħlijiet ta' qabel l-Indipendenza tal-1964. Fix-xogħlijiet Moderni, ir-retorika tal-fidi tinbidel minn waħda ta' ċertezza għal waħda ta' dubji eżistenzjali kbar. Jekk fil-poeżija Romantika tal-bidu tas-Seklu Għoxrin, il-kittieba Maltin enfasizzaw l-importanza li l-fidi kellha fuq il-poplu, fuq it-taqbid tiegħu mal-barrani u fuq kemm din tferra l-qalb tal-bniedem, il-kittieba Moderni tat-tieni nofs urew xorta oħra. Friggieri (2004) jispjega kif wara t-twaqqif tal-Moviment Qawmien Letterarju, "il-protesta soċjali ... it-tiftixa ta' identità persunali ... l-għarfien ta' reliġjożità mibnija fuq is-sens tal-misteru" kienu wħud mit-temi li l-poeti żgħażagħ "ġodda" kienu qegħdin jintroduċu, bi gradi differenti, fil-Letteratura Maltija (p. xliii). Azzopardi (1984) wkoll jikkummenta kif il-poeta kontemporanju "beda ġirja nervuża biex ifittex xi sens fl-eżistenza (relattivament qasira ħafna) tiegħu fid-dinja" (p. 55).

L-għalliema intervistati semmew numru ta' xogħlijiet moderni li jgħallmu fil-livell postsekondarju u jinkludu temi assoċjati mar-reliġjon u l-ispiritwalità. Fuq naħa, is-Sur Wettinger ikkummenta dwar il-livell qawwi ta' twemmin, kważi "naqra żżejjed", fil-poeżiji ta' Pawlu Aquilina (App. 5:18). Huwa jorbot ukoll l-esperjenza personali tal-istudenti, fejn dawk li jkunu għaddew minn ċerti esperjenzi, jew qegħdin fi kriżi ta' twemmin, jistgħu jaraw il-poeżiji ta' Aquilina bħala xogħlijiet pożittivi żżejjed. Mill-banda l-oħra, is-Sur Ropa u s-Sur Wettinger rrimarkaw kif, fost l-oħrajn, il-poeżiji 'Duluri – purċissjoni oħra' u 'Meta taqta' l-fjuri' ta' Mario Azzopardi u 'Ġetsemani' u 'Pitirross' ta' Victor Fenech huma xogħlijiet b'reżonanzi u lehmiet poetiċi qawwija ħafna f'dak li għandu x'jaqsam ma' spiritwalità. Jekk tal-ewwel jistgħu jitqiesu bħala poeżiji niggieża li juru l-ipokrezija tal-bniedem f'ambjenti metafiżiċi, tat-tieni għandhom aktar l-għan ta' protesta u jwiddbu lill-individwu għan-nuqqas spiritwali tiegħu. Dan id-distakk tematiku bejn il-poeżija Romantika u dik Moderna, huwa riflessjoni ċara tal-qagħda wiesgħa fil-pajjiż, fejn minn stadju ta' ċertezza, il-letteratura pprezentat reliġjożità "imlaħħma aktar mat-twegħir, imfissra skont individwalità mġarrba" (Friggieri, 2004, p. xlv).

Dan l-aspett ta' inċertezza jinħass mill-għalliema fit-tagħlim ta' dawn it-testi letterarji lill-istudenti. Għaliex il-letteratura tittanta tfittex u tistaqsi dwar ir-reliġjożità tal-bniedem, it-tagħlim ta' dawn ix-xogħlijiet joffri sfida lill-għalliema. Dan minħabba l-fatt li fis-snin imgħoddija, fost l-istudenti kien jinħass element qawwi ta' twemmin, waqt li llum dan naqas drastikament. B'hekk, anke kif jikkummenta s-Sur Buonamico,

meta tiġi fil-lezzjoni biex tistaqsi mistoqsijiet marbuta mar-reliġjon, l-espressjoni tal-għalliem tkun waħda ta' frustrazzjoni għaliex "il-biċċa l-kbira tal-istudenti jibqgħu b'ħalqhom miftuħ" (App. 7:12). Huwa attribwixxa dan mal-fatt li l-istudenti ma jibqgħux isegwu lezzjonijiet tad-duttrina. Dwar dan, is-Sur Ropa jistqarr li llum, "titkellem dwar twemmin, imma eżattament x'inhu dan it-twemmin ma nafux" (App. 8:34). Għaldaqstant, it-tweġibiet tal-istudenti ma jistgħux ma jkunux xotti, kemm waqt il-lezzjoni, u kif ukoll fl-eżami, minħabba dan in-nuqqas ta' għarfien ġenerali.

## 5.4 It-tema tal-ħajja u l-mewt

Friggieri (2014) jinnota kif it-tema Romantika u patrijottika tal-kittieba ta' qabel l-Indipendenza politika sabet mewġa filosofika ġdida li ħaditilha postha: "L-Eżistenzjaliżmu, li jidher li ħalla influwenzi konsiderevoli fuq il-grupp ta' awturi li kienu esposti għalih ... tella' fil-wiċċ il-problema tal-awtentiċità u tas-sinċerità" (p. 92). It-twemmin eżistenzjalista li jippreżentaw il-kittieba Maltin jirnexxielu jimmalja flimkien, fuq livelli differenti, żewġ kundizzjonijiet umani li, fid-deher jidhru opposti ta' xulxin: il-ħajja u l-mewt inevitabbli. Jekk Heidegger juri kif l-eżistenza umana konxjament u inevitabbilment riesqa dejjem lejn il-mewt tagħha stess (Inwood, 1997), Sartre iqis il-mewt bħala sempliċiment episodju kontinġenti ieħor fil-ħajja tal-bniedem (Hoy, 2009).

Meta mistoqsija jekk isibux diffikultà biex jgħallmu testi letterarji li jittrattaw it-tema tal-ħajja u l-mewt lil żgħażagħ ta' bejn sittax u tmintax-il sena, seba' għalliema minn tmienja ħassew li l-istudenti jkunu ppreparati biżżejjed għal dawn it-temi

eżistenzjali. Anke jekk is-sur Caxaro stqarr li xi studenti ma jkunux konxji biżżejjed għal dawn it-temi (App. 6:37), is-Sur Inglott stqarr li llum l-istudenti huma ppreparati aktar għal dawn it-temi, "għax dawn l-affarijiet qed imissuhom b'idejhom" (App. 9:19). Għalkemm sa ċertu punt naqbel mal-istqarrija tas-Sur Inglott, jiġifieri li fiż-żminijiet ta' bħalissa wieħed jiltaqa' aktar ma' esperjenzi fuq il-midja soċjali, fil-films, fuq it-televiżjoni u fl-aħbarijiet, li jiddiskutu aspetti eżistenzjali bħall-ħajja u l-mewt, xorta waħda nħoss li fl-iskejjel dawn it-temi ma jiġux diskussi biżżejjed mal-istudenti. Nispekula li r-raġunijiet prinċipali wara dan in-nuqqas huma l-opinjonijiet kunfliġġenti u l-maturità tal-istudenti f'dan il-livell.

Persuna li ħalliet impatt qawwi fuq il-Letteratura Maltija tas-Seklu Għoxrin hija Karmenu Vassallo, poeta li kif jikkummenta Fenech (1995), iħaddan fit-tematika tiegħu "ċ-ċaħda tal-ħajja" (p. 286). Huwa jżid li l-lirika ta' Vassallo hija mibnija fuq frażi waħda, "Irrid u ma nistax" (Fenech, 1995, p. 283). Din ix-xewqa tal-poeta tidwi l-ħsibijiet eżistenzjali ta' Sartre li l-bniedem qiegħed kontinwament ifittex risposti għad-dilemmi ontoloġiċi tiegħu. Din it-tilwima mal-limitu tfeġġ f'numru ta' testi letterarji differenti, għaliex skont is-Sur Inglott, hija rappreżentazzjoni tal-esperjenzi u t-tbatijiet tal-bniedem fi kliem (App. 9:12). Is-Sur Vassalli jikkummenta kif il-lirika, din id-darba Moderna, ta' Achille Mizzi, għandha ħafna mit-tematika eżistenzjali li aktar qabel kiteb dwarha Vassallo, għaliex dan fil-lirika tiegħu jippreżenta għadd ta' mistoqsijiet eżistenzjali dwar il-ħajja tal-bniedem (App. 4:17).

Fonseca u Testoni (2012) jinnotaw kif kull reliġjon għandha l-fehmiet u r-ritwali partikolari tagħha assoċjati mal-mewt, u dawn il-prattiċi huma magħġuna fil-kulturi differenti ta' dawk li jemmnu. It-tematika moderna li xorbot mill-filosofija eżistenzjali, tista' tgħid, li rreplikat ruħha fil-Letteratura Maltija. Ix-xogħlijiet bikrin ta' Ġużè Muscat Azzopardi jigglorifikaw il-mewt tal-eroj li ta ħajtu għall-ġid tan-nazzjon, jew għall-imħabba tiegħu għal dak li hu Malti (u Kristjan). Fuq l-istess ton ta' sagrifiċċju għan-nazzjon wieħed jiltaqa' mal-poeżiji 'Il-Ġgantija t'Għawdex' u 'Ħaġar Qim' ta' Ġorġ Pisani, poeżiji Romantiċi li jagħġnu flimkien l-imħabba għan-nazzjon (il-patrijottiżmu) , il-mewt u t-twemmin (App. 11:17).

Għaliex wara l-Indipendenza nħass il-bżonn ta' qtugħ mil-letteratura patrijottika tar-Romantiċi, il-mewt fix-xogħlijiet letterarji moderni ngħatat ħarsa minn lentijiet differenti. Permezz tal-poeżija 'Delimara', Daniel Massa qiegħed iġannat flimkien il-bidu primordjali tiegħu (il-bniedem li oriġina mill-baħar) mar-ritorn – kważi suwiċidali – tiegħu fl-ambjent li minnu oriġina (Cardona, 2018). Poeżija oħra, li għas-Sur Ropa tinkludi temi li wieħed m'għandux jevita jgħallimhom fil-klassi, hija 'Miet Drogat' ta' Francis Galea, lirika li tinkludi temi li llum il-ġurnata huma ħafna aktar preżenti fis-soċjetà Maltija: l-abbuż minn sustanzi ta' droga u s-suwiċidju (App. 8:21). Għalkemm għal xi għalliema dawn it-temi jistgħu jitqiesu bħala qawwija jew skomdi żżejjed, jekk verament iridu jippreżentaw xogħlijiet li huma mera tas-soċjetà li l-istudenti jgħixu fiha, ma jistgħux jaħarbu milli jgħallmu dawn it-testi, u oħrajn.

L-iskumdità prinċipali tal-għalliema fit-tagħlim ta' testi dwar il-mewt hija li student li jkun imġarrab, "toqgħod attent biex ma tweġġgħux" (App. 9:19). Skont is-Sur Inglott, l-istudenti llum huma aktar konxji ta' dawn it-temi, għaliex dawn "raw minn kollox u missew ma' kollox" (App. 9:19). Anke s-Sur Saydon stqarr li t-temi tal-mewt u s-suwiċidju għandhom jiġu mgħallma "b'kawtela kbira" minħabba li student jista' jinterpreta t-tagħlim b'mod ħażin (App. 10:8). Is-Sur Wizzino rrimarka kif it-tagħlim tal-poeżija 'Niftakar' għal student li kien għadu kif tilef lil missieru, kienet esperjenza negattiva ħafna. Dan juri kemm l-għalliema f'każijiet bħal dawn iridu jkunu aktar attenti kif jippreżentaw ix-xogħlijiet letterarji, sabiex ma jaffettwawx b'mod ħażin lill-istudenti.

### *5.4.1 It-tema tal-ambjent*

Ix-xogħlijiet bħal 'Iż-Żabra' ta' Victor Fenech, 'San Niklaw' ta' Joe Friggieri, 'Aqta Fjura u Ibni Kamra' ta' Immanuel Mifsud, u t-tmiem tal-kanzunetta 'Fid-Dar tan-Nanna' ta' Corazon Mizzi, u ħafna xogħlijiet oħra, ilkoll jasserixxu l-importanza li l-bniedem jieħu ħsieb l-ambjent ta' madwaru, il-post li fih jgħammar u jeżisti. Għalkemm, b'ton negattiv, is-Sur Caxaro stqarr li l-isforzi ta' dawn il-kittieba rarament ittieħdu bis-serjetà f'Malta, u l-karba tagħhom ħalliet "effett insinifikanti fuq il-mentalità tal-poplu", xorta nħoss li fl-iskejjel ftit li xejn isiru diskussjonijiet marbuta mal-ambjent, għajr f'xi lezzjonijiet tal-Ġografija u fis-Systems of Knowledge. Nittanta ngħid li ż-żgħażagħ tal-postsekondarja ma jipparteċipawx b'mod attiv f'diskussjonijiet u f'dibattiti dwar is-sitwazzjoni tal-ambjent f'Malta, mhux għax għandhom attitudni

laxka jew ta' *laissez faire*, imma għaliex mhumiex konxji u informati biżżejjed. Dan iwassal biex l-istudenti jaċċettaw dak li jiġi mpost fuqhom, u l-ftit libertà li tippermettilhom il-kundizzjoni ontoloġika tagħhom, tisfa maħnuqa u mċaħħda.

Tema li fis-snin Sittin u Sebgħin nibtet iż-żerriegħa tagħha fil-Letteratura Maltija hija l-kwistjoni tal-ambjent. Is-Sur Wizzino u s-Sur Caxaro kkummentaw li l-qerda kontinwa tal-pajsaġġ ilha preżenti f'xogħlijiet letterarji mgħallma fil-faċilitajiet edukattivi Maltin u Għawdxin għal diversi snin (App. 5:16; App. 6:12). Tal-aħħar, bħal donnu jirrassenja ruħu li t-tħambiq kollu li għamlu l-poeti dawn l-aħħar sittin sena ma sewa għalxejn biex il-mentalità f'dan il-pajjiż tinbidel għal waħda favur żvilupp sostenibbli u ħarsien tal-ambjent. Għaldaqstant, it-tagħlim ta' testi letterarji li jmissu dawn it-twissijiet (fil-kuntest tat-tema tal-Pajsaġġ Malti) jinħass relattivament sfurzat ("tħossok qed taħli ż-żmien u nitmellħu b'xulxin"), għaliex din il-perspettiva ambjentalista rarament qed tiġi trażmessa fis-soċjetà (App. 6:12).

## 5.5 L-esklużjoni ta' xi temi

Lowe (2015) tal-fehma li mil-lat ta' riċerka għadna lura ħafna biex wieħed jiskopri l-esperjenzi u l-attitudnijiet tal-istudenti u tal-għalliema dwar temi sensittivi. Għalkemm mil-lat ta' sillabu, wieħed jinnota li t-temi u t-testi offruti fil-livell postsekondarju, mal-ewwel daqqa t'għajn, ma jinkludu l-ebda kwistjonijiet sensittivi, xorta waħda jista' jkun hemm xi istanzi li għall-għalliem, jew għall-istudent, kapaċi joħolqu ftit skumdità. Skont Sardone u Scherer (2015) kwalunkwe kwistjoni soċjali li tinvolvi l-imġiba

kumplessa tal-bniedem, tista' toħloq diffikultà biex tiġi diskussa fi kwalunkwe strata tas-soċjetà, aħseb u ara fi skola postsekondarja. Dan għaliex, wieħed ikun qiegħed jiddiskuti temi li jqanqlu opinjonijiet u emozzjonijiet differenti bejn l-għalliem u l-istudenti, u bejn l-istudenti nfushom (Lowe & Jones, 2010).

Fil-maġġoranza tagħhom, l-għalliema stqarrew li m'hemmx temi li jevitaw li jgħallmuhom fil-lezzjonijiet tal-letteratura, kemm għax is-sillabu hu dak li hu, imma kif ukoll, għaliex iħossu li l-istudenti m'għandhomx jiġu mċaħħda minn ċerti temi. Is-Sur Vassalli u s-Sur Buonamico qablu li l-akbar sfidi tematiċi huma dawk li jmorru kontra l-valuri tal-istudenti nfushom (App. 4:30, App. 7:8); iżda xorta waħda jħossu li m'għandhomx jeskludu u jċaħħdu dawn it-temi lill-istudenti tagħhom. Dan għaliex wieħed m'għandux jinjora opinjonijiet u sentimenti li huma differenti minn tiegħu, u kif ukoll għaliex dawn ix-xogħlijiet letterarji nkitbu fi żmien u f'kultura li hija differenti minn dik li ngħixu fiha llum il-ġurnata. Din l-imġiba tal-għalliema lejn it-tagħlim ta' testi 'skomdi' timplika li dawn jagħtu prijorità lejn il-formazzjoni sħiħa tal-istudent, inkluż dawk ix-xogħlijiet li xi wħud iħossuhom diffiċli jew dibattibbli żżejjed.

Meta ppreżentati bil-poeżija 'Inċest' ta' Mario Azzopardi, kemm minħabba l-intensità tal-poeżija, imma wkoll minħabba t-tematika ta' natura personali u sesswali li tippreżenta, l-għalliema ħassewhom komdi li jgħallmu dan ix-xogħol lill-istudenti tagħhom. Waħda mir-raġunijiet għaliex jgħallem din il-poeżija, skont is-Sur Buonamico, hija l-fatt li l-istudenti jifhmu u joqorbu aktar lejn l-iskumditajiet personali

tal-poeta, anke jekk huma ma jkunux qegħdin jgħaddu mill-istess esperjenzi (App. 7:25). Fuq dan l-istess xogħol, kellhom kummenti simili s-Sur Ropa u s-Sur Saydon, meta t-tnejn stqarrew li ż-żgħażagħ għandhom "jiġu ppreparati biex ikunu ċittadini oġġettivi, razzjonali" (App. 8:23). Għalkemm din il-poeżija tista' tippreżenta numru ta' sfidi u/jew kwistjonijiet etiċi waqt it-tagħlim, għadd ta' għalliema intervistati xorta jqisu bħala għażla tajba d-deċiżjoni tagħhom li jippreżentaw din il-letteratura lill-istudenti.

Lowe (2015) tispjega li huwa fil relattivament diffiċli biex għalliem jevita li jgħallem suġġetti ta' natura sensittiva, għaliex mhux kull individwu kapaċi jaċċetta li jitkellem jew jiddiskuti dwar temi personali. Iżda hija ssostni li t-tagħlim ta' dawn it-temi, anke jekk kultant joħloq skumdità, huwa importanti ħafna speċjalment meta l-istudenti jkunu qed jitgħallmu f'livell terzjarju (Lowe, 2015). Għalkemm xi għalliema stqarrew li jeżistu studenti li ma jkunux ippreparati għal ċertu temi ta' natura eżistenzjali jew personali, xorta waħda jħossu li għandhom jiddiskutu dawn l-aspetti mal-istudenti tagħhom, għaliex dan xorta jkun ta' benefiċċju għalihom. Mill-intervisti dan il-punt ħareġ ċar ħafna, fejn kienu s-Sur Ropa u s-Sur Wettinger biss li stqarrew li xogħlijiet ta' natura sesswali jew b'lingwaġġ li mhuwiex xieraq m'għandhomx jiġu mgħallma lill-istudenti f'dan il-livell, iżda aktar 'il quddiem fil-mixja edukattiva tagħhom (App. 7:36; App. 11:34). Mill-banda l-oħra, l-opinjoni tas-Sur Caxaro hija li s-sillabi tal-Malti, b'kuntrarju għal sillabi f'pajjiżi oħra, huma neqsin minn xogħlijiet kontemporanji, għas-sempliċi raġuni li "jinkludu lingwaġġ vulgari...li kapaċi nużawh

jien u int u ħafna mill-istudenti Maltin f'ċirkostanzi partikolari" (App. 6:11). Hawnhekk jinħass żbilanċ qawwi bejn l-opinjonijiet tal-għalliema intervistati, fejn uħud iħossuhom komdi li jgħallmu dawn ix-xogħlijiet, waqt li oħrajn, minħabba raġuni ta' maturità (jew raġunijiet oħra li ma ssemmewx), iħossu li l-istudenti mhumiex ippreparati biżżejjed. Dan iwassal biex numru ta' studenti, minħabba għażla suġġettiva u arbitrarja tal-għalliema, qed jiġu mċaħħda minn ċerti testi, anke għaliex is-sillabu nnifsu ma jipprivax it-tagħlim ta' dawn ix-xogħlijiet.

## 5.6 Xi kummenti konklużivi

Jekk fit-tielet u r-raba' kapitlu, ingħataw attenzjoni l-aspetti marbuta mas-sillabi u mat-taqsimiet tal-lezzjoni, f'dan il-kapitlu analitiku ngħataw attenzjoni l-attitudnijiet tal-għalliema għal lehmiet eżistenzjali fil-Letteratura Maltija, b'enfasi għal tliet temi kbar li jagħmlu parti mill-Filosofija Eżistenzjali globali, jiġifieri l-libertà, ir-reliġon u l-ħajja.

Il-libertà għal Sartre mhijiex qagħda kif jaħsbuha ħafna, imma "my freedom eats away my freedom". Għalkemm it-testi letterarji magħżula mill-għalliema jinkludu numru ta' temi li huma qrib l-esperjenzi personali tal-istudenti (l-identità, il-libertà mill-isterjotipi, ir-razziżmu), xorta waħda nemmen li għandu jsir sforz akbar biex l-istudenti jesploraw u jesperjenzaw xogħlijiet aktar viċin tal-esperjenzi tagħhom. Rarament jiġu diskussi testi letterarji li jalludu għal temi ta' bbulljar, ta' problemi ta' saħħa fiżika u ta' saħħa mentali fost iż-żgħażagħ, ta' tipjip, ta' orjentament sesswali, u ta' persuni b'diżabilità, fost diversi temi attwali oħra. L-implikazzjoni ta' dan hija li

numru ta' esperjenzi attwali li jgħaddu minnhom l-istudenti ma jiġux diskussi minn *punti di vista* letterarji, anke jekk riċentament ħarġu pubblikazzjonijiet diversi li jittrattaw dawn it-temi reali li għalissa għadu kmieni biex jiġu kkunsidrati għas-Sillabu tal-Malti f'dan il-livell.

L-aktar sentenza li baqa' magħruf għaliha l-filosfu Nietzsche, hija "God is Dead", mhux bi protesta għat-twemmin Nisrani, imma għaliex xjentifikament ma teżisti l-ebda prova tal-preżenza ta' forza divina fil-kreazzjoni umana. Meta mistoqsija dwar dawn it-temi, l-għalliema identifikaw numru ta' poeti li jippreżentaw dawn it-temi (fosthom Mario Azzopardi, Oliver Friggieri, Doreen Micallef u Achille Mizzi) u ħafna minnhom stqarrew li ma jsibux diffikultà li jgħallmuhom. It-tagħlim ta' dawn ix-xogħlijiet f'kuntest, għalkemm inħoss li għandu jiżdied fl-intensità u fl-ammont, huwa neċessarju biex l-istudent – li għada pitgħada jsir raġel jew mara – jiżviluppa l-identità personali tiegħu msejsa fuq prinċipji u valuri oġġettivi u razzjonali.

L-attitudnijiet tal-għalliema għal dawn l-allużjonijiet, kienu mħallta u kultant kuntrastanti għal xulxin. L-għalliema fil-livell postsekondarju f'Malta u f'Għawdex, bis-saħħa ta' xogħlijiet varji u b'intensitajiet differenti, jinkludu temi marbuta mal-ħajja u l-mewt fil-lezzjonijiet tal-letteratura. Bħalma turi r-riċerka, huma wkoll iħossu li t-tagħlim ta' dawn ix-xogħlijiet huwa neċessarju biex l-istudenti jiżviluppaw kuxjenza eżistenzjali qawwija. Fi kliem ieħor, student li jiltaqa' ma' u jiddiskuti xogħol letterarju

li jittanta jifhem l-imġiba u l-ħsibijiet tal-individwu vis-a-vis l-eżistenza u l-qagħda umana tiegħu, ikun qiegħed jiżviluppa l-identità awtonoma tiegħu nnifsu.

Tema oħra preżenti fit-tagħlim tal-Letteratura Maltija hija l-kwistjoni tal-ħarsien tal-ambjent. Anke jekk riċentement, bis-saħħa ta' numru ta' għaqdiet mhux-governattivi u volontarji, trabbiet kuxjenza aktar qawwija favur il-protezzjoni tal-ambjenti miftuħa, is-soċjetà inġenerali xorta waħda għadha lura milli tiżviluppa b'mod responsabbli u sostenibbli. Dawn l-appelli, kif jikkummentaw żewġ għalliema, ilhom jingħadu għal diversi snin mill-kittieba Maltin. It-tagħlim ta' dawn it-testi, għalkemm jidher li ftit li xejn ħalla frott, xorta nħoss li huwa importanti biex l-istudenti jrawmu kuxjenza favur il-ħarsien tal-ambjent Malti.

L-inferenzi eżistenzjali u l-għażliet pedagoġiċi marbuta ma' dawn it-temi kienu l-aspetti li xprunaw din ir-riċerka kwalitattiva. Għalkemm dawn il-ħsibijiet jistgħu jitqiesu sensittivi jew personali żżejjed, wieħed għandu jimxi bil-prinċipju li "antipatiku kemm ikun antipatiku, anzi propju għax ikun antipatiku; jeħtieġ li jsir. Naturalment isir b'ċertu rispett u dinjità" (App. 10:28). Dan għall-benefiċċju tal-istudent u tas-soċjetà tal-lum, u t'għada.

# Is-sitt kapitlu

# Il-konklużjoni

## 6.1 Is-sejbiet ewlenin ta' din ir-riċerka

Minn din it-teżi ħarġu diversi osservazzjonijiet siewja dwar l-attitudnijiet tal-għalliema għal inferenzi eżistenzjalisti fit-tagħlim tal-Letteratura Maltija. Dawn is-sejbiet ġew diskussi abbażi tal-opinjonijiet tal-għalliema, li tqiegħdu f'qafas xprunat mit-tliet mistoqsijiet prinċipali tar-riċerka (ara 2.2).

Fit-tielet kapitlu (ara 3.2) ngħatat ħarsa lejn aspetti amministrattivi marbuta mat-tagħlim tal-Letteratura f'Malta, b'enfasi fuq is-Sillabu tal-Malti maħruġ mill-Matsec fl-2018. Jekk xi għalliema qablu li fil-livell postsekondarju nsibu livell għoli ta' importanza mogħti lit-tagħlim tal-letteratura, oħrajn esprimew l-oppost, fejn saħanistra stqarrew li l-letteratura f'Malta ma tittiħidx bis-serjetà kemm jistennew (ara 3.2). Dan juri kif, għalkemm l-eżami nnifsu jxaqleb favur it-tagħlim tal-letteratura, f'Malta għad fadal ħafna xi jsir f'dak li għandu x'jaqsam ma' apprezzament letterarju.

Nuqqas ta' qbil li nħass fost l-għalliema jiffoka fuq l-għażla tat-testi: żewġ għalliema stqarrew li s-sillabu huwa nieqes minn testi umoristiċi jew li jippreżentaw il-ħajja b'mod sabiħ, filwaqt li żewġ għalliema oħra ċaħdu dan, u saħanistra ddikjaraw li fis-sillabu kultant jiġu mwarrba dawk ix-xogħlijiet li juru l-ikrah tal-ħajja (ara 3.4.2). Biex jintlaħaq l-għan li jsemmi O'Neill (1964), jiġifieri li l-edukazzjoni tlaqqa' lill-

istudent mal-eżistenza tiegħu, jeħtieġ li t-tagħlim jippreżenta l-faċċati kollha tal-esperjenza umana, inkluż dawk l-aspetti negattivi, u mhux dawk it-temi pożittivi jew umoristiċi biss.

Il-livell ta' qari fost l-istudenti, fejn dan inħass baxx meta deskritt mill-għalliema (ara 3.4.4). Minħabba dan in-nuqqas ta' qari fost iż-żgħażagħ, l-għalliema wrew tħassib fuq in-nuqqas ta' għarfien ġenerali li jiġu bih l-istudenti mis-sekondarja. Dan qed ikollu effett fuq il-kwalità tat-tagħlim u l-andament tal-lezzjonijiet, għaliex is-sisien kulturali tal-istudenti mhux mifruxa kemm u kif mistenni.

L-aspetti pedagoġiċi marbuta mal-andament tal-lezzjoni ġew analizzati u diskussi fir-raba' kapitlu (ara 4.4), fejn ħareġ ċar kemm il-lezzjonijiet tal-letteratura f'dan il-livell ixaqilbu aktar lejn il-forma ta' lekċers simili għal dak li jseħħ f'università, milli għal-lezzjonijiet li l-istudenti jkunu mdorrijin bihom fis-sekondarja (ara 4.4). Dan il-fatt iħalli effett fuq il-livell ta' parteċipazzjoni tal-istudenti. Numru ta' għalliema li ġew intervistati esprimew id-diżappunt tagħhom li ħafna mill-istudenti joqogħdu lura milli jiddiskutu jew jesprimu l-opinjonijiet tagħhom. Din hi limitazzjoni serja ħafna għaliex it-tagħlim tal-letteratura jitlob l-element ta' diskussjoni b'risq l-interpretazzjoni tat-testi letterarji fil-komunità tal-klassi.

B'rabta mat-tielet mistoqsija tar-riċerka (ara 2.2), ġew analizzati mumenti differenti tal-lezzjoni fejn l-istudenti jkunu mitluba jiddiskutu, jinterpretaw, jew jgħaddu l-opinjoni tagħhom. Għalkemm fil-maġġoranza tagħhom l-għalliema stqarrew

li jemmnu fi prinċipji demokratiċi u ta' parteċipazzjoni attiva, il-mod kif ikunu ppjanati u mqassma l-lezzjonijiet juri xorta oħra (ara 4.4.2). Dan għaliex fl-analiżi ħareġ ċar li l-lezzjonijiet huma neqsin ħafna minn dawn l-istanzi. Anke jekk l-għalliema, għajr wieħed, tefgħu l-ħtija fuq l-għadd ta' studenti fil-klassi, nittanta nissuspetta li dan mhuwiex il-każ.

Il-ħarsa lejn ix-xogħlijiet letterarji li l-għalliema jikkunsidrawhom ta' natura eżistenzjali, għenet biex ikunu identifikati xi testi letterarji li jinkludu t-temi tal-libertà, tar-reliġjon, u tal-ħajja u l-mewt. L-analiżi ħarset lejn l-esperjenzi, id-diffikultajiet, l-emozzjonijiet u s-sentimenti tal-għalliema meta jkunu qed jgħallmu dawn it-testi lill-istudenti. Għadd ta' għalliema stqarrew l-isfida li jaffrontaw fit-tagħlim ta' dawn it-testi hija meta jittrażmettu sentimenti li jmorru kontra l-valuri personali tal-istudenti (ara 5.3). Fi kliem ieħor, jekk jippreżentaw xogħlijiet li jmorru kontra t-twemmin Nisrani jew testi letterarji li jmaqdru lill-pajjiż, l-istudenti (kważi kważi) jieħdu lill-għalliema fuq demm id-dars. It-test letterarju jittieħed b'Vanġelu li jrid jaqbel miegħu kulħadd.

Jidher ċar li l-għalliema jagħtu relevanza lill-esperjenzi personali tal-istudenti (ara 4.5 u 5.4). L-għalliema stqarrew li jekk l-istudenti jkunu qed jistudjaw testi viċin l-esperjenzi personali tagħhom, dawn ikunu jistgħu jiddiskutu aktar u jaqsmu l-fehmiet tagħhom. B'rabta ma' dan, ġie trattat il-prattika ta' ċensura ta' temi (ara 5.5), fejn xi għalliema stqarrew li ma jsibux diffikultà biex jittrattaw xogħlijiet ta' natura sensittiva

jew personali, waqt li xi għalliema oħra ddikjaraw li wieħed irid jagħti każ il-livell ta' maturità tal-istudenti. Fost l-oħrajn, dawn tal-aħħar iddikjaraw li letteratura b'konnotazzjonijiet sesswali, jew miktuba bi kliem baxx, m'għandhiex tiġi mgħallma f'dan il-livell edukattiv, għaliex l-istudenti ma jkunux maturi jew imħarrġa biżżejjed għalihom. Dwar il-livell terzjarju, għall-mistoqsija tagħha dwar kif nistgħu ninqdew b'testi ta' natura sesswali jew erotiċi biex nesploraw aspetti varji tal-eżistenza tagħna, Rogers (2003) tikkonkludi li "they are the vessels of many more complex interrogations of our cultures and societies represented in story" (pp. 211-212). In-nuqqas ta' espożizzjoni għal dawn ix-xogħlijiet, b'hekk, qed jirrifletti s-soċjetà Maltija li għal diversi snin, warrbet (u sa ċertu punt għadha twarrab) it-tagħlim ta' dawn it-testi u ma tistħarriġx kemm suppost l-għeruq kulturali ta' ċerti pożizzjonijiet u sitwazzjonijiet.

## 6.2 Xi suġġerimenti b'rabta ma' dan l-istudju

Mir-riżultati miġbura mill-intervisti, u mill-analiżi u d-diskussjonijiet, jistgħu joħorġu għadd ta' suġġerimenti dwar x'jista' jsir – fuq livelli differenti – biex is-sitwazzjoni preżenti titjieb. Minn lat kurrikulari, ħareġ ċar kemm is-sillabu maħruġ mill-MATSEC għandu bżonn jiġi aġġornat, kemm tematikament u anke testwalment. Dan sabiex, kif jindikaw l-għalliema nfushom, il-materjal mgħallem (l-aktar dak letterarju) ikun aktar qrib l-esperjenzi personali tal-istudenti, u b'hekk, dawn ikunu jistgħu jempatizzaw, jassoċjaw irwieħhom, jifhmu u jinterpretaw ix-xogħol letterarju studjat. Dan ma jfissirx li s-sillabu għandu jiħfief biex jappella aktar għall-istudenti, iżda għandu jinkludi

xogħlijiet b'temi li żgħażagħ ta' bejn sittax u tmintax-il sena jkunu jistgħu jirrelataw magħhom, u jitkellmu dwarhom. Anke jekk din il-bidla saret fis-sena 2019, xorta waħda nħoss li testwalment ma sarux żviluppi kbar, għaliex ix-xogħlijiet poetiċi li qed jiġu studjati ġew magħżula speċifikament mill-Bord tal-Għażla, u neħħew il-ftit awtonomija li kellhom l-għalliema fis-sillabu ta' qabel. Anke jekk in-novelli ta' Trevor Żahra jidhru pass fid-direzzjoni t-tajba, ir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici u d-dramm *Karnival* ta' Francis Ebejer, mill-ġdid, huma ta' awturi li kitbu fis-Seklu Għoxrin, u x-xogħol voluminuż ta' awturi u drammaturgi daqstant ieħor relevanti twarrbu u naqas il-prinċipju ta' għażla. Għaldaqstant, nissuġġerixxi, li f'bidliet li għandhom iseħħu aktar 'il quddiem, xogħlijiet ta' awturi li kitbu fis-Seklu Wieħed u Għoxrin għandhom ikunu inklużi fis-sillabi.

It-tieni suġġeriment huwa marbut aktar mal-pedagoġija tal-lezzjonijiet tal-letteratura fil-livell postsekondarju. Għalkemm ħafna mill-għalliema stqarrew li jemmnu u jħaddnu fil-prinċipji tad-djalogu u tad-diskussjoni, dan il-fatt inħass nieqes fil-lezzjonijiet tal-postsekondarja, għaliex il-lezzjonijiet huma neqsin minn elementi ta' parteċipazzjoni u ta' diskussjoni. Anke jekk l-istudenti ġew deskritti mill-għalliema bħala "passivi", dan ma jċaħħadx mill-bżonn li l-istudenti jingħataw iċ-ċans fil-lezzjoni sabiex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom jew jiddiskutu xi suġġett flimkien ma' sħabhom u mal-għalliema. Biex dan isir, huwa bżonnjuż li l-lezzjonijiet ikunu maħsuba bl-istudent fiċ-ċentru, u minn lezzjoni f'forma ta' lekċer, wieħed jgħaddi għal lezzjoni aktar interattiva, billi fost l-oħrajn, jitnaqqsu l-ammonti ta' studenti fi klassi waħda, u

jiżdiedu t-*tutorials*. Dan jista' jsir b'diversi għodod pedagoġiċi wkoll: diskussjonijiet dwar xi tema attwali; preżentazzjonijiet dwar interpretazzjonijiet differenti ta' test letterarju jew dwar il-karattri ta' xi rumanz jew dramm; drammatizzazzjoni ta' silta minn dramm; u użu aħjar tat-teknoloġija, fost l-oħrajn. Dawn l-għodod jgħinu biex l-istudent ikun aktar parteċipi u involut fil-proċess tat-tagħlim.

Suġġeriment ieħor fuq livell amministrattiv u governattiv jiffoka fuq il-problema tan-nuqqas ta' qari fost l-istudenti. Kif stqarrew l-għalliema nfushom, fil-livell ta' postsekondarja qegħdin jiġu esperjenzati istanzi fejn l-istudenti, minħabba raġunijiet diversi, jaqraw inqas minn kemm ikunu qraw fis-snin tal-primarja u tas-sekondarja, jew kważi ma jaqraw xejn. *L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd f'Malta u f'Għawdex 2014-2019* (MEDE, 2014), għalkemm tipproponi numru ta' miżuri favur il-qari fost iż-żgħażagħ, dawn xorta waħda jinħassu neqsin minn sforz kollettiv biex tiżdied il-kuxjenza tal-litteriżmu f'Malta fost iż-żgħażagħ, anke fid-dawl tal-fatt li Malta għandha rata għolja (16.7%) ta' studenti li jwaqqfu l-edukazzjoni wara s-sekondarja (Caruana, 2020). Il-proposti li tirrakkomanda l-istrateġija, fosthom mekkaniżmi ta' *networking*, l-idea ta' *mentors*, u l-kunċett ta' libreriji ħajjin, jinħassu ġenerali wisq u ma jippreżentawx proġetti tanġibbli u effettivi. Fuq livell amministrattiv jistgħu jitwettqu diversi inizjattivi biex l-istudenti żgħażagħ ikunu mħeġġa jaqraw aktar: jitwaqqfu klabbs tal-qari; kompetizzjonijiet fejn l-istudenti jintalbu janimaw il-ktieb favorit tagħhom; jiġi ddedikat ammont ta' ħin għall-qari waqt il-ħin tal-iskola; u jiġu involuti l-ġenituri/kustodji fil-proċess tal-qari, fost l-oħrajn (Stinchcomb, 2017). Fuq

livell ta' sillabar, wieħed jista' jissuġġerixxi wkoll reviżjoni tas-Sillabu tal-Eżami tal-Malti fil-livell Sekondarju, biex l-istudenti jkunu mħarrġa aktar għal qari ġenerali u dak estetiku. Nemmen li l-kunċetti tajbin li jippreżenta s-suġġett tas-Systems of Knowledge għandhom jinżlu aktar 'l isfel fil-livelli edukattivi, u mhux jitħallew wara snin tal-edukazzjoni obbligatorja għal min jistudja għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola biss.

## 6.3 Xi limitazzjonijiet ta' din ir-riċerka

Queirós et al. (2017) jispjegaw kif ir-riċerka kwalitattiva tiffoka fuq aspetti li ma jistgħux jiġu kwantifikati, b'enfasi fuq id-dinamiċità tar-relazzjonijiet soċjali li jkollu l-bniedem. Id-dinamika tal-istudju wasslet biex l-informazzjoni miġbura mit-tmien intervisti tkun voluminuża. Anderson (2010) tqis li l-analiżi u l-informazzjoni miġbura fi studju kwalitattiv, minħabba li tkun sostanzjali, tieħu ħafna aktar ħin. Din kienet sfida kbira personali biex ir-riċerka titqiegħed f'qafas fejn il-kapitli analitiċi jippreżentaw diskussjonijiet sostanzjati. Fil-qafas tal-mistoqsijiet tar-riċerka, aspetti interessanti oħra kellhom jitħallew barra jew jissemmew kemm kemm, bħat-tranżizzjoni mis-sekondarja għall-postsekondarja, il-kunċett ta' studenti barranin, u l-kwalità tal-eżamijiet.

Sfida oħra li titkellem dwarha Ochieng (2009) hija l-kobor tal-kampjun. Minħabba l-fatt li studju kwalitattiv jiffoka fuq numru żgħir ta' parteċipanti, ma jkunx faċli li s-sejbiet jiġu ġeneralizzati. Fi kliem ieħor, studju kwantitattiv, minħabba l-ammont kbir ta' parteċipanti, jagħti lok li r-riċerkatur jiġġeneralizza aktar. Għalkemm

dan l-istudju kien ibbażat fuq tmien intervisti, meta mqabbel mal-għadd sħiħ ta' għalliema tal-Malti f'dan il-livell, jidher li dan il-kampjun kien rappreżentattiv ħafna, minħabba l-fatt li l-ammont ta' għalliema huwa wieħed żgħir. B'hekk, din ir-riċerka tibqa' valida fil-kuntest tal-għalliema intervistati, abbażi tal-esperjenzi tagħhom, u d-diskussjonijiet ma jistgħux jiġu ġeneralizzati.

Minħabba li s-suġġett tar-riċerka ffoka fuq l-esperjenzi personali tal-għalliema, kien meħtieġ li jiġu eliminati dawk l-istanzi fejn l-għalliema jistgħu jikxfu l-identità personali tagħhom. Anderson (2010) tiddikjara li waħda mid-diffikultajiet ta' studju kwalitattiv hija r-realtà li r-riċerkatur ma jkunx jista' jivverifika r-riżultati minn lenti oġġettiva. Dan għaliex l-informazzjoni li qed jgħaddu l-għalliema dwar it-tiġrib personali hija bbażata fuq is-suġġettività, l-emozzjonijiet, il-ħsus u l-fehmiet tagħhom, u b'hekk, jista' jkollok każijiet ta' interpretazzjonijiet differenti tal-istess episodju jew kumment.

## 6.4 Xi suġġerimenti għal studji oħra

Il-qasam tal-eżistenzjaliżmu b'rabta mal-edukazzjoni għad irid jiġi studjat aktar fil-ġejjieni. Għalkemm f'dan l-istudju ngħatat ħarsa lejn l-attitudnijiet tal-għalliema, wieħed jista' jieħu approċċ fid-direzzjoni opposta, u minflok iħares lejn il-perspettivi u l-esperjenzi personali tal-istudenti fil-livell postsekondarju. B'hekk, wieħed ikun jista' jqabbel kemm iż-żewġ partijiet għandhom attitudnijiet simili għal xulxin dwar l-effetti li inferenzi eżistenzjali jħallu fuq it-tagħlim tagħhom. Dan l-istudju, jista' jsir fuq bażi

kwantitattiva u jagħti stampa wiesgħa tas-sitwazzjoni preżenti f'Malta, jew inkella, isir fuq livell kwalitattiv u minflok iħares lejn l-individwalità partikulari, l-emozzjonijiet, l-awtentiċità u l-fehmiet personali fil-fond tal-istudenti.

Suġġeriment ieħor għal studji oħra fuq l-istess linja huwa l-effett li l-bidla fis-sillabu tal-Malti fil-livell postsekondarju ħalliet fuq l-għalliema u/jew fuq l-istudenti. Permezz ta' dan l-istudju wieħed jista' janalizza numru ta' aspetti tal-lezzjonijiet: l-awtonomija tal-għalliema, il-parteċipazzjoni tal-istudenti, id-diskussjonijiet tal-esperjenzi personali, u temi eżistenzjali bħal-libertà u r-reliġjon, fost l-oħrajn. B'hekk tkun tista' tiġi mistħarrġa l-effettività li l-bidla fis-sillabu ħalliet fuq il-livell ta' tagħlim.

Studju ieħor mil-lenti tal-għalliema jista' jiffoka fuq l-isfidi li jaffrontaw. Dawn jistgħu jinkludu: id-differenzi fit-tagħlim tal-Malti fil-postekondarja lil studenti barranin; l-effett li l-eżami f'forma ta' komponiment iħalli fuq it-tagħlim; u l-livelli differenti ta' ħeġġa fost l-għalliema. Studju li jistħarreġ dawn l-aspetti, u oħrajn, fil-fond ikun jista' jagħti stampa u joffri suġġerimenti siewja lill-għalliema f'dan il-livell, bil-għan li jingħelbu dawn l-isfidi waqt it-tagħlim.

## 6.5 L-għeluq

Fuq nota pożittiva iżda, wieħed jittama li dan l-istudju jservi ta' bidu u ta' gwida għal studji oħra li fil-futur jerġgħu jagħtu ħarsa lejn il-postsekondarja, livell edukattiv li jiflaħ aktar riċerka lokali dwaru. Għalkemm dan l-istudju kien tentattiv żgħir biex

jingħata aktar dawl fuq l-attitudnijiet għal temi eżistenzjali, nittama li dan joħloq konsapevolezza aktar qawwija fost l-edukaturi u ż-żgħażagħ dwar l-importanza li għandhom jingħataw dawn l-ansjetajiet. Nemmen li t-trattament ta' dawn it-temi dwar l-eżistenza umana, m'għandux jitħalla fuq l-ixkaffa, iżda kif jikkummenta Yue (2011) jsiru parti integrali mill-elementi edukattivi lokali, għall-benefiċċju tas-sistema edukattiva nnifisha, tal-għalliema u tal-istudenti kollha.

# Ir-Referenzi

Abrams, L. (1995). To champion the human. F'J. Kravis (Ed.), *Teaching Literature: Writers and Teachers Talking* (pp. 228-239). Cork: Cork University Press.

Akhter, R. (2014). *Existentialism and its Relevance to the Contemporary System of Education in India: Existentialism and Present Educational Scenario.* Hamburg: Anchor Academic Publishing.

Anderson, C. (2010). Presenting and evaluating qualitative research. *American Journal of Pharmaceutical Education, 74*(8), 1-7. https://doi-org.ejournals.um.edu.mt/10.5688/aj7408141

Anderson-Meger, J. (2016). *Why do I Need Research and Theory? A Guide for Social Workers.* London: Routledge.

AQA (2020) *Specification at a Glance.* https://www.aqa.org.uk/subjects/english/gcse/english-literature-8702/specification-at-a-glance

Aquilina, Ġ. (1938). *Taħt Tliet Saltniet*. Malta: Empire Press.

Archambault, I., Vandenbossche-Makombo, J., & Fraser, S. L. (2017). Students' oppositional behaviors and engagement in school: The differential role of the student-teacher relationship. *Journal of Child and Family Studies, 26*(6), 1702-1712. https://doi.org/10.1007/s10826-017-0691-y

Atherton, C. (2005). *Defining Literary Criticism.* New York: Palgrave Macmillan.

Attard, S. (2017). *Il-Kriżi Eżistenzjali f'Dun Karm* (Teżi ta' baċellerat mhux ippubblikata). Università ta' Malta. https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/29775

Ault, M. J., & Horn, C. K. (2018). Increasing active engagement: Guidelines for using student response systems. *Journal of Special Education Technology, 33*(3), 207-216. https://doi.org/10.1177/0162643418775745

Azzopardi, M. (1984). *Linji Ġodda: Kummentarji.* Malta: Upper Secondary School Valletta.

Babiarz, M., & Mólka, M. (2014). Communicative outlines of personal and existential pedagogy/Komunikativna obiljezja osobne i egzistencijalne pedagogije. *Informatologia, 47*(2), 165-172. https://search-proquest-com.ejournals.um.edu.mt/docview/1556313145?accountid=27934

Batra, S. (2013). The psychosocial development of children: Implications for education and society - Erik Erikson in context. *Contemporary Education Dialogue, 10*(2), 249-278. https://doi-org.ejournals.um.edu.mt/10.1177/0973184913485014

Becker, L., & Denicolo, P. (2013). *Teaching in Higher Education.* London: SAGE Publications.

Berliner, D. (2011). Rational responses to high stakes testing: The case of curriculum narrowing and the harm that follows. *Cambridge Journal of Education, 41*(3), 287-302. https://doi.org/10.1080/0305764X.2011.607151

Blair, E. (2015). A reflexive exploration of two qualitative data coding techniques. *Journal of Methods and Measurement in the Social Sciences, 6*(1), 14-29. https://doi.org/10.2458/v6i1.18772

Blocksidge, M. (2000). Tennyson: Teaching a dead poet at A-level (Poetry). F'M. Blocksidge (Ed.), *Teaching Literature 11-18* (pp. 105-117). London: Continuum.

Bonavia, A. & Spiteri, P. (2009). *The Transition from Junior Lyceum to a Post-secondary School.* (Teżi ta' baċellerat mhux ippubblikata). Università ta' Malta. https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/2813

Bonnett, M. & Cuypers, S. (2002). Autonomy and authenticity in education. F'N. Blake et al. (Ed.) *The Blackwell Guide to the Philosophy of Education* (pp. 326-340). Oxford: Blackwell Publishing.

Braun, S. D. (1955). Existentialism in the classroom*. The Modern Language Journal, 39(7)*, 348–350. https://doi.org/10.1111/j.1540-4781.1955.tb03470.x

Brühwiler, C., & Blatchford, P. (2011). Effects of class size and adaptive teaching competency on classroom processes and academic outcome. *Learning and Instruction, 21*(1), 95-108. https://doi.org/10.1016/j.learninstruc.2009.11.004

Buhagiar, P. (2000). *Il-Kritika Letterarja.* Malta: Minima.

Calleja, O. (1978). *Erba' Drammi.* Malta: Union Press.

Cardona, T. (2018). *Mix-Xbieha Tradizzjonali sal-Inferenza Eżistenzjalista fil-Poeżija ta' Daniel Massa* (Teżi ta' baċellerat mhux ippubblikata). Università ta' Malta. https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/37603

Caruana, C. (2020, April 25). Early school leaving still second-highest in EU, figures show. *Times of Malta*. https://timesofmalta.com/articles/view/early-school-leaving-still-second-highest-in-eu-figures-show.787790

Cervetti, G., Pardales, M. J., & Damico, J. S. (2001). A tale of differences: Comparing the traditions, perspectives, and educational goals of critical reading and critical literacy. *Reading Online, 4*(9), 80-90. http://www.readingonline.org/articles/art_index.asp?HREF=/articles/cervetti/index.html.

Collie, J., & Slater, S. (1987). *Literature in the Language Classroom: A Resource Book of Ideas and Activities.* Cambridge: Cambridge University Press.

Cosgrove, C. (1995). It's not there for the taking, it's there for the making. F'J. Kravis (Ed.), *Teaching Literature: Writers and Teachers Talking* (pp. 80-91). Cork: Cork University Press.

Cutajar, M. (2011). *Il-Perspettivi tal-Għalliema u tal-Istudenti dwar is-Sillabu tal-Malti għall-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarju* (Teżi ta' baċellerat mhux ippubblikata). Università ta' Malta. https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/3701

Dallacqua, A. K., & Sheahan, A. (2018). What do Olympians, Lowriders, and Shailene Woodley have to do with language arts? Making space for critical, multimodal texts in canonical classrooms. F'M. Macaluso u K. Macaluso (Ed.), *Teaching the Canon in 21st Century Classrooms* (pp. 19-33). Boston: Brill Sense.

Darvin, J. (2011). "I don't feel comfortable reading those books in my classroom": A qualitative study of the impact of cultural and political vignettes in a teacher

education course. *The Teacher Educator, 46*(4), 274-298. https://doi-org.ejournals.um.edu.mt/10.1080/08878730.2011.604710

Daymon, C., & Holloway, I. (2004). *Qualitative Research Methods in Public Relations and Marketing Communications.* London: Routledge.

Deacon, D., Pickering, M., Golding, P. & Murdock, G. (1999). *Researching Communications: A Practical Guide to Methods in Media and Cultural Analysis.* London: Arnold.

Ebejer, F. (2010). *Menz: Dramm fi Tliet Atti.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Eco, U. (1990, Mar. 7-8). *Interpretation and overinterpretation: World, history, texts.* [Conference session]. The Tanner lectures on human values, Cambridge University, Cambridge,

Elbow, P. (1986). *Embracing Contraries: Explorations in Learning and Teaching.* Oxford: Oxford University Press.

Ellul Mercer, Ġ. (2010). *Leli ta' Ħaż-Żgħir*. Malta: Klabb Kotba Maltin.

Emery, R. (1971). Existentialism in the classroom. *Journal of Teacher Education, , 22*(1), 5-7. https://doi.org/10.1177/002248717102200102

Estes, C. A. (2004). Promoting student-centered learning in experiential education. *Journal of Experiential Education, 27*(2), 141-160. https://doi.org/10.1177/105382590402700203

Eurostat (2018, April 23). *World Book Day.* https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/EDN-20180423-1

Evans, C. S. (1976). Kierkegaard on subjective truth: Is God an ethical fiction? *International Journal for Philosophy of Religion,* 288-299. www.jstor.org/stable/40012457

Fenech, V. (Ed.), (1995). *Oliver Friggieri: L-Istudji Kritiċi Miġbura, L-Ewwel Volum*. Malta: Malta University Services.

Flynn, T. R. (2006). *Existentialism: A Very Short Introduction*. Oxford: Oxford University Press.

Fonseca, L. M., & Testoni, I. (2012). The emergence of thanatology and current practice in death education. *OMEGA-Journal of Death and Dying, 64*(2), 157-169. http://doi-org/10.2190/OM.64.2.d

Frederick, P. J. (1987). Student involvement: Active learning in large classes. *New Directions for Teaching and Learning, 1987* (32), 45-56. https://doi.org/10.1002/tl.37219873207

Freire, P. (1985). Reading the world and reading the word: An interview with Paulo Freire. *Language Arts, 62*(1), 15-21. www.jstor.org/stable/41405241

Friedman, I. A. (1995). Student behavior patterns contributing to teacher burnout. *The Journal of Educational Research, 88*(5), 281-289. https://doi.org/10.1080/00220671.1995.9941312

Friggieri, O. (1986). *L-Idea tal-Letteratura*. Malta: Pubblikazzjoni Bugelli.

Friggieri, O. (2010). Interpretazzjoni. F'O. Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* (l-edizzjoni l-ġdida mkabbra, pp. 315-317). Malta: Klabb Kotba Maltin.

Friggieri, O. (2014). *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija: Lejn Definizzjoni Storika-kulturali.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Friggieri, O. (Ed.), (2004). *Il-Poeżija Maltija.* Malta: Malta University Publishers.

Galea, S. (2018). *In-Natura tal-Kriżi Eżistenzjali Mġarrba f''Il-Gaġġa' u 'Samuraj' ta' Frans Sammut* (Teżi ta' maġisteru mhux ippubblikata*).* Università ta' Malta. https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/37850

Golland, J.H. (1998). A lesson plan model for the supervision of student teaching. *Education*, *118*(3), 376–380. http://search.ebscohost.com.ejournals.um.edu.mt/login.aspx?direct=true&db=asn&AN=497388&site=ehost-live

Grima, A. (2009). L-esperjenza tal-poeżija. F'T. Portelli (Ed.), *Il-Qari tal-Letteratura: Bejn Esperjenza u Kritika* (pp. 55-70). Malta: Allied Publications.

Grima, A. (2011). Lhud Fariżej u Nsara tajbin fir-rumanz Malti tas-snin tletin. *Il-Malti, LXXIII*, pp. 86-142.

Grima, A. (2017, Lulju 3). *Adrian Grima | M'aħniex se nbaxxu rasna [filmat]*. YouTube. https://www.youtube.com/watch?v=gbfdA4qjiuI

Guest, G., Namey, E.E., & Mitchell, M.L. (2013). *Collecting Qualitative Data: A Field Manual for Applied Research.* California: SAGE Publications.

Heaslip, G., Donovan, P., & Cullen, J. G. (2014). Student response systems and learner engagement in large classes. *Active Learning in Higher Education, 15*(1), 11-24. https://doi.org/10.1177/1469787413514648

Hoy, D. C. (2009). Death. F'H. Dreyfus &M. Wrathall (Ed.), *A Companion to Phenomenology and Existentialism* (pp. 280-288). Sussex: Blackwell Publishings.

Hoyt-Oukada, K. (2003). Considering students' needs and interests in curriculum construction. *The French Review, 76*(4), 721-737. www.jstor.org/stable/3133082

Hunter, G. (1993). Existentialism: Practical classroom applications. *The Educational Forum, 57(*2), 191–196. https://doi.org/10.1080/00131729309335411

Inwood, M. (1997). *Heidegger: A Very Short Introduction.* Oxford: Oxford University Press.

Iser, W. (1993). *Prospecting: From Reader Response to Literary Anthropology*. Maryland: John Hopkins University Press.

James, K. & Walsh, R. (2011). What Sartre says? Using existentialism to inform teaching thought and practice in accounting and management, *International Educational Research Journal,* 2(8), 1317-1329. https://www.researchgate.net/profile/Kieran_James2/publication/266606961_Review_What_would_Sartre_say_using_existentialism_to_inform_teaching_th

ought and practice in accounting and management/links/55920e4108aed6ec4bf85cfa.pdf

Keshtiaray, N., Vajargah, K. F., Zimitat, C., & Abari, A. F. (2012). Designing of an experiential curriculum: A phenomenological approach. *Procedia-social and Behavioral Sciences, 46,* 3152-3158. https://doi.org/10.1016/j.sbspro.2012.06.028

Kim, Y. (2011). The pilot study in qualitative inquiry: Identifying issues and learning lessons for culturally competent research. *Qualitative Social Work*, *10*(2), 190-206. https://doi.org/10.1177/1473325010362001

Koerrenz, R. (2018). *Existentialism and Education: An Introduction to Otto Friedrich Bollnow.* Cham: Springer International Publishing.

Koomen, H. M., Verschueren, K., van Schooten, E., Jak, S., & Pianta, R. C. (2012). Validating the student-teacher relationship scale: Testing factor structure and measurement invariance across child gender and age in a Dutch sample. *Journal of School Psychology, 50*(2), 215-234. https://doi.org/10.1016/j.jsp.2011.09.001

Kostituzzjoni ta' Malta. Artikolu 2.

Kusum, L. (2005). *Existentialism in Education, Philosophical and Sociological Analysis.* New Delhi: Sanjay Prakashan.

Lowe, P. (2015). Lessening sensitivity: student experiences of teaching and learning sensitive issues. *Teaching in Higher Education, 20*(1), 119-129. https://doi-org.ejournals.um.edu.mt/10.1080/13562517.2014.957272

Lowe, P., & Jones, H. (2010). Teaching and learning sensitive topics. *Enhancing Learning in the Social Sciences, 2*(3), 1-7. https://doi.org/10.11120/elss.2010.02030001

Magrini, J. (2012). Existentialism, phenomenology, and education. *Philosophy Scholarship,* 30. https://dc.cod.edu/cgi/viewcontent.cgi?referer=https://scholar.google.com/&httpsredir=1&article=1031&context=philosophypub

Magro, M. (2018). *Trends and Patterns in Subject Choice by Science Students at Sixth Form Level*. (Teżi ta' baċellerat mhux ippubblikata). Università ta' Malta. https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/35753

Makovec, D. (2018). The teacher's role and professional development. *International Journal of Cognitive Research in Science, Engineering and Education, 6*(2), 33-46. 10.5937/ijcrsee1802033M

Malik, G. M., & Akhter, R. (2012). Existentialism and present educational scenario. *Researcher, 4*(10), 94-97. http://www.sciencepub.net/researcher/research0410/015_12225research0410_94_97.pdf

Malik, G. M., & Akhter, R. (2013). Existentialism and classroom practice. *IOSR Journal of Humanities and Social Science, 8*(6), 87–91. https://pdfs.semanticscholar.org/82ee/b6218a7f8df89e975c6ccd1e3fca25e2b443.pdf

Manouchehri, A., & Lapp, D. A. (2003). Unveiling student understanding: The role of questioning in instruction. *Mathematics Teacher-Washington Then Reston Va-*

*96*(8), 562-573. https://accportal-files.s3.us-east 2.amazonaws.com/2017/08/2017-08-10-14%3A59_std1_ind4_art7_questioning-in-instruction-article.pdf

Marengo, D., Jungert, T., Iotti, N. O., Settanni, M., Thornberg, R., & Longobardi, C. (2018). Conflictual student-teacher relationship, emotional and behavioral problems, prosocial behavior, and their associations with bullies, victims, and bullies/victims. *Educational Psychology, 38*(9), 1201-1217. https://doi.org/10.1080/01443410.2018.1481199

McLaren, P. (1994). *Life in Schools: An Introduction to Critical Pedagogy in the Foundations of Education*. New York: Longman.

MEDE. (2012a). *Il-Kunsill għall-Għalliema: Il-Kodiċi ta' Etika u Prattika għall-Għalliema.* https://education.gov.mt/en/Ministry/Documents/New%20Code%20of%20Ethics%20Doc%20MT.pdf

MEDE. (2012b). *A National Curriculum Framework for All.* https://curriculum.gov.mt/en/Resources/The-NCF/Documents/NCF.pdf

MEDE. (2014). *L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd F'Malta u Għawdex 2014-2019*. https://education.gov.mt/en/resources/Documents/Policy%20Documents%202014/A%20national%20Literacy%20Strategy2014malt.pdf

MEDE. (2017). *The Working Group on the Structure of Post-Secondary Education.* https://education.gov.mt/en/Documents/Post-Secondary%20Education.pdf

Micallef, B. (1996). *Achille Mizzi*. Malta: Colour Image.

Micallef, B. (2014). The Cantilena as a reading experience. *Journal of Maltese Studies, 28,* 1-27.

Morse, J.M. (1994). Designing funded qualitative research. F'Denzin, N.K. & Lincoln, Y.S. (Eds.). *Handbook of Qualitative Research,* (pp. 220-235). London: SAGE Publications.

Moustakas, C. (1994). *Phenomenological Research Methods*. California: SAGE Publications.

Mullins, T. (1995). The top button on my pyjamas. F'J. Kravis (Ed.), *Teaching Literature: Writers and Teachers Talking* (pp. 216-227). Cork: Cork University Press.

NCFHE. (2018). *National Commission for Further and Higher Education: Further and Higher Education Statistics 2015-2016*. https://ncfhe.gov.mt/en/services/Documents/Research/NCFHE%20Statistics%20Report%202015-2016_synopsis.pdf

Nunan, D. (2002). *Syllabus Design.* Oxford: Oxford University Press.

Ochieng, P. A. (2009). An analysis of the strengths and limitation of qualitative and quantitative research paradigms. *Problems of Education in the 21st Century, 13*, 13-19. http://www.scientiasocialis.lt/pec/node/files/pdf/Atieno_Vol.13.pdf

O'Neill, W. F. (1964). Existentialism and education for moral choice. *The Phi Delta Kappan, 46*(2), 48-53. www.jstor.org/stable/20343243

Pace, Y. (2019, March 7). Malta among worst performing countries in EU in gender equality indicators. *Malta Today.*

https://www.maltatoday.com.mt/news/national/93464/malta_among_worst_performing_countries_in_eu_in_gender_equality_indicators__#.XtSrIzozbIU

Perez, S. A. (1986). Improving learning through student questioning. *The Clearing House, 60*(2), 63-65. https://doi.org/10.1080/00098655.1986.9959284

Phelps, R. P. (2011). Teach to the test? *The Wilson Quarterly, 35*(4), 38-42. www.jstor.org/stable/41484371

Portelli, T. (2009). X'inhi l-letteratura (jew kważi). F' T. Portelli (Ed.), *Il-Qari tal-Letteratura: Bejn Esperjenza u Kritika* (pp. 15-30). Malta: Allied Publications.

Queirós, A., Faria, D., & Almeida, F. (2017). Strengths and limitations of qualitative and quantitative research methods. *European Journal of Education Studies, 3*(9), 369-387. 10.5281/zenodo.887089

Ramezanzadeh, A., Adel, S. M. R., & Zareian, G. (2016). Authenticity in teaching and teachers' emotions: A hermeneutic phenomenological study of the classroom reality. *Teaching in Higher Education, 21*(7), 807-824. https://doi.org/10.1080/13562517.2016.1183616

Roast, C., Ritchie, I., & Thomas, S. (2002). Re-creating the reader: Supporting active reading in literary research. *Communications of the ACM, 45*(10), 109-111. https://dl.acm.org/doi/pdf/10.1145/570907.570943

Rogers, J. (2003). Sex and Text: Teaching Porno-Erotic Literature to Undergraduates. *The Dalhousie Review, 83*(2), 189-214. https://dalspace.library.dal.ca/bitstream/handle/10222/64134/dalrev_vol83_iss2_pp189_214.pdf?sequence=1

Rosenblatt, L. M. (1969). Towards a transactional theory of reading. *Journal of Reading Behavior, 1(*1), 31-49. https://journals.sagepub.com/doi/pdf/10.1080/10862969609546838

Rousseau, J.J. (2009). *Émile, or on Education.* (C. Kelly & A. Bloom, Trans.). Darthmouth College Press. (Xogħol oriġinali ppubblikat fl-1762)

Ryan, G. (2018). Introduction to positivism, interpretivism and critical theory. *Nurse Researcher, 25*(4), 14–20. https://doi.org/10.7748/nr.2018.e1466

Sampson, H. (2004). Navigating the waves: The usefulness of a pilot in qualitative research. *Qualitative Research*, *4*(3), 383-402. https://doi.org/10.1177/1468794104047236

Sant, A. (2015). *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta u Drammi Oħra*. Malta: Sensiela Kotba Soċjalisti.

Sardone, N. B., & Devlin-Scherer, R. (2015). Exploring sensitive subjects with adolescents: Using media and technology to teach about genocide. *American Secondary Education, 43*(2), 4-17. https://search-proquest-com.ejournals.um.edu.mt/docview/1720062624?accountid=27934

Sartre, J. P. (1946). *L'Existentialisme est un Humanisme*. Paris: Nagel.

Sartre, J. P. (1992). *Being and Nothingness: A Phenomenological Essay on Ontology*, (H. E. Barnes, Trans.). New York: Washington Square Press.

Schopenhauer, A. (2005). *Essays on the Freedom of the Will.* (K. Kolenda, Trans.). Dover Publications. (Xogħol oriġinali ppubblikat fl-1841).

Sedgwick, F. (2003). *Teaching Poetry.* London: Continuum.

Seers, K. (2012). Qualitative data analysis. *Evidence-Based Nursing, 15*(1), 2-3. http://dx.doi.org/10.1136/ebnurs.2011.100352

Shen, B., McCaughtry, N., Martin, J., Garn, A., Kulik, N., & Fahlman, M. (2015). The relationship between teacher burnout and student motivation. *British Journal of Educational Psychology, 85*(4), 519-532. https://doi.org/10.1111/bjep.12089

Shusterman, R. (2010). Philosophy as literature and more than literature. F'G. Hagberg & W. Jost (Ed.) , *A Companion to the Philosophy of Literature* (pp. 7-21). United Kingdom: Wiley-Blackwell.

Siller, H., & Waibel, E. M. (2018). "Not pure harmony, but less of a power struggle." What do teachers and pedagogues think about using existential pedagogy? *The Teacher Educator, 53*(1), 44–66. https://doi.org/10.1080/08878730.2017.1386252

Silverman, D. (2013). *Doing Qualitative Research: A Practical Handbook*. London: SAGE Publications.

Singh, G., Shaikh, R. & Haydock, K. (2019). Understanding student questioning. *Cultural Studies of Science Education, 14*(3), 643-697. https://doi.org/10.1007/s11422-018-9866-0

Spiteri, L. (2010). *Ħala taż-Żgħożija u Stejjer Oħra*. Malta: Book Distributors Limited.

Splitter, L. J. (2009). Authenticity and constructivism in education. *Studies in Philosophy and Education, 28*(2), 135-151. https://doi.org/10.1007/s11217-008-9105-3

Stinchcomb, S. (2017, Nov 30). 10 ways to promote independent reading. *International Literacy Association.* https://www.literacyworldwide.org/blog/literacy-now/2017/11/30/10-ways-to-promote-independent-reading

Swaminathan, R., & Mulvihill, T.M. (2017). *Critical Approaches to Questions in Qualitative Research.* London: Routledge.

Thormählen, M. (1992) You can take it with you: Reading to live. F'P. Serritslev Petersen (Ed.), *Literary Pedagogics after Deconstruction: Scenarios and Perspectives in the Teaching of English Literature* (pp. 51-61). Aarhus: Aarhus University Press.

Toshalis, E., & Nakkula, M. J. (2012). *Motivation, Engagement, and Student Voice*. Boston: Jobs for the future.

Wartenberg, T. E. (2017). *Existentialism: A Beginner's Guide.* London: Oneworld.

Wassler, P., & Kirillova, K. (2019). Hell is other people? An existential-phenomenological analysis of the local gaze in tourism. *Tourism Management, 71*, 116-126. https://doi.org/10.1016/j.tourman.2018.10.005

Whipple, J., & Tucker, C. (2012). Using cinema and literature to explore existentialism. *Journal of Creativity in Mental health, 7*(1), 95-106. https://doi.org/10.1080/15401383.2012.660129

Wigfield, A., Gladstone, J. R., & Turci, L. (2016). Beyond cognition: Reading motivation and reading comprehension. *Child Development Perspectives, 10*(3), 190-195. https://doi.org/10.1111/cdep.12184

Williams, M. (2017). John Dewey in the 21st Century. *Journal of Inquiry & Action in Education, 9*(1), 91-102. https://digitalcommons.buffalostate.edu/cgi/viewcontent.cgi?article=1147&context=jiae

Woolfolk, A. (2016). *Educational Psychology*. Essex: Pearson.

Yue, A. R. (2011). An existentialist in Iqaluit: Existentialism and reflexivity informing pedagogy in the Canadian North. *Journal of Management Education, 35*(1), 119-137. 10.1177/1052562910385303

Zhoc, K. C., Webster, B. J., King, R. B., Li, J. C., & Chung, T. S. (2019). Higher education student engagement scale (HESES): Development and psychometric evidence. *Research in Higher Education, 60*(2), 219-244. https://doi.org/10.1007/s11162-018-9510-6

# Appendiċi 1 – L-ittra ta' informazzjoni

Jiena Tyron Cardona u bħalissa ninsab fl-ewwel sena tiegħi fil-kors li jwassal għal grad ta' Master in Teaching and Learning (MTL) bi speċjalizzazzjoni fil-Malti, fil-Fakultà tal-Edukazzjoni, fl-Università ta' Malta. B'din l-ittra nixtieq nistiednek sabiex tipparteċipa fir-riċerka li qiegħed nagħmel, taħt is-superviżjoni ta' Dr Terence Portelli.

Dan l-istudju qiegħed isir bil-għan li tingħata stampa aktar ċara tas-sitwazzjoni attwali fil-livell postsekondarju f'Malta, b'rabta mat-tagħlim ta' testi letterarji bil-Malti li jinkludu temi eżistenzjali fihom. Dan l-istudju ser jinvestiga numru ta' aspetti differenti, fosthom l-isfidi tal-għalliema biex jgħallmu dawn it-testi; l-għażliet tat-testi letterarji; il-kuntesti differenti tat-tagħlim; il-mistoqsijiet li wieħed jagħmel lill-istudenti b'rabta ma' dawn it-testi u l-prinċipji pedagoġiċi li wieħed japplika biex jiġu diskussi dawn it-temi.

Bil-parteċipazzjoni tiegħek f'dan l-istudju inti mitlub/a tipparteċipa f'intervista ta' bejn għoxrin u tletin minuta. Din l-intervista, li ssir f'post u ħin li hu konvenjenti għalik, ser tinkludi numru ta' temi differenti b'rabta mal-eżistenzjaliżmu, fosthom: l-isfidi li taffaċċja fit-tagħlim tal-Letteratura Maltija; il-kuntesti differenti tat-tagħlim; l-għażla tat-testi letterarji; it-tħejjija tiegħek għat-tagħlim ta' dawn it-testi; xi esperjenzi waqt it-tagħlim tal-letteratura; il-mistoqsijiet li tagħmel lill-istudenti waqt it-tagħlim tal-letteratura u xi sitwazzjonijiet li tista' tiltaqa' magħhom waqt il-lezzjonijiet.

Nitolbok iżżomm f'moħħok li s-sehem tiegħek huwa volontarju. Inti għandek id-dritt li tirrifjuta li tipparteċipa, id-dritt li ma twieġibx xi mistoqsija li tixtieq, kif ukoll id-dritt li tirtira l-parteċipazzjoni fi kwalunkwe punt tal-istudju. Jekk dan iseħħ, l-informazzjoni miġbura mill-intervista tinqered u ma tiġix użata għall-fini tar-riċerka. Jekk tiddeċiedi li tieħu sehem, it-tweġibiet tiegħek ser jibqgħu miżmuma b'mod kunfidenzjali u anonimu, għaliex fl-analiżi ser jintużaw psewdonimi biss. Tajjeb li tkun taf li l-informazzjoni miġbura minn din l-intervista ser tintuża biss għall-fini tar-riċerka, u din ser tinqered wara li l-proġett jiġi sottomess u approvat.

Jekk għandek xi dubju jew tixtieq tiċċara xi punti, nitolbok tikkuntattjani fuq tyron.cardona.15@um.edu.mt

# Appendiċi 2 – Il-formola ta' kunsens

Jiena qiegħed/qiegħda nagħżel li nipparteċipa b'mod volontarju fl-istudju li qiegħed iwettaq is-Sur Tyron Cardona, student fil-Fakultà tal-Edukazzjoni, fl-Università ta' Malta.

1. Jiena nikkonferma li qrajt u fhimt l-ittra ta' informazzjoni pprovduta mir-riċerkatur, dwar dan il-proġett ta' riċerka.

2. Jiena nikkonferma li kelli l-opportunità li nistaqsi mistoqsijiet u r-riċerkatur wieġeb dawn id-dubji li kelli dwar ir-riċerka.

3. Jiena nagħti l-kunsens volontarju tiegħi sabiex nieħu sehem bħala parteċipant/a f'dan l-istudju, u li m'iniex niġi mħallas/mħallsa għal din il-parteċipazzjoni. Jiena nista' nirtira jew inwaqqaf il-parteċipazzjoni tiegħi fi kwalunkwe ħin mingħajr penalità.

4. Jiena nagħti l-kunsens tiegħi li l-intervista tiġi rrekordjata. Jiena nifhem li l-fajl ser jingħata kodiċi u l-għaġġla tal-rekording ser tinbidel biex l-identità tiegħi tinżamm anonima.

5. Jiena nifhem li r-riċerkatur mhuwiex ser jidentifikani b'ismi waqt l-intervista, fir-rekords tiegħu u fit-teżi. Nifhem ukoll li l-kunfidenzjalità tiegħi bħala parteċipant/a ser tibqa' sigura tul il-proċess kollu.

6. Jiena nikkonferma li ġejt mogħti/mogħtija kopja ta' din il-formola ta' kunsens.

| ______________________ | ________________ | ___________ |
|---|---|---|
| Isem sħiħ tal-parteċipant/a | Firma | Data |
| ______________________ | ________________ | ___________ |
| Isem sħiħ tar-riċerkatur | Firma | Data |

# Appendiċi 3 – Il-mistoqsijiet tal-intervisti

1. Fl-istudju akkademiċi tiegħek, iffokajt fuq liema qasam tal-Malti?

2. Għaliex taħseb li ngħallmu l-Letteratura Maltija fl-iskejjel?

3. Jiġi xi kittieb/a lokali jew barrani/ja f'moħħok meta tisma' l-kelma "Eżistenzjaliżmu"?

4. Kemm tħoss li l-istudenti tal-ġurnata jagħtu importanza lit-tagħlim tal-letteratura?

5. Tħoss li l-importanza mogħtija lit-tagħlim tal-letteratura nbidlet maż-żmien? Għaliex taħseb hekk?

6. Personalment, kemm tħoss li l-letteratura li ngħallmu lill-istudenti tħalli effett fuqhom u fuq ħajjithom?

7. X'inhi l-akbar sfida li taffaċċja fit-tagħlim tal-letteratura?

8. Liema huma dawk it-temi li joffru sfida biex tgħallimhom lill-istudenti?

9. X'taħseb li hi r-raġuni prinċipali wara l-isfida fit-tagħlim ta' dawn it-temi?

10. Liema perjodu mil-Letteratura Maltija taħseb li jittratta ħsibijiet u temi b'rabta mal-ħajja tal-bniedem? Għaliex?

11. Tista' ssemmili test letterarju jew tnejn li tħoss li jinkludi/u temi simili?

12. Liema huma l-kittieba li tqis li t-testi letterarji tagħhom jittrattaw dawn it-temi?

13. Matul is-sena li għaddiet, kellek testi letterarji li jittrattaw it-tema tal-libertà, jew tan-nuqqas tagħha? Tista' ssemmili xi wieħed minnhom?

14. Matul is-sena li għaddiet, kellek testi letterarji li jittrattaw it-tema tar-reliġjon, l-ispiritwalità u t-twemmin? Tista' ssemmili xi ħaġa minnhom?

15. Kemm tħoss li mit-testi letterarji li għallimt matul is-sena li għaddiet, kellek xogħlijiet li jittrattaw temi dwar il-ħajja tal-bniedem? Liema huma?

16. Meta tagħżel ix-xogħol letterarju, kemm tqis jekk it-temi li jittratta humiex adattati għall-istudenti?

17. Jekk għandek xogħol letterarju b'tema assoċjata mal-problemi fil-familja, tasal tgħallmu lill-istudenti tiegħek? Għaliex?

18. Tagħmel differenza fl-għażliet bejn lezzjonijiet tal-livell Avvanzat u dawk tal-livell Intermedju? Jew bejn lezzjonijet tal-poeżija u dawk tal-kritika jew it-*tutorials*?

19. Meta tiġi għall-preparazzjoni tal-lezzjoni, talloka ħin biex l-istudenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar it-tema diskussa?

20. Kemm tqis li l-lezzjonijiet tiegħek jappellaw għall-ħsibijiet, l-esperjenzi personali u l-emozzjonijiet tal-istudenti?

21. Tħoss li l-mistoqsijiet li tistaqsi lill-istudenti jagħtu lok biex dawn jesprimu d-diffikultajiet u d-dilemmi tagħhom?

22. Kemm taħseb li fil-lezzjonijiet tiegħek tirrikonoxxi l-opinjonijiet tal-istudenti tiegħek?

23. Kif tiddeskrivi r-relazzjoni tiegħek mal-istudenti?

24. Fil-lezzjonijiet, meta tiġi għall-interpretazzjoni ta' test letterarju, tagħti ċans lill-istudenti joħorġu b'interpretazzjonijiet tagħhom? Kemm hu importanti dan il-proċess għalik?

25. Kemm inti konxju mill-fatt li xi studenti fil-lezzjonijiet tiegħek ikunu qegħdin jippruvaw jissuperaw problemi ta' xeħta personali, ngħidu aħna l-identità individwali tagħhom?

26. Kemm iżżomm f'moħħok il-possibilità li xi temi li tkun ser tittratta mal-istudenti jistgħu jkunu qed iġarrbuhom huma stess, ngħidu aħna problemi familjari jew dubji fuq il-ħajja?

27. Taħseb li studenti ta' bejn sittax u tmintax-il sena huma maturi biżżejjed għal testi letterarji b'temi dwar il-ħajja jew dwar il-mewt?

28. Taħseb li hemm xi temi li ma tasalx tiddiskuti mal-istudenti? Tista' ssemmili xi temi?

29. Ġieli kien hemm sitwazzjonijiet fejn bdilt deċiżjoni ta' tagħlim ta' testi, minħabba ċirkostanzi li jaffettwaw lill-istudenti?

# Appendiċi 4 – L-intervista pilota mas-Sur Vassalli

It-Tnejn 26 ta' Awwissu, 2019
L-Imsida, Malta. Mill-16:00 sal-16:32

1. **RIĊERKATUR:** Fl-istudji akkademiċi tiegħek iffokajt fuq liema qasam tal-Malti?

   **IS-SUR VASSALLI:** L-iktar li ffokajt fuq il-letteratura, però, naturalment, anki fil-letteratura, elementi tal-lingwistika jidħlu wkoll, anki tal-grammatika u tal-lingwa jiġifieri.

2. **RIĊERKATUR:** Anki b'rabta mal-istudji tiegħek, għaliex taħseb li ngħallmu l-Letteratura Maltija fl-iskejjel?

   **IS-SUR VASSALLI:** Waqt li qed taqra u tanalizza l-letteratura, qed tikseb iktar minn perspettiva waħda. Il-perspettiva tiegħek normalment tkun qiegħda fi djalogu mal-perspettiva tan-narratur, jekk hi narrattiva. Għandek il-perspettiva tal-persona [fil-każ tal-poeżija], jiġifieri m'għandekx biss qari imma għandek ukoll, ġieli, kunflitt, jew għall-inqas djalogu bejn perspettivi differenti. Mela l-aspett ta' perċezzjoni, l-aspett ta' ħila analitika diġà qegħdin hemm żgur, imma wkoll, naħseb li l-letteratura tgħinek ħafna fit-tagħlim ta' dak l-element uman illi mhux dejjem nindirizzawh fis-suġġetti tal-iskola: qed nirreferi għall-emozzjonijiet. L-emozzjonijiet trid tqanqalhom ftit [biex] tiggwidahom, u naħseb li l-letteratura hija mezz wieħed kif dan jista' jseħħ.

3. **RIĊERKATUR:** Jiġi xi kittieb jew kittieba lokali jew anki barrani f'moħħok meta tisma' l-kelma eżistenzjaliżmu?

   **IS-SUR VASSALLI:** Iva u hemm iktar minn wieħed, u hemm iktar minn tip wieħed ta' Eżistenzjaliżmu fil-Letteratura Maltija. Pereżempju, wieħed jista' jqis li l-eqdem poeżija li għandna bil-Malti tittratta xi ftit dan l-aspett Eżistenzjalista fil-parti tagħha fejn il-poeta qed iħossu tant iddisprat illi jistqarr li huwa "ħajran għall-għarqa". Hemmhekk diġà qed tmiss, fl-eqdem poeżija li għandna, ma' kunċetti Eżistenzjalisti. Imma mbagħad anki fejn il-perjodu Romantiku, Ġan Anton Vassallo [ngħidu aħna], għandu l-lirika tiegħu li tiffoka fuq il-kundizzjoni temporali tal-bniedem, il-bniedem li ma jistax iżomm iż-żmien milli jgħaddi kontinwament, il-bniedem illi jagħraf l-isbaħ mumenti ta' ħajtu meta tilifhom. Dawn huma kundizzjonijiet Eżistenzjalisti [ukoll]. Fil-poeżija Moderna mbagħad għandna, forsi b'mod iktar frekwenti u intens, diversi poeti [li jappartjenu għat-temperament Eżistenzjalista]. Jiena jiġini f'moħħi pereżempju Philip Sciberras imma hemm ukoll Daniel Massa, Achille Mizzi u ħafna poeti oħra, anki Oliver Friggieri illi jittrattaw l-eżistenza umana persè, bħala kaxxa ta' paradossi u problemi eżistenzjali.

4. **RIĊERKATUR:** Kemm tħoss li l-istudenti tal-ġurnata jagħtu importanza lit-tagħlim tal-letteratura?

   **IS-SUR VASSALLI:** Naħseb illi jagħtuha importanza għaliex iħossu. Mhux jagħtuha importanza neċessarjament bħala parti mis-sillabu imma għaliex iħossu illi hija dik il-parti tat-tagħlim tal-lingwa li toqrob lejn problemi jew ansjetajiet li huma jkunu qed jaffrontaw fiż-żgħożija, fl-età tal-

pubertà, anki forsi fi stadju postsekondarju. Huwa perjodu tal-ħajja meta inti toħroġ ħafna enerġija biex tipprova tibni l-aspirazzjonijiet tiegħek u naħseb li fil-letteratura l-iktar li jsibu eżempji u karattri qrib dawn l-esperjenzi tagħhom.

5. **RIĊERKATUR:** Tħoss li l-importanza mogħtija lit-tagħlim tal-letteratura nbidlet maż-żmien? U għaliex forsi taħseb hekk?

   **IS-SUR VASSALLI:** Iva naħseb li nbidlet ftit. Ironikament bħala pubblikazzjonijiet qegħdin fi żmien sabiħ ħafna għaliex il-pubblikazzjonijiet żdiedu, tjiebu ħafna, għandna llum pubblikazzjonijiet ippremjati kemm Malta kif ukoll barra minn Malta fil-Letteratura Maltija.

6. **RIĊERKATUR:** U xogħol li jiġi tradott.

   **IS-SUR VASSALLI:** Xogħlijiet li jiġu tradotti [ukoll], hekk hu, però sfortunatament inħoss li fl-edukazzjoni daħlet ftit din l-idea [li kollox għandu jkun ibbażat fuq] x'ma tagħmilx mhux x'tagħmel, ta' sillabi bbażati fuq x'mgħandekx bżonn, sillabi bbażati fuq il-minimu jew sillabi li jħarsu lejn il-futur tal-bniedem u jibdew minn età bikrija wisq jipprovaw jikkalkulawlu rotta li tkun speċifika wisq. U [dan] ifisser li hemm rotot oħrajn li inti [bħala istituzzjoni jew edukatur]minn età bikrija ħafna [suppost tkun]qed tipprova tistabbilixxi, [meta fil-fatt tkun qed] tikkundanna lil persuna żgħira [biex ma] teħodhomx [minħabba għażliet restrittivi minn età bikrija]. Sillabi daqshekk speċjalizzati, sillabi li jkunu mmirati għal xogħol partikolari u li jibdew diġà mis-sekondarja […] naħseb illi jkunu qegħdin jirrestrinġu lill-istudenti fil-ħiliet bażiċi tagħhom, u allura, speċjalment dawk is-sillabi li l-element tal-letteratura naqqsuh, bl-argument, kif għidt qabel [ta']politika edukattiva [bbażata fuq il-kriterju żbaljat:] "dan x'se jkollu bżonnu?", huma ftit prużuntużi, fis-sens li qed jipresopponu li bniedem ta' tlettax-il sena diġà […] iddeċieda l-bqija ta' ħajtu fejn se tieħdu, x'ħiliet se jkollu bżonn, x'livell edukattiv se jilħaq. Forsi dan jieqaf għal għaxar snin mill-edukazzjoni u jsib ħila li [jeħtieġlu] jiżviluppa wara.

7. **RIĊERKATUR:** B'rabta anki ma' dan forsi n-nuqqas t'importanza, kemm tħoss li l-letteratura li ngħallmu lill-istudenti, tħalli effett fuqhom u fuq ħajjithom b'mod personali?

   **IS-SUR VASSALLI:** Naħseb li tħalli, għaliex il-ħajja ta' student tissupera bil-kbir dak li hemm f'kull sillabu. Sillabu jiġi preparat skont il-ħajja ta' student mhux bil-kontra. Allura l-letteratura tista' tħalli effetti fl-istudent li jmorru sew lil hinn mill-eżami, speċjalment fejn togħġobhom, għax iħossuha valida, il-letteratura, lill-istudent se tħalli impatt fih, illi se jibqa' ħafna iktar minn dik is-siegħa, sagħtejn, tlieta, tal-eżami u mill-istudju. Tinsiex li l-ebda Letteratura Maltija ma nkitbet bl-iskop li tiġi studjata. Inkitbet bl-iskop li tinqara.

8. **RIĊERKATUR:** li tinqara appuntu. Inti li ilek tgħallem il-letteratura għal diversi snin, x'tħoss li hi l-akbar sfida li taffaċċja, appuntu fit-tagħlim tal-letteratura?

   **IS-SUR VASSALLI:** Naħseb l-ikbar sfida hija biex il-korp studentesk […] li nkun qed ngħallem jaqbeż minn livell ta' preżentazzjoni għal livell ta' rappreżentazzjoni. Jiġifieri biex jagħraf li t-test quddiemu mhux sempliċiment qed itih kontenut, mhux jagħtih storja, mhux jagħtih ħsieb, mhux jagħtih x'ħaseb il-poeta, imma qed jagħtih stil li jirrappreżenta dak l-avveniment [partikulari], f'każ ta' storja, imma b'perspettiva, b'figurazzjoni, b'livell perċettiv ġdid li joħroġ mill-analoġija jew mill-metafora. Għandek livell [figurattiv], għandek saff artistiku li jgħallimna dal-ħiliet assoċjattivi, ta'

implikazzjoni[jiet] analoġiċi, allegoriċi u kultant l-isfida tkun biex l-istudent jifhem li mhuwiex sempliċiment qed jirċievi kontenut, imma qed jirċievii dal-livell ġdid ta' rappreżentazzjoni.

9. **RIĊERKATUR:** L-ispirazzjoni appuntu

**IS-SUR VASSALLI:** Eħe u l-istil li jitkellem b'mod konnotattiv, jiġifieri jħaddem partijiet mill-moħħ illi mhumiex tifsira diretta imma tifsira implikata, konnotazzjoni mhux denotazzjoni, jiġifieri karattru fi ġrajja letterarja mhux karattru fl-istorja. Fi ġrajja letterarja inti m'għandekx karattru biss, imma għandek il-perspettiva tan-narratur pereżempju. Għandek stil li huwa suġġestiv, li qed jissuġġerixxi, jien naf, forsi l-kundanna jew ġudizzju fuq il-karattru. Il-letteratura ddaħħlek f'dilemma apposta, li ġrajja – dik li ngħidulha *straight story*, ġrajja ta' kontenut – mhux neċessarjament iddaħħlek fiha.

10. **RIĊERKATUR:** B'rabta anki ma' dawn l-isfidi, liema tħoss li huma dawk it-temi l-akar forsi diffiċli jew issib sfida biex tgħallimhom lill-istudenti?

**IS-SUR VASSALLI:** Kull tema għandha l-isfida tagħha, jiġifieri jiena rari sibt li jkollok tema illi teskludi lill-oħrajn kollha fil-prijorità li jagħtuha l-istudenti, għax jekk taqbad temi Eżistenzjalisti, pereżempju, ser jinteressa ruħu kulħadd [fihom]. Kulħadd se jgħid "jien ukoll ninsab f'din il-kundizzjoni temporali, ukoll irrid naħli ħajti biex ngħixha, ukoll għandi futur fis-sens Sartrejan, liberu, li mhu ggwidat minn xejn u allura rrid noħolqu jiena [...]. Jiġifieri dik tema li żgur tolqot lil kulħadd. Jista' jkollok temi oħrajn li jolqtulek settur mill-istudenti li jkollok quddiemek u mhux oħrajn. Pereżempju, jien naf, jekk inti tagħmel temi ta' mħabba, imma inti għandek quddiemek ukoll min għandu vokazzjoni reliġjuża. Jekk inti, jien naf, bil-kontra, qed tagħmel tema reliġjuża imma parti kbira mill-klassi quddiemek m'għandhiex dik il-vokazzjoni. Imma mbagħad forsi li jgħin huwa l-ġeneralità tat-tema, jiġifieri anki jekk it-tema hija reliġjuża tista' tiftaħha b'mod illi jappella għas-sens forsi mhux duttrinali tal-istudenti li għandek quddiemek u mhux marbut ma' reliġjon partikolari, imma mas-sens ta' essri suprem, *supreme being*, li ħafna nies jemmnu fih u mhux neċessarjament ikun l-istess alla li temmen fih int, imma l-kunċett ta' supreme being, dak anki minn tema Kattolika f'poeżija Kattolika tista' tasal għalih.

11. **RIĊERKATUR:** Jiġifieri qisu fi ftit kliem, aktar ma' forsi t-test ikun qrib tal-istudenti jew aktar kemm huma konxji tat-test, aktar tagħmilha faċli għall-istudenti biex jifhmu, u kważi kważi, aktar faċli għalik ukoll biex tfehmu lilhom.

**IS-SUR VASSALLI:** [Da]żgur, għax il-letteratura hija interessanti għax għandha element ta' validità, ta' relevanza għall-ħajja ta' min qed jaqraha. Dak li jinteressana fil-letteratura, il-fatt illi [...] – ħa nidwi ftit lil Aristotli, jiġifieri qed immorru lura sekli sħaħ sewwa – il-fatt illi inti tibża' li tista' tkun f'dik is-sitwazzjoni wkoll. U allura jkun hemm element ta' katarsi. Issa mhux dak biss, jiġifieri hemm ħafna effetti oħra letterarji, li jiena tgħallimt matul il-karriera tiegħa ta' tagħlim, illi huma validi. Ħafna studenti mhux neċessarjament jgħaddu minn esperjenza ta' poeta jew ta' karattru biex jempatizzaw miegħu, imma l-ħasra jħossuha jekk jarawh riesaq lejn traġedja, l-isfortuna jħossuha jekk jaraw bniedem fil-letteratura inġustament qed isofri kundanna jew piena.

12. **RIĊERKATUR:** Jekk ikollna niffokaw ftit aktar fuq il-Letteratura Maltija, aktar kmieni inti stess semmejt illi huma diversi l-poeti li jiġu f'moħħok, jew anki kittieba illi kitbu fuq temi dwar il-ħajja

tal-bniedem. Jekk niffokaw fuq perjodu tal-letteratura, forsi l-perjodu modern jew il-perjodu Romantiku, liema taħseb li kien l-iktar perjodu li jittratta dawn il-ħsibijiet fuq l-aktar fuq il-ħajja tal-bniedem?

**IS-SUR VASSALLI:** [Ħ]sibijiet eżistenzjalisti?

13. **RIĊERKATUR:** Eżatt.

**IS-SUR VASSALLI:** [B]ħala ammont ta' poeti forsi moħħi l-ewwel ma' jmur huwa għall-perjodu modern, minħabba forsi l-aspett iktar sekulari tiegħu, l-aspett iktar xettiku tiegħu, it-tendenza li għandu li jesplora aktar il-qagħda tal-bniedem bħala kontinġenti, jiġifieri aċċidentali u anki forsi minħabba x-xettiċiżmu tiegħu u n-nuqqas ta' idealiżmu tiegħu. Għax [...] tinsiex [li l-]prinċipji ideali jipproteġuk ftit minn mistoqsijiet Eżistenzjalisti [li]finalment ser issib konfort fihom. Imma dan ma jfissirx illi r-Romantiċi ma tawniex tiġrib, ħa nsejjaħlu hekk, Eżistenzjalista qawwi ħafna. U naħseb nagħmlu żball jekk ngħidu li ħdejn il-Moderni, ir-Romantiċi kienu simplistiċi, għax għandna eżempji ta' Romantiċi li kienu ħafna aktar intensi mill-Moderni. Pereżempju Karmenu Vassallo, [...] bil-motto tiegħu "irrid u ma nistax", il-bniedem li [...] l-aspirazzjoni tiegħu hija [dejjem dik] l-għajta tiegħu fil-poeżija, sewwa. Huwa dejjem il-bniedem illi huwa ddisprat, frustrat għax għex ħajtu kollha ma jilħaqx dak li aspira għalih jew dak li jixtieq jgħid. Rużar Briffa illi ħafna mill-poeżiji tiegħu għandhom il-kulur tal-mard.

14. **RIĊERKATUR:** Tal-mard.

**IS-SUR VASSALLI:** L-isfura, għandhom l-ambjent tal-mard, il-qamar "marrad musfari", għandhom is-simboliżmu tal-mard: nieħu lill-Madonna l-għollieq ["marrad musfari"] għax dak jirrappreżenta lill-bniedem. Ma naħsibx illi dawn huma poeżiji sempliċi, jew li jissimplifikaw il-ħajja umana. Anzi juru li l-arti għandha ssegwi bħal fil-'Vjolin Marid', [jiġifieri] bħala b'espressjoni awtentika, il-bniedem f'kundizzjoni kiefra jew miskina. Imbagħad hemm Ġan Anton Vassallo kif semmejna qabel, Dun Karm tal-'Jien u lil hinn Minnu' ma tantx huwa kuxjenza komda. Jiġiferi meta b'mod istantanju forsi mmorru għall-poeżija Moderna minħabba anki l-mod awdaċi kif avviċinat dawn it-temi, [...] naħseb jiena li bi ftit iktar ħsieb nirrealizzaw li r-Romantiċi kellhom ukoll l-intensitajiet tagħhom fuq il-ħajja umana.

15. **RIĊERKATUR:** Matul is-sena akkademika li għaddiet, fil-lezzjonijiet tiegħek, kellek xi testi letterarji li jittrattaw it-tema tal-libertà, jew in-nuqqas tagħha? U jekk kellek, tista' ssemmili xi wieħed minnhom?

**IS-SUR VASSALLI:** Eħe, pereżempju tiġini f'moħħi, imma waħda fost oħrajn, jiġifieri hemm oħrajn, Maria Grech Ganado u l-libertà partikulari li fittxet: [...] il-libertà mill-isterjotipi, l-istituzzjonijiet riġidi, il-kultura li tpoġġik f'kaxxa lesta bħala mara. Ukoll, interessanti iktar minn hekk, il-libertà mill-kelma nnifisha. Għaliex il-lingwa fiha l-proverbji, l-idjomi, taqbad l-isterjotipi tal-bniedem u tipperpetwahom, u tikkalzrak, tpoġġik f'ħabs il-lingwa biex inti titrabba titkellem b'idjomi illi diġà huma ppreġudikati u diġà allura qed jillimtaw x'għandek tagħmel fl-istat ta' mara. [Dan huwa]kunċett wieħed fil-verità, imma tinsiex il-Moderniżmu kollu fil-poeżija Maltija, pereżempju, u anki fin-narrattiva, ġie bbażat fuq dal-kunċett ta' emanċipazzjoni intellettwali, [il-kunċett] tal-libertà mill-istituzzjonijiet.

16. **RIĊERKATUR:** U jekk kellna ngħaddu aktar fuq it-tema tar-reliġjon, l-ispiritwalità u t-twemmin. Tista' ssemmili forsi xi test letterarju li għallimt s-sena li għaddiet li kien forsi jinkludi dawn it-temi?

    **IS-SUR VASSALLI:** Eħe, l-iktar Marjanu Vella, [...] bl-allegorija tiegħu [li hija] l-għodda ewlenija tiegħu, il-kunflitti tiegħu li huma konformi mal-kunflitt Nisrani, [...] jiġifieri qed ngħidu anki l-kunflitt bibliku ma' Alla biex issib it-tieni magħmudija tiegħek, il-kunflitt ta' Iżrael, dak illi jikkumbatti ma' Alla bil-lejl, il-kelma Iżrael hekk tfisser [...]fil-Bibbja. Jiġifieri Marjanu Vella li jara l-gawwi ġej u dik [tkun]emblema ta' burraxka spiritwali li ġejja ġo għajnejn gawwi. [Kif] jgħid f'poeżija minnhom 'Sitta, Sitta,' [il-gawwi] jara [xi ħaġa tal-]biżgħa "li għelm tagħha m'hawn imkien", m'hawnx sinjal tagħha. Din hija l-biżgħa kontinwa spiritwali mit-tensjonijiet, l-ansjetajiet, tal-fidi illi dan il-poeta għex hu. [H]u kien jinsisti li mingħajr din l-ansjetà mintix wemmien vera, [...] ansjetà [li] kienet tiġi fuqu mhux joħloqha hu, imma kienet tiġi fuqu u kien joħodha bħala kważi, kważi, premju spiritwali.

17. **RIĊERKATUR:** Kemm tħoss li mit-testi letterarji li għallimt matul is-sena li għaddiet, kien hemm xogħlijiet li jittrattaw temi dwar il-ħajja tal-bniedem, l-individwalità u l-identità umana?

    **IS-SUR VASSALLI:** [...] Hemm ħafna, pereżempju jiena li jiġini f'moħħi waqt li qed taqra l-mistoqsija huwa Achille Mizzi, għaliex? Għax huwa dal-poeta straordinarju f'das-sens: illi jaqbad l-identità moderna u jpoġġiha f'qafas mitoloġiku. U allura joħloq poeżija li turi illi l-Mitoloġija Griega għadha għaddejja sal-lum imma bid-dilemmi, bil-preokkupazzjonijet, bil-kultura industrijalizzata teknoloġika tagħna tal-lum. Għandu dal-poeżiji illi – pereżempju [...] 'Olympus' qed tiġi f'moħħi, illi fiha għandek ir-reġistru Klassiku antik (Olympus u l-atleta Grieg, sewwa, u l-olimpijadi) imma qed iseħħ b'reġistru ieħor mekkaniku li bil-fusien jiċċaqalqu [tagħrfu bħala] xbieha ta' magna: qisha magna li hija *wrestler* qiegħda titqabad mad-dinja moderna. Għandu ħafna poeżiji oħra hekk, li jittrattaw pereżempju d-dilemma tal-enerġija atomika imma jagħtuha reġistru mitoloġiku. Allura l-bniedem x'inhu, għadu l-mit Klassiku skont Achille Mizzi? Jew huwa l-ħruxijiet tax-xjenza moderna: iż- Zyklon li jsemmi f'waħda mill-poeżiji tiegħu fuq it-Tieni Gwerra Dinjija, il-gass li kienu jużaw il-forzi Nażisti biex joqtlu lil-Lhud?

18. **RIĊERKATUR:** Lil-Lhud eżattament.

    **IS-SUR VASSALLI:** U l-mitoloġija Griega f'dan kollu spiċċat skontu? Le, għadha għaddejja. Din hija t-traġedja Griega għadha għaddejja. Imma daqstant ieħor hija d-dinja teknoloġika tal-lum. Jiġifieri x'inhi l-identità hemmhekk? Hija Griega? Hija Mediterranja? Hija Klassika? Postnukleari? Modernissima?

19. **RIĊERKATUR:** Meta tagħżel ix-xogħol letterarju li tkun ser tgħallem fil-bidu tas-sena, kemm tqis jekk it-temi li jittratta humiex adattati għall-istudenti li ser ikollok quddiemek?

    **IS-SUR VASSALLI:** Normalment inqis it-temi kemm huma validi għall-ħajja. Għaliex? Għax l-istudent huwa parti minn dik il-ħajja, u jekk l-istudent tipprova tnaqqaslu mit-tematika inti bdejt tnaqqaslu minn dilemmi li forsi għad m'għandux, imma ser jiltaqa' magħhom għax huma żmienu. [Naħseb]illi l-istudent u dak li għadda minnu sa dik l-età [ma] għandu[x] ikun l-unika [kriterju], għandu jkun konsiderazzjoni, imma m'għandux ikun l-unika kejl għat-tematika. Għax tispiċċa lill-istudent tirrestrinġilu esperjenzi li fil-futur se jkollu u li l-letteratura qed tisqih [bil-lest dwarhom], qed

tkellmu fuqhom. Jiġifieri mhux [li] tema Eżistenzjalista ta' ċerta piż ([bħal] 'Il-Jien u lil hinn Minnu' pereżempju) […] ser tkun valida għal ċerta età studenteska. Għas-sempliċi raġuni li jkunu ma waslux f'dak l-istadju meta jibdew jikkontemplaw il-ħajja fi tmiemha. U allura jibdew jgħidu "issa wasal iż-żmien tiegħi li nirrealizza x'inhi l-mortalità u xi jfisser illi tiddiġenera u toqrob lejn it-tmiem". Ma naħsibx illi hemm dik it-tip ta' validità fil-letteratura, imma għaliex ma tgħallimhiex biex student jara anki l-perspettiva ta' bniedem anzjan minn qabel?

20. **RIĊERKATUR:** Jekk għandek xogħol letterarju b'tema assoċjata mal-problemi fil-familja, fost l-oħrajn, tasal tgħallmu lill-istudenti tiegħek? U għaliex?

    **IS-SUR VASSALLI:** Iva nasal ngħallmu. Għaliex naħseb l-agħar ħaġa li tista' tagħmel fl-edukazzjoni hija, u fl-edukazzjoni f'kull livell qed ngħid, hija li problema taħbiha. L-edukazzjoni isimha magħha, l-opportunità li għandu l-bniedem kemm fil-fażi ta' edukazzjoni obbligatorja imma anki dik illi jkompli jsegwi hu, biex hu jitgħallem mill-problemi tal-ħajja. Allura kif teskludihom imbagħad minn dik il-fażi meta huwa għandu ċans jiġi preparat għal dal-problemi? Issa, […] hemm ħafna okkażjonijiet [meta] l-edukatur ikun jaf, għax ikunu avviċinawh studenti bi problemi serjissimi, jew ikun jaf mill-profil jew mill-isfond tagħhom, illi t-tema li ser jittratta ser tmiss is-sentimenti l-aktar teneri u l-iktar profondi għas-sempliċi raġuni li wħud mill-istudenti jkunu […] għaddejjin minn [dik il-problema f'] dak iż-żmien. U allura l-letteratura ser issir esperjenza ħafna aktar intensa għalihom. Hemmhekk naħseb l-edukatur irid joqgħod tikka attent. Il-problema jrid jippreżentaha xorta [bħala esperjenza umana, wara kollox, għax] għandu sillabu u jrid iwettqu. Apparti minn hekk, kif għidt, għandu l-opportunità li l-istudenti quddiemu l-problema jberraħha quddiemhom. Imma minn qabel irid jaħseb, naħseb jiena, modi […] kif il-problema ma jippreżentahiex bħala dilemma biss imma jippreżentaha wkoll bħala, pereżempju, fażi mill-ħajja li eventwalment ser tissudak bħala sfida li tista' tingħeleb. U hawn jista' joħroġ ftit oltre mit-test li għandu quddiemu u jitkellem b'mod ġenerali fuq din il-problema, kif jaffaċċjaha l-bniedem, kif għelbuha nies oħrajn ħlief l-awtur innifsu, jew il-karattru nnifsu. Jiġifieri li qed ngħid huwa żewġ affarijiet, iva il-problemi li tippreżenta l-letteratura m'għandniex niċċensurawhom, ngħattuhom jew naħarbu minnhom […]

21. **RIĊERKATUR:** Imma hemm mod kif nuruhom.

    **IS-SUR VASSALLI:** […] imma, eħe, għandna nikkwalifikawhom, anka [permezz ta'] bijografiji u esperjenzi ta' nies oħra lil hinn mit-test li qed jiġi mgħallem.

22. **RIĊERKATUR:** Jekk niffokaw aktar fuq mhux fuq il-ħin tal-lezzjoni iżda qabel, meta tiġi għall-preparazzjoni tal-lezzjoni, talloka ħin biex l-istudenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar it-tema li tkun qed tiġi diskussa?

    **IS-SUR VASSALLI:** Mela, [b']"qabel" qed […] nifhmu qabel il-lezzjoni, għax [b']"qabel" mhix qed nifhem kif […] talloka ħin [fil-lezzjoni]?

23. **RIĊERKATUR:** Fit-tqassim forsi tal-lezzjoni, kif tipprepara li ser tqassam il-lezzjoni, talloka ħin?

    **IS-SUR VASSALLI:** Eħe, fhimtek fhimtek. Għandek l-isfida tas-soltu tal-ħin versu s-sillabu. Jiġifieri għandek sillabu u inti waħda mir-responsabiltajiet fundamentali tiegħek hija li l-klassi li għandek quddiemek ippreparajtha b'mod sħiħ għall-eżami. U hawn tidħol dik il-problema. Imbagħad hemm problema oħra, li tiġi ftit mill-istudenti [wkoll], però jiena ma ntihomx tort. Fil-maġġorparti

tagħhom l-istudenti Maltin jippreferu jisimgħu, mhux għax neċessarjament […] huma għażżenin fil-ħsieb, […] fid-djalogu […], [u] fid-dibattiti. Mhux neċessarjament għalhekk, imma għaliex ikunu jridu sigurtà ta' kontenut li qed jisimgħuh […] verbatim kif [jistħajlu li għandhom] jippreżentawh f'eżami. Xi ħaġa li jien ma naqbilx wisq magħha. Imma li jiġrilek huwa li ħafna drabi meta tkun qed titkellem inti b'ċerta livell u tkun ilek tgħallem is-suġġett, il-livell […] joħroġ mill-ewwel għoli u tista' timmaġina x'ser ikun is-sentiment fl-istudent. L-istudent jgħidlek "u mela […] dal-livell ser nagħti kontribut jien siewi għalih?" Li ma jkunx il-każ, għax ħafna drabi l-kontribut li jagħti jkun siewi, imma forsi l-artikulazzjoni tiegħu ma tkunx daqshekk [irfinuta], tkun trid taqbad diskussjoni […] inti [biex] dik l-artikulazzjoni ttejjibha ftit ukoll. Jiġifieri jiena jkun hemm mumenti meta nistieden xi kummenti, [bħal meta] ngħid "x'taħsbu fuq dan?", pereżempju, [jew] "hemm xi ħadd irid iżid [ma' dak li għidt]?", però jkolli nammetti li rari jkun hemm min jgħidli, [u] b'dat-ton [kunfidenti], "iva jien naħseb li inti ppreżentajt […] perspettiva imma nixtieq nikkummenta fuq pespettiva oħra".

24. **RIĊERKATUR:** Jista' forsi anki ma' dan jorbot il-fatt li jkollok xi studenti li anki kif semmejna jkunu qed jgħaddu minn din il-problema forsi jew it-tema li qed tiġi diskussa qed jgħixuha huma stess, u għaldaqstant, forsi jsibuha diffiċli biex jitkellmu, jew forsi mil-lat kompletament oppost, tkun iktar faċli għalihom li jitkellmu jew jesprimu ruħhom fuq dak li qed jiġi diskuss?

    **IS-SUR VASSALLI:** Ara, jekk tkun problema ġenerali, [bħal meta] inti qiegħed [tgħallem klassi] fil-perjodu żagħżugħ jew tal-pubertà u qiegħed tittratta s-sess u l-attrazzjoni, jekk tkun problema ġenerali u tkun ftit ambarazzanti għalihom, iva, se tkun diffiċli. Jekk tkun problema lokalizzata, jien naf, jiġifieri familja mfarrka jew xi ħadd tkeċċa mill-familja tiegħu, dik ser tolqot individwu jew tnejn, mhux ser tolqot […]

25. **RIĊERKATUR:** Mhux lill-istudenti kollha

    **IS-SUR VASSALLI:** […] lill-istudenti kollha, sewwa, jiġifieri jista' jkollhom ħbieb li ġralhom hekk però f'dak il-każ […] is-suspett tiegħi huwa li […] iktar jieħdu pjaċir jitkellmu fuqha. Jiena naħseb li jista' jkun hemm […] element ta' privatezza li l-istudenti ma jkunux iridu jiksruh, […] anki fuq sħabhom stess, u ġieli kelli studenti li wara l-lezzjoni jkellmuk u jgħidulek "b'dik il-poeżija ftakart x'kien ġara lil ħabib jew lili xi żmien ilu". Jista' jiġri bil-kontra wkoll, iva, naqbel miegħek illi jista' jiġri bil-kontra, jiġifieri jekk tema tippreżentaha b'mod ġeneriku u inti titkellem bl-iktar mod newtrali fuqha u turi li m'hemm l-ebda lok għal skandlu jew ambarazzament, […] f'mumenti bħal dawn jiena sibt anki bil-ħarsa biss ta' ċerti studenti li hemm uħud minnhom qed isegwu aktar, u ninduna il-għaliex jinsew li għandhom pinna f'idhom, jinsew li qed jiktbu n-noti, u ngħid "dil-poeżija qed tolqothom fuq livell ieħor" ukoll, u li kellhom jitkellmu kieku jitkellmu. Imma kif għidtlek, umbagħad jidħol dak l-element ta' privatezza.

26. **RIĊERKATUR:** Privatezza eżatt. Tħoss li l-mistoqsijiet li tistaqsi lill-istudenti jagħtuhom lok biex jesprimu d-diffikultajiet, appuntu d-dilemmi tagħhom?

    **IS-SUR VASSALLI:** Eħe, però mhux il-mistoqsijiet biss, anka d-dilemma nnifisha. Jiġifieri jiena nħoss illi l-interess tal-istudent dejjem kien ftit aktar qawwi meta poeżija ma tispiċċax bi tweġiba, meta tħallihom ftit imħawdin. Ftit diżorjentati. Issa kemm din hija stedina biex jitkellmu, kif għidtlek qabel, jiġifieri jidħlu mbagħad fatturi oħra. Pereżempju s-sillabu, il-fatt illi mhux jien biss, anki l-

istudenti jridu jlaħħqu man-noti, imbagħad il-fattur l-ieħor li jridu jkunu ċerti li n-noti li għandhom huma l-kelma kważi *ex cathedra* għalihom tal-għalliem

27. **RIĊERKATUR:** Is-sens ta' sigurtà appuntu

**IS-SUR VASSALLI:** Ija, is-sens ta' sigurtà, speċi, għall-eżami mhux ħa noqgħod fuq il-kontribut tiegħi. Ħa noqgħod fuq xi ħadd illi ilu jgħallmu s-suġġett. Dik kemm l-għalliem kif ukoll l-istudent iridu jegħlbuha, u hija sfida għax, veru, inti lill-għalliem tkun qed tieħdu bħala l-fonti ewlenija u s-sigurtà tat-tagħlim.

28. **RIĊERKATUR:** Anki minn dak li ddiskutejna diġà, joħroġ ċar il-kuxjenza għal dak li jistgħu jkunu qed iġarrbu l-istudenti fil-preparazzjoni u fit-tħejjija għal-lezzjonijiet. Meta tiġi appuntu għal test partikolari, f'dan il-każ għall-interpretazzjoni tat-test, tħoss illi l-istudenti huma kapaċi jew forsi għandhom ċans joħorġu b'interpretazzjoni tagħhom, jew dak li forsi jgħid l-għalliem jew il-lettur għandu kważi kważi jittieħed sagrosant u l-korp studentesk kollu għandu jimxi miegħu?

**IS-SUR VASSALLI:** Jien personalment nifhem il-poeżija jew ir-rumanz bħala sfera ta' interpretazzjoni tant ikbar[…] minn kull ħaġa li tista' tingħad – jiġifieri taqbad perspettiva imma għandek ossimoro, għandek l-oppost tagħha; taqbad dan l-aspett tat-tema, imma jekk hi poeżija tajba ttik l-aspett kuntrarju għaliha u toħloq antiteżi; taqbad mistoqsija u m'għandekx tweġiba – u allura jekk m'għandekx tweġiba, għandek it-tweġibiet kollha tal-individwi kollha li qrawha, għax kulħadd imbagħad jgħid it-tweġiba tiegħu. Tant hemm minn dawn l-affarijiet illi jien qatt ma ħassejt illi silta letterarja, anki silta [biss] minn test, tista' b'xi mod tiġi ridotta għal vuċi waħda, għal perspettiva waħda, idea waħda, kontenut wieħed, soluzzjoni waħda. Allura nkun qed immur kontra l-kurrent tiegħi stess kieku kelli ngħid le: meta tiġi mgħallma dil-poeżija għandu jkollha dal-ħsieb u dil-konklużjoni, u nieqfu hemm u kull min jiżvija minnha […] jew jagħti [perspettiva oħra], għax mhux neċessarjament tiżvija minnha, tista' tibqa' ffukat fuqha imma tagħti perspettivi oħra. Jiena, fil-livell pereżempju tat-teżijiet din rajtha kemm-il darba, nitilqu minn pjan, minn proposta, imma mbagħad l-istudent innifsu jibda jġiblek perspettivi li inti stess ma tkunx bsarthom. U tgħid iva din valida għal dan it-test. Jiġifieri assolutament le ma narax illi poeżija jew silta narrattiva għandha tiġi ridotta għal interpretazzjoni waħda. Imma [ħa nżid] kwalifika żgħira ma' dan: jiena qatt ma approvajt, qatt ma appoġġjajt l-idea illi l-interpretazzjoni hija assolutament libera u tista' tagħmel biha li trid. Mhux qed ngħid hekk. Li qed ngħid huwa [li] t-test huwa kbir biżżejjed biex jippermetti li xi ħadd jaqbad dal-qasam [partikulari] tiegħu, dan l-aspett [speċifiku], dawn l-aspetti kollha qed jaħdmu b'[modi] differenti [f]l-istess test, kollha korretti imma […]

29. **RIĊERKATUR:** F'konfini xorta waħda.

**IS-SUR VASSALLI:** […] imma dawk il-perspettivi huma partijiet differenti mit-test.

30. **RIĊERKATUR:** Eżatt. Taħseb li hemm xi temi li ma tasalx tiddiskuti jew tittratta fil-lezzjonijiet tiegħek mal-istudenti?

**IS-SUR VASSALLI:** L-iktar li ħassejt das-sentiment li qed tgħid, però għelibtu (jiġifieri le ma kienx hemm temi għax finalment għallimt dak kollu li kelli f'moħħi) kien meta kelli testi letterarji li qegħdin jgħallmu [jew aħjar] qegħdin jitrażmettu *punto di vista* li jmur kontra l-valuri li aħna llum inħaddnu. Pereżempju r-razziżmu […] jinbena b'mod [inevitabbli] meta inti tgħallem letteratura

ta' perjodu bikri u inti, pereżempju, trid f'Dun Karm taqra li t-Tork, għax hu Tork, huwa ħajjen, huwa intrinsikament ħażin, għax dan ġej minn pajjiż li huwa t-Turkija, [iżda] li fih hemm miljuni kbar ta' nies, daqs il-pajjiż tagħna min jaf kemm-il darba, u inti dawn kollha qbadthom u kkundannajthom kollha bħala nies ħżiena. Issa hemmhekk għandek ftit dilemma bħala edukatur għaliex inti [...] suppost qed tgħallem il-valuri permezz tal-letteratura. Imma hawnhekk għandek ħabta ċara ħafna bejn valuri li aħna llum ngħożżu u letteratura li qed tagħtik aġġettivi li llum [jitqiesu] *politically incorrect*. Allura x'nagħmel? Ninsisti li din hija viżjoni, nispjega ftit il-kuntest u [...] nkun ċert ukoll li qed nispjega u ngħidha, jiġifieri jekk il-poeżija nkun għallimtha għal għoxrin sena ngħidha għoxrin darba lil kull klassi li dawn mhumiex il-valuri li llum inħaddnu. Jiġifieri dik nagħmilha ċara. Però nispjega li kien hemm viżjoni, kien hemm raġunament politiku għaliex dak id-diskors huwa kif inhu. Hemm ukoll temi oħra illi nkun naf illi se jikkonfondu ftit lill-istudenti. Għaliex ikunu, pereżempju, biex nagħti ftit eżempji, ċiniżmu, jew anki disprezz lejn it-twemmin. Minn bniedem illi mhux kuntent li jkun sekulari, imma jrid ikun parodiku lejn it-twemmin Nisrani. Jew bil-kontra. Lejn it-twemmin Musulman meta inti taf li fil-klassi għandek, jien naf, żewġ tliet Musulmani. U [...] jiena kelli kemm-il darba. Hemmhekk l-iktar li saqsejt lili nnifsi "dit-tema ser nippreżentaha jew le?" Però, kif għidtlek, dejjem qbadt għallimtha u kkwalifikajt it-tema skont żmien, kultura u skont dak li aħna llum inqisu bħala atteġġjament aktar kożmopolitan u iktar multietniku.

31. **RIĊERKATUR:** B'rabta ma' dan u nagħlqu b'din l-aħħar mistoqsija, ġieli kien hemm sitwazzjonijiet fejn pjanajt li ser tgħallem test u forsi anki nofs triq jew anki fil-perkors tas-sena akkademika bdilt id-deċiżjoni tiegħek fuq dan it-test u m'għallimtux forsi jew għallimtu forsi b'mod differenti nistgħu ngħidu hekk?

    **IS-SUR VASSALLI:** Mhux m'għallimtux, jiġifieri test li kelli fil-programm jew fis-sillabu dejjem għallimtu. Però test illi għallimtu b'mod differenti iva, u ġieli l-aġġustament kien mhux it-test u mhux iż-żmien, imma l-grupp partikolari li għandi quddiemi. Jekk nibda nħoss li l-grupp li għandi quddiemi għandu problema b'tema jiena nħoss obbligu, inħoss dover, illi dik it-tema naġġustaha biex għall-inqas dak il-grupp quddiemi nqabbadlu sieq f'dik it-tema, għall-inqas. Mhux tiġi pereżempju tema jew li huma totalment indifferenti lejha jew bil-kontra, tema li tant għandhom forsi viżjoni prestabbilita fuqha illi bla ma rrid inkun se noħloq kunflitt bejn it-tema u dal-korp studentesk. Allura hemmhekk, iva, naġġusta t-test skont il-korp studentesk.

32. **RIĊERKATUR:** Skont l-istudenti eżatt li jkollok quddiemek.

    **IS-SUR VASSALLI:** U ġieli ġratli, [...] pereżempju Achille Mizzi [u] Maria Grech Ganado mhux dejjem għallimthom bl-istess mod u mhux dejjem enfasizzajt l-istess aspetti.

33. **RIĊERKATUR:** Eżatt skont anki l-istudenti u dak anki li tgħaddi minnu matul is-sena jiġifieri

    **IS-SUR VASSALLI:** Iva, iva. Anki skont l-aħbarijiet ġieli, għax ġieli jkollok avveniment intens politiku, jista' jkun kulturali, ġrajjiet [...] kurrenti illi [ma jħallukx]taqbad poeżija u [titkellem fuqha] b'mod indifferenti għal dak li qed jiġri fil-pajjiż, tippreżentaha qisha din qed tiġi trażmessa f'vaku. Qed tiġi trażmessa dejjem f'kundizzjoni storika [l-] poeżija. U dik il-kundizzjoni, inkluż nerġa' ngħid il-grupp li għandek quddiemek, dawk naħseb illi trid toħodhom inkonsiderazzjoni meta tgħallem.

34. **RIĊERKATUR:** Nirringrazzjak ħafna ta' din l-informazzjoni u tal-għajnuna tiegħek f'din l-intervista għar-riċerka tiegħi.

# Appendiċi 5 – L-intervista mas-Sur Wizzino

It-Tnejn 16 ta' Settembru, 2019

San Ġwann, Malta. Mit-15:31 sal-16:06

1. **RIĊERKATUR:** Fl-istudji akkademiċi tiegħek iffokajt fuq liema qasam tal-Malti?

   **IS-SUR WIZZINO:** Fuq letteratura [...].

2. **RIĊERKATUR:** Għaliex taħseb li ngħallmu l-Letteratura Maltija fl-iskejjel?

   **IS-SUR WIZZINO:** Ifhimni *number one* naħseb anke minħabba aspett ta' identità. Ifhimni l-istudent jikber u lanqas għandu idea ta' kittieba Maltin. Iktar u iktar imbagħad aħna ħafna mil-letteratura tagħna dejjem għandha sfond storiku jew sfond soċjali jiġifieri llum il-ġurnata, student m'għadux it-tip li ħa jmur jaqra biex jara l-istorja ta' pajjiżu. Jiġifieri, kważi kważi, ġiet irrelevanti għal ħafna studenti, għar-raġuni li anki l-għan tagħhom fil-futur huwa li lanqas biss jibqgħu Malta, li jitilqu barra minn Malta. Jiġifieri jgħidlek jien dan għalija diġà mhuwiex ta' interess għal dik ir-raġuni. U *two* għandek studenti li ma jkunux qegħdin jistudjaw ċerta suġġetti li huma fuq arti iktar minn oħrajn u jkunu qed jibbażaw aktar, fuq jien naf, kummerċ, *Accounts*, xjenza eċċetra. Allura dak l-istudent ċertu aspetti ħa jarahom żejda. Allura inti l-fatt li jkunu parti mis-sillabu naħseb li almenu qed tesponih għal affarijiet li fuq kollox huma parti minnu.

3. **RIĊERKATUR:** Sewwa. Jiġi xi kittieb lokali jew anke barrani f'moħħok meta tisma' l-kelma eżistenzjaliżmu?

   **IS-SUR WIZZINO:** Użgur. Għandek Mario Azzopardi żgur, tajjeb? Għandek Rużar Briffa għalkemm ħafna studenti u ħafna nies jgħidulek "u iva". Imma huwa fil-fehma tiegħi wieħed mill-aktar kittieba eżistenzjali li għandna.

4. **RIĊERKATUR:** Sewwa. Jekk niffokaw aktar fuq sfond ġenerali, kemm tħoss li l-istudenti tal-ġurnata jagħtu importanza lit-tagħlim tal-letteratura?

   **IS-SUR WIZZINO:** Għandek parti u parti. Għandek studenti li ħa jaraw l-istudju tal-letteratura bħala kastig għax *again* jekk inti għandek student qed jistudja *Accounts, Economics, Physics, Chemistry, biology* jgħidlek jien x'jinteressani minn Dun Karm. Iktar u iktar meta mbagħad mhux biss qed jistudjaw il-letteratura, barra li jrid jistudja bl-amment il-personaġġi dan pereżempju. Fhimt? Jekk inti għandek student tal-A' Level irid jistudja pataflun letteratura meta dan fuq kollox, ifhimni, l-għan tiegħu hija l-liġi mbagħad. Fhimt? Allura jekk student ma tispjegalux li isma' fil-letteratura inti għandek l-element ta' analiżi li fil-professjoni tiegħek jekk mintix ħa tkun mija fil-mija ċert minnu ħa tfalli, jekk mhux ħa tfalli inti ifhimni ħa jfalli l-klijent. Jiġifieri *one way or the other* trid bilfors irid ikollok element ta' analiżi. Fhimt? Ta' kritika, ta' xi ħaġa. Jiġifieri jekk mhux għalik almenu għall-professjoni li dieħel fiha.

5. **RIĊERKATUR:** Sewwa. Imbagħad għandek il-lat l-ieħor

**IS-SUR WIZZINO:** Imbagħad għandek studenti li jieħdu pjaċir. Jiġifieri inti ħa jkollok studenti li f'lezzjoni ta', jien naf, ta' sagħtejn tagħmel żewġ poeżiji miżerjament, forsi tagħmel tnejn, għax jiddiskutu, jqabblu dik mal-oħra jiġifieri u jidħlu fiha. Imma għalfejn? Għax qegħdin hemmhekk għall-aspett tal-letteratura biss. Hemm differenza.

6. **RIĊERKATUR:** Hemm differenza. Tħoss li l-importanza mogħtija lit-tagħlim tal-letteratura nbidlet maż-żmien? U għaliex forsi taħseb hekk?

**IS-SUR WIZZINO:** Inbidel? Ma naħsibx ta'.

7. **RIĊERKATUR:** Dejjem baqgħet konsistenti l-importanza?

**IS-SUR WIZZINO:** L-importanza tagħha iva, baqgħet konsistenti nħossha jien. Il-problema hi waħda, li għandek ħafna għalliema li qegħdin jgħallmu l-letteratura li r-riċerka tagħhom ma jagħmluhiex.

8. **RIĊERKATUR:** F'liema sens?

**IS-SUR WIZZINO:** Ħa nispjegalek. Jiġifieri inti, ħa nsiblek eżempju ħafif ħafna. Għandek 'Quo Vadis?' u jiġuk studenti qed jitkellmu miegħek u jgħidulek "din hija poeżija li għandha x'taqsam mal-ambjent u nħobbu n-natura u l-ħarruba." U ma fehmu xejn.

9. **RIĊERKATUR:** U t-tema tal-identità ma tissemmiex.

**IS-SUR WIZZINO:** Xejn, xejn. Jiġifieri la element soċjali, la l-element li inti għandek il-ħarruba li hija sempliċiment qed tiġi ppersonifikata bħalma dak il-filosfu eżistenzjalista li qiegħed il-ħin kollu jagħmel analiżi eżistenzjali eċċetra eċċetra. Fhimt? Qed insemmilek eżempju żgħir.

10. **RIĊERKATUR**: U din poeżija li tiġi mgħallma f'kull livell.

**IS-SUR WIZZINO:** Imma għalfejn? Għax kollox *taken for granted* u ejja ħa mmorru. U din sfortunatament toħroġ ħafna. Jien naraha. Għax jiġuni studenti u jgħiduli "għax din hekk". U tgħidilhom "minn fejn ġibtha binti din? M'għandha x'taqsam xejn." U tkun trid terġa' tibda kollox mill-bidu għax hija ċara li l-istudent ġie mgħallem, jiddispjaċini ħafna ngħid imma, ħażin. Fejn tidħol kritika, fejn jidħlu ħafna termini letterarji. Jien naf, jekk inti qed titkellem minn retiċenza għal ċesura, m'humiex qed jingħataw distinzjoni dawn. Ma jistax ikollok inti, jien naf, ċesura fil-bidu ta' vers, l-ewwel ħaġa. Ġejja mill-verb *cessare*. Jekk qiegħda fil-bidu nett u warajha hemm il-kliem kollu mela *che stai cessando?* Xejn. Dawn aspetti żgħar imma aspetti li inti jekk iltqajt magħhom l-ewwel darba bħala għalliem, diffiċli ta' bir-rispett kollu, imma almenu fittex. Mhux tfajjar ċesura għax rajt tliet tikek x'imkien. Jekk qegħdin f'nofs il-vers, mhux tajba xorta, imma almenu forsi ngaħġħuha. Imma affarijiet li jsiru mir-riċerka u għalhekk ċertu aspetti inti skont kif qed tgħallimhom.

11. **RIĊERKATUR:** U jekk inħarsu lejn il-lat l-ieħor. Kemm taħseb li l-istudenti, li ngħallmuhom il-letteratura, din tħalli effett fuqhom u fuq ħajjithom?

**IS-SUR WIZZINO:** Skont kif qed tgħallimielhom. Jekk qed tgħallimielhom għax din tgħid hekk u din hekk u din hekk, m'għallimthom xejn. Jekk kull biċċa xogħol letterarja mhux ħa torbotha mal-ħajja kif inhi vera llum il-ġurnata, it-tfal mhumiex ħa jinteressaw ruħhom fil-letteratura. Issa is-sabiħ tal-letteratura li int qed torbot il-ħin kollu, kull biċċa xogħol letterarja, tagħmilha relevanti għal dak iż-żmien. Il-letteratura u xogħol letterarju ma huwa qatt relevanti biss għaż-żmien li ġie miktub fih. Insieha, hija gidba kbira. Sib l-iktar letteratura qadima u tista' tapplikaha għal-lum il-ġurnata. U faċli ssir, jiġifieri sempliċiment *effort* kulma jsir. U hemmhekk isiru jħobbu l-letteratura.

12. **RIĊERKATUR:** Għaliex xorta jista' jkollok letteratura li nkitbet fi żmien u qed titkellem fuq żmien ieħor.

    **IS-SUR WIZZINO:** Apparti hekk. Imma fl-aħħar mill-aħħar, jekk inti għandek letteratura li qed titkellem fuq l-umanità, fuq il-bniedem. Il-bniedem huwa dejjem, il-bniedem tal-lum u dak ta' mitt sena ilu huwa l-bniedem. Issa forsi nbidlu l-valuri u nbidlu l-affarijiet kif narawhom imma fl-aħħar mill-aħħar l-uman, uman.

13. **RIĊERKATUR:** X'taħseb li hi l-akbar sfida li taffaċċja fit-tagħlim tal-letteratura?

    **IS-SUR WIZZINO:** Meta ssib studenti li jgħidulek "imma din x'inhi? Mhux għalxejn? X'nambiha? Għalfejn għandi bżonn nistudja lil Mario Azzopardi, għalfejn għandi bżonn nistudja lil Friggieri?" U hemmhekk hija l-isfida. Imma mhux sfida għax inħossha bħala *burden* jew *hurdle*. Lanqas xejn. Anzi nħossa sabiħa li student kultant jippreżentalek ċertu sfida, fhimt? Anzi ġġegħilni aktar ngħid "dak irrid nimmirah u huwa l-mira tiegħi din is-sena." Kemm jekk qed ngħallmu O-Level, A-Level, kemm jekk qed ngħallmu d-dar, l-iskola, ma tagħmilx differenza, *one way or the other*, irid isir iħobbha l-letteratura. U s'issa qatt ma fallejt.

14. **RIĊERKATUR:** Liema huma dawk it-temi, u forsi dawk il-poeti u anke kittieba, li joffru l-aktar sfida biex tgħallimhom lill-istudenti?

    **IS-SUR WIZZINO:** Dawk il-kittieba li ħafna drabi mal-ewwel qari, taqraha u tgħid "student mhu ser jifhem xejn". Kittieba, bħalma għandek lil Grech Ganado u Mario Azzopardi li huma negattivi. Jiġifieri nġiblek eżempju, jien ma narax poeżija bħalma hija 'Jum San Valentin' li hija tajba biex student ta' dik l-età jiġi affaċċjat biha, fil-fehma tiegħi. Iż-żgħażagħ, qas huma żgħażagħ dawn, ifhem għadhom tfal. Li inti qed tippreżentalhom poeżija li isma' hija kompletament negattiva kontra l-imħabba minn fuq s'isfel, mhi adattata għal ħadd fil-fehma tiegħi, lanqas għalija. Għax il-viżjoni tiegħi tal-imħabba hija kompletament il-maqlub. Issa jiena persuna li għaddejt minn ħafna affarijiet, jiġifieri mhux ta' wara l-għerien u qgħadt hemmhekk nimmedita. Minkejja li għaddejt minn ħafna esperjenzi li mhumiex sbieħ, wisq inħobb il-ħajja u nħobb l-imħabba. Allura meta qed naqra poeżija bħal dik u rrid fuq kollox nippreżentaha lit-tfal, taqtagħli ftit nifsi.

15. **RIĊERKATUR:** Jiġifieri meta għandek poeżija li mal-ewwel daqqa t'għajn.

    **IS-SUR WIZZINO:** Għandek in-negattività ma togħġobnix. Ħalli imbagħad toħroġ inti l-pożittiv minnha imma hija diffiċli poeżija bħal dik. Huma dawk. U mhux għax qed ngħallimhom, għax għalija m'għandi problema xejn, nistgħu nagħmlu ġimgħa niddiskutuha hawn, imma dik li għandek studenti li qed jiġu esposti għal dik in-negattività ma togħġobnix.

16. **RIĊERKATUR:** Liema perjodu mil-Letteratura Maltija taħseb li jittratta l-aktar ħsibijiet u temi b'rabta mal-ħajja tal-bniedem? Pereżempju l-perjodu Romantiku, kontemporanju.

 **IS-SUR WIZZINO:** Ifhimni skont kif taraha. Għax inti jekk għandek lil Dun Karm, jien naf u fl-'[il]-Għanja tar-Rebħa' qed jippreżentalek il-poplu Malti fi żmien l-Assedju u kemm kienu b'saħħithom qabel. Allura ovvjament qiegħed jipprova jqanqal sens ta' identità fin-nies ta' żmienu, imma xorta waħda qiegħed jitkellem fuq l-umanità, fuq il-bniedem. Għax inti kif taraha. Imbagħad min-naħa l-oħra għandek poeżiji moderni, jien naf, bħalma hu Friggieri pereżempju. Min-naħa l-oħra għandek lil Joe Friggieri li f'ħafna minnhom jippreżentalek l-imħabba b'mod pożittiv tajjeb? Xorta waħda qed jitkellem fuq l-umanità. Jiġifieri ma nħossx li hemm perjodu partikolari li isma' dan qed jitkellem l-aktar fuq l-umanità tal-bniedem. Jew inkella l-moderni qed jitkellmu fuq l-umanità tal-bniedem. Jekk inti għandek poeti li qed jgħidulek "ħares madwarek, għandna frakass fl-ambjent, frakass enormi". Mhux xorta fuq l-umanità tal-bniedem? Min kissru l-ambjent? Il-bniedem. Min qed ibati minn dan? Il-bniedem. Min qed jimrad minħabba t-tifrik u t-tgerfix li għandna fl-ambjent? Il-bniedem. Jiġifieri fl-aħħar mill-aħħar inti l-umanità kif tħares lejha.

17. **RIĊERKATUR:** Jekk ngħaddu aktar għall-għażla tat-testi letterarji, matul is-sena li għaddiet kellek testi letterarji li jittrattaw it-tema tal-libertà jew in-nuqqas tagħha? U jekk kellek tista' ssemmili xi wieħed minnhom?

 **IS-SUR WIZZINO:** *Menz* ta' Francis Ebejer. U l-istudenti, b'xi mod jew ieħor, jogħġobhom immens. Jista' jkun ukoll li jirrelataw ħafna miegħu, fejn inti għandek is-soċjetà tal-lum il-ġurnata li minkejja li għandna ħafna teknoloġija eċċetra eċċetra, iż-żgħażagħ illum il-ġurnata qegħdin jirrealizzaw li mhumiex liberi, la fl-għażliet tagħhom, la fil-ħajja tagħhom. Anke tfal, u huma jafu għax ikollhom ħuthom żgħar, li għaddejjin anke minn sistema ta' *bullying* pereżempju, li mhux neċessarjament għax wieħed jilbes *Nike, Adidas* u dak u l-oħra. Sempliċiment għax għandek bniedem, għandek tifel jew ġuvni li tant iħossu superjuri għall-oħrajn li l-superjorità tiegħu joħroġha mod ieħor u jweġġa' lill-oħrajn. Nuqqas ta' libertà. Jiġifieri inti għandek ħafna aspetti, anke bħala għażliet li jagħmlu. Mhux is-suġġetti biss. Għażliet, *peer pressure* pereżempju, jien kont naħseb li fi żmieni kienet teżisti, mentri fil-verità llum naraha żdiedet. U mhux *peer pressure* biss kif kont nafha jien, dak iż-żmien kienet innoċenti. Illum il-ġurnata fenomenali. Jiġifieri messaġġ jintbagħat għaxar darbiet. L-effett li jħalli lil dak il-bniedem li qed jirċevih, meta jerġa' jarah dak il-messaġġ iġennu. Jiġifieri meta inti qed toħroġ dan l-aspett u inti qed tarahom fi dramm bħalma hu ta' Francis Ebejer, u inti għandek dan il-karattru Menz li litteralment l-identità tiegħu ilu jfittixha ħajtu kollha u għadu ma sabhiex, tinduna kemm il-letteratura hi fl-aħħar mill-aħħar relevanti għas-soċjetà ta' madwarna.

18. **RIĊERKATUR:** U jekk niffokaw fuq it-tema tar-reliġjon, l-ispiritwalità u t-twemmin, tista' forsi ssemmili xi testi oħrajn?

 **IS-SUR WIZZINO:** Iżgur, għandek lil Pawlu Aquilina li kważi kważi hu naqra estremist. Però, meta imbagħad jitkellem fuq il-mewt u jgħidlek isma fl-aħħar mill-aħħar il-ħajja tagħna hija vjaġġ li t-tmiem tiegħu ħa jwasslek għal ħajja ħafna isbaħ milli qegħdin fiha hawn. Jiġifieri l-mewt qisha dak il-bieb, ftaħtu u dħalt il-ġenna inti, il-mod kif jispjegaha kważi kważi. Fil-fatt f'waħda mill-poeżiji tiegħu jgħidlek "it-tren iżomm il-ħin". Jiġifieri inti għandek ferrovija li tagħmel x'tagħmel ħa tiġi fil-ħin tiegħek. Qisu kulħadd għandu *expiry date*. U l-mod kif jispjegaha, jispjegaha b'mod sabiħ. Però

mbagħad in-naħa l-oħra trid toqgħod attent anke waqt l-ispjega tagħhom, il-poeżiji tiegħu kollha jiġifieri, li hu tant jemmen u tant huwa pożittiv fejn tidħol il-fidi u fejn jidħol Alla, li jekk inti ser ikollok student jew inti stess li tkun għaddejt minn ċertu esperjenzi, jista' jkun li jibda jarah bħala naqra żżejjed. Ikollok studenti jgħidulek li jsibuh tqil. Tqil mhux biex tifhmu, imma tant il-fidi tiegħu ħija b'saħħitha li tgħid ma jistax ikun dan nemmen daqshekk. Però fil-verità hekk hu, u pura jiġifieri mhux qed jesaġera.

19. **RIĊERKATUR:** B'rabta anke ma' dan, meta tagħżel ix-xogħol letterarju, kemm tqis jekk it-temi li tittratta humiex adattati għall-istudenti li għandek quddiemek?

**IS-SUR WIZZINO:** Mela, sfortunatament la t-testi u lanqas it-temi ma nista' nagħżilhom jien, għax ovvjament huma ddettati mill-bord. Jiġifieri minkejja anke li ninsab fuq bordijiet ta' sillabi u eżamijiet eċċetra, irid ikun hemm unanimità kif taf, anke jekk kulħadd ikollu l-ideat tiegħu. Però kif kont qed ngħidlek l-ewwel, jiġifieri ta' Grech Ganado eċċetra. Għax inti għandek poeżija u tgħid din totalment negattiva minn fuq s'isfel. Iktar u iktar ikollok studenti b'ġenituri separati pereżempju. Allura toħroġ l-aspett pożittiv minnha. Tgħid kif nista' ngħallimhom? Kif nista' nispjegalhom din? U toħroġ minn hemm.

20. **RIĊERKATUR:** Appuntu l-importanza li tagħmel it-test relevanti għall-istudenti

**IS-SUR WIZZINO:** Il-ħin kollu. Trid tagħmlu l-ħin kollu relevanti għalihom. Jekk nieħdu s-sillabu tal-livell ordinarju, għandek 'Firda minn Kelb' ta' Ellul Mercer. Sabiħa, bħala novella impekkabbli. Imma niftakar darba minnhom kelli student u dan infaqa' jogħxa, jogħxa ta' veru u lanqas tkun taf x'ser tagħmel. Issaqsih u jgħidlek "il-weekend li għadda mietli l-kelb". X'ħa tgħidlu lil dan? Jiġifieri għandek dawn l-affarijiet li inti ma tkunx taf bihom.

21. **RIĊERKATUR:** Eżatt. U b'rabta ma' dan, jekk għandek xogħol letterarju b'tema assoċjata mal-problemi fil-familja, għal-livell postsekondarju, tasal tgħallmu lill-istudenti tiegħek? U għaliex?

**IS-SUR WIZZINO:** Iva, u nispjegalek ċar. L-ewwel ħaġa l-problemi ma nistgħux naħarbu minnhom. U din xi ħaġa li dejjem intambarha lill-istudenti. Ma tistax taħrab minn problema. Tista' tiġġildilha dejjem, u skont int kif qed tħares lejha, irrelevanti minn kif qed tarak is-soċjetà. Xi ħaġa li ngħidilhom lill-istudenti hi li s-soċjetà ħa tiġġudikak tagħmel x'tagħmel. Oħxon, irqiq, abjad, iswed, kannella, isfar, tilbes qasir, twil. Is-soċjetà ħa tipponta subgħajha u tiġġudikak. Imma s-soċjetà, la taf x'għandek f'moħħok u la taf x'għandek f'qalbek.

22. **RIĊERKATUR:** Tagħmel differenza fl-għażliet bejn lezzjonijiet tal-livell Avvanzat u dawk tal-livell Intermedju? Jew anke bejn lezzjonijiet ta' poeżija u dawk ta' kritika. Jiġifieri fis-sens kemm tidħol fil-fond fit-tema?

**IS-SUR WIZZINO:** Dażgur, bilfors. Tidħol *in-depth* dejjem. Jiġifieri bħala spjegazzjoni ta' poeżija, kemm jekk poeżija hi parti mit-testi biex ovvjament joħroġ l-esej, kemm jekk qed tagħmel kritika, l-istess ammont ta' studju ser tagħmel fiha. Id-differenza ovvjament imbagħad kif ħa jiġi ttrattat l-esej. Jiġifieri ċertu affarijiet tekniċi li inti ħa tuża fil-kritika letterarja mintix żgur ħa tużahom fl-oħrajn. Jiġifieri, inti inutli toqgħod tgħidli hemm kwartina jew distiċi fl-esej, sakemm ma tkunx xi ħaġa partikolari. L-argumentazzjoni hija relevanti f'dan il-kuntest. Issa, rigward id-differenza bejn l-Avvanzat u l-Intermedju hija waħda. Inti fl-Intermedju ħafna drabi t-titli tal-esejs fl-eżamijiet

ikunu naqra ġeneriċi, però bħala studju ta' xogħlijiet ma nagħmilx differenza bejniethom. Għaliex inti fl-aħħar mill-aħħar l-istudent irid ikun xorta waħda jaf it-test letterarju tajjeb biżżejjed biex jippreżenta l-argumentazzjoni tiegħu.

23. **RIĊERKATUR:** Meta tiġi għall-preparazzjoni tal-lezzjoni minn qabel, talloka ħin biex l-istudenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar it-tema li tkun qed tiġi diskussa?

    **IS-SUR WIZZINO:** Dejjem, imma ma ngħidx minn issa għal issa tistgħu titkellmu. Il-lezzjonijiet tiegħi, dejjem u f'kull livell, huma *hands-on* ħafna, jiġifieri student jitkellem fi x'ħin irid. Jien ma rridx l-istudent li qed jisma' lili u hu bilqiegħda jisma', ma ngħallimx b'dak il-mod. Huwa l-mod kif ngħallem jiena. Jiġifieri *hands-on* ħafna, l-istudenti jipparteċipaw.

24. **RIĊERKATUR:** Kemm tqis li l-lezzjonijiet tiegħek jappellaw għall-ħsibijiet, l-esperjenzi personali u l-emozzjonijiet tal-istudenti?

    **IS-SUR WIZZINO:** Dik li nipprova nattakka, dejjem. Jiġifieri jekk insemmilek din il-biċċa xogħol tal-kelb li semmejna l-ewwel, spjegajtlu lil dan it-tifel u għidtlu li jiena kelli ħafna klieb u ovvjament kollha mietu. Jiġifieri l-mod li torbotha. U tispjegalu inti l-esperjenza tiegħek x'kienet, l-emozzjonijiet li għaddejt minnhom inti. U awtomatikament jibda jgħidlek l-emozzjonijiet tiegħu hu. F'daqqa waħda tisma' "anke jiena mietli l-kelb" jew "għax il-kelb tan-nanna". U kulħadd jibda ġej bl-istejjer. U hemmhekk torbotha, u tagħmel ukoll il-lezzjoni fl-istess ħin għaddejja u timlieha enerġija. Għax it-tfal dejjem b'xi ħaġa f'kull livell, Avvanzat, Intermedju, kollha għandhom l-esperjenzi tagħhom.

25. **RIĊERKATUR:** Tħoss li l-mistoqsijiet li tistaqsi lill-istudenti jagħtu lok biex dawn appuntu jesprimu d-diffikultajiet u d-dilemma tagħhom?

    **IS-SUR WIZZINO:** Mija fil-mija. U għalhekk imbagħad fl-aħħar mill-aħħar tispiċċa b'diskussjoni mal-klassi sħiħa. Hemmhekk ittihom l-għodda sabiex fl-aħħar mill-aħħar qed jiktbu l-esej. Inutli toqgħod tpaċpaċ inti, meta tpaċpaċ inti it-tfal mhux dejjem jitgħallmu. Kultant tispiċċa li l-lezzjoni tagħmlilhom aktar ġid milli kieku jkunu marru għand il-*counsellor* għax ikunu żvugaw.

26. **RIĊERKATUR:** Hekk hu. Kemm taħseb li fil-lezzjonijiet tiegħek tirrikonoxxi l-opinjonijiet tal-istudenti?

    **IS-SUR WIZZINO:** Dejjem, bilfors. Jekk inti dejjem tiegħek tajjeb, anke inti stess ma tkun qed titgħallem xejn. Is-sabiħ tagħha lezzjoni li, u tinduna għax tista' tkun qed tagħmel l-istess ħaġa ma' tal-Avvanzat, u minn grupp għall-ieħor, joħorġu affarijiet differenti, esperjenzi differenti u dejjem qed tisma'. Issa ħalli imbagħad iddaħħal lilek innifsek fiha wkoll fhimt, għax fl-aħħar mill-aħħar trid tiggwida l-lezzjoni, però trid tħallihom jiddiskutu. Dik li l-lezzjoni ssir min-naħa waħda biss, mhux illum hi invalida, kienet invalida dejjem fhimt, imma llum il-ġurnata iktar. Għax it-tfal illum għandhom ħafna ideat f'moħħhom u għaddew minn ħafna esperjenzi. Jiġifieri inti jiġik student jgħidlek jiena llum inkun ma' missieri u għada nkun ma' ommi, u minjaf xi jkun ra qabel is-separazzjonijiet. Jew bniedem, tifel, tifla li tilef lil ommu jew lil missieru, ikun għadda minn esperjenzi li lilek ħa jgħallmuk. Jiġifieri jkollok tfal ikunu jidhru li għaddew minn affarijiet f'ħajjithom u li ma kinux lesti għalihom. Anke meta tkellimhom, ikunu ikbar mill-oħrajn. Jekk inti

ma tkunx taf mill-esperjenza li għadda tgħid qisu xiħ dan, imma fil-verità jkun kapaċi jgħallmek mhux imbilli għandu sittax-il sena, għax għadda minn affarijiet li ma tafhomx.

27. **RIĊERKATUR:** Meta tiġi għall-interpretazzjoni ta' test letterarju, tagħti ċans lill-istudenti joħorġu bl-interpretazzjonijiet tagħhom? U kemm tħoss li dan il-proċess huwa importanti għalik?

    **IS-SUR WIZZINO:** Huwa importanti ħafna, għaliex pereżempju fil-kritika letterarja, qrajtu kemm qrajtu xogħol letterarju, studjajtu kemm studjajtu, inti quddiemek ħafna mħuħ għandek. Jiġifieri m'għandekx bajda mgħollija u kulħadd iħares lejk. Anzi bil-kontra, għandek individwi, li huma intelliġenti ħafna, li ħa jikkontribwixxu għall-interpretazzjoni. Issa il-biċċa hija din, sakemm l-interpretazzjoni qed taqdi l-metafora, ovvjament il-metafora ma ġietx imġebbda li mbagħad tlaqna l-Mellieħa, mela allura dawn jafu x'qed jagħmlu. Issa imbagħad ħalli ttihom spunt u tgħidilhom "naħseb anke lil hawn" jew "mela allura". U dak hu xogħlok, mhux li tgħidilhom "din hekk, din hekk u din hekk". Dan mhux matematika, il-matematika *one plus one two* bilfors u jekk ma tagħmilhiex *two* ħażina. Imma meta għandek ix-xogħol letterarju, l-interpretazzjoni hija importanti.

28. **RIĊERKATUR:** Eżatt hemm lok għal interpretazzjoni però xorta waħda mbagħad, anke kif semmejt inti, hemm parametri li ma tistax toħroġ 'l barra minnhom.

    **IS-SUR WIZZINO:** Bilfors.

29. **RIĊERKATUR:** Taħseb li studenti ta' bejn sittax u tmintax-il sena huma maturi biżżejjed għal testi letterarji b'temi dwar il-ħajja jew dwar il-mewt pereżempju?

    **IS-SUR WIZZINO:** Mhijiex kwistjoni ta' maturità. Fejn jidħol il-mewt, il-bniedem ma hu lest u preparat u matur biżżejjed qatt. Qatt. Jiġifieri li jiġi bniedem jgħidlek "jiena lest biex immut" mhix possibbli. Ma tafx x'inhi l-mewt. Ma tafx x'ħa jwasslek biex tmut. U x'qed iwasslek biex tgħidha? Jiġifieri bniedem lanqas jekk ikollu mitt sena jgħid minn ġurnata għal oħra ħa mmut jiena, imma qatt ma jista' jkun matur biżżejjed. Jew lest biżżejjed biex imut. Però sfortunatament l-ħajja għal hemm twasslek, għandek kemm għandek żmien, m'hemmx età partikolari. Issa kemm l-istudenti humiex lesti għalihom ċerti testi, jiena ngħidlek le, le.

30. **RIĊERKATUR:** Testi bħal xiex pereżempju?

    **IS-SUR WIZZINO:** Testi bħal ktieb sħiħ ta' Pawlu Aquilina pereżempju. Jew inkella 'Requiem għal Ommi'. Mhijiex sempliċiment poeżija, għaliex għandek in-naħa l-oħra l-protesta kontra Alla. Mhux kontra imma qed ibeżbiżielu dan u jgħidlu ara x'wegħidtha. Inti dejjem twiegħed u twiegħed, issa wasal iż-żmien u mhux għax għandek ħafna verġni ħdejk. Imbilli huma verġni ma jfissirx li huma tajbin daqs ommi dawn. Jiġifieri għandek aspett ieħor, għandek perspettiva oħra għall-mod kif qiegħed jitkellem m'Alla.

31. **RIĊERKATUR:** Appuntu wkoll bil-frażi "agħtiha dak il-post fl-ewwel filliera".

    **IS-SUR WIZZINO:** Min-naħa l-oħra l-ieħor [Pawlu Aquilina] qiegħed jigglorifikaha l-mewt. Fl-aħħar mill-aħħar imbagħad student trid tispjegalu li ħafna drabi allaħares ma kinitx il-mewt għax kieku l-bniedem qed ibati u ser jibqa' jbati jekk ma jkunx hemm il-mewt. Jiġifieri l-mewt hija soluzzjoni

għat-tbatija. Mhux is-suwiċidju. Imma meta bniedem qed ibati għax ma seta' jagħmel xejn, marad u m'hemmx x'tagħmel. Hemmhekk imbagħad tista' ddaħħal l-aspett li pereżempju s-suwiċidju mhuwiex is-soluzzjoni.

32. **RIĊERKATUR:** Appuntu taħseb li hemm xi temi li ma tasalx tiddiskutihom mal-istudenti?

**IS-SUR WIZZINO:** Le, kollox niddiskuti mal-istudenti ma nsibx problema. U ma nagħmilx distinzjoni. Qatt ma kelli biżgħa li nitkellem fuq ċerti affarijiet, fuq ċerti temi, argumenti, hi x'inhi. Jiġifieri hi x'inhi t-tema qatt ma kelli problema jew diffikultà le.

33. **RIĊERKATUR:** Anke jekk pereżempju qed tgħallem poeżija dwar problemi fil-familja u taf li quddiemek għandek studenti li għaddejjin minn dik il-problema?

**IS-SUR WIZZINO:** Ma jistgħux jaħarbu minnha. Il-problema hemm qiegħda. Tgħallimhom dik il-parti tal-letteratura jew ma tgħallimx dik il-parti tal-letteratura, il-problemi mhumiex ser jaħarbu minnhom. Ħa nagħtik eżempju ċar. Student minn tal-privat kien fit-tielet sena tas-sekondarja u bdew *Bejn Ħaltejn*. Ovvjament waħda mill-poeżiji li studjaw hija 'Niftakar'. Fit-tieni parti x'jispjega? Id-difna biċċa biċċa biċċa. Meta dan ġie għal-lezzjoni qalli "what an ugly poem". U meta saqsejt għaliex qalli "it's as if I was seeing my father being buried again". U għandu raġun. Imma ma tistax tmur fuq l-għalliema u tgħidilha ma rridekx tagħmel 'Niftakar'. U tagħmilx 'Firda minn Kelb'. Le, għax hija xi ħaġa li wieħed irid jaffaċċja. U ma nistawx naħarbu minnha, nitgerrxu minnha jew nipproteġu minnha. Ma tistax tevitaha. Hija r-realtà. Issa bħala għalliema, jekk għandek student li għaddej minn problema, issa problema fil-familja, problema tan-nanna, ma tagħmilx differenza, anzi nħossha bil-kontra li kultant tista' tgħin.

34. **RIĊERKATUR:** Il-fatt li qed jisma' fuq il-problema?

**IS-SUR WIZZINO:** Il-fatt li qed jisma' minn xi ħadd ieħor u qed jistudjaha. Jistudjaha fis-sens qed jiddiskutiha. Għax jista' jkun li l-klassi kultant hija refuġju. U meta nkun fl-istess sitwazzjoni fil-klassi trid tibqa' għaddej. U kultant ikun hemm aspetti u ninduna li jkun hemm student qed jirreaġixxi għal ċertu kumment li qed nagħmel jien. Ovvjament ikunu kummenti li jkunu indirizzati lejh, jekk naf. Imma indirizzati lejh mingħajr ma nħares lejh biex ngħallmu.

35. **RIĊERKATUR:** Nagħlqu bl-aħħar mistoqsija. Ġieli kien hemm sitwazzjonijiet fejn bdilt deċiżjoni ta' tagħlim jew ta' testi jew tal-mod kif tgħallimhom, minħabba ċirkostanzi li jaffettwaw lill-istudenti?

**IS-SUR WIZZINO:** Iva ta', jiġifieri meta nkun naf li pereżempju student għaddej minn xi ħaġa u nkun mija fil-mija minnha, inbiddel u nċaqlaq, jew nelimina. Għax jekk naf li pereżempju, kont naf li kien hemm studenta li qed tweġġa' lilha nnifisha, mela allura ċertu poeżiji li huma negattivi b'mod profond ma nagħmilhomx. Jew tagħmilhom lejn l-aħħar tas-sena jew tkellem lill-ġenituri tagħha. Jiena dejjem f'kuntatt mal-ġenituri, kemm l-iskola u kemm privat. Għalfejn? Għaliex tifel ma tafx minn xiex ikun għaddej. U jkun hemm affarijiet li t-tfal jaħbuhom. Kemm jekk kbar u kemm jekk żgħar, kemm jekk huma adulti, jaħbuhom u ma jgħiduhomx. Jew għax ikunu jistħu jew għax ma jgħiduhomx. Sempliċiment ma jkunux iridu jitkellmu dwarhom. Jiġifieri jiena ma jien ħadd biex irrid inkun naf. Però jekk taf l-istudent minn xiex għaddej, mela allura tipprova ċċaqlaq. Pereżempju konvinta li dik l-għalliema għamlet 'Niftakar' mhux fil-bidu tas-sena, għamlitha wara l-*Mid Yearly* minħabba dan l-istudent ovvjament. Issa ħallieha li xorta waħda raha kif raha, imma

wara li tispjegalu flimkien u fejn kien hemm il-parti tad-difna għidtlu "ara issa tiftakarha żgur mela". Għidtha b'qalbi maqsuma, imma tipprova tbenġel naqra.

36. **RIĊERKATUR:** Iktar u iktar meta tkun taf li hemm xi studenti li għaddejjin mill-ħaġa.

**IS-SUR WIZZINO:** Bilfors. Issa pereżempju dak tal-kelb skoprejt li kellu l-kelb marid, u tgħidlu "x'kont tippreferi li jibqa' marid? Inti tħobbu 'l kelb?" U jgħidlek "iva, he was my brother". U tidħol f'diskussjoni miegħu. U straħ kważi kważi.

37. **RIĊERKATUR:** Kollox marbut mal-importanza li t-test letterarju jsir relevanti.

**IS-SUR WIZZINO:** Hekk hu, isir parti mill-ħajja. Jekk il-letteratura tiġi mgħallma b'dak il-mod, il-letteratura l-istudenti ta' kull età jsiru jħobbuha. Imma dejjem trid torbotha mal-ħajja. U ssir relevanti. Intuli pereżempju anke poeżiji kemm semmejna bħall-'[il-]Għanja tar-Rebħa' ta' Dun Karm, tibda tgħid assedju u ġenn u storbju. Liema student ser japprezzaha jekk ma tgħidlux "taf x'qiegħed jipprova jagħmel? Fi żmien li kitibha ma kienx fl-assedju". U tibda tagħmel storja magħhom. Ngħidilhom intom m'għandkomx bżonn toqogħdu bilqiegħda tistudjaw lil xi ħadd jikkonvinċikom biex tmorru l-iskola. Imma fi żmien Rużann, u nibdew b'Karmenu għaddejjin. Jekk hi relevanti dejjem, isiru jħobbu l-letteratura. Huwa ideal u nixtieq narah xi darba. S'issa għadu naqra 'l bogħod naħseb. Għax aħna minn estrem għal ieħor. Jew għalliema li vera jridu jġegħluhom iħobbuh jew inkella *the easy way out*. Din hekk din hekk u lesti. Ma taħdimx.

38. **RIĊERKATUR:** Grazzi ħafna tal-għajnuna tiegħek.

# Appendiċi 6 – L-intervista mas-Sur Caxaro

**Il-Ħadd 22 ta' Settembru, 2019**
*it-tweġibiet mibgħuta b'imejl

1. **RIĊERKATUR:** Fl-istudji akkademiċi tiegħek iffokajt fuq liema qasam tal-Malti?

   **IS-SUR CAXARO:** Fit-tielet u r-raba' sena tiegħi l-Università, iffukajt fuq il-qasam tal-letteratura.

2. **RIĊERKATUR:** Għaliex taħseb li ngħallmu l-Letteratura Maltija fl-iskejjel?

   **IS-SUR CAXARO:** Ma teżistix Letteratura Maltija, Ingliża, Taljana u l-bqija, imma teżisti letteratura bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan fost l-oħrajn. Sakemm il-lingwa ma tkunx ta' ostaklu, il-letteratura tista' titgawda lil hinn mill-konfini ġeografiċi. Biex niġi għad-domanda tiegħek, ladarba twelidna, trabbejna u qed ngħixu f'Malta, aktar hemm ċans li nidentifikaw ruħna ma' letteratura miktuba bil-Malti u li b'xi mod jew ieħor hi influwenzata mill-ambjent Mediterranju. It-tagħlim tal-letteratura hu parti mill-proċess ta' maturità għall-istudenti.

3. **RIĊERKATUR:** Kemm taħseb li t-tagħlim tal-letteratura bil-Malti jgħin f'dan il-proċess ta' maturità fl-istudenti?

   **IS-SUR CAXARO:** Nemmen li jgħin ħafna, ladarba l-letteratura tippreżenta qagħdiet, li b'xi mod jew ieħor, jidentifikaw ruħhom magħhom. Kemm tgħin jiddependi ħafna mid-dispożizzjoni tal-istudenti wkoll.

4. **RIĊERKATUR:** Jiġi xi kittieb/a lokali jew barrani/ja f'moħħok meta tisma' l-kelma "Eżiztenzjaliżmu"?

   **IS-SUR CAXARO:** Dostoevsky, Pirandello u Karmenu Vasallo fost l-oħrajn.

5. **RIĊERKATUR:** Kemm tħoss li l-istudenti tal-ġurnata jagħtu importanza lit-tagħlim tal-letteratura?

   **IS-SUR CAXARO:** Mhux faċli twieġeb din id-domanda għax tant hemm fatturi varji li jagħmluha waħda kumplessa. It-terminu "l-istudenti tal-ġurnata" nħoss li qed jitfa' lill-istudenti ta' din l-epoka f'keffa waħda. Apparti dan, il-letteratura toffri ġeneri varji. Il-poeżija, in-novella ir-rumanz u d-drama. U fuq liema livell ta' studju qed nitkellmu? L-ewwel tliet snin tas-sekondarja, il-kors fil-livell Ordinarju, fis-sitt sena jew l-Università? Domanda bħal din titlob riċerka xjentifika dwarha biss.

6. **RIĊERKATUR:** L-istudenti li qed jitgħallmu l-Malti f'livell postsekondarju sintendi.

   **IS-SUR CAXARO:** Li nista' ngħid hu li l-importaza tat-tagħlim tintrabat l-ewwel u qabel kollox mal-funzjonalità. Student f'livell postsekondarju għandu għanijiet aktar ċari dwar il-karriera u allura jkollu jagħti aktar importanza lit-tagħlim tal-letteratura. Mill-aspett ta' gost li trodd il-letteratura,

jiddependi ħafna minn kemm l-istudenti jidentifikaw ruħhom ma' xogħol letterarju. Aktar ma jidentifikaw ruhhom, aktar jagħtu importanza lit-tagħlim tal-letteratura.

7. **RIĊERKATUR:** Tħoss li l-importanza mogħtija lit-tagħlim tal-letteratura nbidlet maż-żmien? Għaliex taħseb hekk?

   **IS-SUR CAXARO:** Din id-domanda teħtieġ kjarifikazzjoni. Tingħata importanza minn min? Mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, mill-MATSEC, mill-għalliema, mill-ġenituri?

8. **RIĊERKATUR:** Mill-MATSEC u min iwettaq is-sillabi.

   **IS-SUR CAXARO:** Minn żmieni bħala student għal-lum inbidlet żgur għax fi żmieni l-eżami kien jikkonsisti minn żewġ karti. Illum għandek eżami ta'disa' sigħat mifrux fuq tliet karti, apparti l-oral. Dan juri li l-importanza żdiedet. Is-suġġeriment tiegħi hu li min iwettaq is-sillabi għandu jfittex testi li l-"istudenti tal-gurnata" ma jarawhomx distakkati minnhom, kemm fl-istil kif ukoll fit-temi.

9. **RIĊERKATUR:** Personalment, kemm tħoss li l-letteratura li ngħallmu lill-istudenti tħalli effett fuqhom u fuq ħajjithom?

   **IS-SUR CAXARO:** Ħafna jiddependi mir-relazzjoni li tinbena bejn l-għalliema u l-istudenti. Il-letteratura hi arma b'saħħitha ħafna li jekk issib metodi ta' tagħlim attraenti għall-istudenti, tħalli ħafna effett fuqhom u fuq ħajjithom.

10. **RIĊERKATUR:** L-effetti taħseb li jkunu pożittivi jew mhux daqhekk, ħalli ma nsejħulhomx negattivi?

    **IS-SUR CAXARO:** B'mod ġenerali l-effetti jkunu pożittivi naraha jiena, imma sintendi, kull student hu storja għalih u kulħadd bil-bagalja tiegħu.

11. **RIĊERKATUR:** X'inhi l-akbar sfida li taffaċċja fit-tagħlim tal-letteratura?

    **IS-SUR CAXARO:** Inweġġa' ħafna meta jintgħażlu kotba tal-letteratura li l-istudenti ta' din l-epoka jsibuha diffiċli biex jirrelataw magħhom. Ir-riżultat ikun li ħafna studenti jintilfu f'ġirja biex jiksbu n-noti u l-esejs mudell bla ma jaqraw it-test innifsu. U dan meta għandna awturi kontemporanji validi ħafna u li qed jiġu injorati minħabba li t-testi tagħhom jinkludu lingwaġġ vulgari. Xejn ta' barra minn hawn, lingwaġġ li kapaċi nużawh jien u int u ħafna mill-istudenti Maltin f'ċirkostanzi partikolari. F'kotba ta' letteratura bl-Ingliż jew bit-Taljan hi permessibbli, iżda bil-Malti jidher li mhix. Donnu li l-MATSEC tibża' mir-reazzjoni tal-ġenituri jew xi entitajiet oħra. Min-naħa tiegħi l-isfida tkun li nrawwem motivazzjoni fl-istudenti billi norbot temi fit-test ma' ġeneri artistiċi oħra, ngħidu aħna l-pittura, il-films jew il-mużika l-aktar.

12. **RIĊERKATUR:** Liema huma dawk it-temi li joffru sfida biex tgħallimhom lill-istudenti? U x'taħseb li hi r-raġuni prinċipali wara l-isfida fit-tagħlim ta' dawn it-testi?

    **IS-SUR CAXARO:** B'mod ġenerali nħoss li l-akbar sfida hi li titkellem fuq it-tema ambjentali u tittieħed bis-serjetà. Tant għandna qagħda ambjentali mwiegħra madwarna, tant hawn kilba għall-flus, li tħossok qed taħli ż-żmien u nitmellħu b'xulxin. Il-poeti Maltin ilhom mis-Sittinijiet u anke qabel jitkellmu favur il-ħarsien tal-ambjent. Jekk tħares lejn Malta ta' ħamsin sena wara tifhem x'effett insinifikanti ħalliet fuq il-mentalità tal-poplu. Temi oħra li joffru sfidi huma t-temi

tar-reliġjon u tar-relazzjonijiet umani. Fil-letteratura spiss niltaqgħu ma' figuri jew allużjonijiet bibliċi li meta tistaqsi dwarhom, il-biċċa l-kbira tal-istudenti jibqgħu b'ħalqhom miftuħ. Illum ħafna tfal ma jibqgħux jattendu d-duttrina wara l-Griżma, u dan l-effett jinħass ukoll fl-interpretazzjoni tal-letteratura. Forsi għalliema tar-Reliġjon jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira f'dan ir-rigward. It-tema tar-relazzjonijiet umani hi kumplessa għax ir-relazzjonijiet infushom huma kumplessi. Illum ma teżistix tip wieħed ta' familja u allura l-għalliema jridu joqogħdu attenti ħafna kif jitkellmu biex ma jweggħux sentimenti.

13. **RIĊERKATUR:** Liema perjodu mil-Letteratura Maltija taħseb li jittratta ħsibijiet u temi b'rabta mal-ħajja tal-bniedem? Għaliex?

    **IS-SUR CAXARO:** Kull perjodu, inklużi xi awturi li ġew qabel Dun Karm. Bħal Ġan Anton Vassallo bil-poeżija 'Iż-Żgħurija'. Naturalment, aktar ma' noqorbu lejna, aktar il-ħsibijiet isiru kumplessi.

14. **RIĊERKATUR:** Kumplessi fis-sens ta' piż biex wieħed jifimhom? Jew fis-sens li l-ħajja tal-bniedem bdiet tingħata dimensjoni differenti anke minħabba l-bidliet li għadda minnhom il-bniedem f'nofs is-Seklu li għadda?

    **IS-SUR CAXARO:** Jiena naraha li l-Letteratura Moderna u dik postModerna, jiġifieri l-kontemporanji tas-Seklu Wieħed u Għoxrin, huma aktar kumplessi għall-istudenti biex jifmuhom, speċjalment minħabba l-profondità tagħhom.

15. **RIĊERKATUR:** Tista' ssemmili test letterarju jew tnejn li tħoss li jinkludi/u temi simili?

    **IS-SUR CAXARO:** Qed jiġuni f'moħħi l-poeżiji 'Żjara lil Ġesù' ta' Dun Karm u 'Jien' ta' Victor Fenech biex inkun semmejtlek tnejn.

16. **RIĊERKATUR:** Liema huma l-kittieba li tqis li t-testi letterarji tagħhom jittrattaw dawn it-tipi ta' temi?

    **IS-SUR CAXARO:** Il-kittieba kollha jittrattaw dawn it-tipi ta' temi xi ftit jew wisq. Kittieba għal qalbi huma Dun Karm, Rużar Briffa, Karmenu Vassallo, Francis Ebejer, Mario Azzopardi, Oliver Friggieri, Frans Sammut u Immanuel Mifsud fost oħrajn.

17. **RIĊERKATUR:** Matul is-sena li għaddiet, kellek testi letterarji li jittrattaw it-tema tal-libertà, jew tan-nuqqas tagħha? Tista' ssemmili xi wieħed minnhom?

    **IS-SUR CAXARO:** Iva. Id-dramm *Menz*, fost l-oħrajn.

18. **RIĊERKATUR:** Tqis li pereżempju, it-tiftixa kontinwa ta' Menz għall-identità u kunċetti oħra fid-dramm, kapaċi jaslu għalihom l-istudenti? Fis-sens li l-livell tagħhom iwassalhom għal dawn il-ħsibijiet, jew jeħtieġu l-għajnuna biex jifmuhom?

    **IS-SUR CAXARO:** Jaslu għalihom għax ikun hemm min qed iġarrabhom. Iktar naraha li jeħtieġu l-għajnuna biex jassimilaw tali kunċetti u jagħmluhom tagħhom.

19. **RIĊERKATUR:** Matul is-sena li għaddiet, kellek testi letterarji li jittrattaw it-tema tar-reliġjon, l-ispiritwalità u t-twemmin? Tista' ssemmili xi ħaġa minnhom?

**IS-SUR CAXARO:** Iva. Il-poeżiji 'Duluri' u 'Meta taqta' l-fjuri' ta' Mario Azzopardi u r-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer.

20. **RIĊERKATUR:** Ellul Mercer jikkaratterizza lil Leli bħala antiklerikali sewwa? Tqis li l-istudenti llum jifhmu aktar lil Leli u jassoċjaw irwieħhom miegħu?

    **IS-SUR CAXARO:** Naħseb li jifmuh iva, iżda mhux neċessarjament jassoċjaw irwieħhom miegħu, anke għaliex għandu aspetti li ta' min jistmerrihom u mhux jassoċjahom miegħu nnifsu.

21. **RIĊERKATUR:** Kemm tħoss li mit-testi letterarji li għallimt matul is-sena li għaddiet, għandek xogħlijiet li jittrattaw temi dwar il-ħajja tal-bniedem? Liema huma?

    **IS-SUR CAXARO:** Kollha kemm huma. Mill-poeżiji miġbura fl-antoloġija *Il-Poeżija Maltija* sad-dramm u r-rumanz li rreferejt għalihom fiż-żewġ mistoqsijiet ta' qabel din. Ir-raġuni hi li l-ħajja tal-bniedem għandha d-dinja fiżika fejn il-bniedem hu parti minn soċjetà u jintrabat mal-art, u d-dinja ta' ġewwa bl-ispiritwalità, it-twemmin reliġjuż jew saħansitra n-nuqqas tiegħu.

22. **RIĊERKATUR:** Meta tagħżel ix-xogħol letterarju, kemm tqis jekk it-temi li jittratta humiex adattati għall-istudenti?

    **IS-SUR CAXARO:** Importanti ħafna li l-għażla tkun marbuta mal-maturità tal-istudenti. Mhix faċli tkejjel il-maturità imma naturalment tipprova żżomm f'moħħok l-età qabel jingħażel xogħol letterarju. Daqstant ieħor importanti li t-testi u t-temi jkunu jinteressaw lill-istess student.

23. **RIĊERKATUR:** Jekk għandek xogħol letterarju b'tema assoċjata mal-problemi fil-familja, tasal tgħallmu lill-istudenti tiegħek? Għaliex?

    **IS-SUR CAXARO:** Dażgur, min m'għandux problemi fil-familja? M'għandniex nagħlqu lill-istudenti f'bozza, hi x'inhi l-qagħda fil-familja. Importanti li l-istudenti jagħrfu li problemi ta' natura parsonali kapaċi jkunu problemi universali. Din minnha nnifisha hi għamla ta' terapija.

24. **RIĊERKATUR:** Taħseb li studenti li jkunu għaddew minn xi problema personali u din tkun qed tiġi replikata f'poeżija, jħossu t-tagħlim ta' dan ix-xogħol letterarju bħala terapija jew bħala daqqa oħra 'l isfel u jaraw it-tagħlim bħala esperjenza kerha minflok?

    **IS-SUR CAXARO:** Ma nistax niġġeneralizza, imma fil-biċċa l-kbira x-xogħol letterarju jkun aktar ta' terapija, għaliex jaraw minn xiex ikun għadda ħaddieħor.

25. **RIĊERKATUR:** Tagħmel differenza fl-għażliet bejn lezzjonijiet tal-livell Avvanzat u dawk tal-livell Intermedjarju? Jew bejn lezzjonijet tal-poeżija u dawk tal-kritika jew *tutorials*?

    **IS-SUR CAXARO:** Fir-rigward tal-antoloġija *Il-Poeżija Maltija* nagħmel għażliet ta' poeżiji u mhux oħrajn, mhux fir-rigward tat-temi iżda fir-rigward tat-tul li tirrikjedi l-analiżi ta' poeżija. Ngħidu aħna 'Inċest' ta' Mario Azzopardi, ma nagħmilhiex fil-livell Intermedju għax teħodli tliet lezzjonijiet. Nippreferi nagħmel tliet poeżiji li kull waħda teħodli lezzjoni għax inlaħħaq mas-sillabu b'mod aħjar. Nagħmel distinzjoni bejn lezzjoni tal-poeżija u lezzjoni tal-kritika mhux fir-rigward tat-temi, iżda fil-mod ta' tagħlim. Lezzjoni tal-kritika titlob analiżi aktar metikoluża u li torbot kontinwament l-aspett stilistiku ma' dak tematiku. Il-lezzjoni tal-kritika fil-klassi titlob sforz

kollettiv, u allura xi studenti kapaċi jibqgħu lura waqt li oħrajn jiddominaw id-diskussjoni. Għalhekk kultant nagħmel lezzjoni tal-kritika f'*tutorial*, fejn il-grupp ikun ħafna iżgħar u tkun ħafna aktar faċli biex tgħin studenti joħorġu mill-qoxra tagħhom.

26. **RIĊERKATUR:** Meta tiġi għall-preparazzjoni tal-lezzjoni, talloka ħin biex l-istudenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar it-tema diskussa?

    **IS-SUR CAXARO:** Dak il-ħin hu importanti ħafna u nqis li nallokah f'kull lezzjoni possibbli. Inħeġġiġhom ħafna biex nisma' l-analiżi tagħhom u maż-żmien jitgħallmu jibnu fuq xulxin jew jikkuntrastaw il-ħsibijiet tagħhom.

27. **RIĊERKATUR:** Kemm tqis li l-lezzjonijiet tiegħek jappellaw għall-ħsibijiet, l-esperjenzi personali u l-emozzjonijiet tal-istudenti?

    **IS-SUR CAXARO:** Ħafna. Dan tinduna bih mir-reazzjonijiet verbali u nonverbali. Ġieli jkollok studenti li jkellmuk bejn lezzjoni u oħra, jew wara l-lezzjoni nnifisha u jgħidulek kemm jogħġobhom poeta partikolari jew kemm laqtithom it-tali poeżija. Ħafna drabi, kif għedtlek, il-letteratura tkun terapija għalihom.

28. **RIĊERKATUR:** Tħoss li l-mistoqsijiet li tistaqsi lill-istudenti jagħtu lok biex dawn jesprimu d-diffikultajiet u d-dilemmi tagħhom?

    **IS-SUR CAXARO:** Xi mistoqsijiet huma purament ta' natura stilistika u allura kapaċi jitolbu biss għarfien tat-teknika, li minnu nnifsu joħloq ċerti diffikultajiet għax l-istudenti se jisimgħu b'ħafna terminoloġija ġdida. Mistoqsijiet oħrajn jitolbu ġudizzju jew analiżi tematika, u hemmhekk l-istudenti kollha jkollhom l-opportunità li jesprimu d-dilemmi tagħhom. Naturalment, ikollok min hu estrovert u qed jieħu ħafna, u jkollok min hu introvert. Dan tal-aħħar mhix faċli toħorġu mill-qoxra tiegħu, u trid toqgħod attent ħafna meta tipprova u kif tipprova.

29. **RIĊERKATUR:** Lettur ieħor waqt l-intervista stqarr li l-istudenti Maltin huma tipikament passivi, fis-sens li jippreferu jisimgħu u jieħdu n-noti ta' xi ħadd li ilu jgħallem xogħol letterarju partikolari, milli jipparteċipaw f'diskussjoni u jgħaddu l-opinjonijiet u l-perspettivi tagħhom? Kemm taqbel ma' dan?

    **IS-SUR CAXARO:** Naqbel ħafna, sfortunatament. Din l-imġiba hi marbuta ma' kultura li tissawwar mid-dar, imma wkoll, mis-sistema edukattiva li għandna.

30. **RIĊERKATUR:** Kemm taħseb li fil-lezzjonijiet tiegħek tirrikonoxxi l-opinjonijiet tal-istudenti tiegħek?

    **IS-SUR CAXARO:** Nagħti spazju għall-opinjonijiet tagħhom u nagħtihom importanza billi nuri l-fehmiet tiegħi jew perspettivi oħra. Importanti għalija li nagħtihom l-għodda biex jaħsbu, aktar milli nġibhom jaħsbu bħali.

31. **RIĊERKATUR:** Kif tiddeskrivi r-relazzjoni tiegħek mal-istudenti?

    **IS-SUR CAXARO:** Ir-relazzjoni tiegħi mal-istudenti b'mod ġenerali hi pożittiva u miftuħa. Però, ir-relazzjoni tvarja minn klassi għal oħra. Ma' klassi fil-livell Intermedju kapaċi tiltaqa' darba f'ġimgħa

u ma jeżistux *tutorials*. In-numru ta' studenti fil-klassi u l-karattru tagħhom huma żewġ fatturi oħra li jagħmlu differenza.

32. **RIĊERKATUR:** Fil-lezzjonijiet, meta tiġi għall-interpretazzjoni ta' test letterarju, tagħti ċans lill-istudenti joħorġu b'interpretazzjonijiet tagħhom? Kemm hu importanti dan il-proċess għalik?

    **IS-SUR CAXARO:** Kontinwament. L-analiżi letterarja f'ċerta profondità mhix faċli, u kultant l-istudenti jinqabdu f'dik li tissejjaħ kritika impressjonistika. Trid tifhem ukoll li l-esperjenza tagħhom tal-ħajja hi ta' żgħażagħ bejn is-sittax u s-sbatax-il sena. Għalhekk nipprova ma naqtax qalb l-istudenti billi nħajjarhom jaħsbu iżjed u jiżviluppaw aktar il-ħsibijiet.

33. **RIĊERKATUR:** Kemm inti konxju mill-fatt li xi studenti fil-lezzjonijiet tiegħek ikunu qegħdin jippruvaw jissuperaw problemi ta' xeħta personali, ngħidu aħna l-identità individwali tagħhom?

    **IS-SUR CAXARO:** Konxju ħafna għax naqra r-reazzjonijiet verbali u nonverbali f'ħafna mil-lezzjonijiet.

34. **RIĊERKATUR:** Kien hemm esperjenzi fejn l-istudenti javviċinawk personalment u juru d-diffikultajiet tagħhom vis-a-vis test letterarju u t-temi tiegħu?

    **IS-SUR CAXARO:** Iva, għalkemm mhux daqshekk spissi.

35. **RIĊERKATUR:** Kemm iżżomm f'moħħok il-possibilità li xi temi li tkun ser tittratta mal-istudenti jistgħu jkunu qed iġarrbuhom huma stess, ngħidu aħna problemi familjari jew dubji fuq il-ħajja?

    **IS-SUR CAXARO:** Ħafna. Kif għidtlek, il-letteratura hi għamla ta' terapija u konsolazzjoni għax jagħrfu li s-salib mhumiex iġorruh waħidhom.

36. **RIĊERKATUR:** Kif tħossok li student pereżempju, jistqarr li ġarrab mewt fil-familja waqt li inti qed tgħallem 'Requiem għal Ommi' pereżempju? Tibdel xi ħaġa mil-lat pedagoġiku ta' kif tgħallem it-test kieku?

    **IS-SUR CAXARO:** Ir-reazzjoni awtomatika hija ta' ħasda, jiġifieri ninħasad xi ftit. Dwar it-tieni mistoqsija, ma naħsibx li nibdel mill-mod kif ngħallem, għaliex ħafna mil-letteratura li ngħallmu jkunu ġarrbuha, jew almenu, ser iġarrbuha l-istudenti nfushom.

37. **RIĊERKATUR:**Taħseb li studenti ta' bejn sittax u tmintax-il sena huma maturi biżżejjed għal testi letterarji b'temi dwar il-ħajja jew dwar il-mewt?

    **IS-SUR CAXARO:** Il-biċċa l-kbira tagħhom iva. Oħrajn tkun qed tgħinhom isiru aktar konxji dwar dawn it-temi.

38. **RIĊERKATUR:** Taħseb li hemm xi temi li ma tasalx tiddiskuti mal-istudenti? Tista' ssemmili xi temi?

    **IS-SUR CAXARO:** Sakemm ikunu temi li kapaċi nitħaddet dwarhom, ma naħsibx.

39. **RIĊERKATUR:** Anke jekk it-temi jistgħu jqanqlu furur fil-klassi jew nuqqas ta' qbil fost l-istudenti? Ngħidu aħna temi marbuta ma' imigrazzjoni, razziżmu, l-abort jew l-ewtanasja pereżempju?

**IS-SUR CAXARO:** Jiena nemmen bil-prinċipju tad-diskussjoni. Nagħti lok għad-diskussjoni fil-klassi, imma l-importanti, li ma tħallix id-diskussjoni tiddeġenera jew titlef l-iskop oriġinali tagħha.

40. **RIĊERKATUR:** Ġieli kien hemm sitwazzjonijiet fejn bdilt deċiżjoni ta' tagħlim ta' testi, minħabba ċirkostanzi li jaffettwaw lill-istudenti?

    **IS-SUR CAXARO:** Ma jidhirlix.

41. **RIĊERKATUR:** Anke jekk tara li l-istudenti ma jistgħux isibu saqajhom f'tema partikolari jew f'xogħlijiet ta' poeta partikolari?

    **IS-SUR CAXARO:** Fil-każ tal-antoloġija *Il-Poeżija Maltija* ġieli għamiltha minħabba li nkun magħfus biż-żmien, aktar milli ħabba n-natura ta' tema jew xogħol partikolari. Meta nagħżel il-poeżiji li se nagħmel tul il-kors, naħseb ħafna fl-istudenti. Dan hu wieħed mil-limiti li timponi monografija fuq l-għalliem. M'għandekx għażla! Immaġina t-turment li jgħaddu minnu għalliema u studenti li ma jintlaqtux mill-istil ta' kittieb/a partikolari imma jridu jagħmlu dik il-monografija bilfors! Mhux darba u tnejn li studenti jgergru li xebgħu jaraw poeżiji tal-istess awtur.

# Appendiċi 7 – L-intervista mas-Sur Buonamico

**It-Tlieta 29 ta' Ottubru, 2019**
Is-Swieqi, Malta. Mill-11:02 sal-11:43

1. **RIĊERKATUR:** Fl-istudji akkademiċi tiegħek iffokajt fuq liema qasam tal-Malti?

   **IS-SUR BUONAMICO:** Fuq il-poeżija l-aktar [...].

2. **RIĊERKATUR:** Għaliex taħseb li ngħallmu l-Letteratura Maltija fl-iskejjel?

   **IS-SUR BUONAMICO:** It-tweġiba l-aktar ovvja hi għax qiegħda hemm u ma tistax ma tgħallimhiex. Għalfejn għandna ngħallmuha? Il-għaliex naħseb li l-letteratura ġġiegħlek taħseb, iġġiegħlek tiskopri lilek innifsek u allura huwa importanti ħafna li tiġi mgħallma.

3. **RIĊERKATUR:** Jiġi xi kittieba lokali jew barranin f'moħħok meta tisma' l-kelma eżistenzjaliżmu?

   **IS-SUR BUONAMICO:** Iva, naturalment inkwantu ta' kittieba barranin, barra ż-żewġ filosfi l-aktar importanti Sartre u Camus li nzertaw it-tnejn kittieba wkoll barra li ħassieba, ovvjament jiġuk f'moħħok mill-ewwel. Imbagħad għandek il-kittieba assurdisti, li l-iktar qegħdin fit-teatru, partikolarment Samuel Beckett. Jiġifieri dawn jiġuk f'moħħok mill-ewwel. Lokalment, kellek ċerti drammi ta' Ebejer li kienu influwenzati direttament, u l-influwenza hija ovvja ħafna speċjalment mix-xogħol ta' Beckett *Waiting for Godot*. F''Boulevard' b'mod partikolari. U anke x-xogħlijiet bikrin ta' Oreste Calleja. Għandek ukoll ċerti poeżiji, pereżempju wħud mill-poeżiji ta' Oliver Friggieri, anke ta' Joe Friggieri, Mario Azzopardi. Fil-bidu tal-karriera tagħhom naħseb li kienu influwenzati ħafna minn dawn il-ħassieba barranin.

4. **RIĊERKATUR:** Kemm tħoss li l-istudenti tal-ġurnata jagħtu importanza lit-tagħlim tal-letteratura?

   **IS-SUR BUONAMICO:** Ma naħsibx li wisq. Issa naturalment din hija l-fehma tiegħi personalissima, għalkemm meta titkellem mal-kollegi tinduna li hija fehma ta' diversi minna. Ħafna drabi hemm nuqqas ta' interess u n-nuqqas ta' interess jiġi rifless fin-nuqqas ta' qari, in-nuqqas serju ta' qari. Hija problema serja, u jien ma nħossnix kompetenti li ngħid la l-għaliex u lanqas il-kif ser insolvuha l-problema, m'għandix din il-kompetenza. Jiġifieri mhux ser nittanta nagħtik tweġiba kieku ser issaqsini. Imma hija problema serja, il-għaliex tinduna li l-istudenti saħansitra, u din mhix rarità, iwieġbu mistoqsijiet fuq test li ma qrawx pereżempju, li jiddependu ħafna minn x'jingħad fil-klassi, jew l-aktar l-aktar x'inkiteb dwar it-test minn terzi persuni. Ovvjament issib l-eċċezzjonijiet, ma nistax ngħid li ħadd ma jinteressah mil-letteratura. Però ma naħsibx li dawn l-istudenti li jinteressahom huma r-regola, pjuttost huma l-eċċezzjoni.

5. **RIĊERKATUR:** Jiġifieri l-idea hi li maż-żmien l-importanza tal-letteratura mogħtija mill-istudenti qiegħda dejjem tonqos?

**IS-SUR BUONAMICO:** Ma nafx hux dejjem qed tonqos jew minn dejjem kienet nieqsa. Jien issa armajn ili numru ta' snin ngħallem fil-livell postsekondarju. Ma nistax ngħid li qabel kienu jaqraw iktar mil-lum, jew forsi qed ninsa, jista' jkun ukoll. Imma l-impressjoni tiegħi hi li l-letteratura qatt ma ttieħdet b'serjetà kbira għaliex m'hemmx l-amor propju għall-qari. Mhux għax il-letteratura nnifisha, imma qatt ma kien hemm dan l-interess. Jew ma nistax ngħid qatt, imma ma rajtx interess kbir fil-letteratura kemm ili ngħallem jien. Imma kif kont qed ngħidlek, għaliex ma nafx. Imma meta wieħed jara statistiċi, forsi jkollok ċans tarahom, anke uffiċjali min-naħa tal-Unjoni pereżempju, jara li Malta qiegħda fil-qiegħ ta' kemm hemm nies mill-popolazzjoni li jaqraw. Allura jekk għandek nuqqas ta' qari, dak huwa sinjal li n-nies mhumiex interessati fil-letteratura.

6. **RIĊERKATUR:** Kemm tħoss li l-letteratura li ngħallmu lill-istudenti tħalli effett fuqhom u fuq ħajjithom?

   **IS-SUR BUONAMICO:** Dawk li ma jaqrawx mhux ser jiġu affetwati ovvja. Dawk li jaqraw nimmaġina li jiġu affetwati. Jiġifieri jekk immur ħafna lura fis-snin meta kont student jien, iva l-letteratura influwenzatni ħafna, il-letteratura li kienu jgħallmuni. Jien pereżempju fi żmieni, *Erba' Drammi* ta' Calleja kont nitgħallimhom bħala student meta kont għadni qed nagħmel il-livell Ordinarju immaġina. Jiġifieri jien ta' erbatax-il sena kont diġà introdott għat-teatru tal-assurd.

7. **RIĊERKATUR:** 'Ċens Perpetwu' pereżempju.

   **IS-SUR BUONAMICO:** Hekk hu. Aħna kellna l-erba' drammi li huma għall-O' Level mhux f'livell postsekondarju jew terzjarju. Niftakar li kont influwenzat ħafna mid-diskors li kont nisma'. Ta' tnax-il sena kont introdott għal *Animal Farm* u sirt naf x'inhi s-satira politika u wkoll influwenzajt ruħi meta lanqas kont għadni naf x'inhi s-sistema Kommunista jew x'inhu dittatorjat. Kienet il-letteratura li għallmitni x'inhuma dawn l-affarijiet. Jiġifieri iva, dawk in-nies li jaqraw, persważ li l-letteratura tinfluwenzahom.

8. **RIĊERKATUR:** Liema tħoss li huma dawk it-temi li joffru sfida biex tgħallimhom lill-istudenti?

   **IS-SUR BUONAMICO:** Sfida lilek bħala għalliem? Kien hemm żmien meta, u kelli esperjenzi varji, ċerti studenti ma aċċettawx diskors li jisfida, ngħidu aħna l-fidi reliġjuża tagħhom. Kelli pereżempju każ, li kien inkwetani ħafna, meta kelli grupp ta' studenti li kienu reliġjużi ħafna u mal-mument li ħassew li l-għalliem tagħhom qed jipprova jinterpreta xogħol li mhux tiegħu imma ta' kittieb, li kien ser jisfidalhom il-fidi tagħhom, ingħaqdu bejniethom u wrew reżistenza kbira. Naħseb li f'dak is-sens, għall-inqas issa qed immorru kważi tletin sena jiġifieri l-affarijiet inbidlu, imma dak iż-żmien kont inħossha li kien hemm nies li jixxukjaw irwieħhom, li jitriegħxu malli tmissilhom il-fidi reliġjuża. Diskors dwar temi li huma konnessi mas-sess pereżempju, l-istess illum il-ġurnata pereżempju, għall-inqas l-impressjoni tiegħi hi li ma noħduhiex bi kbira li, ngħidu aħna, nitkellmu fuq l-omosesswalità. Meta bdejt ngħallem fi skola postsekondarja, kif issemmi l-kelma kont tinduna, anke mill-ħarsa tan-nies u tal-istudenti. Kien suġġett skomdu ħafna. Xi kultant anke temi li jisfidaw l-ideat ta' identità nazzjonali pereżempju. Ħafna drabi kienu jaħsbu li għax inti tgħallem il-Malti, mela inti *de facto* patrijott. Li jiena m'iniex avolja ngħallem is-suġġett. U kont ninduna li ċerti affarijiet li ngħid fuq l-identità, pereżempju meta ngħid li aħna bbażajna l-identità tagħna fuq ħafna miti, li jekk huma miti allura mhumiex veri, illi ħafna affarijiet li ngħożżu huma dubjużi, li l-istorja li rrakuntawlna ħafna drabi hija mit u mhix verità. Tibda tinduna li ċerti nies ma

jistennewhiex speċjalment mingħandek li tgħallem il-Malti. Joħduha benfatt li għax tgħallem il-Malti allura inti patrijott u tħobb lil pajjiżek b'tali mod li ma tkunx lest li tiddubita minnu. Hemmhekk, forsi b'mod inqas kontroversjali, kien hemm każi ta' studenti li anke wħud minnhom esprimew din l-iskumdità għax jiena tkellimt b'ċertu mod fuq Malta. Jiena dejjem ippruvajt ukoll, u din mhux neċessarjament marbuta ma din, nagħti lill-istudenti l-fehma li ħadd m'għandu jieħu l-affarijiet *for granted*. Pereżempju, anke speċjalment fit-*tutorials* meta konna nkunu grupp iżgħar u ħafna drabi kien ikollok studenti ta' sittax-il sena, jiktbulek affarijiet bħal "aħna l-kattoliċi" u kont ngħidilhom "tgħiduhiex din għax inti ma tafx jien x'jien, ma tafx ta' maġenbek x'inhu." Illum, illi s-soċjetà tħaltet aktar, u jiena pereżempju sa sentejn ilu kont ngħallem klassijiet tal-Malti u kelli tfajliet bil-*hijab* pereżempju jew b'kunjom ovvju li mhuwiex Malti, malli kont ngħidha din is-sentenza kienet tiġi aktar aċċettata. Tletin sena ilu dawn l-affarijiet l-istudenti lanqas kienet tgħaddilhom minn moħħhom li ta' maġenbhom jaf ikollu missieru jew ommu, jien naf, Musulman jew anglikan jew ateu. Allura meta tgħidilhom "tgħidx hekk" kienu jinħasdu ftit. Illum forsi jinħasdu inqas għax it-taħlit huwa aktar ovvja u aktar evidenti.

9. **RIĊERKATUR:** Ħa nanticipa lili nnifsi biex anke norbot ma' dak li għidt. Meta taffaċċja, pereżempju l-eżempju li semmejt tar-reliġjon, kif tkun ir-reazzjoni tiegħek, jew x'tibdel forsi minn dak li tkun ser tgħallem lill-istudenti għal dak li effettivament tgħallimhom?

    **IS-SUR BUONAMICO:** Ara, jien niftakar l-ewwel darba li kont konxju tal-fatt li kelli persuni Musulmani fil-klassi, seta' kelli qabel u ma ndunajtx. Imma meta sirt konxju li t-tali huwa Musulman jew li t-talija, anke minħabba l-affarijiet li tilbes, hija Musulmana, u ġejt biex ngħallem poeżiji ta' Dun Karm li huma anti-Iżlam ħafna, għal mument sibt diffikultà kbira għax għidt dan it-tifel u din it-tifla ta' sittax-il sena kif ser iħossuhom meta ser nikkwota lil Dun Karm fil-vers "[i]l-mislem ħajjen"? Kif ser ikolli l-kuraġġ imqar anke naqra l-vers? U sibtni skomdu ħafna rrid nammettiha u kelli naħseb fit-tul. U ma stajtx indum naħseb il-għaliex kumbinazzjoni din il-poeżija dwar l-Assedju l-Kbir, '[I]l-Għanja tar-Rebħa' jien kont nibda biha, għax fiha kienet tiġbor il-prinċipji kollha tar-Romantiċiżmu Malti. U ma kienx faċli, kein hemm min qal "mela ma nagħmilhiex aktar." Jiena ħassejt li ma nistax nagħmel hekk, għaliex kif qed ngħid, naħseb li għall-ħsieb Romantiku ma tistax taqbiżha, u ovvjament ma tistax taqbeż il-versi. Jiġifieri hemm ġejt verament f'salib it-toroq x'ser nagħmel eżatt. Eventwalment, bdejt nagħmel preambolu twil ħafna fuq il-fatt li qed nitkellmu fuq poeżija ta' mitt sena ilu, il-mentalità kienet totalment differenti. Qatt ma kelli l-okkażjoni, u forsi ngħidha b'dispjaċir nammetti, li ngħid "isma, intom li għandkom trobbija Musulmana, kif ħassejtukom waqt li jien qed ngħid dan id-diskors jew waqt li qed nagħmel din il-poeżija?" Naħseb dak kien nuqqas min-naħa tiegħi, imma qatt ma ħassejtni qrib biżżejjed ta' studenti ta' din il-qatgħa biex insaqsihom direttament. Anke għaliex jista' jkun li qed ngħaġġibha u dawn jgħidulek "u le," jew minix ninduna kemm qiegħed inweġġagħhom. Però, mill-banda l-oħra qatt ma ħassejt li għandi niċċensura d-diskors, *se mai* nikkwalifikah iva, nispjegah ovvjament, imma li niċċensura jew li naqbeż, dik ma kontx lest li nagħmilha. Jiġifieri dik kienet waħda mill-ikbar sfidi tiegħi bħala għalliem li affaċjajt f'dawn l-aħħar snin. Naħseb li sal-lum il-ġurnata, avolja sibt dan il-mod li nagħti preambolu storiku, inħossni ftit skomdu xorta waħda, għax bħalma naf li skomodajt nies kattoliċi meta sfidajthom dwar il-fidi tagħhom, l-istess naħseb li ser jiġri hawnhekk. Mill-banda l-oħra, nżomm ħafna l-prinċipju li wara kollox l-edukazzjoni hija sfida kontinwa u l-letteratura hija sfida kontinwa. Jiġifieri, dak il-prinċipju nemmen bih b'mod assolut u nifhem li mhux kulħadd huwa ppreparat għal sfida bħal din imma trid tgħaddi minnha.

10. **RIĊERKATUR:** Liema perjodu mil-Letteratura Maltija taħseb li jittratta ħsibijiet u temi b'rabta mal-ħajja tal-bniedem?

    **IS-SUR BUONAMICO:** Naħseb il-perjodi kollha, ma nistax ngħid dak il-perjodu ma trattax il-ħajja tal-bniedem. Anke għaliex il-letteratura ma tistax ma tagħmilx hekk. Jiġifieri kollha kemm huma.

11. **RIĊERKATUR:** Matul is-sena li għaddiet kellek testi letterarji li jittrattaw it-tema tal-libertà jew in-nuqqas tagħha? U jekk iva, tista' ssemili xi eżempji?

    **IS-SUR BUONAMICO:** Iva, il-kwistjoni tal-libertà tqum diversi drabi. Jien, għax ovvjament wieħed irid iżomm f'moħħu li test jekk huwa rikk minnu nnifsu, ser jagħti lok għal interpretazzjonijiet differenti u anke jekk mhumiex interpretazzjonijiet differenti, ser jagħti lok li inti tersaq lejh minn bnadi differenti. Issa jien nemmen ukoll li ħafna drabi, ħalli ma ngħidx dejjem biex ma nkunx assolutist, waqt li jiena qiegħed nippreżenta test ta' abċ lill-istudenti, il-preżentazzjoni tiegħi attwalment hija tiegħi. Jiġifieri jien konxjament jew le, ser nagħżel spunti li ser nenfasizzahom aktar milli kieku ser tippreżentah inti. U inti ser tagħmel bil-maqlub tiegħi forsi, jew bħali. Jien kont nagħti importanza kbira ħafna t-tema tal-libertà. U din kont naraha f'diversi testi, jiġifieri anke hawn ma nistax ngħidlek "ara dak il-perjodu jew l-ieħor." Jiġifieri diskors nista' narah anke f'Ružar Briffa. Nista' anke nwessa' l-argument u narah marbut ma' temi oħrajn, anke politiċi u storiċi. Jiġifieri ma nistax ngħidlek dan jew dak, imma diversi. U jista' jkun li kienu diversi għax jien għażilt li nagħfas fuq hekk flok fuq punti oħrajn.

12. **RIĊERKATUR:** Meta tagħżel ix-xogħol letterarju, kemm tqis jekk it-temi li tittratta humiex adattati għall-istudenti?

    **IS-SUR BUONAMICO:** Jiena, biex inkun verament onest, din il-biċċa xogħol ta' "humiex adatatti għall-istudenti" tfixkilni daqsxejn. Fis-sens li x'qed infissru eżatt b'adattati għall-istudenti? Li ma ngħidux ċertu affarijiet? Li naqbżu ċerti affarijiet? Li naħsbu li ċerti affarijiet mhumiex fil-livell tagħhom għax għadhom żgħar? Tfixkilni, anke għaliex minn banda nħoss li llum il-ġurnata l-istudenti huma esposti għal ħwejjeġ, li meta nqabbel mat-tfulija jew l-adolexxenza tiegħi, ma konniex esposti għal ċerti affarijiet. Niddubita xorta waħda, imma mill-banda l-oħra nibda nibża' xi kultant aħniex qed imorru f'ċerti estremitajiet li qed nibżgħu wisq għall-istudenti.

13. **RIĊERKATUR:** Speċi nżommuhom ġo bozza u ma nuruhomx ir-realtà.

    **IS-SUR BUONAMICO:** Iva. Xi kultant inħoss li qed immorru f'dak l-estrem. Minn banda nafu li llum il-ġurnata n-nies huma esposti aktar. Għalkemm xi kuntant niddubitah dan il-punt, fis-sens li verament l-aċċess huwa aktar liberu bl-internet li ġab taqlib kbir. Imma meta niftakar fi żmieni, jien ukoll kont naf ċerti affarijiet li nissuspetta li l-ġenituri tiegħi qas kienu joħolmu li kont nafhom. Mill-banda l-oħra, mela hemm dan il-fatt li qed jiġu esposti għal ħafna affarijiet, imma naħseb li qegħdin nibżgħu wisq għalihom, qed ikunu wisq protettivi u forsi sopraprotettivi. Jista' jkun li għandi żball, imma jien hekk qed naħseb. Pereżempju semmejtlek il-fatt li jiena, meta kont għadni qed nagħti l-livell Ordinarju, kont qed nagħmel l-*Erba' Drammi* ta' Calleja. Nissuspetta li kellna nagħmluha llum ngħidu "għadhom żgħar" u forsi għandhom raġun. Allura l-mistoqsija tiġi waħidha, dak iż-żmien ma kinux iħossu l-bżonn li jipproteġu? Meta nħares lura, jien x'ġarali għax kont espost għal din il-letteratura? Affetwatni, imma ma naħsibx li ġratli xi ħaġa tal-biża' lanqas.

Imma naf li ħafna nies, jew xi nies, jgħidu "ejja ma nesponux daqstant lill-istudenti għal ideat ta' mewt, ta' kriżi, għax speċi ta' sittax-il sena jkollok dik ix-*joie de vivre* u nibżgħu li noqtluhielek bil-letteratura", u jista' jkun. Imma jista' jkun li mhux il-każ lanqas.

14. **RIĊERKATUR:** In-nuqqas li qed noffru lill-istudenti, jista' jkun li l-istudenti qed ikunu ppreparati anqas għad-dinja tax-xogħol, għad-dinja li hemm 'l barra mill-ħitan tal-iskola? Għaliex, pereżempju, mhux qed ngħallmu testi li jitkellmu dwar il-problemi fil-familja jew dwar l-isfidi li l-bniedem jgħaddi minnhom vis-a-vis l-identità tiegħu. Tħoss li jekk ma ngħallmuhomx dawn it-testi, l-istudenti jkunu ppreparati anqas għal dawn l-isfidi li huma parti appuntu mill-kundizzjoni umana?

    **IS-SUR BUONAMICO:** Iva, anke għaliex qiegħed naħseb li ninsabu f'era, u din mhix qiegħda f'Malta biss, fejn qed issir pressjoni kbira fuq in-nies biex ikunu pożittivi. Biex inkunu ottimisti. Issa m'hemm xejn lejn li tkun ottimist u li tkun pożittiv, imma qiegħed nibża' li din il-pressjoni qiegħda twassal biex l-aspetti mhux pożittivi, jew niċċensurawhom għal kollox, jew immewtuhom, jew inħassruhom, jew naħbuhom. Issa, jekk minħabba f'hekk in-nies mhux qegħdin ikunu ppreparati għad-dinja vera, onestament ma nafx ngħidlek, ma nistax ngħid jekk in-nies humiex preparati għall-ħajja ta' kuljum inqas milli kont ippreparat jien jew ta' qabli eżempju. Jiġifieri f'dak is-sens ma naħsibx li għandi l-kompetenza nwieġeb. Imma nħoss, jew forsi hija ossessjoni tiegħi, li tant hawn messaġġi l-ħin kollu bbumbardjati biex inkunu ferħanin u biex inħarsu lejn l-affarijiet is-sbieħ u ma ngergrux u ma noqogħdux nilmentaw. Anke kif bniedem ifettillu jirrimarka xi ħaġa negattiva, naqbżu fuqu. U nirrepeti li din mhix tiġri hawn biss, imma kullimkien. Forsi huwa argument konservattiv tiegħi, forsi iva vera ikun isbaħ għal nies ta' ċerta età li ma ntuhomx dawn l-affarijiet negattivi. Wieħed irid jifhem li l-bniedem dejjem ħass il-bżonn li jgħaddi liż-żgħar tiegħu u lil mhux daqstant żgħar, anke l-kruha tal-ħajja. Jiġifieri jekk inti tieħu l-ħrejjef, dawn mimlijin vjolenza. X'nagħmel ma ngħidhomx lit-tfal? Għax verament huma vjolenti, eżempju għandek xi ħadd li jiekol lin-nies u jqattagħhom biċċiet.

15. **RIĊERKATUR:** Waqt li għandek dik il-biżgħa li l-letteratura, ma nafx hix idea lokali, l-idea negattiva fuq il-Letteratura Maltija, forsi l-aktar dik moderna, u nibżgħu nuru r-realtà li turi l-letteratura lit-tfal fl-iskola. Jiġifieri naħseb marbuta ma' din ukoll, li jista' jkollok xi letturi jew forsi anke minn għażliet ta' sillabu f'etajiet iżgħar, li nħarsu lejn test letterarju li huwa forsi pożittiv, u juri l-ħajja b'ċertu mod u ma jurihiex b'mod ieħor.

    **IS-SUR BUONAMICO:** Ħafna nies li jargumentaw li isma' "ċerti testi m'għandniex ngħallmuhom," aktar milli għax huma suġġestivi jew kontroversjali, naraha li jsostnu li ż-żgħażagħ ma jridux jafu b'niket. Meta inti għandek sittax-il sena, toqgħodx tippreżentali affarijiet mimlijin dwejjaq, u fil-fatt, biex issa forsi nikkontradixxi ftit id-direzzjoni li kont qed nieħu fl-argument ta' qabel, jien niftakar ħafna studenti li jilmentaw "għax dawn dejjem bid-dwejjaq, dawn il-poeti dejjem jeqirdu" u dan id-diskors kont nisimgħu regolarment. Pereżempju konxju ħafna tal-fatt li t-testi, mhux ser insemmihom ħabba kwistjoni ta' identità, li huma *tongue in cheek*, sarkastiċi, b'element ta' umoriżmu, dawn huma ħafna aktar popolari ma' tfal minn testi li mhumiex. Jiġifieri qed nikkontradixxi d-direzzjoni ta' qabel, forsi huma minnu li żgħażagħ ta' ċertu età m'għandniex nagħtuhom dawn l-affarijiet mhux biex daqstant nipproteġuhom, imma għax huma qed jgħixu f'età li mhumiex interessati min-niket tan-nies. Għalfejn għandna nagħtuhom in-niket tan-nies? Jista' jagħti l-każ li jiena jirnexxieli nisseduċi lill-istudenti ta' ċerti età żgħira biex isiru jħobbu l-

letteratura billi nagħtihom letteratura pożittiva, jiġifieri iva nista' nirrikonoxxi dak l-argument u dik id-direzzjoni argumentattiva wkoll.

16. **RIĊERKATUR:** Tagħmel differenza fl-għażliet bejn lezzjonijiet tal-livell Avvanzat u dawk tal-livell Intermedju? Jew bejn lezzjonijiet tal-poeżija u dawk tal-kritika jew *tutorials*?

    **IS-SUR BUONAMICO:** Ara, jien ftit kienu d-drabi li għallimt l-Intermedju. Però meta għallimt qatt m'għamilt l-ebda differenza. Ġieli kelli lezzjonijiet komuni għat-tnejn, fiż-żewġ livelli u għidt l-istess affarijiet. L-unika differenza tkun l-ammont u mhux il-kwalità. L-ammont iva għax is-sillabu jistipola hekk. Imma ma kont nagħmel l-ebda differenza u ngħid "ma' dawn immur iktar fil-fond jew ngħid iktar." Il-mistoqsija l-oħra?

17. **RIĊERKATUR:** Differenza bejn lezzjonijiet tal-poeżija u oħrajn ta' *tutorials* jew tal-kritika?

    **IS-SUR BUONAMICO:** Le, le kont inkun l-istess. Fil-lezzjonijiet tal-kritika ser tidħol aktar fil-fond fuq test partikolari waqt li fit-test tal-letteratura tieħu t-test mhux għalih nnifsu imma biex tiddiskuti t-tema inġenerali.

18. **RIĊERKATUR:** Meta tiġi għall-preparazzjoni tal-lezzjoni, talloka ħin biex l-istudenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar it-tema jew dwar ix-xogħol li qed jiġi diskuss?

    **IS-SUR BUONAMICO:** Irrid nammetti li hawn jien inħoss li fallejt bl-ikrah għaliex ftit ħafna huma d-drabi meta kelli d-diskussjoni fil-klassi. U naħseb li parti sostanzjali tat-tort hija tiegħi li jew tant għidt affarijiet li kienet *overwhelming* fuq l-istudenti, jew ma tajthomx lok, jew ma kontx effettiv biżżejjed jien biex ninċita reazzjoni. Rari kelli reazzjonijiet ta' dan it-tip. Issa nista' nixħet it-tort fuq l-istudenti u ngħid "isma' la dawn ma jaqrawx kif jistgħu jirreaġixxu?" U nista' nitfa' t-tort fuqi u ngħid li ma sibtx il-mod kif ninċita reazzjoni.

19. **RIĊERKATUR:** Minn intervista oħra ħareġ kumment li l-istudenti Maltin huma kemxejn, mhux ħa ngħid għażżenin, imma jippreferu jisimgħu lil xi ħadd li ilu jgħallem is-suġġett, milli jiddeċiedu li jieħdu l-inizjattiva u jistaqsu huma. Jew jgħidu "jien naħseb hekk" jew "jien naraha hekk u mhux hekk." Taħseb li hija realtà li nesperjenzawha fil-livell postsekondarju?

    **IS-SUR BUONAMICO:** Iva, nesperjenzawha ħafna, u anzi nżid biċċa oħra. Din kont naraha u kienet tirrabjani ħafna. L-istudenti mhux biss jistennew lilek tgħid flok jieħdu l-inizjattiva huma, imma għandhom it-tendenza wkoll, li jekk hemm il-kummentarju tiegħi verbali waqt il-lezzjoni, u kummentarju ieħor imma miktub, pereżempju xi ħadd jippubblika serje ta' noti, jagħtu iktar każ dak milli x'għidt int. Anke jekk dak li għidt int huwa ħafna aktar profond minn dak li hemm miktub. Imma għax dak li hemm miktub, l-argument huwa li dan ix-xogħol huwa vanġelu. Li għidt int huwa tajjeb imma dan miktub. Issa hija tort tas-sistema edukattiva? Jien, ħafna drabi xħett it-tort fuq is-sistema edukattiva, forsi għax kont inħossha komda nixħet it-tort fuq ħaddieħor? Għax l-għalliema kienu jagħtuhom *pre-packed notes* u kienu jingħataw in-noti, għax derrejna l-istudenti jisimgħu biss?

20. **RIĊERKATUR:** Kemm tħossu importanti l-proċess li l-istudenti joħorġu bl-interpretazzjonijiet tagħhom dwar test letterarju?

**IS-SUR BUONAMICO:** Huwa importanti ħafna. Issa naturalment hemm drabi meta l-interpretazzjoni tagħhom, ma nistax ngħid li hi ħażina, imma mhix korretta. U allura, trid issib il-mod li mhux faċli, għall-inqas għalija, kif tikkoreġi lil dak li jkun mingħajr ma tiskoraġġih b'mod li jgħidlek "mela jien m'iniex tajjeb u darb'oħra ma ngħid xejn." Jien l-iktar li kont nersaq biex jirnexxieli nagħmel lill-istudenti jitkellmu u joħorġu bl-interpretazzjoni tagħhom, kien fil-lezzjonijiet tal-kritika. Is-sistema li għal-lezzjonijiet tal-kritika li l-gruppi jinqasmu, u għall-inqas mhux il-klassi sħiħa, hija tajba. U jiena fil-lezzjonijiet tal-kritika, u biex inkun onest huma l-aktar lezzjoni li nieħu gost nagħmel, nagħmel l-ewwel xhur inpaċpaċ biex ngħaddi l-għodda li ma tistax ma tgħaddihiex.

21. **RIĊERKATUR:** Lezzjonijiet teoretiċi ħafna mela.

**IS-SUR BUONAMICO:** Eżattament. Imma imbagħad it-tieni nofs tal-kors, fejn allura konna nħarsu lejn testi, hemmhekk kont inħalli lill-istudenti jitkellmu. Issa bħal dejjem issib studenti bi problemi personali, dak jistħi jitkellem għax għandu leħnu ikrah, l-oħra tistħi għax in-nies iħarsu lejha u tiddejjaq, l-ieħor ibati minn xi kundizzjoni u tibda tidħol f'dawn l-affarijiet. Imma kont nipprova u nipprova fil-lezzjoni tal-kritika li nismagħhom jitkellmu. Issa kont issib min kien joħroġ b'affarijiet vera interessanti u ssib min li ma kienx. Allura, kienet tkun sfida enormi għalija kif ser nikkoreġi mingħajr ma naqta' l-qlub. Għax issib min jgħidlek "jien m'iniex tajjeb" u ma jerġax jgħid kelma fil-klassi. Issa, irnexxieli nagħmel hekk? Mhux dejjem, naħseb kien hemm drabi meta kkoreġejt lil xi ħadd u qtajtlu qalbu.

22. **RIĊERKATUR:** Kemm inti konxju mill-fatt li xi studenti qegħdin jippruvaw jissuperaw problemi ta' xeħta personali, ngħidu aħna l-identità individwali tagħhom jew kwistjonijiet marbuta mal-fidi pereżempju?

**IS-SUR BUONAMICO:** Iva, nfakkrek għal dak li kont qed ngħidlek fl-ewwel mistoqsija. Jiġifieri iva konxju ħafna. Imbagħad hemm aspett ieħor, jiena mhux darba jew tnejn ġratli li nkun qed naqra poeżija u ninduna li hemm xi ħadd jibki fuq in-naħa ta' wara. Għax mititlu ommu ftit ilu pereżempju.

23. **RIĊERKATUR:** Appuntu antiċipajt il-mistoqsija li jmiss. Tkun konxju mill-fatt li t-temi li ser tittratta, jista' jkun li għaddew minnhom appuntu l-istudenti nfushom

**IS-SUR BUONAMICO:** Dażgur. L-iktar li nħossha fit-tema tar-relazzjonijiet personali, ir-relazzjonijiet umani. U kull darba li għallimt it-tema, dejjem bdejt bil-prinċipji l-aktar fundamentali. Ngħidilhom "dawn it-temi li ser insibu poeti jitkellmu dwarhom, mhumiex affarijiet tal-poeti imma huma affarijiet tagħna." Jiġifieri ppreparaw rwieħkom li ser tisimgħu affarijiet li jew għaddejtu minnhom, jew qegħdin tgħaddu minnhom issa, jew abbli ser tgħaddu minnhom, jew jekk le, ser ikun hemm nies li tafuhom li ser jgħaddu minnhom. Għax il-poeti mhumiex nies speċjali." U ngħidilhom "l-unika ħaġa li l-poeta għandu differenti minnek, mhux li jgħaddi minn esperjenzi li int m'għandekx, imma li jaf jivverbalizza din l-esperjenza. Imma kunu preparati, speċjalment f'din it-tema li ser nitkellmu fuqna u mhux fuq il-poeti." Persważ li kien hemm min ħassu skomdu, għax tkellimt fuq xi ħaġa li tmissu mill-qrib, m'għandix dubju.

24. **RIĊERKATUR:** Eżatt, pereżempju qed tagħmel poeżija bħal 'Niftakar' jew 'Requiem għal Ommi' u għandek xi ħadd li tilef lil xi ħadd fil-familja.

**IS-SUR BUONAMICO:** Iva, jew inkella poeżiji ta' mħabba u lbieraħ filgħaxija telqek l-għarus.

25. **RIĊERKATUR:** Biex anke nagħlqu fuq dan is-suġġett, anke meta tagħmel dawn it-temi u tħoss l-iskumdità fl-istudenti, forsi jiġu javviċinawk jew tara l-espressjoni tal-istudenti waqt il-lezzjoni. Tasal tibdel il-mod kif twassal is-suġġett lill-istudenti, jew anke tgħid "l-istudenti qed inħoss li dan il-poeta partikolari mhux jaqbduh" jew "mhux juru interess fih." Tasal tibdel deċiżjoni li tkun għamilt li ser tgħallem appuntu minħabba ċirkostanzi li juru l-istudenti.

**IS-SUR BUONAMICO:** Pereżempju, jien kont nagħmel il-poeżija 'Inċest' poeżija li toħloq ħafna skumdità. Anke għax hija grafika ħafna. Jien qatt ma għidt "din il-poeżija mhux ser ngħallimha." Issa kelli kollegi li ma kinux jagħmluha, kienu jħossuhom skomdi forsi. Issa trid issib il-mod, u ma jfissirx li jien kien jirnexxieli nagħmilha, kif inti tressaq suġġett skomdu. Kif, ħa nuża l-kelma, tipproteġi lil dak li jkun u tgħidlu "hemm possibilità li ser tħossok skomdu b'dan li ser ngħid, imma jeħtieġ li nagħmluha. Ejja nifhmu l-iskumdità tal-poeta, li mhix tiegħu biss imma hi ta' ħafna nies. Forsi lilek ma tmissekx, forsi lilek tmissek. U allura ejja naraw kif ħaddieħor attakka din is-sitwazzjoni li inti tinsab fiha." Però qatt ma għidt din il-poeżija mhux ser nagħmilha għaliex ser taffettwa b'mod ħażin. Issa, l-istess kif kont qed ngħid l-eżempju tal-Mislem, issa trid issib il-mod, li mhux ħaġa faċli u jien ma naħsibx li rnexxieli dejjem, kif il-ħaġa ser tressaqha lejn dak li jkun, kif dak li ser tgħid ser tweġġa' mill-inqas possibbli. Jekk għandek Musulman quddiemek u mitt sena ilu Dun Karm kiteb li l-Musulmani huma nies kattivi, noqgħod attent kif ser nagħtihielek. Nimmaġina li xorta ser iddejqek immaa nipprova nweġġgħek mill-inqas possibbli. U li niftaħlek għajnejk u ngħidlek li qed tgħix f'kuntest storiku li nies bħalek konna niktbu kontrihom xi darba jew oħra.

26. **RIĊERKATUR:** Grazzi tal-informazzjoni u l-ħin li ddedikajt għal din l-intervista.

**IS-SUR BUONAMICO:** Ta' xejn.

# Appendiċi 8 – L-intervista mas-Sur Ropa

**It-Tlieta 29 ta' Ottubru, 2019**
Ħaż-Żabbar, Malta. Mis-12:40 sas-13:11

1. **RIĊERKATUR:** Fl-istudji akkademiċi tiegħek iffokajt fuq liema qasam tal-Malti?

   **IS-SUR ROPA:** Fl-istudju akkademiċi, meta kont student qed tgħid inti?

2. **RIĊERKATUR:** Iva.

   **IS-SUR ROPA:** [...].

3. **RIĊERKATUR:** Għaliex taħseb li ngħallmu l-Letteratura Maltija fl-iskejjel?

   **IS-SUR ROPA:** Il-Letteratura Maltija hija parti mill-Kultura Maltija. Il-Letteratura Maltija hija frott numru ta' ċittadini, numru limitat ta' ċittadini Maltin. Il-Letteratura Maltija hija mera ta' esperjenza, jew esperjenzi differenti, ta' dawk il-Maltin li għexu fi żminijiet partikolari. Mela, meta wieħed jaqra l-Letteratura Maltija, qed jitgħallem mhux biss dwar dawn l-individwi imma qed jitgħallem dwar il-pożizzjoni, ħa ngħidu hekk, Eżistenzjalista tagħhom f'dak iż-żmien u spazji li għexu fihom, u aħna bħala Maltin, insiru iktar sinjuri, iktar għonja suppost. Ma ninsewx li l-letteratura hija wkoll esperjenza estetika, mela tgħallimna napprezzaw l-isbuħija bil-mod partikolari tagħha.

4. **RIĊERKATUR:** Jiġik xi kittieb, lokali jew barrani f'moħħok meta tisma' l-kelma eżistenzjaliżmu?

   **IS-SUR ROPA:** Użgur, lokali għandna Oliver Friggieri u Immanuel Mifsud, eżempju. Dun Karm fil-'[Il-]Jien u lil hinn Minnu'. Issa barranin imbagħad, inti studjajt il-Franċiż huwx veru? Issa li jiġi f'moħħi huwa Sartre, huwx hekk.

5. **RIĊERKATUR:** Kemm tħoss li l-istudenti tal-lum jagħtu importanza lit-tagħlim tal-letteratura?

   **IS-SUR ROPA:** L-istudenti tal-lum, il-letteratura jitgħallmuha għax bilfors, għax qiegħda għall-eżamijiet. Kieku mhix qiegħda għall-eżamijiet, kieku ftit juru interess. Issa hemm dawk l-istudenti, dawk iż-żgħażagħ li jħobbu l-letteratura, fis-sens li jħobbu, forsi, jaqraw il-Letteratura Ingliża jew il-Letteratura Maltija, imma dan bħala passatemp, bħala gost.

6. **RIĊERKATUR:** Joħroġ ukoll biċ-ċar, u dan deher f'intervisti oħrajn, illi l-istudenti Maltin, m'għandhomx il-ħeġġa jaqraw.

   **IS-SUR ROPA:** Le, assolutament. Lanqas gazzetta, aħseb u ara rumanz jew novelli. L-unika ħin jew ħeġġa li jaqraw huwa, għalija nsejħilhom "ħmerijiet" li jidhru propju fuq is-siti soċjali.

7. **RIĊERKATUR:** Appuntu b'rabta wkoll ma' dan, tħoss li l-importanza mogħtija lejn it-tagħlim tal-letteratura nbidlet maż-żmien?

**IS-SUR ROPA:** Inbidlet, inħoss li xi ftit jew wisq naqset. Jien, pereżempju kelli zijiet tiegħi li ta' tmenin sena dawn kienu għadhom jiftakru poeżiji ta' Ġorġ Pisani, ta' Dun Karm, bl-amment, vers wara l-ieħor. Issa, hemm min jgħidlek li din li titgħallem poeżija bl-amment mhux tajjeb, imma jien naħseb li hemm anke kritiċi letterarji kbar, barranin, li jgħidu li meta inti titgħallem bl-amment, qed tinvesti wkoll f'futur jew inkella fit-tul ukoll. Illum, jien naħseb li minkejja l-ħafna ċertifikazzjonijiet li għandna, naqset l-importanza tal-letteratura.

8. **RIĊERKATUR:** Tħoss li l-letteratura li ngħallmu lill-istudenti, tħalli effett fuqhom u fuq ħajjithom?

   **IS-SUR ROPA:** Fuq xi wħud iva. Ġieli niltaqa' ma' studenti li jgħiduli "tiftakarha dik il-poeżija li għamilna?" jew "dik in-novella li konna qrajna?" U jiena dejjem ngħidilhom li f'dawn il-poeżiji hemm l-esperjenzi li intom jew għaddejtu minnhom diġà, jew qed tgħaddu minnhom bħalissa, jew li għad tgħaddu minnhom. Mela jekk intom illum qegħdin tibku jew ħa tibku għada, il-poeżiji se jurukhom li m'intomx l-ewwel u m'intomx se tkun l-aħħar. Fil-poeżiji u fil-letteratura hemm l-esperjenzi tagħkom u din tarrikkixxihom. Il-poeżija, u l-letteratura inġenerali tgħinhom biex isiru bnedmin u ċittadini aħjar.

9. **RIĊERKATUR:** Jekk ngħaddu għall-isfidi u d-diffikultajiet, x'inhi l-akbar sfida li tiffaċċja inti u tgħallem fit-tagħlim tal-letteratura?

   **IS-SUR ROPA:** Waħda minnhom hija l-għażż. Illum iż-żgħażagħ għandhom ħafna xi jtellifhom u fost l-oħrajn huma s-siti soċjali. Qabel forsi kien hemm ir-radju u t-televiżjoni. Meta kien hemm it-televiżjoni fi żmienna kien hemm it-televiżjoni Taljana. Konna naraw erba' sigħat *cartoons*,[...]. Illum hemm is-siti soċjali, jagħmlulek sagħtejn iqallbu fil-Facebook jew fil-Whatsapp jew ma nafx x'hemm, u ma jitgħallmu kważi xejn. L-isfida hija biex tikkonvinċihom jagħmlu siegħa qari jew siegħa reviżjoni minflok joqogħdu jagħmlu siegħa jaraw il-Youtube, jaraw il-vines u ħmerijiet kollha li jidhru hemmhekk.

10. **RIĊERKATUR:** Jekk ngħaddu mbagħad għat-temi partikolari, liema tħoss li huma l-aktar diffiċli li tgħallimhom lill-istudenti?

    **IS-SUR ROPA:** Jien ma nħossx li hemm xi tema partikolari. Jiena nħobb nadatta ħafna għall-istudenti li jkolli quddiemi, u jekk tippreżenta t-tema b'mod ċar kemm jista' jkun, b'mod sempliċi, kapaċi jifhmu kollox. Qabel, mhux is-sillabu l-antik imma ta' qablu, kien hemm erba' temi. Waħda minnhom kienet it-tema Eżistenzjalista mbagħad neħħewha. Però, it-tema eżistenzjali kienet tema li titkellem dwar niket, is-solitudni, il-baħħ, l-angst, eċċetra. Illum inħoss li l-mod ta' kif kont nippreżentahom kienu jħossu li anke huma jgħaddu minn dawn il-mumenti, jiġifieri ma nħossx illi hemm tema partikolarment iktar diffiċli mill-oħrajn.

11. **RIĊERKATUR:** Pereżempju, jekk niffukaw fuq tema partikolari, ngħidu aħna l-libertà jew l-identità jew ir-reliġjon, u għandek studenti quddiemek li qed jiffaċċjaw dawn it-tip ta' mistoqsijiet li qed tippreżenta l-letteratura, waqt li għandek oħrajn li forsi mhux jifhmu. Tħoss li tagħmilha iktar diffiċli għall-istudenti biex jifhmu x'qed jingħad fil-letteratura, jekk mhux jesperjenzawha l-ħaġa?

    **IS-SUR ROPA:** Jiena nemmen u ngħidilhom li l-poeżija tgħallimna nitgħallmu mill-esperjenzi ta' ħaddieħor, jiġifieri l-poeżiji jitkellmu anke dwar it-Tieni Gwerra Dinjija, dwar minn xiex għaddew in-nanniet tagħna jew hemm min in-nanniet tiegħu lanqas għaddew mit-Tieni

Gwerra, imma xorta waħda qegħdin jgħallmuna, u jgħidulna li dawn Maltin bħalna, tmenin sena ilu, għaddew minn din l-esperjenza. Jiġifieri l-letteratura tgħina ngħixu esperjenzi li aħna għadna m'għaddejniex minnhom. Tista' tkun il-mewt tal-omm pereżempju, jew il-mewt ta' zija, għadna m'għaddejniex minnhom imma hemmhekk qed tippreparana jew qed iġġegħilna nħossu xi jħoss il-bniedem f'mumenti u esperjenzi bħal dawk.

12. **RIĊERKATUR:** U meta jkollok student li għadda minnhom dawn l-affarijiet imbagħad, l-effett li tħalli fuqu l-letteratura, jagħmilha diffiċli għalik biex tgħallimha? Pereżempju jekk taf li għandek student li xahar ilu mietet ommu?

    **IS-SUR ROPA:** Lanqas xejn. Jien pereżempju, kelli din l-esperjenza fejn għallimt student u għadni qed ngħallmu, fejn l-ewwel sena li għallimtu kien għadu jara però kellu ċertu problemi ta' saħħa. Dan imbagħad it-tieni sena qabiżha, m'għamilhiex, però reġa' rrepeta l-ewwel sena, u tilef id-dawl t'għajnejh. U waħda mill-poeżiji li nagħmluha hija 'Għamja' ta' Ġużè Delia, u għamiltha meta hu kien hemm fil-klassi u hu qalli "sir, din ħa tagħmilha biex tiġbidli saqajja?" Bla ma niċċajta, għidltu "le ħa nagħmilha u naf li inti se tifhem iktar u inti hawnhekk għandu jħossok f'pożizzjoni pprivileġġjata għaliex qed turina, li minkejja li m'intix tara, però għandek sensi oħrajn li qegħdin ipattu għal dak is-sens li għandek nieqes illum. U fl-istess ħin qed tgħallem lil ħaddieħor biex japprezza li għandu u fl-istess ħin isiru konxji tas-sitwazzjoni tiegħek." Jiġifieri din, issaħħaħ tista' basta tippreżentaha b'mod pożittiv, ħa ngħidu hekk.

13. **RIĊERKATUR:** Liema perjodu mil-Letteratura Maltija, taħseb li jittrattata l-aktar il-ħsibijiet b'rabta mal-ħajja tal-bniedem, l-eżistenza?

    **IS-SUR ROPA:** Dun Karm li twieled fis-Seklu Dsatax u sal-bidu tat-tieni nofs tas-Seklu Għoxrin, kiteb 'Il-Jien u lil hinn Minnu'. Jittratta problemi problematiċi bħalma huma problemi eżistenzjalisti. Però mbagħad għandna l-poeżija moderna wkoll li tittratta din it-tema. Għandna lil Oliver Friggieri, għandna lil Mario Azzopardi fost l-oħrajn. Dawn huma l-kbar. Ma nħossx illi hemm perjodu partikolari, għalkemm l-Eżistenzjaliżmu mbagħad bħala moviment, huwa fenomenu kemxejn iktar kontemporanju ħa ngħidu hekk.

14. **RIĊERKATUR:** Jidher ukoll fi drammi, f'narrattiva, pereżempju jekk nieħdu *Menz* ta' Francis Ebejer jew anke *Leli ta' Ħaż-Żgħir*.

    **IS-SUR ROPA:** Eżattament. Jien qed nitkellem l-aktar dwar il-poeżija għaliex l-iktar li nikkonċentra huwa propju fuq it-tagħlim tal-poeżija.

15. **RIĊERKATUR:** Matul is-sena li għaddiet, kellek testi letterarji li jittrattaw it-tema tal-libertà jew anke n-nuqqas tal-libertà f'test pereżempju ta' poeżija?

    **IS-SUR ROPA:** Libertà u n-nuqqas ta' libertà. Testi ta' poeżija jiena niftakar fil-poeżiji li jitkellmu dwar l-Assedju l-Kbir pereżempju, jew inkella dwar it-Tieni Gwerra Dinjija, jew inkella l-poeżiji li ġew qabel l-Indipendenza, fis-sens li bosta poeti kitbu dwar dan il-poplu li għal tant sekli ma kienx liberu, ma kienx ħieles, ma kienx indipendenti.

16. **RIĊERKATUR:** Pereżempju 'Jum ir-Rebħ' ta' Rużar Briffa

**IS-SUR ROPA:** Eżatt, fost l-oħrajn, inkella '[i]l-Għanja tar-Rebħa', u numru ta' poeżiji oħrajn fosthom 'Għanja lil Malta' ta' Delia, eċċetra.

17. **RIĊERKATUR:** Issa pereżempju qbadna l-poeżiji ta' Dun Karm. Issa waħda mill-poeżiji fost l-oħrajn, tema, li l-istess dehret f'numru ta' intervisti, Dun Karm jitkellem b'mod espliċitu kontra l-Iżlam, kontra l-Mislem. Issa, meta inti għandek pereżempju fil-klassi studenti li huma Musulmani jew li ġejjin minn familja ta' tħaddin Musulman, kif tħoss li inti għandek twassal it-tema li qed iwassal Dun Karm, għal studenti li huma ta' twemmin ieħor?

    **IS-SUR ROPA:** S'issa ma kellix din is-sitwazzjoni, però nista' nwieġbek pereżempju, bħala tweġiba għall-poeżija 'Il-Għanja tar-Rebħa' ta' Dun Karm hemm imbagħad 'Lit-Tork' ta' J.J. Camilleri. Dik hija poeżija li tista' tinqara llum u hija attwalissima għax hija kontra l-preġudizzji kemm razzjali kif ukoll ta' twemmin. Jiena dejjem infakkarhom illi Dun Karm kien qassis, mela mhux suppost wera dan, mhux mibegħda ta', imma huwa kien qed jikteb fis-sens metaforiku. Qed jikteb dwar dan iż-żmien Seklu Sittax meta kien hemm Musulmani li kienu jiġġieldu kontra Malta. Dejjem ngħidilhom li l-poeżija trid titqiegħed propju fil-kuntest li qiegħda tiddeskrivi, kuntest storiku, u dan ivarja minn qabel għal-lum.

18. **RIĊERKATUR:** Matul is-sena li għaddiet, kellek testi letterarji li jittrattaw it-tema tar-reliġjon jew twemmin u l-ispiritwalità?

    **IS-SUR ROPA:** Kellna bosta. Ibda pereżempju mill-poeżiji ta' Dun Karm, fejn għandek l-Istorja ta' Malta marbuta mat-twemmin, jew eżempju l-istess il-poeżiji tat-Tieni Gwerra Dinjija, x'żamm il-poplu Malti b'saħħtu, magħqud. Kien ukoll it-twemmin, imma mbagħad it-twemmin jidħol anke fil-poeżija moderna, kif taf, pereżempju 'Duluri – purċissjoni oħra' jew 'Pitirross' ta' Mario Azzopardi u Victor Fenech rispettivament, dawn kollha jitkellmu dwar twemmin.

19. **RIĊERKATUR:** Meta tagħżel ix-xogħol letterarju, kemm tqis li t-temi humiex adattati għall-istudenti?

    **IS-SUR ROPA:** Il-poeżiji norbothom mat-temi. Issa fl-aħħar mill-aħħar, la qegħdin fi ktieb magħżulin minn professur, ma naħsibx li hemm poeżija adattata għall-istudenti, poeżija adattata għax-xjuħ, poeżiji adattati għall-kbar. Jien naħseb li l-poeżiji huma poeżiji miktubin biex jinqraw. Issa kapaċi jaqraha tifel ta' għaxar snin jifhimha mod, kapaċi jaqraha student ta' għoxrin sena jifhimha mod, kapaċi jaqraha bniedem imġarrab ta' erbgħin, ħamsin sena jifhimha mod, jiena meta nagħżel il-poeżiji ngħid l-importanza tagħhom u tal-kontenut tagħhom, kif jintrabat mat-tema li nkun qiegħed nittratta. Kif nista' din it-tema narrikkixxiha permezz tal-poeżiji li nagħżel?

20. **RIĊERKATUR:** Ma tħossx li hemm suġġett jew tema partikolari illi tgħid "ma nistax ngħallimha lill-istudenti"?

    **IS-SUR ROPA:** Jiena qed niftakar pereżempju waħda mill-poeżiji, ta' Francis Galea dwar id-drogat.

21. **RIĊERKATUR:** 'Miet Drogat'.

**IS-SUR ROPA:** 'Miet Drogat', dik hi grazzi. Ma kontx inħoss illi huwa suġġett tabù. Pereżempju qed niftakar f'poeżija oħra li nagħmlu llum, jisimha 'Inċest'.

22. **RIĊERKATUR:** 'Inċest' ta' Mario Azzopardi hux hekk?

    **IS-SUR ROPA:** Tajjeb. Għandu ċertu diskors hemmhekk meta jgħid "[l-i]żverġnat minn ommi stess". Illum ngħallem studenti ta' sittax, tmintax-il sena, għalkemm jidħqu u xi kultant jistgħaġbu, però fl-aħħar mill-aħħar jifhmu illi hemmhekk għandna diskors jew letterali, għax qed jitkellem dwar problema tad-droga pereżempju, jew inkella metaforiku, figurattivi, inċest, eċċetra.

23. **RIĊERKATUR:** Jiġifieri ma tħosshiex diffiċli illi tgħid poeżija bħal 'Inċest' pereżempju, ma nasalx ngħallimha?

    **IS-SUR ROPA:** Le, għaliex din postsekondarja wara kollox, qed ngħallmu aħna studenti li dawn għandhom anke d-dritt li jivvutaw, sewwa? Mela m'għandix għalfejn inħossni skomdu. Huma nies li suppost qed jiġu ppreparati biex ikunu ċittadini oġġettivi, razzjonali. Ma nħossx li qed tgħid int.

24. **RIĊERKATUR:** Tagħmel differenza fl-għażliet bejn lezzjonijiet ta' livell Avvanzat u dawk ta' livell Intermedju?

    **IS-SUR ROPA:** Le. Meta niġi għat-trattament tal-poeżiji, le, ma nagħmilx differenza jiena. Forsi f'tal-Avvanzat ikolli ngħaġġel daqsxejn iktar minħabba l-volum.

25. **RIĊERKATUR:** Anke tfannad f'poeżija bl-istess mod.

    **IS-SUR ROPA:** Eżattament. L-uniku differenza tkun li l-Intermedju jkollna siegħa fil-ġimgħa u f'dik is-siegħa forsi jkolli ċans nelabora daqsxejn iżjed dwar poeżija. F'tal-Avvanzat, minflok ikolli siegħa, ikolli żewġ erbgħinijiet pereżempju, u ċerti dettalji, ma nsemmihomx mill-ewwel forsi. Imma jien dejjem inħalli mbagħad fl-aħħar tal-kors, għax inlesti qabel mhux ħażin, inħalli ħin għar-reviżjoni. U f'dik ir-reviżjoni jerġgħu joħorġu bosta affarijiet li għamilna u anke ċerti affarijiet li ma nkunux għamilna.

26. **RIĊERKATUR:** Li ma jkunux intqalu. Meta tiġi għall-preparazzjoni tal-lezzjoni, talloka ħin biex l-istudenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom?

    **IS-SUR ROPA:** Jiena, jekk se nitkellmu dwar kotba ta' sillabu antik, dak is-sillabu huwa antikissimu, jiġifieri wasalt fi stat fejn ma nippreparax, għaliex il-poeżiji kważi nafhom bil-paġna fejn qegħdin u sirna anke nagħmlu *cross-referencing* u fejn tintuża l-kelma "swar" u fejn "wied", u fejn "xemx", kemm-il darba tirrepeti ruħha. Kif kienet il-mistoqsija eżatt?

27. **RIĊERKATUR:** Jekk tallokax ħin biex l-istudenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom.

    **IS-SUR ROPA:** Issa meta jiena nkun qed nispjega l-poeżija fil-klassi, jiena ħin kollu huma liberi dawn jgħollu subgħajhom u jgħidu "le, jien qed nifhimha b'dak il-mod" u hemm interpretazzjonijiet li ġieli ngħidilhom "le, ma jistax ikun", sewwa. Infakkar, pereżempju, li l-poeta huwa saċerdot, mela ma jistax ikun pereżempju li qed jitkellem dwar il-mara tiegħu. U hemm ċerti interpretazzjonijiet u ħsibijiet, li ġieli joħorġu bihom u ngħidilhom "din ma ħsibtx

dwarha jiena, ħa niktibha". Jiġifieri permezz tal-ħsibijiet tal-istudenti, ġieli jiena stess, inkompli nibni fin-noti tiegħi.

28. **RIĊERKATUR:** Jiġifieri tħoss li dan il-proċess huwa importanti ħafna għalik wkoll u anke iktar u iktar għall-istudenti?

    **IS-SUR ROPA:** Eżattament. U fl-istess ħin, l-istudenti jħossuhom anke sodisfatti. Il-fatt illi qed jipparteċipaw. Li ġieli anke qed jikkontribwixxu biex jarrikkixxu fl-interpretazzjoni tat-test letterarju eżatt.

29. **RIĊERKATUR:** Kemm tqis li l-lezzjonijiet jappellaw għall-ħsibijiet, l-esperjenzi u l-emozzjonijiet tal-istudenti?

    **IS-SUR ROPA:** Insomma din il-mistoqsija qisha tixbah li waħda li għidna, huwx hekk?

30. **RIĊERKATUR:** Hekk hu.

    **IS-SUR ROPA:** Kif għidt qabel, il-poeżija, aħna għandna l-antik sewwa, nagħmlu t-tema pajsaġġ, it-tema relazzjonijiet umani, u t-tema Ġens Malti. It-tema Ġens Malti, illum iktar minn qabel, saret attwali għax tgħallimna jew tfakkarna għaliex aħna Maltin. X'jagħmilna Maltin sewwa. Aħna żgħar, però, aħna għandna wkoll elementi li juruna, li minkejja li żgħar, aħna poplu m'għandniex għalfejn nistħu, aħna b'saħħitna wkoll. Ir-relazzjonijiet umani huwa suġġett illi jitkellem dwar l-imħabba, dwar il-mewt, dwar ir-rispett lejn in-nies ta' madwarna, dwar meta inti ssir missier jew omm, jiġifieri dawn huma suġġetti li jappellaw. It-tema pajsaġġ terġa' takkwista importanza kbira, il-qerda tal-ambjent fost oħrajn, sewwa. Qed nerġgħu ngħixu, fejn jidħol pajsaġġ, is-sitwazzjoni, kont qed ngħidilhom pereżempju, li konna għaddejjin minnha fis-sittinijiet, il-*boom* fil-popolazzjoni, tajjeb, il-*boom* fil-bini u l-idea li anke qed jerġa' jonqos il-pajsaġġ naturali. Din l-istess problema li kellna fis-sittinijiet, qed terġa' tirrepeti ruħha llum il-ġurnata. Dawn huma poeżiji li qed jappellaw għall-esperjenzi tal-istudenti.

31. **RIĊERKATUR:** Kemm inti konxju mill-fatt, li xi studenti, fil-lezzjonijiet tiegħek, ikunu qegħdin jissuperaw problemi ta' xeħta personali, ngħidu aħna l-identità individwali tagħhom jew mistoqsijiet dwar il-fidi?

    **IS-SUR ROPA:** Jiena ili numru ta' snin ngħallem, jiġifieri bl-esperjenza tinduna xi kultant li forsi għidt xi ħaġa u lqatt bla ma taf, lil xi ħadd. Tinduna mill-ħarsa tiegħu/tagħha jew ġieli jaqbad jibki pereżempju. U allura, l-esperjenza tgħallmek toqgħod daqsxejn attent kif tippreżenta ċerti affarijiet. Però, meta jiġru dawn l-affarijiet, qisha prova tal-fatt li l-poeżiji jmissu l-ġewwieni ta' min qed jaqrahom, l-udjenza jew is-semmiegħ tagħhom. U l-fatt li meta inti qed tispjega poeżija jew taqraha, jibki jew jirrabja l-istudent, dik hija konferma ta' kemm l-istudent fehma fl-istess ħin. Qiegħed jitwaħħad ma' dak li ntqal fil-poeżija.

32. **RIĊERKATUR:** L-attitudni tiegħek pereżempju, għandek student qed tagħmel poeżija pereżempju 'Jum San Valentin' u għandek student li nfaqagħlek jibki f'lezzjoni għax jgħidlek telqitni t-tfajla ġimgħa qabel, jew qed tagħmel 'Niftakar' u għandek student li jgħidlek "miet missieri ġimgħa qabel."

    **IS-SUR ROPA:** Jista' pereżempju jkollu l-ġenituri mifruda.

33. **RIĊERKATUR:** Hekk hu. L-attitudni tiegħek għat-tema, kif twassal it-tema lill-istudenti, tinbidel jew xorta waħda la inti pjanajt li twassal dak il-messaġġ, twasslu?

**IS-SUR ROPA:** Le jiena xorta, la tkun parti mil-lista, xorta nagħmilha. Meta mbagħad ikolli studenti li qed jgħaddu minn din l-esperjenza, ngħidlhom "din hija esperjenza li xi ħadd għaddej minnha llum, xi ħadd għadda minnha lbieraħ, u xi ħadd kapaċi jgħaddi minnha għada", jiġifieri min m'għaddiex minnha, iħossu ppreparat. Min qed jgħaddi minnha, qed iħossha bħalissa. Min għadda minnha diġà, jaf dwar xiex se nitkellmu jew dwar xiex qegħdin naqraw bħalissa. La l-poeżija qiegħda fil-lista tiegħi, jiena nħoss li għandi nagħmilha, għaliex il-poeżija hi dik li tgħallmek mill-esperjenzi ta' ħaddieħor.

34. **RIĊERKATUR:** Jiġifieri, anke abbażi ta' dak li għidt, tkun konxju ħafna tal-fatt li jista' jkun li xi temi li se tittratta ma' xi studenti, qed jgħixuhom jew qed jgħaddu minnhom huma stess.

**IS-SUR ROPA:** Iva, llum trid u ma tridx tiftakar, u iktar u iktar fejn jidħlu relazzjonijiet umani fost oħrajn. Anke twemmin, sewwa. Illum għandek parti kbira tal-popolazzjoni fejn qed titkellem dwar twemmin, imma eżattament x'inhu dan it-twemmin ma nafux.

35. **RIĊERKATUR:** Taħseb li studenti, ta' bejn sittax u tmintax-il sena, huma maturi jew preparati biżżejjed għal testi li jitkellmu fost l-oħrajn fuq il-ħajja jew fuq il-mewt?

**IS-SUR ROPA:** Fuq il-ħajja u l-mewt, naħseb illi huma lesti, bħalma xi wħud jgħidu pereżempju li huma lesti li jitkellmu dwar is-sess. Però jien wieħed minn dawk li jgħiduli konservattivi, imma nippreferi nittratta, f'din l-età, temi bħalma huma l-ħajja u l-mewt, u temi bejn virgoletti "tabù" bħalma huwa s-sess, nippreferi li dawk jiġu posposti għal-livell universitarju pereżempju.

36. **RIĊERKATUR:** Hemm forsi xi raġuni wara din?

**IS-SUR ROPA:** Hemm xi raġuni għax iva, illum hemm testi, mhux fil-Malti biss sewwa anke barra, min jikteb it-testi Maltin jgħidlek "mela inti meta naqra r-rumanzi Ingliżi li rebħu dak il-premju, m'humiex mimlijin kliem ħażin pereżempju, m'humiex mimlijin b'deskrizzjonijiet ta' natura sesswali? Mela għaliex aħna m'għandniex ninkluduhom ukoll?" Jiena nħoss illi studenti ta' sittax tmintax-il sena, dan it-tip ta' kontenut għadu kmieni għalihom. Anke għax jista' jkun jagħtihom l-idea ta' libertinaġġ, jagħtihom l-idea li hemm ċerti valuri li nistgħu ngħaddu mingħajrhom. Apparti hekk, inħoss li hemm min iressaq l-istudenti lejn il-Letteratura Maltija permezz ta' testi bħal dawn biex iħajjarhom jaqraw. Personalment, inħoss li hemm Letteratura Maltija aħjar minn hekk li tista' tintuża fil-klassi biex tħajjar lill-istudenti joqorbu lejn il-qasam letterarju Malti. Mela jien nippreferi li student ikun daqsxejn iktar matur biex ikun jista' iktar jiżen bejn ħaġa u oħra.

37. **RIĊERKATUR:** Anke jekk lokalment u anke internazzjonalment qed naraw iktar importanza u iktar għarfien għal kunċetti pereżempju tad-drittijiet, omosesswalità, libertajiet ċivili, xorta tħoss li għall-età ta' livell postsekondarju, hemm ċerti temi li jikkwalifikaw u oħrajn le?

**IS-SUR ROPA:** Iva, dan kif għidt qabel u kontra li għidt qabel. Għalkemm l-istudenti llum ta' sittax għandhom id-dritt għall-vot, ma jfissirx li għandhom jinfetħu t-twieqi kollha għall-esperjenzi kollha tal-ħajja, sewwa, u nafu li dawn huma f'kuntatt magħhom permezz tas-siti soċjali. Però, ma nħossx illi test letterarju l-iskola, għandu jkompli jimbuttahom biex iħaddnu

ċerti eżempji li jiena nqishom bħala negattivi jew mhux f'waqthom għalissa. Jiena nippreferi ntihom daqsxejn iktar snin biex ikunu preparati daqsxejn iktar, iktar maturi biex jaqraw ċerti testi ta' din in-natura.

38. **RIĊERKATUR:** Issa, anke f'intervista preċedenti, ħareġ ukoll il-fatt li t-tendenza tal-Letteratura Maltija, mhix waħda negattiva għal kollox, imma anke wħud mit-temi u t-testi li nippreżentaw lill-istudenti għandhom xeħta negattiva, ejja ngħidu hekk, lejn il-ħajja forsi jew lejn l-ambjent, jew lejn il-barrani. Tħoss li l-istudenti, adolexxenti ta' bejn sittax u tmintax-il sena, kważi kważi adulti, għandna nippreżentawlhom testi li juru l-ħajja b'mod pożittiv?

    **IS-SUR ROPA:** Iva, jien inħoss pereżempju għaliex m'għandhomx jidħlu fis-sillabu, testi , bħalissa mingħajr ma naħseb ħafna, *L-Istejjer tar-Ronnie*, forsi test daqsxejn iktar hekk ma nafx. *L-Istejjer tar-Ronnie* huma għall-adulti wkoll, però hemm il-lat ta' komiċità fih, hemm il-lat fejn inti tista' toħloq tbissima. Huwa fl-istess ħin mera tal-Kultura Maltija wkoll, imma jien qed insemmi dak bħala eżempju wieħed, illi fil-Letteratura Maltija għandna kittieba, li iva ma jiktbux biss dwar suwiċidju, dwar disperazzjoni, dwar masturbazzjoni, sess u fissazzjoni sewwa, imma nħoss li xi drabi għandna wkoll ninkludu kotba bħal dawk. F'moħħi għandi kotba ta' kittieba bħal Lina Brockdorff, li hemm min iddeskriva l-kitba tagħha bħala *soap*, u Charles Casha.

39. **RIĊERKATUR:** Biex nagħlqu bl-aħħar mistoqsija, ġieli kien hemm sitwazzjonijiet fejn bdilt id-deċiżjoni ta' tagħlim ta' testi minħabba ċirkostanzi li jaffettwaw lill-istudenti?

    **IS-SUR ROPA:** Inti testi, jiena nimmaġina hawnhekk poeżiji, għaliex aħna bħala għalliema, m'għandniex għażla fejn jidħlu testi oħrajn. Jiġifieri ma nistax ngħid "ara *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ma rridx nagħmlu, mela ħa ngħallem test ieħor", għax *Leli ta' Ħaż-Żgħir* hu parti mis-sillabu. Jiġifieri qed titkellem dwar testi fil-qasam tal-poeżija u daqshekk. Jimporta terġa' tgħidli l-mistoqsija ħa nwieġbek?

40. **RIĊERKATUR:** Ġieli kien hemm sitwazzjonijiet fejn pereżempju għandek studenti li qed tħoss eżempju lil Achille Mizzi m'humiex jifhmuh, jew lil Maria Grech Ganado qegħdin isibuha diffiċli biex jifhmu l-poeżiji u l-ħsieb tagħha. Tasal tibdel għażla li tkun għamilt, anke minħabba forsi studenti li tħosshom mhux jifhmu jew li jiġu javviċinawk jgħidulek "qed insibuha diffiċli"?

    **IS-SUR ROPA:** Jekk ħa nitkellmu dwar is-sillabu l-antik, fejn tidħol il-poeżija, tliet temi u jħalluk miftuħ. Jiena dejjem kont bniedem illi nqis l-età li qiegħed nindirizza u ngħid "ara kieku jien kont minflokhom dawn, din il-poeżija, jekk ħa nsib għalliem bħali kif ħa jispjegaha, ħa nifhimha jew le?" Allura kemm jista' jkun, insib poeżiji li m'humiex daqstant kumplessi sa hemm. Issa hemm testi kumplessi bħal 'Borki' ta' Daniel Massa, 'Ariżona' ta' Achille Mizzi, u hemm 'Dwett' ta' Mario Azzopardi. Dawn xi wħud milli nagħżel jien. Huma kumplessi, però mhumiex daqstant kumplessi jekk tispjegahom. Jien l-għażla tiegħi dejjem kemm jista' jkunu jkunu poeżiji, li iva jagħtu idea tajba tal-Letteratura Maltija, però li jkunu jistgħu jifhmuhom. Nammetti li fis-sillabu l-antik ippreferejt il-poeżiji ta' Pawlu Aquilina, minflok dawk ta' Maria Grech Ganado, għax ħassejt li tal-ewwel huma inqas kumplessi minn tat-tieni, u ridt ukoll nagħti l-okkażjoni biex jitberrħu l-versi ta' poeta li ftit jafuh. Issa fis-sillabu l-ġdid pereżempju daħlu l-poeżiji ta' Oliver Friggieri, qed nagħmluhom mill-ġdid, *Taħt il-Fanal hemm Ħarstek Tixgħel*, u hemm ċerti poeżiji huma poeżiji ermetiċi għall-aħħar. Konna qed nagħmlu

'Ħarstek vjola tkanta', qrajnieha xi erba' darbiet u għamilna siegħa u għoxrin minuta għaddejjin. Jew il-poeżija ta' Simone Galea. Hemm x'tgħid, però naħseb illi bil-metodu jew bil-mezzi korretti, kif inti tistaqsihom ċerti mistoqsijiet, fl-aħħar mill-aħħar jaslu, u jaslu biex anke jifhmu ċerti affarijiet li forsi inti ma tifhimx mill-ewwel ukoll.

41. **RIĊERKATUR:** Jiġifieri anke l-proċess ta' x'mistoqsijiet tistaqsi lill-istudenti jaffettwa ukoll l-abbiltà tagħhom kif ser jifhmu testi li jistgħu joffru sfida?

**IS-SUR ROPA:** L-għalliem imbagħad bl-esperjenza, bil-mod il-mod jitgħallem u jgħid "ara din hija tip ta' klassi fejn jekk insaqsihom dawk it-tip ta' mistoqsijiet, kapaċi huma jaslu għas-soluzzjoni." Jiena naħseb li bl-esperjenza li għandi, qabel meta kont għadni fil-bidu, fejn kien hemm il-poeżija Moderna kont insibha diffiċli, però bl-esperjenza, u iktar kemm jgħaddi żmien, itaffi ħafna. U l-lezzjoni ssir iktar djalogu bejn student u għalliem milli biss għalliem ipaċpaċ u studenti qishom kontenituri, jiktbu biss.

42. **RIĊERKATUR:** Issa appuntu fuq dan, nixtieq inżid ukoll għaliex tidher ħafna. Għandna tendenza li l-istudenti Maltin ma jipparteċipawx daqshekk fil-lezzjonijiet, imma jippreferu jieħdu noti, kważi kważi benfatt ta' x'jgħid l-għalliem. Tħoss li dan huwa preżenti llum il-ġurnata, minflok li l-istudenti qed jipparteċipaw?

**IS-SUR ROPA:** Iva. Jekk ma tiġbdilhomx l-attenzjoni, hekk jagħmlu. Iġegħluk timxi bil-mod, "sir erġa' rrepeti li għidt", "sir imxi bil-mod", kważi kważi jġegħluk tiddetta. Però jekk inti sserħilhom rashom, tgħidilhom "dawn se nerġgħu nagħmluhom", "se nerġgħu nirrepetuhom iktar tard", jew inkella "'il quddiem se ntikom sett ta' noti li jistgħu jgħinukom". Jew inkella "tiktbux kelma kelma, imma l-ewwel ifhmu x'qed ngħid". Jien inħobb nuża ħafna l-*whiteboard* pereżempju, ngħidilhom "ara minn dak kollu li għidt issa, tkellimna fuq dawn il-ħames punti, wieħed tnejn tlieta erbgħa ħamsa, jekk tiftakar dawk il-ħamsa tista' terġa' tgħid, tista' terġa' tirrepeti dak kollu li għidt jiena". Jiġifieri trid ukoll inti, tgħallem lill-istudenti, kif minn dak kollu li jisimgħu, jagħżlu l-iktar affarijiet importanti.

43. **RIĊERKATUR:** Dak kollox. Grazzi ħafna.

**IS-SUR ROPA:** Awguri.

# Appendiċi 9 – L-intervista mas-Sur Inglott

It-Tlieta 12 ta' Novembru, 2019
Ħal Lija, Malta. Mill-10:55 sal-11:31

1. **RIĊERKATUR:** Fl-istudji akkademiċi tiegħek iffokajt fuq liema qasam tal-Malti?

   **IS-SUR INGLOTT:** Fuq il-letteratura l-aktar. [...].

2. **RIĊERKATUR:** Għaliex taħseb li ngħallmu l-Letteratura Maltija fl-iskejjel?

   **IS-SUR INGLOTT:** L-ewwel nett, il-letteratura ġġiegħlek taħseb. It-tieni jkollhom idea ta' forom artistiċi u l-aspetti kulturali. Min jagħżel li jistudja l-Malti u l-lingwi l-oħra, bħall-Ingliż u t-Taljan, jagħżlu li jitgħallmu l-Letteratura Maltija u naħseb din tgħinhom fl-identità tagħhom, fl-aspett kulturali tagħhom. Il-letteratura ġġiegħlek taħseb.

3. **RIĊERKATUR:** Jiġi xi kittieb lokali jew barrani f'moħħok meta tisma' l-kelma Eżistenzjaliżmu?

   **IS-SUR INGLOTT:** L-Eżistenzjaliżmu kont inħobbu ħafna. Meta nsemmu lil Jean Paul Sartre pereżempju. Imma l-aktar li jogħġobni hu l-eżistenzjaliżmu mgħammed, bħal Gabriel Marcel, Pascal, u hemm oħrajn li ġieli qrajt xogħlijiet tagħhom. Inħobbu ħafna l-eżistenzjaliżmu.

4. **RIĊERKATUR:** Kemm tħoss li l-istudenti tal-ġurnata jagħtu importanza lit-tagħlim tal-letteratura?

   **IS-SUR INGLOTT:** Jiddependi. Jiddependi kemm il-letteratura hija relevanti għalihom. Anke t-temi li niltaqgħu magħhom fil-letteratura wkoll jagħmlu differenza għalihom. Fil-fatt issa jekk wieħed jara s-sillabi l-ġodda, jidhru li qegħdin jagħtu każ dawn it-temi. Eżempju bħalissa qed ngħallem temi li qabel qatt ma għallimthom jew konna nidħlu fihom. Temi ta' emigrazzjoni eżempju, jew temi ta' femminiżmu li fil-poeżija Romantika ftit li xejn jidhru. Għalkemm fil-letteratura tista' tqajjem kull argument. Tista' tistudja l-Letteratura Griega u fiha tqajjem punti kurrenti li għaddejjin minnhom illum. Għax meta tkun letteratura universali, din tibqa' tgħodd għal kull żmien.

5. **RIĊERKATUR:** Kif jagħmel Achille Mizzi eżempju fil-poeżiji tiegħu.

   **IS-SUR INGLOTT:** Hekk hu, kieku t-temi mhumiex univerali kieku ma nistudjawx lil Shakespeare iktar.

6. **RIĊERKATUR:** Kemm tħoss li l-letteratura li ngħallmu lill-istudenti tħalli effett fuqhom u fuq ħajjithom.

   **IS-SUR INGLOTT:** Issa dak jiddependi mill-għalliem x'tip ta' diskussjonijiet u x'aspetti jieħu mis-siltiet jew il-poeżiji li jkollu quddiemu. Hemm minnhom joħorġu waħidhom imma hemm oħrajn li xogħol l-għalliem hu li jindika u jdawwal it-triq biex ngħid hekk. Għax wara kollox inti ma tgħallem xejn, inti għandek fanal ċkejken u x-xogħol tiegħek hu li turihom il-mogħdija

u jitgħallmu huma. L-edukazzjoni mhix kaxxa postali li timposta fiha jew tazza u qed timlieha bl-ilma kif kienu jaħsbu qabel. It-tagħlim huwa żvilupp, bħal pjanta qed tikber u tiżviluppa u tisbieħ. Issa l-effett jiddependi minn liema lenti u x'aspetti jara u jilmaħ u jimraħ fihom

7. **RIĊERKATUR:** Appuntu kemm jagħmilhom relevanti għall-ħajja tal-istudenti li jistgħu jirrelataw ma' xogħol letterarju. X'inhi l-akbar sfida li taffaċċja fit-tagħlim tal-letteratura?

   **IS-SUR INGLOTT:** Propju din, ir-relevanza. Sfortunatament ħafna mill-istudenti jassoċjaw il-letteratura mal-eżami. Jiġifieri ħa jkollok persentaġġ qawwi, u persentaġġ kbir minnhom, li meta jgħaddi l-eżami jekk nieħdu l-poeżija eżempju, qatt mhu ser jaqraw poeżija oħra dawn.

8. **RIĊERKATUR:** Jew anke għax ma jistudjawx fuq il-Malti eżempju.

   **IS-SUR INGLOTT:** Lanqas jekk ikunu qed jistudjaw bl-Ingliż, il-Franċiż jew it-Taljan. Għal ħafna minnhom il-letteratura tasal sal-eżami. Li jmissu magħha imbagħad, jekk imorru jaraw dramm, jekk ikun hemm biċċa xogħol letterarja li tinħadem *on-screen*, jiġifieri ssir film. Hemm ħafna minnhom imbagħad taħdem bil-maqlub. Eżempju ħadd ma jkun qara l-*Iliad* ta' Omeru imma jkunu raw il-film *Troy*.

9. **RIĊERKATUR:** Jew inkella raw il-films ta' *Harry Potter* imma qatt ma qraw il-kotba.

   **IS-SUR INGLOTT:** Hekk hu. Imma jiena hekk narahom lill-istudenti. Dawn jistudjaw għall-eżami u ħafna drabi l-letteratura ssir "uff xi dwejjaq". Allura jien nipprova ngħidilhom li l-letteratura qiegħda hemm biex tagħtina gost. Issa imbagħad l-eżami jrid isir ukoll. Ngħidilhom li qiegħda hemm biex tagħti pjaċir, bħall-arti kollha.

10. **RIĊERKATUR:** Taħseb li jimpatta l-fatt ukoll, li b'mod ġenerali, l-istudenti Maltin ma jħobbux jaqraw?

    **IS-SUR INGLOTT:** Ħafna minnhom l-istudenti, meta nitkellem magħhom, jgħiduli li nixtiequ naqraw. Imma bejn is-sillabi, u l-friegħi kollha li għandhom f'ħajjithom, jaqraw biss dak kollu li għandu x'jaqsam mal-eżami, meta jaqrawh. Daż-żmien, biċċiet mill-istudenti, għandhom *part-time job*. Mhux l-ewwel darba nara lil xi ħadd jongħos għax ikun jaħdem tard filgħaxija. Jew jaħdem u jkun irid imur jistudja. Nistagħġeb kif ilaħħqu għax aħna konna nagħmlu ħinijiet nistudjaw biss, u bilkemm inlaħħqu. Aħseb u ara kif ser tlaħħaq max-xogħol. Imma dawn huma l-eżiġenzi tas-soċjetà li qegħdin ngħixu fiha. Għax dawn kollha jridu mowbajl, jixtru karozza, il-mod kif jilbsu. Hemm l-aspett finanzjarju li wkoll qed itellifhom, għax biex jaħsbu għalih qed jieħdu ħafna mill-ħin. Allura, meta jkunu liberi dawn, peress li l-letteratura għalihom saret kastig għax marbuta mal-eżami, mhux ser joqgħod jaqra poeżija jew ktieb letterarju. Iżda hemm oħrajn li ma joħduhiex b'din l-attitudni u jkun hemm min jibqa' jaqra. Il-biċċa hi li qatt ma ġew ippubblikati kotba daqs illum, u l-kotba jinxtraw ħafna. Iżda m'għadek tara lil ħadd jaqra fuq tal-linja, jew qabel jistenna għal xi appuntament. Ara barra, fuq il-ferroviji u fuq l-ajruplan differenti.

11. **RIĊERKATUR:** Liema perjodu mil-Letteratura Maltija taħseb li l-aktar jittratta ħsibijiet dwar il-ħajja tal-bniedem?

    **IS-SUR INGLOTT:** Il-letteratura kollha. Għax il-letteratura kollha tirrifletti 'l-bniedem. L-istudji kollha kważi jirriflettu 'l-bniedem, għax b'xi mod anke l-ġeoloġija huma impattati mill-

bniedem. Jekk qed tistudja l-Filosofija qed tistudja kif ħaseb il-bniedem. L-Istorja dwar x'għamel, il-Psikoloġija dwar il-moħħ. Aħseb u ara l-letteratura! Dak li ħiereġ mill-bniedem ħa jirrifletti lill-bniedem

12. RIĊERKATUR: Tħoss li hemm xi poeta partikolari jew kittieb partikolari li jittratta temi fuq il-ħajja, fuq libertà, fuq reliġjon eżempju, aktar minn oħrajn?

    IS-SUR INGLOTT: Naħseb [...] hu wieħed minnhom. Għax fejn tidħol Filosofija, Reliġjon, it-tbatija u l-bniedem, huwa jirrappreżentahom. Jirrappreżenta t-tbatijiet tal-bniedem. Ħafna wkoll ma jarawx il-mod kif irnexxielu joħroġ minn problema sakemm xjaħ u marad. Għax kif qal Terenzio, *senectus ipsa morbus est.* Jiġifieri x-xjuħija hija marda. Imma bħalu, kull poeta ieħor. Min jikteb xi xogħol qed jirrifletti it-tbatijiet tal-bniedem, il-ferħ tal-bniedem, appuntu l-bniedem fil-fażijiet kollha ta' ħajtu. Bħall-arti kollha.

13. RIĊERKATUR: Matul is-sena li għaddiet kellek testi letterarji li jittrattaw it-tema tal-libertà, jew appuntu tan-nuqqas tagħha? Tista' ssemmili xi eżempju?

    IS-SUR INGLOTT: Is-sena li għaddiet, għall-kritika, użajt xi testi u siltiet mir-rumanz *Ħelsien*. U personalment, inħoss li l-ktieb *Rajt Malta tinbidel* ta' Herbert Ganado, għalkemm ħafna ma jqisuhx test letterarju, fih hemm ħafna mumenti li jitkellem dwar demokrazija, Knisja, l-Istat. Fihom kollha hemm il-libertà. Jew ngħidu aħna, ħares lejn Malta llum, bil-bini u x'baqa' mill-kampanja. Flok rajta Malta tinbidel tgħid rajt Malta titnawwar. U hemm fejn hi l-libertà? Naqset? Dawn huma temi li aktar ma jgħaddi, aktar ser jiktbu dwarhom il-kittieba. U anke hawnhekk tidħol il-libertà, għax wieħed għandu nuqqas ta' libertà li jiddeċiedi xi jsir f'pajjiżu. Hemm iktar determiniżmu, għax l-affarijiet importanti ma niddeterminawhomx aħna. La meta nitwieldu, la għand min, la kif, u lanqas sa meta. Appuntu Sartre. Issa dawn it-temi, għax delikati, trid toqgħod attent kif tgħaddihom lill-istudenti, ma jmurx ikun hemm xi student għaddej minn xi fażi u taffettwah ħażin. Meta wieħed jitkellem fuq dawn it-temi, irid joqgħod *extra* attent għax wieħed jista' jinfluwenza lill-istudenti. Trid toqgħod attent x'doża tuża.

14. RIĊERKATUR: Fuq dan is-suġġett, kemm tqis li t-temi li tagħżel u t-testi humiex adattati għall-istudenti li tkun qiegħed tgħallem?

    IS-SUR INGLOTT: Fil-livell tagħna kollox tista' tittratta u titkellem. Xejn xejn id-doża tibda ftit ftit. Biex meta jmorru l-Università ma jiħdux xokk. Għalhekk huwa tajjeb li tibda dieħel ftit ftit. Imma fejn jidħol l-eżistenzjaliżmu trid toqgħod ftit attent għad-doża. Ħalli jkun hemm min ikun jiflaħ aktar minn ieħor. Għax kull individwu differenti, f'dan il-livell ikun hemm min ikun għadu tfal speċi, u oħrajn li jimmaturaw qabel. U allura mhux kulħadd jiflaħ iġorr l-istess

15. RIĊERKATUR: Jekk għandek xogħol li jittratta problemi fil-familja, u għandek student li għaddej minn problemi fil-familja. Kif tħossok?

    IS-SUR INGLOTT: Mhux student, imma studenti, għax ser ikollok ħafna. Dawn temi li trid toqgħod attent ħafna. Allura trid tuża l-esperjenza tiegħek u l-aspett psikoloġiku. Ma ninsewx li fil-preparazzjoni ta' għalliem, wieħed jistudja l-aspett psikoloġiku u soċjali. Anke fil-lingwistika nagħmluhom dawn. Importanti niftakru li kull tifel u tifla li hemm quddiemek fil-klassi, għandhom storja. Trid toqgħod attent li titkellem b'mod ġenerali u ma tgħaddix ġudizzji. Għax jista' jkun li l-ġudizzji li tgħaddi jkunu dwarhom u jħossuhom personali.

Nistqarr miegħek, meta ngħin fil-librerija u jiġu xi studenti biex jinkitbu, nitolbu numru ta' kuntatt. U mhuwiex faċli titlob numru ta' omm jew ta' missier. Għaliex ikollok studenti li jgħixu mal-missier biss, jew la jgħixu mal-missier u l-anqas mal-omm, imma jgħixu maz-zija jew man-nanna, jew addirittura adottati. Jiġifieri kull kelma li tgħid, qisek miexi fiċ-ċirklu tagħmel it-*tight rope walking*. Għax min ikun għaddej minn dawk it-tbatijiet ikun fraġli. Kull kelma li tgħid tista' tweġġgħu. Saret iktar diffiċli llum il-ġurnata kif titkellem u tindirizza lil dak li jkun. Anke kif tħares u kif tpoġġi bilqiegħda. Mhux xi xogħol ħafif. Iżda maż-żmien titgħallem trattab il-kliem, teliminah u tuża l-ewfemiżmi, u kollox jiġi b'mod naturali maż-żmien.

16. **RIĊERKATUR:** Hekk hu bl-esperjenza. Meta tiġi għall-preparazzjoni tal-lezzjoni, talloka ħin biex l-istudenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar it-tema li tkun qed tiġi diskussa?

    **IS-SUR INGLOTT:** Trid timbuttahom ħafna. Għax hemm it-tendenza li tispiċċa titkellem waħdek. Qishom ma tantx iħobbu jipparteċipaw. Imma kultant issib erba' fil-klassi li bis-saħħa tagħkom kapaċi jitkellmu oħrajn fil-klassi. Ovvjament dejjem jitkellmu l-istess, għax min hu timidu u mistħi iħossha iktar diffiċli biex jitkellem minn ħaddieħor. Imma trid iżżommha f'moħħok li l-istudenti jitkellmu matul il-lezzjoni kollha, mhux ħa tgħid "ara issa spiċċat il-lezzjoni, ħa nagħmel ħin għad-diskussjoni." Jekk jista' jkun ftit ftit u l-ħin kollu ssaqsihom. Dan jgħin ukoll biex iżżommhom miegħek fil-klassi, iżżommhom jikkonċentraw u iktar ma' tinvolvi lilhom fil-lezzjoni, iktar ser ikollok lezzjoni ħajja, sabiħa u interessanti.

17. **RIĊERKATUR:** Kemm tħoss li hu importanti l-proċess fejn l-istudenti jagħtu l-opinjonijiet u l-interpretazzjonijiet tagħhom tax-xogħol li jkun qed jiġi ttrattat fil-lezzjoni?

    **IS-SUR INGLOTT:** Appuntu, kif konna qed ngħidu, trid tinvolvihom l-ħin kollu waqt il-lezzjoni.

18. **RIĊERKATUR:** Kemm tqis li l-lezzjonijiet tiegħek jappellaw għall-ħsibijiet u l-esperjenzi personali tal-istudenti? Jiġifieri jkollhom lok fejn jgħidu l-esperjenzi tagħhom, dak li għaddew minnu jew dak li jkunu qed jaħsbu.

    **IS-SUR INGLOTT:** L-arti, ġeneralment, iġġibek f'sitwazzjoni u tgħid "ara din ġieli ħsibtha jien, jew ġieli għaddejt minnha din, imma qatt ma għidtha." Għax il-kapaċità tal-artist hija l-mod kif jgħid dik il-ħaġa, li tant jgħidha b'mod tajjeb u tant juża forma tajba, li jinħass bħallikieku din qed tingħad għall-ewwel darba. U allura meta inti qed tinterpreta awtur, irid ikollok il-kapaċità wkoll li lilhom (l-istudenti) ġġegħilhom iħossuhom qrib dik l-esperjenza wkoll. Anke jekk hi opposta. Imma xorta qrib. Forsi tinstema' bħala paradoss.

19. **RIĊERKATUR:** Taħseb li studenti ta' bejn sittax u tmintax-il sena, f'livell postsekondarju, huma maturi biżżejjed għal testi letterarji b'temi, pereżempju, dwar il-ħajja jew dwar il-mewt? Jiġu f'moħħi xogħlijiet bħal 'Inċest' ta' Mario Azzopardi.

    **IS-SUR INGLOTT:** Illum ippreparati aktar minn qabel għax dawn l-affarijiet qed imissuhom b'idejhom. Jarawhom kuljum fl-aħbarijiet. Jiġifieri dawn m'għadhomx moħbijin f'xi rokna u ma jissemmewx. Illum ta' din l-età ħafna minnhom raw minn kollox u missew ma' kollox. Il-problema hi li min hu mġarrab, toqgħod attent biex ma tweġġgħux. Il-bqija, m'għadux iż-żmien li noqogħdu lura. Hemm mod ta' kif tgħid l-affarijiet, hemm mod kif tippreżentahom.

20. **RIĊERKATUR:** Taħseb li hemm xi temi li ma tasalx tgħallimhom lill-istudenti f'dan il-livell?

**IS-SUR INGLOTT:** Le, it-temi kollha ngħallem. Imma il-kapaċità hija l-kif. Mhux x'qed tgħid, imma l-mod kif ser tirrakkontah, kif ser tispjegah, kif ser twassalulhom, kif ser tiftaħulhom biex imbagħad huma jkomplu jirriflettu u jipparteċipaw. Imma m'hemm ebda tema li ma ngħallimx. Għax il-letteratura li qiegħda tirrifletti l-bniedem, ser tittratta t-temi kollha, il-problemi kollha tal-lum. Jiġifieri m'hemmx tema li ser tgħid "isma' din ser inwarrabha." U issa fis-sillabi l-ġodda m'hemmx għażla, għandek it-testi u trid tagħmilhom.

21. **RIĊERKATUR:** Ġieli kien hemm sitwazzjonijiet fejn ippreparajt li ser tgħallem xi test u minħabba ċirkostanzi li jaffettwaw lill-istudenti bdilt dik id-deċiżjoni?

**IS-SUR INGLOTT:** Le, dejjem għamilnieha. Imma inti għandek kull klassi differenti, kull lezzjoni differenti. Qatt ma hemm lezzjoni bħal oħra. Importanti li inti tħoss il-polz ta' dak il-ħin u taddatta dak il-ħin. Però l-punti prinċipali b'xi mod joħorġu xorta waħda. Issa biex tasal għalihom, jaf ikollok iddur żewġ kantunieri jew tlieta u tasal għax inti tħoss li għandek għoxrin jew tletin individwu quddiemek, kollha differenti u kif għidna, bejn klassi u oħra tagħmel differenza.

22. **RIĊERKATUR:** Jiġifieri anke jekk, eżempju, jiġu studenti u jgħidulek li "l-poeżiji ta' poeta partikolari jew dak it-test partikolari qed insibu diffikultà fihom" u allura juru reżistenza għalih, xorta waħda tħoss li għandek tibqa' għaddej?

**IS-SUR INGLOTT:** Mhux reżistenza l-iktar, iktar ikun hemm min jgħidlek "dak idejjaqna", għax hekk jitkellmu huma. Jew jgħidulek "xi dwejjaq". U jkollok issib mod biex turihom li "anke fl-affarijiet koroh nistgħu noħorġu s-sabiħ." Kif qal Aristotli wara kollox, li l-arti l-ikrah tagħmlu sabiħ u s-sabiħ tkompli ttejbu u ssebħu. Ix-xena ta' Kristu msallab mhix sabiħa, imma hawn ħafna Maltin imorru l-purċissjonijiet, il-*pageants*, kollhom dmija bħall *Passion of The Christ* bix-xeni vjolenti tiegħu. B'dan il-mod nipprova nfehmhom, b'ħafna eżempji minn films, għax dawk jarawhom aktar milli jaqraw kotba.

23. **RIĊERKATUR:** Tagħmel differenza fil-mod kif tgħallem, jew kemm tidħol f'dettall, bejn livell Avvanzat u livell Intermedju?

**IS-SUR INGLOTT:** Ftit, ftit. Bejn l-Ordinarju u l-Avvanzat hemm aktar differenza. Jien, ngħid għalija, la għandhom l-istess età, nagħmel l-istess. It-tul ta' ħin ma jkollokx l-istess biex tlaħħaq is-sillabu. Jien l-istess metodi nuża għax huma, kif għidtlek, l-istess età u kważi kważi, l-istess diskussjonijiet. Ma tippretendix mingħandhom l-istess tul, għax huwa Intermedju, jiġifieri d-differenza qiegħda iktar fit-tul milli fil-kontenut. Għax flok, eżempju, jiktbu erba' mitt kelma jiktbulek mitejn, imma bħala kontenut u l-mod kif ser tinterpreta poeżija l-istess. Poeżija hi dik li hi u jekk hemm termini letterarji u metafori trid tispjegahom l-istess bejn tal-Avvanzat u tal-Intermedju. Għax, wara kollox, dawk huma l-qofol ta' kollox, l-analiżi tal-kliem.

24. **RIĊERKATUR:** Biex nagħlqu fuq l-aħħar mistoqsija, kemm tħoss li hu importanti li r-relazzjoni mibnija bejn l-għalliema u l-istudenti tkun b'saħħitha biżżejjed biex dawn jesprimu d-diffikultajiet u l-esperjenzi li jkunu għaddew minnhom fil-klassi?

**IS-SUR INGLOTT:** Fil-klassi mod, għax ħafna minnhom ċerti esperjenzi mhux ser jistqarruhom dawn. Imma ġieli jkun hemm xi ħaġa li mhix daqshekk personali u jgħidu "imma isma jiena hekk, hekk u hekk naħseb". Jiena naraha li iktar ma tidħol is-sena, iktar jesprimu ruħhom

għax jilħqu jidraw lil xulxin u jkunu tkellmu flimkien. Imma imbagħad hemm oħrajn li jiġu jkellmuk waħdek mhux fil-klassi. Il-fatt li nkun ħafna fil-librerija hu ta' vantaġġ ukoll, għaliex jiġu ħafna studenti jgħiduli b'xi diffikultà jew b'xi problema li jkollhom. Jiġu jsibuni fil-librerija u nitkellmu aħjar hemmhekk. Nippreferi l-librerija minn *staffroom* għax nħossni qed naħli l-ħin. Qalb l-istudenti nippreferi aktar, u din tgħin għax malli jkollhom xi diffikultà fuq *homework*, jaqbdu u jiġu jkellmuni u nfittxu fil-kotba u fil-*Miklem Malti* u fid-*Dizzjunarju ta' Termini Letterarji* ta' Oliver Friggieri. Biex nuri kemm hu importanti li taqra, speċjalment kotba u teżijiet barranin miktuba b'lingwi oħra mhux dawk li nkitbu f'Malta biss. Ħalli meta jmorru l-Università jkollhom idea kif ifittxu. Imma mhux kollha jiġu. Dejjem il-ftit li jinteressaw ruħhom. Imma dak ukoll skont l-individwu, inti toffrilhom u tkun hemm għas-servizz tagħhom u biex tgħinhom.

25. **RIĊERKATUR:** Tajjeb, grazzi ħafna.

**IS-SUR INGLOTT:** Grazzi inti.

# Appendiċi 10 – L-intervista mas-Sur Saydon

Il-Ħamis, 14 ta' Novembru, 2019
*it-tweġibiet mibgħuta b'imejl

1. **RIĊERKATUR:** Fl-istudji akkademiċi tiegħek iffokajt fuq liema qasam tal-Malti?

   **IS-SUR SAYDON:** Fl-istudji akkademiċi tiegħi kont iffukajt l-aktar fuq il-lingwistika, imma waqt il-B.A. Ġenerali konna għamilna għadd ta' kretti marbuta mal-letteratura u, ironikament, it-tagħlim kollu li għamilt fil-livell postsekondarju minn dejjem kien marbut mal-letteratura, bl-eċċezzjoni tat-*tutorials*, naturalment.

2. **RIĊERKATUR:** Għaliex taħseb li ngħallmu l-Letteratura Maltija fl-iskejjel?

   **IS-SUR SAYDON:** Ngħallmu l-Letteratura Maltija fl-iskejjel Maltin għaliex din ħafna drabi tirrispekkja l-ħajja Maltija bil-kultura tagħha; tikxef l-attitudnijiet ta' diversi awturi lejn is-soċjetà u l-individwi li jsawruha, l-interrelazzjonijiet ta' bejniethom, il-konflitti interni u esterni fi ħdan il-karattri. B'mod ġenerali, il-letteratura toffrilna dehra organizzata tal-ħajja pjuttost kaotika li ngħixu; u tiftħilna tieqa fuq il-forma mentis ta' bnedmin li ordinarjament, fil-ħajja empirika, ma jkollniex aċċess għaliha.

3. **RIĊERKATUR:** Jiġi xi kittieb/a lokali jew barrani/ja f'moħħok meta tisma' l-kelma "Eżistenzjaliżmu"?

   **IS-SUR SAYDON:** Dun Karm Psaila – b''Il-Jien u lil hinn Minnu' tiegħu – b'mod speċjali.

4. **RIĊERKATUR:** Kemm tħoss li l-istudenti tal-ġurnata jagħtu importanza lit-tagħlim tal-letteratura?

   **IS-SUR SAYDON:** Jien nista' nitkellem l-aktar dwar l-istudenti fil-postsekondarja għax ħlief għal sena waħda fis-sekondarja, dejjem lilhom għallimt. Ikolli ngħid li l-bejgħa hija mħallta, u mifruxa fuq spektrum wiesa' – minn dawk li l-letteratura tentużjażmahom għal dawk li jinħassu li jkollhom jagħmluha bilfors (i.e. għax qiegħda fis-sillabu). Kulma jmur, dawk tal-ewwel tip jinħassu qegħdin jonqsu, imma ma nħossx li qegħdin jiżdiedu dawk tat-tieni. Sempliċement qiegħed ikun hemm inqas studenti entużjażmati b'risq il-letteratura fiha nfisha. Però, dan jista' jkun ukoll attribwit għall-fatt li dawk li jiddikjaraw ruħhom ferventi għal-Letteratura jistħu jammettu dan quddiem sħabhom tal-klassi, għaliex jien din il-mistoqsija nagħmilielhom waqt il-lezzjonijiet. Fis-snin li għaddew kont norganizza volontarjament klabbs assoċjati mal-litteriżmu, u għall-bidu kien hemm konkorrenza tajba – madwar tnax-il student/a li kienu jattendu regolarment. Imma fis-snin sussegwenti n-numri dejjem irriduċew ruħhom tant li ġieli kelli student jew tnejn biss. Eventwalment tfaċċat għalliema oħra u kollega tiegħi aktar żagħżugħa u aktar impenjata minni fil-qasam tal-għaqdiet li jħabirku b'risq il-letteratura lokali anke fuq il-livell nazzjonali u bdiet tieħu ħsieb hi l-istudenti li jħobbu l-letteratura tant li jipparteċipaw f'attivitajiet ekstrakurrikulari.

5. **RIĊERKATUR:** Tħoss li l-importanza mogħtija lit-tagħlim tal-letteratura nbidlet maż-żmien? Għaliex taħseb hekk?

   **IS-SUR SAYDON:** L-importanza mogħtija lit-tagħlim tal-letteratura nħoss li nbidlet maż-żmien għaliex fi żmieni fis-Sekondarja fil-Malti konna nistudjaw bi tħejjija għaċ-Ċertifikat fil-Livell Ordinarju *Erba' Drammi* ta' Oreste Calleja (u l-erba' drammi li jsemmi t-titlu kien ifisser li konna nistudjaw erba' drammi); u l-antoloġija *Qasba mar-Riħ* ta' Anton Buttigieg. Maż-żmien kienet bdiet tintuża l-antoloġija *Il-Qaw*salla li kellha selezzjoni ġmielha ta' kitbiet letterarji x'jiġu studjati; u llum hemm *Bejn Ħaltejn* flimkien mar-rumanzett ta' Francis Ebejer *Il-Ħarsa ta' Rużann*. F'dan id-dawl inħoss li d-doża ta' studju tal-letteratura tnaqqset kemxejn, għalkemm għad hemm preżenza relattivament qawwija tagħha meta tqis kif inhu mqassam l-eżami. Fir-rigward tal-livell Intermedju u dak Avvanzat, naħseb li kulma jmur qiegħed jitnaqqas il-volum ta' Letteratura studjata, għalkemm anke hawn, il-preżenza għadha qawwija. (Ngħidu aħna fil-Livell Avvanzat, flok disgħin poeżija – tletin ta' Grech Ganado, u sittin poeżija bejn il-poeti Tradizzjonali u Moderni mqassma fuq tliet temi; fis-sillabu l-ġdid issa se jkun hemm tletin – ħmistax ta' Simone Galea u ħmistax ta' Oliver Friggieri). Jekk tippermettili nagħmel kumment hawnhekk – nemmen li mnalla hemm dan l-element sostanzjali ta' letteratura x'jiġi studjat għaliex kieku l-istudenti jmorru tassew ħażin bil-lingwa biss – fi kliem ieħor u b'mod skjett – kieku ma jirrepetux (tajjeb jaw ħażin) ħafna mill-kontenut li "jistudjaw" b'rabta mal-letteratura, jibqgħu l-art jew imorru tassew ħażin fl-eżami.

6. **RIĊERKATUR:** Personalment, kemm tħoss li l-letteratura li ngħallmu lill-istudenti tħalli effett fuqhom u fuq ħajjithom?

   **IS-SUR SAYDON:** Nemmen li l-letteratura tħalli effett fuqhom u fuq ħajjjithom b'mod ġenerali, imma diffiċli li wieħed jikkwantifikaha. B'mod ġenerali fl-adultezza tiltaqa' ma' ħafna nies li jgħidulek li l-Malti jħobbuh u li l-iskola kien jogħġobhom. Hawn wieħed jistaqsi – għaliex? Ma naħsibx li jkunu qegħdin jirreferu għall-uġigħ ta' ras marbut mal-ortografija. Aktarx li l-proża u l-poeżija li jkunu studjaw xi ftit jew wisq tkun ippenetratilhom ruħhom matul is-snin teneri tat-tfulija u tal-adolexxenza, anke jekk id-dettalji forsi jinsewhom. Il-Letteratura tkun għenet fil-formazzjoni tal-karattru tagħhom. Dan kollu li għedt hawnhekk naturalment ivarja skont l-individwu, l-għalliem, it-testi studjati, l-ambjent tal-klassi, u tant fatturi oħra.

7. **RIĊERKATUR:** X'inhi l-akbar sfida li taffaċċja fit-tagħlim tal-letteratura?

   **IS-SUR SAYDON:** L-akbar sfida hi li tirbaħ l-attenzjoni tal-istudenti fil-klassi. Mhux ta' dawk il-ftit entużjasti; imma ta' dawk relattivament passivi u ta' dawk il-ftit kważi kważi ostili jew reżistenti. F'dan l-ambitu, it-teknoloġija (fil-forma ta' mowbajls użati minn taħt; kif ukoll il-laptops użati b'mod abbużiv) waqt il-lezzjonijiet qegħdin itellfu drastikament u jbaxxu l-livell ta' attenzjoni u involviment tal-istudenti waqt il-lezzjonijiet. F'das-sens, it-teknoloġija mħaddma ħażin qiegħda tassew tikkompeti ma', u tinterferixxi u ttellef fl-istudju tal-Letteratura, kemm lil hemm mill-klassijiet, imma wkoll fihom.

8. **RIĊERKATUR:** Liema huma dawk it-temi li joffru sfida biex tgħallimhom lill-istudenti?

**IS-SUR SAYDON:** Naturalment xogħlijiet letterarji li jmissu mat-temi tal-mewt u tas-suwiċidju – kif ukoll mas-sess (u stupru u/jew l-abort) – jitolbu trattament b'kawtela kbira. Barra li suġġetti bħal dawn jistgħu jiġu interpretati ħażin mill-istudenti – b'mod speċjali minn dawk li jistgħu jkunu għaddejjin minn problemi jew kriżijiet personali relatati propju ma' dawn l-oqsma tal-ħajja; wieħed lanqas ma jrid jinsa l-età tal-istess studenti (sittax sa tmintax fil-każ tal-istudenti li ngħallem jien), flimkien mal-kuntest tal-klassi, fejn wieħed irid joqgħod ukoll b'seba' għajnejn kif jitkellem biex ma jiġix akkużat b'xi fastidju jew abbuż sesswali, u l-bqija.

9. **RIĊERKATUR:** X'taħseb li hi r-raġuni prinċipali wara l-isfida fit-tagħlim ta' dawn it-testi?

   **IS-SUR SAYDON:** Li l-għalliem – inevitabbilment – ikollu joffri l-interpretazzjoni/jiet tiegħu tat-testi letterarji fis-sillabu; u kemm-il darba student ma jifhimx li l-għalliem qiegħed jagħmel dak li qiegħed jagħmel bl-intenzjonijiet kollha tajba, jista' jinħoloq inkwiet kbir b'riperkussjonijiet għaż-żewġ naħat. Wieħed ma jridx jinsa li t-triq għall-infern [tista'] titħejja bl-intenzjonijiet tajba.

10. **RIĊERKATUR:** Liema perjodu mil-Letteratura Maltija taħseb li jittratta ħsibijiet u temi b'rabta mal-ħajja tal-bniedem? Għaliex?

    **IS-SUR SAYDON:** Kull perjodu ladarba, bħalma jħobb jesprimi l-Prof Oliver Friggieri, il-Letteratura hija l-ħajja mibdula fi kliem. Jew kif kien jgħid Alfred Hitchcock (għall-proża) – in-narrattiva hija l-ħajja rrakkontata – bil-partijiet li mhumiex interessanti mħollija barra. Imma forsi mit-tletinijiet tas-Seklu Għoxrin 'il quddiem tikber l-enfasi fuq il-problemi eżistenzjali tal-qagħda umana. Għandi nifhem li dan il-fenomenu seħħ peress li bdiet tikber il-konxjożità li kull bniedem għandu jiġi ttrattat bħala tali, fit-tranja tal-Ewwel Gwerra Dinjija, u mbagħad aktar u aktar wara dik tat-tieni. (Hawn l-edukazzjoni tal-popolin kienet kulma jmur qiegħda tikseb dejjem aktar importanza u tinfirex aktar ukoll).

11. **RIĊERKATUR:** Tista' ssemmili test letterarju jew tnejn li tħoss li jinkludi/u temi simili?

    **IS-SUR SAYDON:** *Taħt Tliet Saltniet, Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka, Leli ta' Ħaż-Żgħir, Ħelsien, Is-Salib tal-Fidda, Ulied tal-Azzar, Il-Gaġġa, Samuraj, L-Ewwel Weraq tal-Bajtar, Taħt il-Weraq tal-Palm*, u l-bqija.

12. **RIĊERKATUR:** Liema huma l-kittieba li tqis li t-testi letterarji tagħhom jittrattaw dawn it-tipi ta' temi?

    **IS-SUR SAYDON:** L-awturi tal-kotba t'hawn fuq, primarjament – Ġużè Aquilina, Ġwann Mamo, Ġużè Ellul Mercer, Ġużè Bonnici, Patri Wistin Born, Victor Apap, Frans Sammut, Alfred Sant, Trevor Żahra. Imma wkoll poeti bħal Dun Karm Psaila, Patri Anastasju Cuschieri, Rużar Briffa, Karmenu Vassallo, Mario Azzopardi u Oliver Friggieri.

13. **RIĊERKATUR:** Matul is-sena li għaddiet, kellek testi letterarji li jittrattaw it-tema tal-libertà, jew tan-nuqqas tagħha? Tista' ssemmili xi wieħed minnhom?

    **IS-SUR SAYDON:** Parti kbira mill-poeżiji fil-*Monografija* ta' Maria Grech Ganado – il-mara sottomessa għar-raġel f'soċjetà patrijarkali; l-immigranti klandestini; iċ-ċittadin Malti nnifsu ossessjonat u maħkum mill-materjaliżmu.

14. **RIĊERKATUR:** Matul is-sena li għaddiet, kellek testi letterarji li jittrattaw it-tema tar-reliġjon, l-ispiritwalità u t-twemmin? Tista' ssemmili xi ħaġa minnhom?

**IS-SUR SAYDON:** Il-poeżija 'Fil-Kamra tas-Sodda' (tal-istess Maria Grech Ganado); u s-silta meħuda min-novella 'Ittra ta' San Pawl lill-Gżira Taparsi' fl-antoloġija *Fil-Gżira Taparsi jikbru l-Fjuri*, ta' Oliver Friggieri.

15. **RIĊERKATUR:** Kemm tħoss li mit-testi letterarji li għallimt matul is-sena li għaddiet, għandek xogħlijiet li jittrattaw temi dwar il-ħajja tal-bniedem? Liema huma?

**IS-SUR SAYDON:** Il-poeżiji kollha ta' Maria Grech Ganado (inklużi 'Ġiet Mewta Żgħira' u 'Kienet Tibża'' ... – dawn it-tnejn saħansitra jirreferu għax-xewqat suwiċidali); dawk tal-poeti Romantiċi u dawk tal-poeti Moderni kollha marbuta ma' din it-tema – jiġifieri dawk marbuta mal-Ġens Malti; u mar-Relazzjonijiet Umani, kif ukoll saħansitra xi wħud marbuta mal-Pajsaġġ. Fis-seminars tal-Poeżija u tal-Proża kont nittratta fost l-oħrajn poeżiji bħal 'Bahnhaufstrasse' u 'Sitwazzjoni 10 Battal' ta' Mario Azzopardi; 'Nistaqsi' ta' Bernard Mallia; 'Il-Poeta u l-Politiku' u 'Karen u Raymond' ta' Oliver Friggieri. U bħala proża s-silta 'Il-Ġrajja ta' Vitor' mill-*Ibleh* ta' Ġużè Orlando; is-silta minn *Il-Ħarsa ta' Rużann* li tittratta dwar il-karattru ta' Ġina; kif ukoll silta minn *Taħt Tliet Saltniet* li tittratta dwar l-għajbien (u l-probabbiltà tat-twettiq ta' suwiċidju) ta' ċertu Ċensu wara li sgħobbieh li kien ittradixxa lil sħabu tal-Għaqda tal-Ġakbini flimkien mal-Imgħallem tagħhom, Mikiel Anton Vassalli).

16. **RIĊERKATUR:** Meta tagħżel ix-xogħol letterarju, kemm tqis jekk it-temi li jittratta humiex adattati għall-istudenti?

**IS-SUR SAYDON:** Meta l-għażla tkun f'idejja, noqgħod attent li ma jkunx hemm sekwenzi jew xeni skabrużi, jew kliem oxxen fix-xogħlijiet li nagħżel jien; inkella referenzi għall-politika partiġġjana. Mhux għax nemmen fiċ-ċensura imma għaliex il-kuntest huwa wieħed edukattiv u fil-klassi. Fejn l-għażla tkun diġà saret għalija, jiġifieri fis-sillabu, ma nsib ebda diffikultà nippronunzja ruħi dwar temi ta' sess, twemmin, u l-bqija; basta d-diskors isir b'rispett u b'dinjità. F'dal-kuntest jiġuni f'moħħi poeżiji bħal 'Abort' ta' Daniel Massa, u 'Inċest – Notturnata lil Malta' ta' Mario Azopardi. F'das-sens, nemmen li kulma jinsab taħt il-kappa tax-xemx (u fil-kożmoż propjament); huwa "tajjeb" għall-istudenti – huma l-approċju u l-addattament ta' kif isir it-tagħlim li jitolbu attenzjoni kbira kif jitpoġġew l-argumenti, aktar milli ħaġ'oħra. Fi kliem ieħor, ma tistax ma tgħarrafx imqar lil tifel jew tifla tal-kinder li jeżistu l-pedofili li ma jmorrux jisfaw vittmi. Imma l-mod kif tgħarrafhom irid ikun tassew sensittiv u galbat b'rabta mal-psikoloġija tassew tenera u innoċenti tagħhom. "Aħjar uff inkella aħħ" jgħid il-Malti (ċioè għallmuna missirijietna bl-għerf ġej mill-esperjenzi vasti tagħhom).

17. **RIĊERKATUR:** Jekk għandek xogħol letterarju b'tema assoċjata mal-problemi fil-familja, tasal tgħallmu lill-istudenti tiegħek? Għaliex?

**IS-SUR SAYDON:** Bla dubju. Għalkemm ikun hemm min forsi l-verità tweġġgħu, u tweġġgħu ħafna – għaliex jaf ikun jinsab iġarrabha; id-diskors, f'isem it-tagħlim, irid isir; anzi, din hi propju l-ikbar indikazzjoni għaliex id-diskors irid isir – għaliex min iweġġa' jrid jara li l-azzjonijiet li jweġġgħuh, jipprova jevitahom lil ħaddieħor għall-istess raġuni – la jweġġgħu m'għandhomx jitwettqu, kemm jista' jkun – huma azzjonijiet inaċċettebbli.

18. **RIĊERKATUR:** Tagħmel differenza fl-għażliet bejn lezzjonijiet tal-livell Avvanzat u dawk tal-livell Intermedjarju? Jew bejn lezzjonijet tal-poeżija u dawk tal-kritika jew *tutorials*?

    **IS-SUR SAYDON:** Le. Il-ħajja hija waħda. Il-Letteratura li tirrispekkjaha hija waħda. Għalkemm l-eżami jista' jitlob tweġibiet ta' tulijiet u kwalitajiet differenti, il-ħajja (oġġettiva) ma tagħmilx dawn id-distinzjonijiet fini – allura filwaqt li lill-istudent nippreparah dwar it-tul li jkun mitlub jikteb fl-eżami, is-sustanza ta' dak li jintgħallem tibqa' essenzjalment l-istess – il-preparazzjoni għall-ħajja, li hi l-akbar eżami. Nemmen li jekk student tgħallmu għall-ħajja, għandu potenzjal qawwi li jgħaddi mill-eżami. Jekk tgħallmu għall-eżami biss, għandu pobabbiltà qawwija li jeħel fil-ħajja.

19. **RIĊERKATUR:** Meta tiġi għall-preparazzjoni tal-lezzjoni, talloka ħin biex l-istudenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar it-tema diskussa?

    **IS-SUR SAYDON:** Dejjem. Imma ħafna drabi dal-ħin 'jinħela' parzjalment għax ftit li xejn ikolli studenti li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom. Allura nerġa' naqbad id-diskussjoni jien, u nibqa' nappella minn ħin għal ħin biex min ikun irid jistaqsi xi ħaġa jew jikkummenta, jagħmel dan bil-libertà kollha. Imma normalment, qajla jkolli voluntiera.

20. **RIĊERKATUR:** X'taħseb li tista' tkun ir-raġuni wara dan in-nuqqas ta' involviment mill-istudenti?

    **IS-SUR SAYDON:** Kultant nibża' li nipprova kemm nipprova nagħmilha ċara li lest li nisma' l-opinjonijiet tal-istudenti, anke jekk ma jaqblux ma' tiegħi, dawn isibuha diffiċli jesprimuhom – jew għax aktarx iħossu li ma jafux daqsi dwar is-suġġett (għalkemm ngħidilhom li naf li ma nafx kollox u li l-kontribuzzjonijiet tagħhom indubbjament nista' nitgħallem minnhom jien); inkella għax forsi ma jafux jartikolaw biżżejjed dak li jkunu qegħdin jaħsbu jew iħossu? Jew għax ikunu fil-livell ta' grupp? Ir-raġunijiet jistgħu jkunu taħlita ta' dan kollu flimkien, ukoll.

21. **RIĊERKATUR:** Kemm tqis li l-lezzjonijiet tiegħek jappellaw għall-ħsibijiet, l-esperjenzi personali u l-emozzjonijiet tal-istudenti?

    **IS-SUR SAYDON:** Kemm jista' jkun – nagħmel minn kollox biex nestendi l-limiti li joffri s-sillabu għal kulma nqis relevanti għal-eżami u għall-ħajja. Studenti li nqishom individwi bil-għaqal dejjem esprimew miegħi li jsibu l-lezzjonijiet kif nagħmilhom, interessanti. Ninsab konxju li jista' jkun hemm min jagħmel diskors bħal dan miegħi biex jingħoġob. Imma, mingħajr ma niftaħar, naf ukoll minn sorsi li ta' min joqgħod fuqhom (kif jgħidu), li b'mod ġenerali l-lezzjonijiet kif nagħmilhom jintgħoġbu – basta l-istudenti jkunu tat-tip bil-għaqal u mmotivati jitgħallmu – dawk li jidhirli li jkunu utilitarjani b'mod estrem, aktarx li l-lezzjonijiet tiegħi ma jogħġbuhomx – s'issa qatt ma kelli lil xi ħadd ta' dan it-tip jgħidli f'wiċċi li dejjaqtu. U minn wara dahri l-aktar li smajt li jgħidu huwa dwar kemm ngħid waqt il-lezzjoni, xi ħaġa li konxju minnha u li nemmen li ma tantx nista' nevitaha, ladarba dak li naf nixtieq ngħaddih lil ħaddieħor. L-għadd ta' dawk l-istudenti li jirringrazzjawni tal-lezzjoni qabel ma joħorġu dejjem kien sostanzjali, fatt li nsibu ta' sostenn u inkoraġġiment biex nissokta għaddej bl-istil ta' tagħlim tiegħi (immudellat ukoll fuq ta' dawk l-għalliema li kienu jogħġbuni). Jien konxju wkoll li "tista' togħġob lill-biċċa l-kbira tan-nies kważi dejjem; imma ma tistax togħġob lil kulħadd dejjem".

22. **RIĊERKATUR:** Tħoss li l-mistoqsijiet li tistaqsi lill-istudenti jagħtu lok biex dawn jesprimu d-diffikultajiet u d-dilemmi tagħhom?

**IS-SUR SAYDON:** Iva. Imma fil-biċċa l-kbira tagħhom jibqgħu retiċenti. Hawn inħoss li malli l-istudenti jsiru jafu/jagħrfu kemm inħobb naqra – u din xi ħaġa li jien ma naħbihiex, anzi; peress li fil-biċċa l-kbira tagħhom ma jagħmlux l-istess, naħseb li 'jingħalqu' flok 'jinfetħu' miegħi. Dan qiegħed ngħidu mill-esperjenza – għaliex dawk l-isfortunatament 'ftit' li jkunu jħobbu jaqraw, normalment jesprimu ruħhom miegħi, iva.

23. **RIĊERKATUR:** Taħseb li jħalli impatt fuq it-tagħlim dan in-nuqqas ta' qari fost l-istudenti?

**IS-SUR SAYDON:** Ċertament. Biex ngħallem lill-istudenti nipprova nitlaq minn dak li jkunu jafu biex ngħaddihom għal dak li ma jafux. Imma wisq drabi nsib li anke dak li hu għarfien ġenerali (mgħallem fil-Ġografija jew fl-Istorja) – ngħidu aħna għaliex il-kalendarju għandu tnax-il xahar; jew li l-Vandali (u l-Goti u l-Viżigoti qerdu 'l Ruma); u ħwejjeġ bħal dawn, biex nagħtik eżempju ċkejken – ftit ikunu jafu t-tweġiba korretta jew qatt ħadu interess ikunu jafu.

24. **RIĊERKATUR:** Kemm taħseb li fil-lezzjonijiet tiegħek tirrikonoxxi l-opinjonijiet tal-istudenti tiegħek?

**IS-SUR SAYDON:** Nirrikonoxxihom, imma min iġib xi argument irid isostnih, u jsostnih b'mod konvinċenti. It-terminu "opinjoni" skont Platun, ifisser propju li 'wieħed ma jafx kollox' – u jien konxju li ħadd ma jaf kollox – imma mbagħad hemm min jaf aktar minn ħaddieħor, u safejn ikun umanament possibbli, wieħed irid jinkludi biżżejjed fatturi innegabbli f'argument sabiex jikkonvinċi lil tan-naħa l-oħra. F'das-sens, jiena tolleranti ħafna u miftuħ għall-"opinjonijiet" ta' ħaddieħor – basta dawn ikunu tal-anqas plawsibbli.

25. **RIĊERKATUR:** Kif tiddeskrivi r-relazzjoni tiegħek mal-istudenti?

**IS-SUR SAYDON:** Tajba imma riżervata. Inħobb inżomm ċerta distanza professjonali minnhom sabiex nissalvagwardja li ma jkunx hemm imqar xi suspett ta' kunfidenza jew abbuż miż-żewġ naħat. Mill-banda l-oħra, fil-lezzjonijiet ninjetta fejn u kemm possibbli doża ta' umoriżmu, sabiex il-lezzjoni ssir divertenti u tippermetti u taġevola t-tagħlim. Però dejjem navża wkoll lill-istudenti li għalkemm ġieli niċċajta waqt il-lezzjoni, il-lezzjoni mhix taċ-ċajt.

26. **RIĊERKATUR:** Fil-lezzjonijiet, meta tiġi għall-interpretazzjoni ta' test letterarju, tagħti ċans lill-istudenti joħorġu b'interpretazzjonijiet tagħhom? Kemm hu importanti dan il-proċess għalik?

**IS-SUR SAYDON:** Bla dubju. Imma tassew nixtieq li jkun hemm aktar minn dawn l-istudenti, għaliex, sfortunatament, ma jikbrux fuq is-siġar; anzi huma tassew rarità. Huwa proċess importantissimu għalija, u għalhekk nixtieq li jkolli aktar minn dat-tip ta' rispons. L-iskambju ta' ideat dwar xogħol letterarju jiswa mitqlu deheb, imma jkun hemm bżonn ta' mill-anqas tnejn min-nies biex jitwettaq dan – mhux xi ħadd jitkellem (biss) u ħaddieħor jisma' (biss).

27. **RIĊERKATUR:** Kemm inti konxju mill-fatt li xi studenti fil-lezzjonijiet tiegħek ikunu qegħdin jippruvaw jissuperaw problemi ta' xeħta personali, ngħidu aħna l-identità individwali tagħhom?

    **IS-SUR SAYDON:** Konxju minn dal-fattur imma ħafna drabi, minħabba l-fatt li nkun qiegħed nindirizza klassi sħiħa – ikunux ftit jew ħafna l-istudenti – dan il-fattur jingħata l-ġenb jew jintesa. Spiss jiġri wkoll li l-istudenti nfushom jilbsu maskra/jew jaddottaw bixra ta' indifferenza inkella ta' *nonchalance* – aktarx biex appuntu jaħbu l-konflitti jew inċertezzi interni li jkunu qegħdin iġarrbu. Sfortunatament il-bniedem jitgħallem jaħbi (minn kmieni) s-sentimenti propji tiegħu, u ħlief għal xi emozzjonijiet bażiċi, sakemm ma jiġrux ħwejjeġ minkejja tiegħu innifsu, jirnexxilu ma jurix minn xiex ikun għaddej verament.

28. **RIĊERKATUR:** Kemm iżżomm f'moħħok il-possibilità li xi temi li tkun ser tittratta mal-istudenti jistgħu jkunu qed iġarrbuhom huma stess, ngħidu aħna problemi familjari jew dubji fuq il-ħajja?

    **IS-SUR SAYDON:** It-tweġiba essenzjalment diġà tajtha aktar kmieni. Meta nagħraf li suġġett ikun sensittiv, napoloġizza ruħi minn qabel ma' dawk li jistgħu jweġġgħu b'diskorsi – navżahom li ma jkolli ebda intenzjoni li nweġġa' lil xi ħadd; imma nafferma li ċertu diskors, antipatiku kemm ikun antipatiku, anzi propju għax ikun antipatiku; jeħtieġ li jsir. Naturalment isir b'ċertu rispett u dinjità.

29. **RIĊERKATUR:**Taħseb li studenti ta' bejn sittax u tmintax-il sena huma maturi biżżejjed għal testi letterarji b'temi dwar il-ħajja jew dwar il-mewt?

    **IS-SUR SAYDON:** Iva. Diġà għamilt referenza għal dat-tip ta' sitwazzjonijiet. Fil-ħajja, il-mewt, il-mard, id-diżgrazzji u l-bqija ma jaħfruha lil ħadd, tkun xi tkun l-età. Allura kulħadd għandu jkun imħejji kemm jista' jkun minn kmieni għal kull kontinġenza. Imma dan attwalment huwa impossibbli. Allura rridu nagħmlu kemm nistgħu kif nistgħu ma' min nistgħu meta nistgħu irrelevanti mill-età – basta t-tema tiġi ttrattata bil-mod li l-aktar jixraq lil dik l-età. Nagħti eżempju – it-tfal ċkejknin minn dejjem jitlaqqgħu ma' x'inhu tajjeb u ħażin permezz tal-ħrejjef. Imma fl-istess waqt irid jingħadilhom li dak li jinsab fil-ħrejjef jinsab u jista' jiġġarrab ukoll fil-ħajja. U fejn jidħlu xi inċertezzi dwar x'inhu tajjeb u x'mhux, wieħed dejjem irid jgħallimhom li dak li mhux tajjeb għalihom wisq probabbli mhu tajjeb għal ħadd, u bil-maqlub.

30. **RIĊERKATUR:** Taħseb li hemm xi temi li ma tasalx tiddiskuti mal-istudenti? Tista' ssemmili xi temi?

    **IS-SUR SAYDON:** Ma naħsibx li hemm. Basta t-tagħlim isir b'mod addattat għall-età tal-istudenti u b'lingwaġġ xieraq, u b'rispett lejn kulħadd – imqar lejn l-annimali u l-ambjent; u basta l-udjenza tkun demokratika u preferibbilment riċettiva, fis-sens li ma tkunx diġà b'moħħha magħluq/maħsul; insensittiva u/jew intolleranti għall-ħsibijiet u l-fehmiet ta' ħaddieħor.

31. **RIĊERKATUR:** U meta jkollok studenti li mhumiex riċettivi, kif jinbidel l-andament tal-lezzjoni?

**IS-SUR SAYDON:** Sfortunatament se jkolli nagħmel analoġija b'element deumanizzanti – "tista' twassal iż-żiemel sal-ilma, imma ma tistax iġġiegħlu jixrob". M'iniex it-tip li nċedi malajr, argument nibqa' nisħaq fuqu u nittrattah kemm possibbli minn angoli differenti – jien għandi ħabta noqgħod ninkwieta għal min ma jinkwetax ukoll – imma mbagħad hemm limitu, b'mod speċjali mill-aspett ta' ħin u żmien, għalkemm inkun nista' niddedika enerġija ma' min ma jridx jaf (u fil-preżenza ta' ħaddieħor li jkun riċettiv is-sitwazzjoni ssir agħar); bħalma jgħid il-Malti, "l-akbar trux dak li ma jridx jisma'"; u qawl (deumanizzanti) ieħor jgħid – "biskuttini f'ħalq il-ħmir". Tassew jiddispjaċini nitkellem hekk, imma hawn min ikun iffurmat jew deċiż jew reżistenti b'mod intransiġenti tant li ma tasalx miegħu, minkejja kollox – u aktarx ikun qiegħed jikkunsidra lili bl-istess mod.

32. **RIĊERKATUR:** Ġieli kien hemm sitwazzjonijiet fejn bdilt deċiżjoni ta' tagħlim ta' testi, minħabba ċirkostanzi li jaffettwaw lill-istudenti?

    **IS-SUR SAYDON:** Ma naħsibx. Li kelli ċirkostanzi kienu tat-tip mhux li nibdel dak li ngħallem, imma li nibdel il-mod kif ngħallmu. Darba kelli każ fejn tfajla studenta (ta' 'l fuq minn sittax-il sena) ġiet m'ommha għal Jum il-Ġenituri b'tarbija f'ħoġorha. Qaltli li kienet tagħha u li kienet tiddejjaq meta waqt xi lezzjoni nsemmi biex nevitaw li nnisslu t-trabi barra miż-żwieġ. Ommha esprimiet li l-għarus kien ittradiha u abbanduna lilha u t-tarbija u mar ma' oħra. Hawn jien tlabt skuża lill-istudenta talli mingħajr ebda intenzjoni weġġajtha, imma affermajt u kkonfermajt li d-diskors flok jissikket aktar irid isir, sabiex ġuvintur, tfajliet (u trabi) kemm jista' jkun jiġi evitat li jitweġġgħu jew iweġġgħu lil xulxin. Il-bdil fil-metodu tat-tagħlim tiegħi kien li bdejt nitlob skuża minn qabel ma nagħmel id-diskors li nkun naf li potenzjalment jista' jweġġa' lill-istudenti. Imma mhux li naqgħu fil-muta. Hekk le, għax is-skiet isir kompjaċenza.

33. **RIĊERKATUR:** Biex nieħdu dan l-eżempju, inti sirt konxju ta' dan wara l-lezzjoni. Jekk pereżempju qed tagħmel lezzjoni u għandek test li jitkellem kontra l-Mislem (li għandna numru mhux ħażin fil-Letteratura Maltija) u fil-klassi hija evidenti li għandek studenti ta' twemmin Musulman. Kif tkun l-attitudni tiegħek f'dan il-każ?

    **IS-SUR SAYDON:** Qabel xejn, dejjem naqbad il-linja li għandu jkun hemm ir-rispett u t-tolleranza (preferibbilment reċiprokati) bejn il-bnedmin, irrispettivament mit-twemmin jew il-kultura. Infiehem kemm nista' li n-nazzjonaliżmu għandu l-perikli tiegħu, għaliex meta jittieħed fl-estrem jinbidel f'razziżmmu. Barra minn hekk, bil-Musulmani fil-klassi jew le, dejjem inqiegħed il-poeżija u/jew il-proża fil-kuntest taż-żmien li nkitbu fih (jekk ikun magħruf meta nkitbu). Madankollu, ikun xi jkun il-każ, xorta waħda nġib l-argument li ebda Alla jew Allah, (u jekk hemm entità divina, din waħda tista' tkun u mhux aktar), ma jieħu gost jara lil uliedu/lill-ħlejjaq tiegħu jbiċċru u/jew joqtlu 'l xulxin f'ismu; jew għal raġunijiet oħra.

# Appendiċi 11 – L-intervista mas-Sur Wettinger

Il-Ħadd 17 ta' Novembru, 2019
*it-tweġibiet mibgħuta b'imejl

1. **RIĊERKATUR:** Fl-istudji akkademiċi tiegħek iffokajt fuq liema qasam tal-Malti?

   **IS-SUR WETTINGER:** Jiena għallimt il-livelli kollha tal-MATSEC, [...].

2. **RIĊERKATUR:** Għaliex taħseb li ngħallmu l-Letteratura Maltija fl-iskejjel?

   **IS-SUR WETTINGER:** Il-letteratura tiġi mgħallma għal diversi raġunijiet. L-ewwel nett, l-istudenti jitgħallmu l-kultura, l-istorja, il-lingwa nnifisha, u ċerti mekkaniżmi fil-lingwa, fosthom il-metafori pereżempju. Però, il-letteratura tgħinek ukoll issir analitiku, issir kritiku, għaliex fuq il-letteratura ovvjament aħna niddiskutu, niddjalogaw u nidraw nifhmu u naċċettaw opinjonijiet differenti ta' nies differenti. Barra minn hekk, il-letteratura, fost affarijiet oħra, tgħinek tifhem karattri oħra u fuq kollox tgħallmek ċertu valuri wkoll. Però, kif semmejt fil-bidu, hemm ħafna u ħafna iktar raġunijiet.

3. **RIĊERKATUR:** Jiġi xi kittieb/a lokali jew barrani/ja f'moħħok meta tisma' l-kelma "Eżistenzjaliżmu"?

   **IS-SUR WETTINGER:** Xħin nisma' din il-kelma, l-ewwel li jiġi f'moħħi hu Dun Karm Psaila, il-Poeta Nazzjonali.

4. **RIĊERKATUR:** Kemm tħoss li l-istudenti tal-ġurnata jagħtu importanza lit-tagħlim tal-letteratura?

   **IS-SUR WETTINGER:** Sfortunatament, ħafna mill-istudenti tagħna, jitgħallmu l-letteratura għaliex tiġi ppreżentata lilhom fis-sillabi, speċi ta' bilfors, speċjalment dawk li qegħdin fis-sekondarja. Issa, dawk li qegħdin fil-livell postsekondarju, ovvjament għażlu l-Malti u jafu li se jitgħallmu l-letteratura. Jiġifieri ħafna minnhom jitgħallmuha għax bilfors, però mbagħad insibu ċertu numru li jinteressaw irwieħhom u jfittxu waħidhom, u jaqraw testi differenti. U fil-fatt, dawn l-istudenti, fil-klassi jkunu jispikkaw.

5. **RIĊERKATUR:** Tħoss li l-importanza mogħtija lit-tagħlim tal-letteratura nbidlet maż-żmien? Għaliex taħseb hekk?

   **IS-SUR WETTINGER:** Dan l-aħħar għoxrin sena ma naħsibx li nbidlet. Jiġifieri dan l-aħħar għoxrin sena, kif ilni ħamsa u għoxrin sena nesperjenzaha jien, il-letteratura, l-importanza tagħha, ġiet mgħallma b'mod konsistenti fl-iskejjel tagħna. Forsi sar xi tibdil fuq l-enfasi, fuq ċertu affarijiet aktar milli oħrajn. Pereżempju, fl-antik kienet issir enfasi kbira fuq il-poeta u x'ser nitgħallmu minnha, però, daż-żmien lezzjoni tiġi ffokata fuq it-test u speċi ma noħorġux it-tagħlima imma noħorġu ħsibijiet differenti li jġagħluna nirriflettu.

6. **RIĊERKATUR:** Personalment, kemm tħoss li l-letteratura li ngħallmu lill-istudenti tħalli effett fuqhom u fuq ħajjithom?

   **IS-SUR WETTINGER:** Il-letteratura tħalli effett kbir fuq l-istudenti u fuq ħajjithom. Però, xħin tiġi mgħallma l-letteratura, importanti li din tiġi marbuta mal-esperjenzi u ħajjet l-istudenti. Jiġifieri mhux naqra t-test biss, però t-test irrid napplikah għall-ħajja ta' kuljum. Imbagħad hemm żgur tħalli effett fuq l-istudent. Però, ovvjament ikollok ċertu studenti li jkunu inteliġentissimi u jkunu kapaċi jinterpretaw u japplikaw il-letteratura waħidhom. Ovvjament, in-numru ta' studenti simili, mhuwiex kbir.

7. **RIĊERKATUR:** X'inhi l-akbar sfida li taffaċċja fit-tagħlim tal-letteratura?

   **IS-SUR WETTINGER:** L-akbar sfida hija l-bruda ta' ċertu studenti. Ovvjament ċertu studenti jitgħallmu l-letteratura għax bilfors.

8. **RIĊERKATUR:** Bruda f'liema sens? Nuqqas ta' interess, ta' parteċipazzjoni, ta' qari forsi?

   **IS-SUR WETTINGER:** Ċertu studenti jkollhom apatija kbira. Xħin tarah quddiemek fil-klassi, tipprova tinvolvih/a u tara dik in-nuqqas ta' ħeġġa, dik kiefra wisq u lill-għalliem ma timmotivahx. Imbagħad tistaqsih liema ktieb qara l-aħħar u prattikament jieqaf jaħseb għax ikun xi sitt snin ilu. In-nuqqas ta' qari, in-nuqqas ta' interess f'ċertu studenti hi sfida għall-għalliem. Iżda hemm studenti tajbin ħafna wkoll u dawn jgħollulek il-moral.

9. **RIĊERKATUR:** Liema huma dawk it-temi li joffru sfida biex tgħallimhom lill-istudenti?

   **IS-SUR WETTINGER:** It-temi l-iktar li joffru sfida huma dawk astratti, pereżempju semmejna l-eżistenzjaliżmu, li hija waħda minnhom, u dan għal diversi raġunijiet.

10. **RIĊERKATUR:** Temi astratta bħal xiex?

    **IS-SUR WETTINGER:** Eżempju ħafna studenti xħin jaqraw il-poeżija 'Żagħżugħ ta' Dejjem' ta' Dun Karm jaħsbu li hi fuq il-baħar biss... ma jkunux kapaċi jintuwixxu li din fuq il-mortalità u l-eżistenza. Temi simili li l-istudent ħafna drabi ma jaħsibx fuqhom għax ikun għadu żgħir u ħafna drabi mimli saħħa.

11. **RIĊERKATUR:** X'taħseb li hi r-raġuni prinċipali wara l-isfida fit-tagħlim ta' dawn it-testi?

    **IS-SUR WETTINGER:** Ir-raġuni hi li dawn l-esperjenzi iebsa li ċertu kittieba jesperjenzaw u jiktbu fuqhom, ċertu studenti ma jkunux esperjenzawhom. Allura ma jkunux jistgħu jifhmu minn xiex għaddew dawn il-poeti eżattament. M'iniex qed ngħid li kulħadd, għaliex ċertu studenti jkunu għaddew minn ċertu tbatija u ovvjament ikunu jistgħu jirrelataw iktar mat-test. Però, oħrajn li forsi lanqas ikollhom dik il-maturità, jibdew jaraw dawn il-poeżiji bħala tad-dwejjaq u ma japprezzawhomx.

12. **RIĊERKATUR:** Liema perjodu mil-Letteratura Maltija taħseb li jittratta ħsibijiet u temi b'rabta mal-ħajja tal-bniedem? Għaliex?

    **IS-SUR WETTINGER:** Ma naħsibx li hemm perjodu wieħed li jittratta tema simili, però naħseb li l-poeti ta' qabel l-Indipendenza, dawk tradizzjonali, għamlu enfasi iktar fuq hekk.

13. **RIĊERKATUR:** Tista' ssemmili test letterarju jew tnejn li tħoss li jinkludi/u temi simili?

**IS-SUR WETTINGER:** L-ewwel semmejt lil Dun Karm, u ma' Dun Karm, relatat mal-Eżistenzjaliżmu, norbot 'Il-Jien u lil hinn Minnu' u 'Il-Ġerrejja u Jien', u fil-każ ta' Karmenu Vassallo, norbot il-ktieb *Nirien*.

14. **RIĊERKATUR:** Liema huma l-kittieba li tqis li t-testi letterarji tagħhom jittrattaw dawn it-tipi ta' temi?

**IS-SUR WETTINGER:** Kittieba hemm diversi jittrattaw dawn it-temi, però għadni kemm tajt żewġ eżempji tipiċi; Dun Karm u Karmenu Vassallo. Però ma jfissirx li m'hawnx poeti u kittieba oħra moderni li jittrattaw dawn it-temi wkoll.

15. **RIĊERKATUR:** Tista' forsi ssemmili mqar wieħed jew waħda?

**IS-SUR WETTINGER:** Oliver Friggieri.

16. **RIĊERKATUR:** Matul is-sena li għaddiet, kellek testi letterarji li jittrattaw it-tema tal-libertà, jew tan-nuqqas tagħha? Tista' ssemmili xi wieħed minnhom?

**IS-SUR WETTINGER:** Issa, il-kelma libertà tista' tfisser ħafna affarijiet ftehmna? Jiġifieri, iva kelli, biex ngħidu hekk temi marbuta mal-libertà mill-ħakma politika u tmexxija ħażina, u fost dawn insemmilek 'Duluri' ta' Mario Azzopardi, u 'Inċest' tal-istess poeta. Tnejn minn ħafna oħrajn li għaddejt.

17. **RIĊERKATUR:** Matul is-sena li għaddiet, kellek testi letterarji li jittrattaw it-tema tar-reliġjon, l-ispiritwalità u t-twemmin? Tista' ssemmili xi ħaġa minnhom?

**IS-SUR WETTINGER:** Iva kelli fil-Malti Avvanzat u Intermedju. Fost dawn għandi 'Ġetsemani' ta' Victor Fenech, 'Għamja' ta' Ġużè Chetcuti, 'F'Ħaġar Qim' u 'Il-Ġgantija t'Għawdex' ta' Ġorġ Pisani, u 'Pitirross' ta' Victor Fenech fost oħrajn nerġa' ngħid.

18. **RIĊERKATUR:** Kemm tħoss li mit-testi letterarji li għallimt matul is-sena li għaddiet, għandek xogħlijiet li jittrattaw temi dwar il-ħajja tal-bniedem? Liema huma?

**IS-SUR WETTINGER:** Il-ħajja tal-bniedem hija trattata fit-tema, b'mod speċjali, relazzjonijiet umani, fil-Malti Avvanzat u Intermedju. Issa aħna qed nitkellmu fuq is-sillabu tas-sena l-oħra u ta' dis-sena, għax issa s-sillabu ser jinbidel. Jiġifieri hemmhekk għandek terz tal-poeżiji. Jiġifieri terz tal-poeżiji tal-Malti Avvanzat (l-antik), huma relatati ma' dik it-tema.

19. **RIĊERKATUR:** Meta tagħżel ix-xogħol letterarju, kemm tqis jekk it-temi li jittratta humiex addattati għall-istudenti?

**IS-SUR WETTINGER:** Jiena, l-ewwel nett, aħna ngħallmu kotba li fihom tkun diġà saret għażla ta' poeżiji, jiġifieri l-għażla tagħna hi limitata. Però, xħin niġi biex nagħżel poeżiji, nagħżel poeżiji diversi, b'temi diversi, b'tekniki u mekkaniżmi differenti, biex jiena, fl-Avvanzat u l-Intermedju, speċjalment fl-Avvanzat, lill-istudent intih togħma ta' kitbiet letterarji differenti. Sabiex b'hekk, xħin ikompli jistudja l-Università, ikollu idea fuq xiex, speċi, jispeċjalizza 'l quddiem, u b'hekk ikun sema' b'affarijiet differenti.

20. **RIĊERKATUR:** Meta tiġi appuntu f'din l-għażla, ngħidu aħna ta' testi poetiċi, tqis jekk ix-xogħol huwiex adattat għall-istudenti? Jew tħoss li kollox jappella għall-istudenti?

    **IS-SUR WETTINGER:** Skont x'qed tifhem b'addattati. Xogħlijiet varji. Uħud li l-istudenti jirrelataw magħhom direttament u oħrajn kultant imorru lil hinn min-normi tagħhom imqar suġġetti li jkunu kkonsidrati tabù. L-iskop hu li jkollna bażi għad-diskussjoni.

21. **RIĊERKATUR:** Jekk għandek xogħol letterarju b'tema assoċjata mal-problemi fil-familja, tasal tgħallmu lill-istudenti tiegħek? Għaliex?

    **IS-SUR WETTINGER:** Iva, importanti immens. Anzi, aktar m'għandhom problemi l-istudenti, u aktar ma nsib test relatat ma' dak, aktar aħjar, għax b'hekk jista' jkollna punt ta' tluq għal diskussjoni. Imqar jekk l-istess student ma jitkellimx, dak l-istess student li għandu l-problemi, minn dak li joħorġu sħabu u minn dak li joħroġ l-għalliem, jista' jitgħallem ħafna jew jista' jkun il-punt li dan jinfetaħ, li l-ħsibijiet tiegħu jinfetħu. Jiġifieri l-letteratura hija arma, anzi hija arma li rridu nużawha.

22. **RIĊERKATUR:** Tagħmel differenza fl-għażliet bejn lezzjonijiet tal-livell Avvanzat u dawk tal-livell Intermedjarju? Jew bejn lezzjonijiet tal-poeżija u dawk tal-kritika jew *tutorials*?

    **IS-SUR WETTINGER:** Issa, din il-mistoqsija se naqsamha ftit. Fuq l-ewwel punt, nagħmilx differenza bejn tal-Avvanzat u tal-Intermedju, iva, ovvjament tal-Avvanzat għandhom ħin aktar, is-sillabu jindika li trid tgħaddi poeżija aktar, jiġifieri ser tgħaddilhom aktar kitbiet letterarji, aktar poeżiji u proża. Mill-banda l-oħra mbagħad, l-iskop ta' kritika letterarja, huwa ftit differenti minn kif tgħaddi l-poeżija, għax fi kritika letterarja, inti ser tiffoka fuq poeżija waħda, u ser tidħol f'ħafna dettalji. Jiġifieri differenzi hemm, għalkemm it-tnejn jorbtu ma' xulxin, waħda ser tgħin lill-oħra.

23. **RIĊERKATUR:** Meta tiġi għall-preparazzjoni tal-lezzjoni, talloka ħin biex l-istudenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar it-tema diskussa?

    **IS-SUR WETTINGER:** Iva, importanti immens. L-istudent, waqt il-lezzjoni, jkollu l-parti tiegħu, fejn hu għandu ċans jinterpreta t-test u joħroġ b'opinjoni tiegħu. Ovvjament ħa jkollok studenti li joħorġu b'opinjonijiet kontrastanti u hemmhekk ikun lok għad-diskussjoni, fejn nitgħallmu wkoll naċċettaw, kif semmejt fil-bidu, l-opinjonijiet differenti ta' xulxin.

24. **RIĊERKATUR:** Kemm tqis li l-lezzjonijiet tiegħek jappellaw għall-ħsibijiet, l-esperjenzi personali u l-emozzjonijiet tal-istudenti?

    **IS-SUR WETTINGER:** Issa din aktar milli jien, aktar jistgħu jwiġbuha l-istudenti. Però, xħin jgħaddu s-snin, jgħaddu ħames snin, sitt snin, u tiltaqa' ma' student, li jkun għadda minn problema, imqar fuq ix-xogħol, u jgħidlek "darba inti waqt il-lezzjoni għidtli hekk", ifisser li qed tkun tappella għas-sentimenti, għall-esperjenzi tiegħu. Għalkemm mhux fl-immedjat, forsi jsarrafhom 'il quddiem.

25. **RIĊERKATUR:** Tħoss li l-mistoqsijiet li tistaqsi lill-istudenti jagħtu lok biex dawn jesprimu d-diffikultajiet u d-dilemmi tagħhom?

**IS-SUR WETTINGER:** Issa, fil-livell Avvanzat u Intermedju, l-istudenti ssaqsihom jesprimu ruħhom, imma fl-esperjenza li kelli jien, 'il fuq minn [...] sena, l-istudenti m'humiex se jitkellmu fuq il-problemi personali tagħhom. Ser jinqdew bit-tielet persuna, smajt, rajt, u jitkellmu fuq ċertu problemi. Jiġifieri l-letteratura, iva, isservihom ta' katarsi, isservihom biex dawn joħorġu l-problemi tagħhom. Għalkemm dan forsi mhux se jgħid "jien", ser jinqeda b'personalitajiet oħra, dak u l-ieħor, biex jesprimi ħsibijietu.

26. **RIĊERKATUR:** F'dan il-proċess ta' katarsi, tara l-esperjenza letterarja bħala waħda pożittiva li tgħin, jew aktar bħala esperjenza negattiva li tkompli tgħarraq lill-istudenti?

    **IS-SUR WETTINGER:** Jiena naraha li tgħin. Ovvjament ikun hemm l-għalliem li jikkontralla d-diskussjoni u jżomm il-bilanċ meħtieġ. Jiġifieri l-għalliem ma jippermettix li xi ħadd jipprova jkisser lil xi ħadd ieħor u fl-istess waqt jekk ikun hemm bżonn idawwar id-diskors biex l-istudent ma jikxifx dettalji personali... dawn imbagħad tgħallimhomlok l-esperjenza.

27. **RIĊERKATUR:** Kemm taħseb li fil-lezzjonijiet tiegħek tirrikonoxxi l-opinjonijiet tal-istudenti tiegħek?

    **IS-SUR WETTINGER:** Kif semmejtlek, l-opinjoni tagħhom għandha importanza kbira. Għalija wkoll, għaliex kultant ikollok testi letterarji fejn inti tkun tinterpretahom b'ċertu mod, imbagħad l-istudent jagħtik dak li ngħidulu *punto di vista* tiegħu, u hemmhekk inti tispiċċa titgħallem mingħand l-istudent. Jiġifieri l-istudent għandu rwol kritiku wkoll li jista' jgħallem lill-għalliem.

28. **RIĊERKATUR:** Kif tiddeskrivi r-relazzjoni tiegħek mal-istudenti?

    **IS-SUR WETTINGER:** Ir-relazzjoni tiegħi mal-istudenti hi waħda professjonali. Billi issa kbirt fiż-żmien, kważi kważi nħossni qisni missierhom, u permezz tal-letteratura, biex norbtuha hekk, inkunu nistgħu naraw esperjenzi differenti fil-ħajja. Jiena nagħtihom il-perspettivi tiegħi, minn adult, minn bniedem li twieled f'ċertu żminijiet u huma jagħtuni l-esperjenzi tagħhom, l-esperjenzi moderni biex ngħidulhom hekk, taż-żminijiet tal-lum. Għalkemm it-test letterarju jgħinek biex tolqot liż-żewġ persuni li twieldu f'epoki differenti.

29. **RIĊERKATUR:** Fil-lezzjonijiet, meta tiġi għall-interpretazzjoni ta' test letterarju, tagħti ċans lill-istudenti joħorġu b'interpretazzjonijiet tagħhom? Kemm hu importanti dan il-proċess għalik?

    **IS-SUR WETTINGER:** Din diġà ħarġet minn din l-intervista. Iva, l-istudent jingħata l-lok jagħti l-interpretazzjoni tiegħu, anzi nitolbu b'mod speċjali, jekk jista' jkun joħroġ b'xi ħaġa ġdida, għandu aktar marki, l-istudent. Aħna rridu nisimgħu l-ilħna taż-żgħażagħ fuq il-letteratura tagħna, x'jaħsbu u ma jaħsbux. U fil-fatt, dan mhux biss isir fil-klassi, imma wkoll fix-xogħlijiet li jagħmlu, kemm relatat mal-poeżija direttament u kemm marbut mal-kritika.

30. **RIĊERKATUR:** Kemm inti konxju mill-fatt li xi studenti fil-lezzjonijiet tiegħek ikunu qegħdin jippruvaw jissuperaw problemi ta' xeħta personali, ngħidu aħna l-identità individwali tagħhom?

    **IS-SUR WETTINGER:** Ovvjament fl-età ta' sittax, sbatax-il sena, u ftit qabel u ftit wara wkoll, huwa żmien iebes, konxju li dawn ikunu għaddejjin minn ċertu taqlib. Illum, fis-soċjetà

tagħna, żdiedu ċertu problemi soċjali wkoll, allura dawn qed imissu l-familji u jmissu l-istudenti tagħna. Allura iva, nemmen li dawn ser ikollhom problemi personali, b'uħud tkun taf bihom u oħrajn ma tkunx taf.

31. **RIĊERKATUR:** Kemm iżżomm f'moħħok il-possibilità li xi temi li tkun ser tittratta mal-istudenti jistgħu jkunu qed iġarrbuhom huma stess, ngħidu aħna problemi familjari jew dubji fuq il-ħajja?

    **IS-SUR WETTINGER:** Iva, ċertu affarijiet ser ikunu għaddejjin minnhom. Naħseb, kif diġà semmejt, test letterarju, f'punti bħal dawn, jista' jgħin ħafna lill-istudenti fir-riflessjoni. Huma jistgħu jisimgħu opinjonijiet oħrajn ta' studenti oħra, l-opinjoni tal-għalliem, u b'hekk huma jkunu kapaċi jaraw perspettivi differenti, forsi jneħħu l-għamad minn quddiem għajnejhom, li jkunu qegħdin jaraw bih jew inkella jkun qed ifixkilhom, u b'hekk ikunu, speċi, jieħdu deċiżjonijiet u jagħmlu riflessjonijiet aktar infurmati.

32. **RIĊERKATUR:**Taħseb li studenti ta' bejn sittax u tmintax-il sena huma maturi biżżejjed għal testi letterarji b'temi dwar il-ħajja jew dwar il-mewt?

    **IS-SUR WETTINGER:** Iva, maturi. Ovvjament il-ħajja u l-mewt u testi relatati magħhom, jiġu mgħallmin imqar ħafna qabel sittax u sbatax-il sena u tmintax-il sena. Anzi importanti ħafna li jiġu esposti għal dawn l-affarijiet, għax dawn huma temi kurrenti li jesperjenzahom kulħadd, minn trabi sa xjuħ.

33. **RIĊERKATUR:** Taħseb li hemm xi temi li ma tasalx tiddiskuti mal-istudenti? Tista' ssemmili xi temi?

    **IS-SUR WETTINGER:** It-temi li jidhru fil-kitbiet letterarji tas-sillabu, jiena kollha niddiskutihom. Dak kollu li jidher fl-antaloġija, jiena niddiskutih. Jiġifieri jien nara li t-temi jkunu jappellaw, speċjalment fil-kritika letterarja, għall-istudenti tagħna, però s'issa qatt ma ċċensurajt lili nnifsi. Però, m'iniex imbagħad se naqbeż il-limitu, u mmur nippreżentalhom xi kritika letterarja fuq letteratura erotika, sewwa? Jiġifieri s-sens komun irid ikun hemm, is-sillabu qiegħed hemm biex jiggwidana, u aħna rridu noqogħdu hemmhekk, fl-istess parametri.

34. **RIĊERKATUR:** B'rabta mal-kumment tiegħek għal-letteratura erotika, bit-tibdil li għaddej madwarna, kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment, ma taħsibx li l-istudenti għaddejjin f'kuntatt ma' elementi ta' sesswalità, imħabba u erotiċiżmu? Ngħidu aħna poeżija bħal 'Inċest' ta' Mario Azzopardi.

    **IS-SUR WETTINGER:** Naqbel miegħek, li l-istudent imiss ma' dan it-temi. U dawn jiġu diskussi f'temi relatati bħal ir-relazjzonijiet umani fil-poeżiji eż. 'Sitwazzjoni Alfa u Sitwazzjoni Omega' ta' Philip Sciberras. Iżda dik mhix letteratura erotika. L-istess il-poeżija 'Inċest' mhix letteratura erotika iżda defamiljarizzazzjoni i.e. l-omm li tistupra lil binha u l-omm hi Malta li ma tagħtix opportunità liċ-ċittadin.

35. **RIĊERKATUR:** Ġieli kien hemm sitwazzjonijiet fejn bdilt deċiżjoni ta' tagħlim ta' testi, minħabba ċirkostanzi li jaffettwaw lill-istudenti?

**IS-SUR WETTINGER:** Rarissimu, rarissimu ħafna. iżda iva, darba nsemmilek każ partikolari. Kelli tifel miet ħuh, dik il-ġimgħa li kont qed ngħaddi l-poeżija 'Pupu' ta' Karmenu Vassallo, u jiena, ngħidlek id-dritt, ma kontx naf li dan l-istudent għadda minn esperjenza hekk kiefra, u dan malli bdejt naqra l-poeżija nfaqa' jibki, sħabu infurmawni, u ħassejt li, għal dakinhar, kellna nibdlu t-tema, ħalli ovvjament ma nkomplix nagħfaslu fuq il-ġerħa. Però, ovvjament, dan kien każ, fil-karriera tiegħi, uniku. U ħassejt li għandi bżonn nagħmel hekk. Issa kinetx deċiżjoni tajba jew ħażina, ma nafx ngħidlek.

36. **RIĊERKATUR:** Jiġifieri meta l-istudenti juru diffikultà jew skumdità għal test jew tema partikolari, tasal tibdel il-mod kif tgħallmu, iżda xorta jiġi mgħallem it-test?

**IS-SUR WETTINGER:** Dak kien każ rari ħafna li naħseb mhux se nerġa' narah f'ħajti. L-għalliem hu mexxej irid jiddeċiedi x'se jagħmel f'ċertu mumenti partikolari. Jekk ikun hemm bżonn iva jinbidel il-mod kif tkun tiġi mgħallma l-ħaġa għal mumenti partikolari biss. Iżda biż-żmien it-test nerġgħu niġu għalih u nindirizzaawh iżda l-mewġ ikun ikkalma.

# Appendiċi 12 - Is-sillabu tal-livell Ordinarju

IS-SILLABU TAĊ-ĊES (2018)

| | |
|---|---|
| IL-MALTI | ĊES 22 |
| IS-SILLABU | |

**Is-Sillabu tal-Malti ĊES 22**

Isir f'Settembru wkoll: (L-Ewwel Karta u t-Tieni Karta B)
L-Ewwel Karta (Lingwa): l-Oral (15-il minuta) + il-Kitba (siegħa u tliet kwarti)
It-Tieni Karta (IIA) (Letteratura): 2 Referenzi għall-Kuntest + 3 Komponimenti Letterarji (sagħtejn)
It-Tieni Karta (IIB) (Letteratura): 2 Referenzi għall-Kuntest + 2 Komponimenti Letterarji (sagħtejn)

## Ir-Razzjonal

Il-kandidati jiġu eżaminati fl-ilsien u l-letteratura Maltija għal dawn ir-raġunijiet:

- Il-Malti huwa mezz komunikattiv u interattiv li jħaddan fih ukoll l-aspett estetiku u kreattiv.
- Il-Malti jiġbor fih identità lingwistika u kulturali li l-poplu Malti sawwar u għadu qiegħed isawwar.

## L-Għanijiet

Dan l-eżami jiddetermina:

- Il-livelli varji tal-kandidati fit-tħaddim tal-lingwa f'dak li għandu x'jaqsam marriċeviment, il-produzzjoni, u l-interazzjoni.
- Il-livelli varji tal-kandidati fil-ħila komunikattiva tagħhom skont ir-reġistru u lforma li tkun titlob is-sitwazzjoni.
- Il-livelli varji tal-kandidati fil-ħila tal-għarfien u l-apprezzament ta' testi letterarji.

## L-Oġġettivi

F'dan l-eżami l-kandidati jiġu ttestjati u assessjati f'dawn l-oqsma:

A. L-Ewwel Karta (Lingwa)

- L-Oral (15-il minuta): l-Qari, is-Smigħ, Żewġ Diskussjonijiet fuq (a) temi kurrenti u fuq (b) temi marbuta mal-kultura lingwistika f'Malta.
- Il-Kitba (siegħa u tliet kwarti): Fehim it-Test, Għarfien il-Lingwa, il-Grammatika, u l-Malti Komunikattiv (li jinkludi Komponiment, Rapport, u Ittra).

B. It-Tieni Karta A (sagħtejn) (Letteratura): l-antoloġija *Bejn Ħaltejn*.

- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Poeżija)
- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Proża)
- 3 Komponimenti Letterarji fuq l-antoloġija.

C. It-Tieni Karta B (sagħtejn) (Letteratura): l-antoloġija *Bejn Ħaltejn*.

- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Poeżija)
- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Proża)
- 2 Komponiment Letterarji fuq l-antoloġija.

**L-Iskema tal-Eżami**
Jingħataw żewġ karti ta' sagħtejn il-waħda.

L-Ewwel Karta (Lingwa: 50% tal-marka globali)
Din tinħadem mill-kandidati kollha, u tikkonsisti minn żewġ taqsimiet:

**L-Oral** (15-il minuta + 5 minuti ħin preparatorju; 7.5% tal-marka globali). Il-kandidati jingħataw 5 minuti ħin preparatorju qabel ma jidħlu quddiem l-eżaminatur tal-Oral. F'dawn il-5 minuti l-kandidati jippreparaw ruħhom fuq dak li jkunu se jwieġbu. L-Oral għandu dawn it-tliet komponenti:

- **Il-Qari** (2 marki) – tingħata silta **mhux letterarja** ta' madwar 80 kelma; ilkandidati jkollhom minuta biex jaqrawha b'vuċi għolja quddiem leżaminatur.

- **Is-Smigħ** (5 marki) – L-eżaminatur jaqra darba biss silta oħra **mhux letterarja** ta' 100 kelma b'vuċi għolja u l-kandidati jkollhom 5 mistoqsijiet b'għażla multipla (*multiple choice*). Dan irid isir f'6 minuti u kull mistoqsija tingħad darbtejn biss.

- **Żewġ Diskussjonijiet** (4 + 4 marki) – Żewġ diskussjonijiet fuq (a) temi kurrenti u (b) temi kulturali:

(a) **Temi Kurrenti** - Diskussjoni fuq temi kurrenti (4 marki) – ilkandidati jingħataw żewġ temi kurrenti marbutin mal-ħajja ta' kuljum u jagħżlu tema minnhom u jiddiskutuha mal-eżaminatur għal 4 minuti kull waħda. It-temi jinkludu:

- l-ambjent tad-dar
- l-ambjent naturali
- id-divertiment
- l-ivvjaġġar
- iż-żgħożija
- ix-xiri
- il-kura tas-saħħa
- l-edukazzjoni
- il-ġrajjiet kurrenti

(b) **Temi marbuta mal-kultura lingwistika f'Malta** – Diskussjoni fuq temi kulturali (4 marki) – il-kandidati jingħataw żewġ temi marbuta mal-kultura lingwistika f'Malta bħall-bilingwiżmu, il-Malti Safi, ittagħlim tal-lingwi barranin, u l-kontribut tal-awturi li ġejjin għall-iżvilupp tal-Malti:

- Gan Franġisk Agius De Soldanis
- Mikiel Anton Vassalli
- Ġan Anton Vassallo
- Ġużè Muscat Azzopardi
- Dun Karm Psaila
- Pietru Pawl Saydon
- Ninu Cremona
- Ġużè Aquilina

ii **Il-Kitba** (siegħa u tliet kwarti; 42.5% tal-marka globali). Din it-taqsima għandha dawn il-komponenti:

- <u>Fehim it-Test</u> (12-il marka): il-kandidati jridu jwieġbu mistoqsijiet fuq silta ta' madwar 400 mitt kelma. Il-mistoqsijiet ikunu ta' xeħta referenzjali u inferenzjali. **Is-silta ma tkunx letterarja**. F'dan it-taħriġ l-ortografija ma tiġix eżaminata imma mistenni li jkun hemm użu grammatikali tajjeb.

- <u>Għarfien il-Lingwa</u> (10 marki): Il-kandidati jingħataw taħriġ fuq il-lingwa tassilta mogħtija f'Fehim it-Test. F'din il-parti l-kandidati jkunu ggwidati billi jingħataw minn liema paragrafu jkunu jridu jsibu t-tweġiba tagħhom.

- <u>Grammatika</u> (14-il marka): Din il-part **ma tkunx** marbuta mas-silta ta' Fehim it-Test. Il-kandidati jingħataw taħriġ biex juru li jafu r-regoli tal-Malti u jridu jkunu jafu: il-morfoloġija, it-testwalità, il-lessiku, u s-sintassi. Dan is-sillabu ma jeżaminax verbi irregolari u kliem arkajku. Għaldaqstant l-eżami ma jitlobx għarfien grammatikali ta' verbi bħal *iżża, idda, ħa, ta, ra, qal (jgħid), kien, kiel, ġie, emmen, mar, jaf, kellu.*

- <u>Malti Komunikattiv</u> li jinkludi: Komponiment (25 marka), Rapport (12-il marka), u Ittra (12-il marka).

<u>**Il-Komponiment**</u>: (350 kelma) il-kandidati jingħataw erba' titli ta' komponiment. Wieħed ta' xejra narrattiva, wieħed ta' xejra deskrittiva, wieħed ta' xejra argumentattiva, u wieħed ta' xejra espożitorja. Il-kandidati jridu jagħżlu wieħed minnhom u jiktbu komponiment fuqu.

**<u>Ir-Rapport</u>** (80 kelma): il-kandidati jingħataw żewġ rapporti u jridu jagħżlu wieħed minnhom. Iridu jkunu kapaċi jiktbu rapport li fih jiżviluppaw argument sistematiku li jenfasizza l-punti sinifikanti u d-dettalji relevanti li jsaħħu dawk il-punti.

**<u>L-Ittra</u>** (80 kelma): il-kandidati jingħataw żewġ ittri u jridu jagħżlu waħda minnhom. Dan it-taħriġ jeżamina l-kitba tal-ittra formali u informali kif ukoll tal-ittra elettronika formali. Fl-ittra elettronika l-kandidati jridu jiktbu skont ir-regoli tal-ortografija.

<u>It-Tieni Karta (Letteratura: sagħtejn, 50% tal-marka globali)</u>

It-test magħżul: l-antoloġija *Bejn Ħaltejn*.

Ikun hemm żewġ verżjonijiet ta' din il-Karta: it-Tieni Karta A u t-Tieni Karta B. ItTieni Karta A jkun fiha mistoqsijiet li jeħtieġu livell ogħla ta' preparazzjoni mit-Tieni Karta B. Il-kandidati jridu juru fuq l-applikazzjoni tagħhom liema verżjoni tat-Tieni Karta jixtiequ jagħmlu. Ma jitħallewx jibdlu l-għażla tagħhom wara li jagħlaq ilperjodu tar-reġistrazzjoni.

**<u>It-Tieni Karta A:</u>**

- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Poeżija): jingħataw mistoqsijiet fuq żewġ poeżiji u l-kandidati jridu jwieġbu fuq **waħda minnhom** (20 marka).
- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Proża) **minbarra** *Il-Ħarsa ta' Rożann*: jingħataw mistoqsijiet fuq żewġ siltiet ta' proża u l-kandidati jridu jwieġbu fuq **waħda minnhom** (20 marka).
- 2 Komponimenti Letterarji fuq l-antoloġija, **minbarra** *Il-Ħarsa ta' Rożann* (200 kelma il-wieħed): jingħataw tliet mistoqsijiet u l-kandidati jridu jwieġbu **tnejn biss** (15+15-il marka).
- Komponiment Letterarju **fuq** *Il-Ħarsa ta' Rożann* (400 kelma): jingħataw żewġ mistoqsijiet u l-kandidati jridu jwieġbu **mistoqsija waħda** (30 marka)

**<u>It-Tieni Karta B:</u>**

- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Poeżija): jingħataw mistoqsijiet fuq żewġ poeżiji u l-kandidati jridu jwieġbu fuq **waħda minnhom** (20 marka).
- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Proża) **minbarra** *Il-Ħarsa ta' Rożann*: jingħataw mistoqsijiet fuq żewġ siltiet ta' proża u l-kandidati jridu jwieġbu fuq **waħda minnhom** (20 marka).
- Komponiment Letterarju fuq l-antoloġija **minbarra** *Il-Ħarsa ta' Rożann* (200 kelma): jingħataw żewġ mistoqsijiet u l-kandidati jridu jwieġbu **mistoqsija waħda** (30 marka).

- Komponiment Letterarju **fuq** *Il-Ħarsa ta' Rożann* (200 kelma): jingħataw żewġ mistoqsijiet u l-kandidati jridu jwieġbu **mistoqsija waħda** (30 marka)

**Riżultati**

Il-kandidati li jagħżlu l-Ewwel Karta u t-Tieni Karta A jistgħu jiksbu minn Grad 1 sa Grad 5 (jiġifieri, Gradi 1, 2, 3, 4, jew 5). Min iġib inqas minn Grad 5 jibqa' U (*Unclassified*).

Il-kandidati li jagħżlu l-Ewwel Karta u t-Tieni Karta B jistgħu jiksbu grad li ma jkunx ogħla minn Grad 4 (jiġifieri, il-Gradi 4, 5, 6, jew 7). Min ma jġibx Grad 7 jkollu U (*Unclassified*).

# Appendiċi 13 – Is-sillabu tal-livell Avvanzat

IS-SILLABU MA (2018)

| | |
|---|---|
| IL-MALTI | MA 22 |
| *SYLLABUS* | |

| | |
|---|---|
| **Il-Malti MA** | (Jingħata f'Settembru wkoll) |
| Is-Sillabu Oral (10 minuti) + L-Ewwel Karta (3 sigħat) + it-Tieni Karta (3 sigħat) + it-Tielet Karta (3 sigħat) | |

**L-Għanijiet Ġenerali**

Bis-saħħa ta' kors mibni fuq dan is-sillabu, il-kandidati għandhom jaslu biex:
1. jifhmu aħjar il-lingwa Maltija fil-forom differenti tagħha fil-ħajja ta' kuljum;
2. japprezzaw il-lingwa Maltija u l-letteratura tagħha bħala espressjoni ta' ruħ il-poplu li jitkellimha;
3. jużaw il-lingwa b'mod effettiv bħala mezz ta' komunikazzjoni fl-oqsma kollha tal-ħajja, b'reqqa sħiħa fl-għażla tal-kelma u tal-frażjoloġija, fil-binja tas-sentenzi, u fit-tqassim tal-paragrafi marbutin ma' xulxin.

**L-Għanijiet Partikolari**

Is-sillabu għandu tliet karti u eżami orali li l-għanijiet partikolari tagħhom huma dawn:

*L-Oral*
Fl-eżami orali l-kandidati jiġu eżaminati għall-ħiliet tagħhom fit-tħaddim ta' reġistri differenti, għall-mod kif jesprimu ruħhom, għas-sekwenza tal-ideat u l-ħila li jibnu argument loġiku.

*Il-Lingwa u l-Lingwistika* (Karta 1)
F'din it-taqsima l-kandidati huma mistennija juru li għandhom il-ħila:
1. jifhmu u japprezzaw is-sehem tal-lingwa nazzjonali f'soċjetà bilingwi;
2. janalizzaw ir-rabta bejn l-istorja ta' Malta u l-iżvilupp tal-ilsien Malti;
3. jagħżlu t-tagħrif minn għejun differenti, jinterpretawh, u jwassluh f'bixra ġdida;
4. jikkomunikaw l-ideat tagħhom b'Malti tajjeb;
5. fejn tidħol il-kitba Maltija, isegwu l-ortografija uffiċjali tal-ilsien Malti.

*Il-Letteratura u l-Kritika Letterarja* (Karti 2 u 3)
Billi l-għan tal-istudju tal-letteratura hu li jkunu apprezzati s-siwi u s-sbuħija tagħha fiha nfisha u li tingħaraf l-importanza tagħha fl-iżvilupp tal-poplu Malti, f'dawn it-taqsimiet il-kandidati jridu juru li:
1. jifhmu kitbiet bil-Malti tal-imgħoddi u tal-preżent fl-isfond storiku-kulturali tagħhom u fil-post tagħhom fl-istorja tal-letteratura Maltija;
2. japprezzaw dawn il-kitbiet u janalizzawhom mhux biss għall-kontenut tagħhom fih innifsu iżda wkoll bħala damma ta' ideat u sentimenti li jista' jġarrabhom kulħadd, 'il barra mil-letteratura;
3. jikkritikaw xogħlijiet letterarji bir-reqqa, b'mod li juru x-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħhom.

**L-Iskema tal-Eżami**
L-eżami fih oral u tliet karti tal-kitba. Il-kandidati jridu jiktbu proża kontinwa u l-eżaminaturi jqisu lkwalità tal-lingwa fit-tweġibiet kollha.

**L-Oral** (10 minuti – 10% tal-marki kollha)
Il-kandidati jkunu eżaminati fil-Malti mitkellem permezz ta' oral ta' mhux aktar minn 10 minuti u li jieħu lgħamla ta' diskussjoni. Jingħataw tliet temi ta' ġrajjiet kurrenti għad-diskussjoni u l-kandidati jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur. Ma' kull tema jkun hemm xi punti biex l-eżaminatur ikun jista' jgħin lill-kandidati fid-diskussjoni.

**L-Ewwel Karta:** ***Il-Lingwa u l-Lingwistika*** (3 sigħat) - 30% tal-marki kollha

1. **IL-KOMPONIMENT** (15% tal-marki kollha)
Tingħata varjetà xierqa ta' temi, b'enfasi fuq temi argumentattivi, biex tingħażel tema waħda. F'dan it-taħriġ iridu jintwerew il-kreattività u l-ħila tat-tifsir tal-ħsieb bl-ordni, b'mod ċar, u bi stil idjomatiku. Il-komponiment irid ikun twil bejn 550 u 600 kelma.

2. **It-Taqsira jew Traduzzjoni** (5% tal-marki kollha)
Jingħata eżerċizzju wieħed minn dawn it-tnejn.

*It-Taqsira* - Tingħata silta ta' proża (li ma tkunx itwal minn 300 kelma) biex il-kandidati jqassruha f'paragrafu wieħed ta' madwar 100 kelma. Is-silta tista' tittieħed minn tipi differenti ta' testi mhux letterarji u li niltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum. It-taqsira tistħarreġ il-ħila tal-kandidati li jifhmu s-silta sewwa, jisiltu minnha l-argumenti ewlenija u jrodduhom fi kliemhom f'għamla ġdida aktar konċiża.

*It-Traduzzjoni* – Tingħata silta ta' proża ta' madwar 100 kelma b'Ingliż kontemporanju li ma jkunx tekniku jew li joffri sfidi partikolari biex jinftiehem biex tinqaleb għall-Malti.

3. **IL-LINGWISTIKA MALTIJA** (10% tal-marki kollha)
Din it-taqsima tistħarreġ l-iżvilupp tal-ilsien Malti. It-test magħżul huwa:

- Borg, K. (editur), Lingwa u Lingwistika, Klabb Kotba Maltin: 1998, li minnu jintgħażlu dawn ilkapitli:
- Kap 4: Il-Morfoloġija
- Kap 7: Is-Semantika
- Kap 17: Il-Malti Lsien Imħallat
- Kap 18: Il-Bilingwiżmu

Jingħataw żewġ mistoqsijiet fuq kapitli differenti u l-kandidati jridu jwieġbu waħda biss. Fil-każ ta' Kap 17 (Il-Malti Lsien Imħallat), il-kandidati għandhom jagħrfu japprezzaw kemm l-element bażiku Semitiku kif ukoll l-element Rumanz u Ingliż li żdied u ngħaqad miegħu.

**It-Tieni Karta:** ***Il-Poeżija*** (3 sigħat) - 30% tal-marki kollha
Din il-karta għandha tliet taqsimiet u l-kandidati jridu jwieġbu t-tliet taqsimiet. Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

**Taqsima (a) IL-POEŻIJA TAS-SEKLU XX** (10% tal-marki kollha)
It-test magħżul għal din it-taqsima huwa:

- Friggieri, O. (editur), *Il-Poeżija Maltija*, Università ta' Malta: 1996.

Għal din it-taqsima l-kandidati għandhom jistudjaw minn p.74 'il quddiem. Jingħataw żewġ mistoqsijiet fuq din it-taqsima biex titwieġeb mistoqsija waħda biss.

It-temi magħżula għal din it-taqsima huma:

- Il-ġens Malti
- Ir-relazzjonijiet umani
- Il-pajsaġġ

Il-kandidati mistennija jistudjaw mill-inqas għoxrin poeżija dwar kull tema, u jirreferu għal poeti u poeżiji magħżula b'mod bilanċjat mis-seklu għoxrin kollu.

**Taqsima (b) Monografiji Poetiċi** (10% tal-marki kollha)
It-testi magħżulin għal din it-taqsima huwa:

*Maria Grech Ganado* (Malta Univesity Press/Services, 2010)

*Pawlu Aquilina* (Malta Univesity Press/Services, 2010)

L-istudenti għandhom jistudjaw ktieb wieħed. Jingħataw żewġ mistoqsijiet dwar kull ktieb biex titwieġeb waħda biss.

**Taqsima (ċ) IL-KRITIKA LETTERARJA (POEŻIJA)** (10% tal-marki kollha) Jingħataw żewġ poeżiji biex tingħażel waħda minnhom u jsir stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa dwarha, skont ix-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħha. Il-poeżija għandha tkun mistħarrġa fiha nfisha bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta' elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Għandha tingħata importanza ewlenija lill-unità tal-poeżija, lill-metrika, lit-tqassim tal-istrofi, lix-xejriet tal-frażjoloġija, lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-metafori u lill-għażla tal-kliem.

**It-Tielet Karta: *In-Narrattiva u d-Drama*** (3 sigħat) - 30% tal-marki kollha. Din il-karta jkollha tliet taqsimiet u l-kandidati jridu jwieġbu t-tliet taqsimiet. Mit-Taqsima (a) u mit-Taqsima (b) l-kandidati jridu jwieġbu fuq xogħol wieħed biss minn kull taqsima. Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

**Taqsima (a) ID-DRAMA** (10% tal-marki kollha)
Jingħataw żewġ mistoqsijiet fuq kull dramm u l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija waħda fuq dramm wieħed:

- Ebejer, F., *Menz*
- Sant A., *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta*

**Taqsima (b) IN-NARRATTIVA** (10% tal-marki kollha)
Jingħataw żewġ mistoqsijiet fuq kull test u l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija waħda fuq test wieħed:

- Ellul Mercer, Ġ., *Leli ta' Ħaż-Żgħir*
- Spiteri, L., *Ħala taż-Żgħożija u Stejjer Oħra*

**Taqsima (ċ) Il-KRITIKA LETTERARJA (SILTA TA' PROŻA)** (10% tal-marki kollha) Jingħataw żewġ siltiet ta' proża letterarja biex tingħażel silta waħda minnhom u jsir stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa dwarha. Il-kandidati għandhom iżommu f'moħħhom li f'dan it-taħriġ m'għandhiex tingħata t-taqsira tas-silta magħżula. Is-silta ta' proża għandha tkun mistħarrġa fiha nfisha skont il-binja tagħha—narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija—daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Għandha tingħata importanza ewlenija lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-binja sintattika tas-sentenzi, lit-tonalità, lir-ritmu li fiha, lill-għażla tal-kliem u lil kulma jirrendiha letterarja.

# Appendiċi 14 – Is-sillabu tal-livell Intermedju

IS-SILLABU MI (2018)

| | |
|---|---|
| IL-MALTI | MI 22 |
| *SYLLABUS* | |

| | |
|---|---|
| **Il-Malti MI 22** | (Jingħata f'Settembru wkoll) |
| **Is-Sillabu** | Oral (10 min.) + Karta waħda (3 sigħat) |

**Daħla**

Dan is-sillabu għandu taqsima dwar l-użu ġenerali tal-lingwa, taqsima ta' studju lingwistiku u taqsima ta' studju letterarju.

Il-kandidati jridu juru li, kemm fl-oral u kemm fl-eżami tal-kitba, għandhom il-ħila jfissru ruħhom b'Malti tajjeb, bi kliem u b'idjoma magħżulin bir-reqqa, b'argumenti loġiċi u ċari marbutin flimkien. Fil-kitba tingħata importanza kbira lill-bini tas-sentenza u tal-paragrafu, u lill-ortografija. Fil-karta kollha l-kandidati jridu jiktbu proża kontinwa u l-eżaminaturi jqisu l-kwalità tal-lingwa fit-tweġibiet kollha.

Fejn tidħol il-kitba Maltija, isegwu l-ortografija uffiċjali tal-ilsien Malti. [N.B. L-ortografija uffiċjali talMalti hija magħmula mit-tliet dokumenti (1924, 1984 u 1992) li jinsabu fil-paġni 1-143 ta' *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija 2* (pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti: 2004 kif ukoll mid-*Deċiżjonijiet 1* maħruġa mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti fl-2008 http://www.kunsilltalmalti.gov.mt/filebank/documents/Decizjonijiet1_25.07.08.pdf), u hija soġġetta għal kull aġġornament li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti jista' jippubblika minn żmien għal żmien.]

**L-Għanijiet Ġenerali**
Bis-saħħa ta' kors mibni fuq dan is-sillabu, il-kandidati għandhom jaslu biex:
1. ifissru ruħhom tajjeb u b'mod effettiv bil-Malti mitkellem u miktub;
2. jiżviluppaw sens ta' stħarriġ, kontinwità u dixxiplina fid-diskussjoni;
3. jifhmu l-mod kif kittieba differenti jinqdew bil-forma u bil-lingwa biex iwasslu l-kontenut tagħhom;
4. jinterpretaw xogħlijiet letterarji u japprezzaw il-valuri tagħhom.

**L-Objettivi**
Sabiex jilħqu dawn l-għanijiet fl-eżami, il-kandidati jridu:
1. jitkellmu u jiktbu ċar bil-Malti fuq suġġetti partikolari billi jinqdew b'vokabolarju wiesa' u bi stil xieraq;
2. jistħarrġu l-valuri ta' xogħlijiet letterarji;
3. jorganizzaw tagħrif, ideat, deskrizzjonijiet u argumenti u jippreżentawhom b'mod ċar u loġiku;
4. ifissru ruħhom sew fuq xejriet letterarji u lingwistiċi.

**Il-Binja tal-Eżami**
L-eżami hu magħmul minn oral ta' madwar għaxar minuti u eżami tal-kitba ta' tliet sigħat.

i. *L-Oral* (10% tal-marki kollha)

ii. L-Eżami tal-Kitba (90% tal-marki kollha)
- Taqsima A: Komponiment Ġenerali 30%
- Taqsima B: Komponiment fuq il-Lingwistika 20%
- Taqsima Ċ: Komponiment fuq il-Letteratura (Poeżija) 20%
- Taqsima D: Komponiment fuq il-Letteratura (Narrattiva/Drama) 20%

**Is-Sillabu**

i. ***L-Oral*** (10% tal-marki kollha) Il-kandidati jkunu eżaminati fil-Malti mitkellem permezz ta' oral li jieħu l-għamla ta' diskussjoni. Jingħataw tliet temi ta' ġrajjiet kurrenti għad-diskussjoni u l-kandidati jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur. Ma' kull tema jkun hemm xi punti biex l-eżaminatur ikun jista' jgħin lillkandidati fid-diskussjoni.

ii. ***L-Eżami tal-Kitba*** (90% tal-marki kollha)

Il-karta jkollha dawn it-taqsimiet:

**Taqsima A: KOMPONIMENT ĠENERALI** (30% tal-marki kollha) Jingħata għadd xieraq ta' temi, li jkunu ta' xeħta narrattiva, deskrittiva, u/jew argumentattiva, biex tingħażel tema waħda. Il-komponiment irid ikun fih bejn 450 u 500 kelma.

**Taqsima B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA** (20% tal-marki kollha) It-test magħżul għal din it-taqsima huwa:

Borg, K. (editur), Lingwa u Lingwistika, 1998, li minnu jintgħażlu dawn il-kapitli:

- Kapitlu 4: Il-Morfoloġija
- Kapitlu 7: Is-Semantika
- Kapitlu 17: Il-Malti Lsien Imħallat

Tingħata mistoqsija fuq kull kapitlu u l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija **waħda** biss. Fil-każ ta' Kapitlu 17 (Il-Malti Lsien Imħallat), il-kandidati għandhom jagħrfu japprezzaw kemm l-element bażiku Semitiku kif ukoll l-element Rumanz u Ingliż li żdied u ngħaqad miegħu.

**Taqsima Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA (POEŻIJA)** (20% tal-marki kollha) It-test magħżul għal din it-taqsima huwa:

Friggieri, O. (editur), *Il-Poeżija Maltija*, 1996.

Il-karta teżamina l-għarfien iddettaljat ta' xogħlijiet tal-poeti f'din l-antoloġija minn Dun Karm 'il quddiem (jiġifieri minn p.74 'il quddiem). It-temi magħżula huma:

- Il-ġens Malti
- Il-pajsaġġ
- Ir-relazzjonijiet umani

Il-kandidati mistennija jistudjaw mill-inqas **għaxar** poeżiji fuq kull tema. Jingħataw żewġ mistoqsijiet, waħda fuq tema u oħra fuq oħra, u l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija **waħda** biss.

**Taqsima D: Komponiment fuq il-Letteratura (Narrattiva/Drama)** (20% tal-marki kollha)

F'din il-karta jiġi eżaminat l-għarfien iddettaljat ta' dramm u ta' rumanz:

Ebejer, F., *Menz*
Ellul Mercer, Ġ., *Leli ta' Ħaż-Żgħir*

Jingħataw żewġ mistoqsijiet fuq kull xogħol. Il-kandidati jagħżlu mistoqsija **waħda** minn din it-taqsima u jiktbu komponiment letterarju wieħed fuqha.